IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra

FTEHIM EKONOMIKU U KUMMERĊJALI KOMPRENSIV (CETA)
BEJN IL-KANADA, MINN NAĦA,
U L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA,

,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUPPLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

MIN-NAĦA L-OĦRA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa konġuntament "il-Partijiet",

jiddeterminaw li:

IKOMPLU jsaħħu r-relazzjoni ekonomika mill-qrib ta' bejniethom u jibnu fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-*Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ*, magħmul fil-15 ta' April 1994, u strumenti multilaterali u bilaterali oħra ta' kooperazzjoni;

JOĦOLQU suq akbar u sikur għall-prodotti u s-servizzi tagħhom permezz tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-kummerċ u l-investiment;

JISTABBILIXXU regoli ċari, trasparenti, prevedibbli u ta' vantaġġ reċiproku- sabiex jirregolaw il-kummerċ u l-investiment tagħhom;

KIF UKOLL,

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta b'saħħitha tagħhom għad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti f'*Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem*, li saret f'Pariġi fl-10 ta' Diċembru 1948, u jikkondividu l-fehma li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva tippreżenta theddida kbira għas-sigurtà internazzjonali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tas-sigurtà internazzjonali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt għall-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali u l-kooperazzjoni ekonomika;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim iħarsu d-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom u l-flessibbiltà tal-Partijiet li jiksbu l-għanijiet ta' politika leġittimi, bħas-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-morali pubblika, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenji tagħhom bħala Partijiet għall-*Konvenzjoni* tal-UNESCO *dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali*, li saret f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005, u jirrikonoxxu li l-Istati għandhom id-dritt li jħarsu, jiżviluppaw u jimplimentaw il-politiki kulturali tagħhom, biex jappoġġaw l-industriji kulturali tagħhom bl-għan li tissaħħaħ id-diversità tal-espressjonijiet kulturali, u titħares l-identità kulturali tagħhom, inkluż permezz tal-użu ta' miżuri regolatorji u ta' appoġġ finanzjarju;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jipproteġu l-investimenti u l-investituri fir-rigward tal-investimenti tagħhom, u huma maħsuba biex jistimulaw l-attività kummerċjali ta' benefiċċju reċiproku-, mingħajr ma jiddgħajjef id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku fit-territorji tagħhom;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'tali mod li jsir kontribut għal żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu;

FILWAQT LI JINKORAĠĠIXXU lill-intrapriżi li joperaw fit-territorju tagħhom jew li huma suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirrispettaw il-linji gwida u l-prinċipji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva rikonoxxuti internazzjonalment, inkluż il-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, u biex isegwu l-aħjar prattiki ta' kondotta responsabbli fin-negozju;

FILWAQT LI JIMPLIMENTAW dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-infurzar tal-liġijiet rispettivi tagħhom dwar ix-xogħol u l-ambjent u li jtejjeb il-livelli tagħhom ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, u li jibni fuq l-impenji internazzjonali tagħhom dwar kwistjonijiet ambjentali u tax-xogħol;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU r-rabta qawwija li hemm bejn l-innovazzjoni u l-kummerċ, u l-importanza tal-innovazzjoni għat-tkabbir ekonomiku tal-ġejjieni, u jaffermaw l-impenn tagħhom biex jinkoraġġixxu l-espansjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-innovazzjoni, kif ukoll fl-oqsma relatati ta' riċerka u żvilupp u x-xjenza u t-teknoloġija, u biex jippromwovu l-involviment ta' entitajiet relevanti tas-settur pubbliku u dak privat;

QABLU kif ġej:

KAPITOLU WIEĦED

DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI U DISPOŻIZZJONIJIET INIZJALI

TAQSIMA A

Definizzjonijiet ġenerali

ARTIKOLU 1.1

Definizzjonijiet tal-applikazzjoni ġenerali

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u sakemm mhux speċifikat mod ieħor:

deċiżjoni amministrattiva dwar applikazzjoni ġenerali tfisser deċiżjoni amministrattiva li tapplika għall-persuni u għas-sitwazzjonijiet fattwali kollha li ġeneralment jaqgħu fl-ambitu tagħha u li tistabbilixxi norma ta' kondotta iżda ma tinkludix:

(a) determinazzjoni jew deċiżjoni li tkun saret fi proċediment amministrattiv jew kważi ġuridiku li tapplika għal persuna, prodott jew servizz partikolari tal-Parti l-oħra f'każ speċifiku; jew

(b) deċiżjoni li taġġudika fir-rigward ta' att jew prattika partikolari;

Ftehim dwar l-Agrikoltura tfisser *Ftehim dwar l-Agrikoltura*, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

prodott agrikolu tfisser prodott elenkat fl-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

Ftehim Antidumping tfisser il-*Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

Punti ta' kuntatt CETA tfisser punti ta' kuntatt stabbiliti skont l-Artikolu 26.5 (Punti ta' kuntatt CETA);

Kumitat Konġunt CETA tfisser il-Kumitat Konġunt CETA stabbilit skont l-Artikolu 26.1 (il-Kumitat Konġunt CETA);

CPC tfisser il-Klassifika Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Sensiela M, N° 77, *CPC prov*, 1991;

industrija kulturali tfisser persuni involuti:

(a) fil-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' kotba, rivisti, perjodiċi jew gazzetti f'forma stampata jew li tinqara fuq apparat, ħlief meta l-istampar jew l-issettjar tat-tipa ta' kull wieħed minn dawn tkun l-unika attività;

(b) fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ jew il-wiri ta' films jew reġistrazzjonijiet video;

(c) fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ jew il-wiri ta' films jew reġistrazzjonijiet fuq vidjo;

(d) fil-pubblikazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' mużika f'forma stampata jew li tinqara fuq apparat; jew

(e) fil-komunikazzjonijiet bir-radju fejn it-trażmissjonijiet ikunu maħsuba biex jirċevihom direttament il-pubbliku ġenerali, kif ukoll l-intrapriżi kollha tar-radju, televiżjoni u xandir bil-fil u s-servizzi kollha ta' programmar bis-satellita u netwerks ta' xandir;

dazju doganali tfisser dazju jew imposta ta' kull għamla fuq l-importazzjoni ta' prodott jew b'rabta magħha, inkluż forma ta' soprataxxa imposta fuq tali importazzjoni jew b'rabta magħha, iżda li ma tinkludix:

(a) imposta ekwivalenti għal taxxa interna imposta b'konformità mal-Artikolu 2.3 (Trattament Nazzjonali);

(b) miżura applikata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli VI jew XIX tal-GATT 1944, il-Ftehim Antidumping, il-Ftehim SCM, il-Ftehim rigward is-Salvagwardji, jew l-Artikolu 22 tad-DSU; jew

(c) tariffa jew forma oħra ta' imposta konsistenti mal-Artikolu VIII tal-GATT 1994;

Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali tfisser *il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

jiem tfisser jiem kalendarji, inklużi tmiem il-ġimgħa u l-festi;

DSU tfisser Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim, li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO;

intrapriża tfisser entità kostitwita jew organizzata taħt il-liġi applikabbli, kemm jekk għall-profitt kif ukoll jekk le, u kemm jekk bi sjieda jew kontroll privat jew tal-gvern, inkluża korporazzjoni, fiduċjarja, soċjetà, intrapriża individwali, intrapriża konġunta jew assoċjazzjoni oħra;

eżistenti tfisser fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

GATS tfisser il-*Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi*, inkluż fl-Anness 1B tal-Ftehim tad-WTO;

GATT 1994 tfisser il-*Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994*, inkluż fl-Anness 1 A tal-Ftehim tad-WTO;

prodotti ta' Parti tfisser prodotti domestiċi kif mifhum fil-GATT 1994 jew tali prodotti kif il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu, u tinkludi l-prodotti ta' oriġini ta' dik il-Parti;

Sistema Armonizzata (SA) tfisser is-*Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija*, inklużi r-Regoli Ġenerali ta' Interpretazzjoni, in-Noti tat-Taqsimiet, in-Noti tal-Kapitoli u n-noti tas-subintestaturi tagħha;

intestatura tfisser numru b'erba' ċifri jew l-ewwel erba' ċifri ta' numru użat fin-nomenklatura tas-SA;

miżura tfisser liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva, rekwiżit, prassi jew kull forma oħra ta' miżura minn Parti;

nazzjonali tfisser persuna fiżika li hija ċittadin kif definit fl-Artikolu 1.2, jew li hija resident permanenti ta' Parti;

oriġinarju tfisser li jikkwalifika taħt ir-regoli ta' oriġini kif stabbilit fil-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini u l-Proċeduri ta' Oriġini;

Partiijiet tfisser, minn naħa waħda, l-Unjoni Ewropew jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza kif joħroġ mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem riferut bħala l-"Parti tal-UE"), u min-naħa l-oħra, il-Kanada;

persuna tfisser persuna fiżika jew intrapriża;

persuna ta' Parti tfisser ċittadin jew intrapriża ta' Parti;

trattament tariffarju preferenzjali tfisser l-applikazzjoni tar-rata tad-dazju skont dan il-Ftehim għal prodott oriġinarju skont l-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi;

Ftehim ta' Salvagwardji tfisser il-*Ftehim dwar is-Salvagwardji* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

miżura sanitarja jew fitosanitarja tfisser miżura kif imsemmija fl-Anness A, il-paragrafu 1 tal-Ftehim SPS;

Ftehim SCM tfisser il-*Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

fornitur tas-servizzi tfisser kull persuna li tforni jew tfittex li tforni servizz;

Ftehim SPS tfisser il-*Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

intrapriża tal-istat tfisser intrapriża bi sjieda jew kontroll ta' Parti;

intestatura tfisser numru b'erba' ċifri jew l-ewwel erba' ċifri ta' numru użat fin-nomenklatura tas-SA;

klassifikazzjoni tariffarja tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt kapitolu, intestatura jew subintestatura tas-SA;

skeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi tfisser l-Anness 2-A (Eliminazzjoni tat-tariffi);

Ftehim TBT tfisser il-*Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ* li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO;

territorju tfisser it-territorju fejn japplika dan il-Ftehim kif stipulat fl-Artikolu 1.3;

pajjiż terz tfisser pajjiż jew territorju barra mill-ambitu ġeografiku għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

Ftehim TRIPS tfisser il-*Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ* , li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim tad-WTO;

Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tfisser il-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati*, magħmula fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969;

WTO tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; kif ukoll

Ftehim tad-WTO tfisser il-*Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ*, magħmul fil-15 ta' April 1994;

ARTIKOLU 1.2

Definizzjonijiet speċifiċi għall-partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor:

ċittadin tfisser:

(a) għall-Kanada, persuna fiżika li hija ċittadina tal-Kanada skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża;

(b) għall-Parti tal-UE, persuna fiżika li għandha nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri; kif ukoll

gvern ċentrali tfisser:

(a) għall-Kanada, il-Gvern tal-Kanada; u

(b) għall-Parti tal-UE, l-Unjoni Ewropea jew il-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri tagħha;

ARTIKOLU 1.3

Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, dan il-Ftehim japplika:

(a) fir-rigward tal-Kanada:

(i) għat-territorju tal-art, l-ispazju tal-ajru, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali tal-Kanada;

(ii) għaż-żona ekonomika esklużiva tal-Kanada, kif determinata mil-liġi domestika tagħha, konsistenti mal-Parti V tal-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar*, li saret f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982 ("UNCLOS"); kif ukoll,

(iii) għall-blata kontinentali tal-Kanada , kif determinat mil-liġi domestika tagħha, konsistenti mal-Parti VI tal-UNCLOS;

(b) fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati; Rigward id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament tariffarju tal-prodotti, dan il-Ftehim japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea li mhumiex koperti mill-ewwel sentenza ta' dan is-subparagrafu.

TAQSIMA B

Dispożizzjonijiet inizjali

ARTIKOLU 1.4

Stabbiliment ta' żona ta' kummerċ ħieles

Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu żona ta' kummerċ ħieles, b'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994 u l-Artikolu V tal-GATS.

ARTIKOLU 1.5

Ir-relazzjoni mal-Ftehim tal-GATT u ma' ftehimiet oħra

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom lejn xulxin skont il-Ftehim tad-WTO u ftehimiet oħra li huma parti għalihom.

ARTIKOLU 1.6

Referenza għal ftehimiet oħra

Meta dan il-Ftehim jirreferi għal jew jinkorpora fir-referenzi ftehimiet jew strumenti legali oħra kollha jew parti minnhom, dawn ir-referenzi jinkludu:

(a) annessi, protokolli, noti ta' qiegħ il-paġna, noti interpretattivi u noti ta' spjegazzjoni relatati; kif ukoll

(b) ftehimiet sussegwenti li għalihom il-Partijiet ikunu parti jew emendi li jkunu vinkolanti fuq il-Partijiet, ħlief meta r-referenza tafferma drittijiet eżistenti.

ARTIKOLU 1.7

Referenza għal liġijiet

Meta dan il-Ftehim jirreferi għal liġijiet, jew b'mod ġenerali jew permezz ta' referenza għal statut, regolament jew direttiva speċifika, ir-referenza hija għal-liġijiet, kif jistgħu jiġu emendati, sakemm mhux indikat mod ieħor.

ARTIKOLU 1.8

Limitu tal-obbligi

1. Kull Parti hija responsabbli għal kollox li tosserva d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tiżgura li tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tagħti effetti lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, inkluż l-osservanza f'kull livell governattiv.

ARTIKOLU 1.9

Drittijiet u obbligi rigward l-ilma

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ilma fl-istat naturali tiegħu, inkluż l-ilma tal-għadajjar, tax-xmajjar, tal-ġwiebi, tal-ħażniet tal-ilma (ta' taħt l-art) u tal-baċiri tal-ilma, mhuwiex oġġett jew prodott. Għaldaqstant, huma biss il-Kapitoli Tnejn u Għoxrin (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent) li japplikaw għal tali ilma.

2. Kull Parti għandha d-dritt li tipproteġi u tippreżerva r-riżorsi tal-ilma naturali tagħha. Xejn f'dan il-Ftehim ma jobbliga lil xi Parti biex tippermetti l-użu kummerċjali tal-ilma għal xi raġuni partikolari, inkluż l-irtirar, l-estrazzjoni jew id-diversifikazzjoni tiegħu għall-esportazzjoni bl-ingrossa.

3. Jekk Parti tippermetti l-użu kummerċjali ta' sors speċifiku tal-ilma, dan tagħmlu b'manjiera konsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 1.10

Persuni li jħaddmu awtorità delegata mill-gvern

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti tiżgura li persuna li tkun ġiet delegata awtorità regolatorja, amministrattiva jew governattiva oħra minn Parti, f'kull livell ta' gvern, taġixxi skont l-obbligi tal-Parti kif stabbiliti f'dan il-Ftehim fit-tħaddim ta' dik l-awtorità.

KAPITOLU TNEJN

IT-TRATTAMENT NAZZJONALI U L-AĊĊESS TAS-SUQ GĦALL-PRODOTTI

ARTIKOLU 2.1

Objettiv

Il-Partijiet għandhom progressivament jilliberalizzaw il-kummerċ fil-prodotti b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fuq perjodu tranżitorju li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-kummerċ fil-prodotti ta' Parti, kif definit fil-Kapitolu 1 (Definizzjonijiet Ġenerali u Dispożizzjonijiet Inizjali), sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.3

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali li lill-prodotti nazzjonali tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Artikolu III tal-GATT 1994. Għal dan l-għan, l-Artikolu III tal-GATT 1994 huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu.

2. Il-paragrafu 1 ifisser, fir-rigward ta' gvern fil-Kanada li mhuwiex fil-livell federali, jew fir-rigward ta' gvern ta' jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti minn dak il-gvern lil prodotti simili, direttament kompetittivi jew sostitwibbli tal-Kanada jew tal-Istat Membru rispettivament.

3. Dan l-Artikolu ma japplikax għal miżura, inkluż il-kontinwazzjoni ta' miżura, it-tiġdid jew emenda fil-pront, fir-rigward tad-dazji tas-sisa tal-Kanada dwar l-alkoħol assolut, kif elenkat taħt il-linja tariffarja 2207.10.90 fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tal-Kanada (Skeda V) annessa mal-*Protokoll ta' Marrakesh mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994,* magħmul fil-15 ta' April 1994 (il-"Protokoll ta' Marrakesh"), użat fil-manifattura skont id-dispożizzjonijiet tal-*Att tas-Sisa, 2001*, S.C. 2002, c. 22.

ARTIKOLU 2.4

Tnaqqis u eliminazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjonijiet

1. Kull Parti tnaqqas jew telimina d-dazji doganali fuq il-prodotti li joriġinaw minn kull Parti skont l-iskedi tal-eliminazzjoni tat-tariffi fl-Anness 2-A. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "oriġinarju" tfisser li joriġina f'waħda mill-Partijiet skont ir-regoli ta' oriġini kif stabbiliti fil-Protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini u l-proċeduri tal-oriġini.

2. Għal kull prodott, ir-rata bażi tad-dazji doganali li suċċessivament japplika tnaqqis għaliha skont il-paragrafu 1, għandha tkun dik speċifikata fl-Anness 2-A.

3. Għal prodotti li huma suġġetti għal preferenzi tariffarji kif elenkati fl-iskeda tal-eliminazzjoni tat-tariffi fl-Anness 2-A ta' Parti, kull Parti għandha tapplika għall-prodotti oriġinarji tal-Parti l-oħra d-dazji doganali l-aktar baxxi li jirriżultaw minn tqabbil bejn ir-rata kkalkulata skont l-Iskeda ta' dik il-Parti u r-rata applikata tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit ("Most-Favoured-Nation ("MFN")).

4. Wara talba ta' Parti, il-Partijiet jistgħu jikkonsultaw sabiex jikkunsidraw it-tħaffif u t-twessiegħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali bejn il-Partijiet. Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA dwar l-aċċelerazzjoni jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali fuq prodott tieħu post kull rata doganali jew kategorija tal-fażi ddeterminata skont l-Iskedi tal-Partijiet fl-Anness 2-A għal dak il-prodott meta tkun approvata minn kull Parti b'konformità mal-proċeduri legali applikabbli tagħha.

ARTIKOLU 2.5

Restrizzjonijiet fuq rifużjoni tad-dazju, differiment tad-dazju u programmi ta' sospensjoni tad-dazju

1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3, Parti ma għandhiex tagħti rifużjoni, tiddeferixxi jew tissospendi dazju doganali jew ħlas pagabbli fuq prodott mhux oriġinarju importat fit-territorju tagħha bil-kundizzjoni espressa li dak il-prodott, jew sostitut ekwivalenti, identiku jew simili, jintuża bħala materjal fil-produzzjoni ta' prodott ieħor li sussegwentement jiġi esportat għat-territorju tal-Parti l-oħra taħt trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għar-reġim ta' tnaqqis, sospensjoni jew remissjoni tat-tariffa ta' Parti, la permanenti u lanqas temporanja, jekk it-tnaqqis, is-sospensjoni jew ir-remissjoni ma jkunux espressament bil-kundizzjoni tal-esportazzjoni ta' merkanzija.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax qabel tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 2.6

Dazji, taxxi jew tariffi u ħlasijiet oħra fuq l-esportazzjonijiet

Parti ma tista tadotta jew iżżomm l-ebda dazju, taxxa jew tariffa u ħlas ieħor impost fuq, jew b'konnessjoni mal-esportazzjoni ta' prodotti lill-Parti l-oħra, u l-ebda taxxa, tariffa jew imposta interna fuq prodotti esportati lill-Parti l-oħra li jkunu iżjed minn dawk imposti fuq prodotti simili destinati għall-bejgħ intern.

ARTIKOLU 2.7

Klawżola ta' sospensjoni

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim Parti ma tistax tgħolli d-dazju doganali li kien jeżisti fid-dħul fis-seħħ, jew tadotta dazju doganali ġdid, fuq prodott li joriġina fil-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, Parti tista':

(a) timmodifika tariffa barra minn dan il-Ftehim fuq prodott li għalih ma hemm l-ebda preferenza tariffarja skont dan il-Ftehim;

(b) tgħolli d-dazju doganali għal-livell stabbilit fl-Iskeda tagħha fl-Anness 2-A wara tnaqqis unilaterali; jew

(c) iżżomm jew tgħolli d-dazju doganali kif awtorizzat minn dan il-Ftehim jew minn kull ftehim ieħor taħt il-Ftehim tad-WTO.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, il-Kanada biss tista' tapplika salvagwardja speċjali skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikultura. Salvagwardja speċjali tista' tiġi applikata biss fir-rigward ta' prodotti kklassifikati fl-oġġetti bin-notazzjoni "SSG" fl-Iskeda tal-Kanada inkluża fl-Anness 2-A. L-użu ta' din is-salvagwardja speċjali huwa limitat għal importazzjonijiet mhux suġġetti għal preferenza tariffarja u, fil-każ ta' importazzjonijiet suġġetti għal kwota tariffarja, għal importazzjonijiet lil hinn mill-impenn għall-aċċess.

ARTIKOLU 2.8

Sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali

1. Parti tista' temporanjament tissospendi, b'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 5, it-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim fir-rigward ta' prodott esportat jew maħdum minn persuna tal-Parti l-oħra jekk il-Parti:

(a) bħala riżultat ta' investigazzjoni bbażata fuq informazzjoni oġġettiva, konvinċenti u verifikabbli, tikkonkludi li l-persuna tal-Parti l-oħra tkun wettqet ksur sistematiku tal-leġiżlazzjoni doganali sabiex takkwista trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim; jew

(b) tikkonkludi li l-Parti l-oħra b'mod sistematiku u mhux ġustifikabbli tirrifjuta li tikkoopera fir-rigward tal-investigazzjoni ta' ksur tal-leġiżlazzjoni doganali skont l-Artikolu 6.13.4 (Kooperazzjoni), u l-Parti li titlob kooperazzjoni, abbażi tal-informazzjoni oġġettiva, konvinċenti u verifikabbli, ikollha bażi raġonevoli biex tikkonkludi li l-persuna tal-Parti l-oħra tkun wettqet ksur sistematiku tal-leġiżlazzjoni doganali sabiex takkwista trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim.

2. Parti li tasal għal konklużjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tinnotifika lill-awtorità doganali tal-Parti l-oħra u tipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza li fuqhom ġiet ibbażata l-konklużjoni;

(b) tidħol f'diskussjonijiet mal-awtoritajiet tal-Parti l-oħra bl-għan li tinkiseb soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat li tindirizza t-tħassib li jkun irriżulta f'dik il-konklużjoni; kif ukoll

(c) tipprovdi avviż formali bil-miktub lil dik il-persuna tal-Parti l-oħra li tinkludi l-informazzjoni li tkun il-bażi tal-konklużjoni.

3. Jekk wara 30 jum l-awtoritajiet ma jilħqux soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat, il-Parti li tkun waslet għall-konklużjoni tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali.

4. Jekk il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali ma jkunx irriżolva l-kwistjoni wara 60 jum, il-Parti li tkun waslet għall-konklużjoni tista' temporanjament tissospendi t-trattament tariffarju preferenzjali skont dan il-Ftehim fir-rigward tal-prodott ta' dik il-persuna tal-Parti l-oħra. Is-sospensjoni temporanja ma tapplikax għal prodott li jkun diġà fi tranżitu bejn il-Partijiet f'dak il-jum li s-sospensjoni temporanja tidħol fis-seħħ.

5. Il-Parti li tapplika s-sospensjoni temporanja skont il-paragrafu 1 għandha tapplikaha biss għal perjodu proporzjonali għall-impatt fuq l-interessi finanzjarji ta' dik il-Parti li jirriżulta mis-sitwazzjoni responsabbli għall-konklużjoni skont il-paragrafu 1, sa massimu ta' 90 jum. Jekk il-Parti jkollha bażi raġonevoli fuq l-informazzjoni oġġettiva, konvinċenti u verifikabbli li l-kundizzjonijiet li wasslu għal sospensjoni inizjali ma jkunux inbidlu wara li jiskadi l-perjodu ta' 90 jum, dik il-Parti tista' ġġedded is-sospensjoni għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn 90 jum. Is-sospensjoni oriġinali u kull sospensjoni mġedda huma suġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fil-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali.

ARTIKOLU 2.9

Tariffi u imposti oħra

1. B'konformità mal-Artikolu VIII tal-GATT 1994, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm tariffa jew imposta fuq importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' Parti jew b'konnessjoni magħha li ma tkunx proporzjonata mal-kost tas-servizzi li jingħataw jew li tkun tirrappreżenta protezzjoni indiretta tal-prodotti domestiċi jew tassazzjoni fuq l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet għal raġunijiet fiskali.

2. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1 ma jipprekludix Parti milli timponi dazju doganali jew tariffa stabbiliti fil-paragrafi minn (a) sa (c) tad-definizzjoni ta' dazju doganali skont l-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet tal-applikazzjoni ġenerali).

ARTIKOLU 2.10

Prodotti li jerġgħu jidħlu wara tiswija jew alterazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tiswija jew alterazzjoni tfisser kull operazzjoni ta' proċessar li ssir fuq prodotti biex jissewwew difetti ta' funzjonament jew ħsara materjali u li jkunu jirrikjedu li prodotti jinġiebu għall-funzjoni oriġinali tagħhom jew li tkun żgurata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tekniċi għall-użu tagħhom, li mingħajrha l-prodotti ma jkunux jistgħu jintużaw bil-mod normali għall-għanijiet li kienu maħsubin għalihom. Tiswija jew alterazzjoni ta' prodotti tinkludi restawr u manutenzjoni iżda ma tinkludix operazzjoni jew proċess li:

(a) jiddestruġġi l-karatteristiċi essenzjali ta' prodott jew joħloq prodott ġdid jew kummerċjalment differenti;

(b) jittrasforma prodott mhux lest f'wieħed lest; jew

(c) jintuża biex ibiddel sostanzjalment il-funzjoni ta' prodott.

2. Ħlief kif previst fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1, Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali fuq prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, li jidħol mill-ġdid fit-Territorju tagħha wara li dak il-prodott ikun ġie temporanjament esportat mit-territorju tagħha lejn it-territorju tal-Parti l-oħra għal tiswija jew alterazzjoni, irrispettivament minn jekk tali tiswija jew alterazzjoni tkunx tista ssir fit-territorju tal-Parti minn fejn il-prodott ikun ġie esportat għat-tiswija jew għall-alterazzjoni.[12]

3. Il-paragrafu 2 ma japplikax għal prodott importat f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili, li huwa mbagħad esportat għat-tiswija u li ma jiġix importat mill-ġdid f'bond, f'żoni ta' kummerċ ħieles, jew fi status simili.

4. Parti ma għandhiex tapplika dazju doganali għal prodott, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, importat temporanjament mit-territorju tal-Parti l-oħra għal tiswija jew alterazzjoni.[3]

ARTIKOLU 2.11

Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni

1. Sakemm mhux previst mod ieħor minn dan il-Ftehim, Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' xi prodott mill-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' xi prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, skont l-Artikolu XI tal-GATT 1994. Għal dan l-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994 huwa inkorporat u magħmul parti minn dan il-Ftehim.

---

1 Għall-prodotti li ġejjin tal-Kapitolu 89 tas-SA, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, li jidħlu mill-ġdid fit-territorju tal-Kanada mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, u li jkunu rreġistrati skont il-*Canada Shipping Act*, 2001, il-Kanada tista' tapplika mal-valur tat-tiswija jew tal-alterazzjoni ta' tali prodotti, ir-rata tad-dazju doganali għal tali prodotti skont l-Iskeda tagħha fl-Anness 2-A (Eliminazzjoni tat-Tariffi): 8901.10.10, 8901.10.90, 8901.30.00, 8901.90.10, 8901.90.91, 8901.90.99, 8904.00.00, 8905.20.19, 8905.20.20, 8905.90.19, 8905.90.90, 8906.90.19, 8906.90.91, 8906.90.99.

2 L-Unjoni Ewropea se timplimenta dan il-paragrafu permezz tal-proċedura ta' proċessar passiv fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 b'mod konsistenti ma' dan il-paragrafu.

3 L-Unjoni Ewropea se timplimenta dan il-paragrafu permezz tal-proċedura ta' proċessar attiv fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 b'mod konsistenti ma' dan il-paragrafu.

2. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodott minn jew l-esportazzjoni ta' prodott lejn pajjiż terz, dik il-Parti tista':

(a) tillimita jew tipprojbixxi l-importazzjoni mit-territorju tal-Parti l-oħra ta' prodott ta' dak il-pajjiż terz; jew

(b) tillimita jew tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' prodott lejn dak il-pajjiż terz permezz tat-territorju tal-Parti l-oħra.

3. Jekk Parti tadotta jew iżżomm projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodott minn pajjiż terz, il-Partijiet, wara talba tal-Parti l-oħra, għandhom jidħlu f'diskussjonijiet bl-għan li jiġu evitati indħil jew distorsjoni mhux dovuti fl-ipprezzar, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-arranġamenti ta' distribuzzjoni fil-Parti l-oħra.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal miżura, inkluża l-kontinwazzjoni ta' dik il-miżura, it-tiġdid fil-pront jew l-emendar, fir-rigward tas-segwenti:

(a) l-esportazzjoni ta' zkuk ta' siġar ta' kull speċi. Jekk Parti ma tibqax tirrikjedi permessi għall-esportazzjoni ta' zkuk ta' siġar destinati għal pajjiż terz, dik il-Parti mbagħad b'mod permanenti tieqaf milli tirrikjedi permessi għall-esportazzjoni ta' zkuk ta' siġar destinati għall-Parti l-oħra;

(b) għal perjodu ta' tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-esportazzjoni ta' ħut mhux proċessat skont il-leġiżlazzjoni applikabbli ta' Newfoundland u Labrador;

(c) id-dazji tas-sisa Kanadiżi fuq l-alkoħol assolut, kif elenkat fil-linja tariffarja 2207.10.90 fl-Iskeda ta' Konċessjonijiet tal-Kanada annessa mal-Protokoll ta' Marrakesh (Skeda V), użat fil-manifattura skont id-dispożizzjonijiet tal-Excise Act, 2001, S.C. 2002, c. 22; kif ukoll

(d) L-importazzjoni ta' karozzi użati fil-Kanada li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' sigurtà u tal-ambjent tal-Kanada.

ARTIKOLU 2.12

Dispożizzjonijiet oħra relatati mal-kummerċ fil-prodotti

Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li merkanzija tal-Parti l-oħra li tkun ġiet importata u mibjugħa legalment jew offruta għall-bejgħ f'kull post fit-territorju tal-Parti li timporta tkun tista' jinbiegħ jew tiġi offruta għall-bejgħ madwar it-territorju tal-Parti li timporta.

ARTIKOLU 2.13

Il-Kumitat dwar il-kummerċ fil-prodotti

1. Il-funzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(a) (Kumitati speċjalizzati) jinkludu:

(a) il-promozzjoni tal-kummerċ fil-prodotti bejn il-Partijiet, inkluż permezz ta’ konsultazzjonijiet dwar l-aċċelerazzjoni tal-eliminazzjoni tat-tariffi skont dan il-Ftehim u kwistjonijiet oħra skont kif xieraq;

(b) ir-rakkomandar lill-Kumitat Konġunt CETA ta' modifika għal dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim jew żieda magħha relatati mas-Sistema Armonizzata; kif ukoll

(c) l-indirizzar fil-pront ta' kwistjonijiet relatati mal-moviment ta' prodotti permezz tal-portjiet ta' dħul tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti jista' jippreżenta lill-Kumitat Konġunt CETA abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar l-aċċelerazzjoni jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali fuq prodott.

3. Il-Kumitat dwar l-Agrikoltura stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(a) (Kumitati speċjalizzati) għandu:

(a) jiltaqa' fi żmien 90 jum wara talba ta' Parti;

(b) jipprovdi forum għall-Partijiet biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-prodotti agrikoli koperti minn dan il-Ftehim; kif ukoll

(c) jirreferi lill-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti kull kwistjoni mhux riżolta taħt is-subparagrafu (b).

4. Il-Partijiet jinnutaw il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet agrikoli taħt id-Djalogu dwar l-Agrikoltura bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-ittri skambjati fl-14 ta' Lulju 2008. Kif xieraq, id-Djalogu dwar l-Agrikoltura jista' jintuża għall-iskop tal-paragrafu 3.

KAPITOLU TLIETA

RIMEDJI KUMMERĊJALI

TAQSIMA A

Miżuri antidumping u kompensatorji

ARTIKOLU 3.1

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar miżuri antidumping u kompensatorji

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim Antidumping u l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji (il-Ftehim SCM).

2. Il-Protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini u l-proċeduri ta' oriġini ma japplikax għall-miżuri antidumping u kompensatorji.

ARTIKOLU 3.2

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tapplika miżuri antidumping u kompensatorji f'konformità mar-rekwiżiti relevanti tad-WTO u skont proċess ġust u trasparenti.

2. Kull Parti għandha tiżgura, wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u, f'kull każ, qabel ma tittieħed riżoluzzjoni finali, l-iżvelar sħiħ u sinifikanti tal-fatti essenzjali kollha li jkunu qed jiġu kkunsidrati li jkunu jiffurmaw il-bażi għad-deċiżjoni dwar jekk jiġux applikati l-miżuri finali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim Antidumping u l-Artikolu 12.4 tal-Ftehim SCM.

3. Sakemm dan ma jdewwimx bla bżonn l-andament tal-investigazzjoni, kull parti interessata f'investigazzjoni antidumping jew kompensatorja[4] tingħata l-opportunità kollha li tiddefendi l-interessi tagħha.

ARTIKOLU 3.3

Konsiderazzjoni tal-interess pubbliku u d-dazju inferjuri

1. L-awtoritajiet ta' kull Parti għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni pprovduta skont il-liġi ta' dik il-Parti dwar jekk l-impożizzjoni ta' dazju antidumping jew kompensatorju tkunx fl-interess pubbliku.

[4] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **partijiet interessati** huma definiti skont l-Artikolu 6.11 tal-Ftehim Antidumping u l-Artikolu 12.9 tal-Ftehim SCM.

2. Wara li jikkunsidraw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-Parti jistgħu jikkunsidraw jekk l-ammont ta' dazju antidumping jew kompensatorju li jkun se jiġi impost għandux ikun il-marġni sħiħ tad-dumping jew l-ammont sħiħ ta' sussidju jew għandux ikun ammont inferjuri, skont il-liġi tal-Parti.

TAQSIMA B

Miżuri ta' salvagwardja globali

ARTIKOLU 3.4

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar miżuri ta' salvagwardja globali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom rigward il-miżuri ta' salvagwardja globali skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Il-Protokoll dwar ir-regoli ta' oriġini u l-proċeduri ta' oriġini ma japplikax għal miżuri ta' salvagwardja globali.

ARTIKOLU 3.5

Trasparenza

1. Wara talba tal-Parti li tesporta, il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja u li għandha l-intenzjoni li tadotta miżuri ta' salvagwardja globali provviżorji jew definittivi għandha tipprovdi minnufih:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12. 2 tal-Ftehim tas-Salvagwardji, fil-format stipulat mill-Kumitat dwar tad-WTO dwar is-Salvagwardji;

(b) il-verżjoni pubblika tal-ilment ippreżentat mill-industrija domestika, fejn rilevanti; kif ukoll

(c) rapport pubbliku li jippreżenta r-riżultati u l-konklużjonijiet motivati dwar il-kwistjonijiet kollha pertinenti ta' fatt u ta' liġi kkunsidrati fl-investigazzjoni ta' salvagwardja. Ir-rapport pubbliku jkun jinkludi analiżi li tattribwixxi d-dannu lill-fatturi li jkunu kkawżawh u jistabbilixxi l-metodu użat fid-definizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja globali.

2. Meta tingħata informazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Parti li timporta għandha toffri li tagħmel konsultazzjonijiet mal-Parti li tesporta sabiex tiġi eżaminata l-informazzjoni pprovduta.

ARTIKOLU 3.6

Impożizzjoni ta' miżuri definittivi

1. Parti li tadotta miżuri ta' salvagwardja globali għandha tfittex li timponihom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali.

2. Il-Parti li timporta għandha toffri li tagħmel konsultazzjonijiet mal-Parti li tesporta sabiex tiġi eżaminata l-kwistjoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-Parti li timporta ma għandhiex tadotta miżuri qabel ma jkunu għaddew 30 jum mid-data li fiha tkun saret l-offerta għal konsultazzjonijiet.

TAQSIMA C

Dispożizzjonijiet Ġenerali

ARTIKOLU 3.7

Esklużjoni mis-soluzzjoni tat-tilwim

Dan il-Kapitolu mhuwiex suġġett għall-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim).

KAPITOLU ERBGĦA

OSTAKLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 4.1

Kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-preparazzjoni, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, u l-proċeduri ta’ valutazzjoni ta’ konformità li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fil-prodotti bejn il-Partijiet.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet ta' xiri ppreparati minn korp governattiv għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew tal-konsum tal-korpi governattivi; jew

(b) miżura sanitarja jew fitosanitarja kif definita fl-Anness A tal-Ftehim SPS.

3. Ħlief fejn dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet inkorporati tal-Ftehim dwar l-OTK skont l-Artikolu 4. 2, jiddefinixxi jew jagħti tifsira ta’ terminu, it-termini ġenerali għal standardizzazzjoni u proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità normalment ikollhom it-tifsira mogħtija lilhom mid-definizzjoni adottata fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u minn korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards filwaqt li jitqies il-kuntest tagħhom fid-dawl tal-iskop u l-għan ta’ dan il-Kapitolu.

4. Ir-referenzi f’dan il-Kapitolu għal regolamenti tekniċi, standards u proċeduri ta’ valutazzjoni ta’ konformità jinkludu emendi għalihom, u żieda mar-regoli jew il-kopertura tal-prodott tiegħu, minbarra emendi u addizzjonijiet ta’ natura insinifikanti.

5. L-Artikolu 1.8.2 (Firxa tal-obbligi) ma japplikax għall-Artikoli 3, 4, 7, 8 u 9 tal-Ftehim dwar l-OTK, kif inkorporati f’dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 4.2

Affermazzjoni tal-Ftehim dwar l-OTK

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Ftehim dwar l-OTK huma b’dan inkorporati f’dan il-Ftehim u jiffurmaw parti minnu:

(a) l-Artikolu 2 (Preparazzjoni, Adozzjoni u Applikazzjoni ta' Regolamenti Tekniċi minn Korpi tal-Gvern Ċentrali);

(b) l-Artikolu 3 (Preparazzjoni, Adozzjoni u Applikazzjoni ta' Regolamenti Tekniċi minn Korpi ta' Gvern Lokali u Korpi Non-Governattivi);

(c) l-Artikolu 4 (Preparazzjoni, Adozzjoni u Applikazzjoni ta' Standards);

(d) l-Artikolu 5 (Proċeduri għal Stima ta' Konformità minn Korpi tal-Gvern Ċentrali);

(e) l-Artikolu 6 (Għarfien ta’ Stima ta’ Konformità minn Korpi tal-Gvern Ċentrali), mingħajr ma jillimita d-drittijiet jew l-obbligi ta’ Parti skont il-Protokoll dwar l-Aċċettazzjoni Reċiproka tar-Riżultati tal-Valutazzjoni tal-Konformità, u l-Protokoll dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Programm ta’ Konformità u Infurzar Dwar Prattiki Tajba tal-Manifattura għal Prodotti Farmaċewtiċi;

(f) l-Artikolu 7 (Proċeduri għal Stima ta' Konformità minn Korpi ta' Gvern Lokali);

(g) l-Artikolu 8 (Proċeduri għal Stima ta' Konformità minn Korpi Non-Governattivi);

(h) l-Artikolu 9 (Sistemi Internazzjonali u Reġjonali);

(i) l-Anness 1 (Termini u d-Definizzjonijiet tagħhom għall-Finijiet ta’ dan il-Ftehim); kif ukoll

(j) l-Anness 3 (Kodiċi ta’ Prattika Tajba għall-Preparazzjoni, Adozzjoni u Applikazzjoni ta’ Standards).

2. It-terminu “Membri” fid-dispożizzjonijiet inkorporati għandu l-istess tifsira f’dan il-Ftehim bħal dik fil-Ftehim dwar l-OTK.

3. Fir-rigward tal-Artikoli 3, 4, 7, 8 u 9 tal-Ftehim dwar l-OTK, il-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim) jista' jkun invokat f’każi fejn Parti tqis li l-Parti l-oħra ma tkunx kisbet riżultati sodisfaċenti skont dawn l-Artikoli u dan ikollu impatt sinifikanti fuq l-interessi kummerċjali tagħha. F'dan ir-rigward, tali riżultati jkunu ekwivalenti għal dawk daqs li kieku l-korp inkwistjoni kien Parti.

ARTIKOLU 4.3

Kooperazzjoni

Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, il-metroloġija, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, is-sorveljanza tas-suq jew l-attivitajiet ta' monitoraġġ u infurzar sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet, kif stabbilit fil-Kapitolu Wieħed u Għoxrin (Kooperazzjoni Regolatorja). Dan jista' jinkludi l-promozzjoni u l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati rispettivi tal-Partijiet li huma responsabbli għall-metroloġija, l-istandardizzazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni, is-sorveljanza tas-suq jew il-monitoraġġ u l-attivitajiet ta' infurzar; u, b'mod partikolari, l-inkoraġġiment biex il-korpi ta' stima tagħhom tal-akkreditazzjoni u l-konformità jipparteċipaw f'arranġamenti ta' kooperazzjoni li jippromwovu l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità.

ARTIKOLU 4.4

Regolamenti tekniċi

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw sa fejn possibbli, biex jiżguraw li r-regolamenti tekniċi jkunu kompatibbli ma' xulxin. Għal dan l-għan, jekk Parti tesprimi interess li tiżviluppa regolament tekniku ekwivalenti jew simili għal wieħed li jeżisti fil-Parti l-oħra jew qed jitħejja minnha, dik il-Parti l-oħra għandha, wara talba, tipprovdi lill-Parti, sa fejn prattikabbli, l-informazzjoni rilevanti, l-istudji u d-dejta li fuqhom tkun ibbażat ruħha fil-preparazzjoni tar-regolament tekniku tagħha, kemm jekk adottat kif ukoll jekk ikun qed jiġi żviluppat. Il-Partijiet jirrikonoxxu li jista' jkun meħtieġ li jikkjarifikaw u jaqblu dwar l-ambitu ta' talba speċifika, u li informazzjoni kunfidenzjali tista' ma tingħatax.

2. Parti li tkun ħejjiet regolament tekniku li hija tqis li huwa ekwivalenti għal regolament tekniku tal-Parti l-oħra li jkollu l-għan u l-ambitu tal-prodott kompatibbli tista' titlob li l-Parti l-oħra tirrikonoxxi r-regolament tekniku bħala ekwivalenti. Il-Parti għandha tagħmel it-talba bil-miktub u tistabbilixxi raġunijiet dettaljati għalfejn ir-regolament tekniku għandu jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti, inklużi r-raġunijiet fir-rigward tal-ambitu tal-prodott. Il-Parti li ma taqbilx li r-regolament tekniku huwa ekwivalenti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra, wara talba, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

ARTIKOLU 4.5

Valutazzjoni tal-konformità

Il-Partijiet għandhom josservaw il-Protokoll dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità, u l-Protokoll dwar rikonoxximent reċiproku tal-programm ta' konformità u infurzar dwar prattiki tajba tal-manifattura għal prodotti farmaċewtiċi.

ARTIKOLU 4.6

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li proċeduri ta' trasparenza rigward l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jippermettu lill-persuni interessati tal-Partijiet li jipparteċipaw fi stadju bikri xieraq meta jkunu għadhom jistgħu jiddaħħlu emendi u jitqiesu l-kummenti, ħlief fejn iqumu jew ikun hemm it-theddida li jqumu problemi urġenti ta' sigurtà, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sigurtà nazzjonali. Fejn proċess ta' konsultazzjoni dwar l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jkun miftuħ għall-pubbliku, kull Parti għandha tippermetti lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra jipparteċipaw fuq termini li mhumiex inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni tagħha stess.

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-korpi ta' standardizzazzjoni li jinsabu fit-territorji rispettivi tagħhom bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati, fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet rispettivi tagħhom, kif ukoll l-armonizzazzjoni ta' standards ibbażati fuq l-interess reċiproku u r-reċiproċità, skont modalitajiet li jridu jiġu miftehma mill-korpi tal-istandardizzazzjoni kkonċernati.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ikun hemm perjodu ta' mill-inqas 60 jum wara t-trasmissjoni tagħha lir-Reġistru Ċentrali tad-WTO ta' Notifiki ta' regolamenti tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità proposti sabiex il-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub, ħlief fejn iqumu jew ikun hemm it-theddida li jqumu problemi urġenti ta' sigurtà, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sigurtà nazzjonali. Kull Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva għal kull talba raġonevoli għall-estensjoni tal-perjodu għall-kummenti.

4. Jekk Parti tirċievi kummenti dwar ir-regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità propost tagħha mingħand il-Parti l-oħra, hija għandha twieġeb bil-miktub għal dawn il-kummenti qabel ma r-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità jiġu adottati.

5. Kull Parti għandha tippubblika jew b'xi mod ieħor tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, f'forma stampata jew elettronika, it-tweġibiet tagħha jew sommarju tar-reazzjonijiet tagħha, għal kummenti sinifikattivi li tirċievi, mhux aktar tard mid-data li fiha hija tippubblika r-regolament tekniku jew il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità adottati.

6. Kull Parti għandha, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi informazzjoni dwar l-għanijiet, il-bażi ġuridika u l-ħsieb wara regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità, li l-Parti tkun adottat jew tkun qiegħda tipproponi li tadotta.

7. Kull Parti għandha tagħti kunsiderazzjoni pożittiva għal talba raġonevoli mill-Parti l-oħra, li tkun irċeviet qabel it-tmiem tal-perjodu għall-kummenti wara t-trażmissjoni ta' regolament tekniku propost, li tistabbilixxi jew testendi l-perjodu ta' żmien bejn l-adozzjoni tar-regolament tekniku u l-jum li fih isir applikabbli, ħlief fejn id-dewmien ma jkunx effettiv fit-twettiq tal-għanijiet leġittimi segwiti.

8. Kull Parti għandha tiżgura li r-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità adottati jkunu disponibbli fuq siti elettroniċi uffiċjali.

9. Jekk Parti żżomm f'port tad-dħul prodott importat mit-territorju tal-Parti l-oħra minħabba li l-prodott naqas milli jikkonforma ma' regolament tekniku, din għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-importatur bir-raġunijiet għad-detenzjoni tal-prodott.

ARTIKOLU 4.7

Ġestjoni tal-Kapitolu

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu. Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(a) għandu:

(a) jamministra l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jindirizza fil-pront kull kwistjoni li tqajjem xi Parti li tkun relatata mal-iżvilupp, l-adozzjoni jew l-applikazzjoni ta' standards, regolamenti tekniċi jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(c) wara talba ta' Parti, jiffaċilita d-diskussjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju jew periklu mwettqa mill-Parti l-oħra;

(d) iħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-istandardizzazzjoni u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Partijiet;

(e) jiskambja informazzjoni dwar standards, regolamenti tekniċi, u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità inklużi dawk ta' partijiet terzi jew korpi internazzjonali fejn hemm interess reċiproku li dan iseħħ;

(f) jeżamina dan il-Kapitolu fid-dawl ta' żviluppi quddiem il-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ jew skont il-Ftehim dwar l-OTK, u, jekk ikun meħtieġ, jiżviluppa rakkomandazzjonijiet biex jiġi emendat dan il-Kapitolu għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat Konġunt CETA;

(g) jieħu passi oħra li l-Partijiet jikkunsidraw li jkunu se jgħinuhom jimplimentaw dan il-Kapitolu u l-Ftehim dwar l-OTK u sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet; kif ukoll

(h) jirrapporta lill-Kumitat Konġunt CETA dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, kif xieraq.

2. Jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx isolvu xi kwistjoni koperta minn dan il-Kapitolu permezz tal-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti, wara talba ta' Parti, il-Kumitat Konġunt CETA jista' jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku *ad hoc* biex jiġu identifikati soluzzjonijiet li jiffaċilitaw il-kummerċ. Jekk Parti ma taqbilx ma' talba mill-Parti l-oħra li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma tekniku, din għandha, wara talba, tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Il-Partijiet għandhom imexxu l-grupp ta' ħidma tekniku.

3. Meta Parti tkun talbet informazzjoni, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi l-informazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, f'forma stampata jew b'mod elettroniku fi żmien raġonevoli. Il-Parti għandha tipprova twieġeb għal kull talba għal informazzjoni fi żmien 60 jum.

KAPITOLU ĦAMSA

MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

ARTIKOLU 5.1

Definizzjonijiet

1. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet segwenti:

(a) id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Anness A tal-Ftehim SPS;

(b) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Codex Alimentarius (il-"Codex");

(c) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ("OIE");

(d) id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċi tal-*Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti* ("IPPC");

(e) żona protetta għal organiżmu li jagħmel il-ħsara regolat speċifikat tfisser żona ġeografika uffiċjalment definita fl-Unjoni Ewropea fejn dak l-organiżmu mhuwiex stabbilit minkejja kundizzjonijiet favorevoli għall-istabbiliment tiegħu u l-preżenza tiegħu f'partijiet oħra tal-Unjoni Ewropea; kif ukoll

(f) awtorità kompetenti ta’ Parti tfisser awtorità elenkata fl-Anness 5-A.

2. Minbarra l-paragrafu 1, id-definizzjonijiet skont il-Ftehim SPS jipprevalu jekk ikun hemm inkonsistenza bejn id-definizzjonijiet adottati taħt l-awspiċi tal-Codex, tal-OIE, tal-IPPC u d-definizzjonijiet skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 5.2

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) il-protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, l-annimali u l-pjanti, filwaqt li jiġi ffaċilitat il-kummerċ;

(b) il-garanzija li l-miżuri sanitarji u fitosanitarji ("SPS") tal-Partijiet ma joħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ; kif ukoll

(c) titkompla l-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 5.3

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri SPS kollha li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 5.4

Drittijiet u obbligi

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim SPS.

ARTIKOLU 5.5

Adattament għall-kundizzjonijiet reġjonali

1. Fir-rigward tal-annimali, il-prodotti tal-annimali u l-prodotti sekondarji tal-annimali:

(a) il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta' tqassim f'żoni u ddeċidew li japplikaw dan il-kunċett għall-mard elenkat fl-Anness 5-B;

(b) jekk il-Partijiet jiddeċiedu dwar prinċipji u linji gwida għar-rikonoxximent tal-kundizzjonijiet reġjonali, dawn għandhom jiġu inklużi fl-Anness 5-C;

(c) għall-finijiet tas-subparagrafu (a), il-Parti li timporta għandha tibbaża l-miżura sanitarja applikabbli għall-Parti li tesporta li t-territorju tagħha huwa milqut minn marda elenkata fl-Anness 5-B dwar id-deċiżjoni ta' tqassim f'żoni magħmula mill-Parti li tesporta, sakemm il-Parti li timporta tkun sodisfatta li d-deċiżjoni ta' tqassim f'żoni tal-Parti li tesporta tkun konformi mal-prinċipji u l-linji gwida li l-Partijiet stabbilew fl-Anness 5-C, u tkun ibbażata fuq standards internazzjonali, linji gwida, u rakkomandazzjonijiet rilevanti. Il-Parti li timporta tista' tapplika kull miżura addizzjonali biex jinkiseb il-livell xieraq tagħha ta' protezzjoni sanitarja;

(d) meta Parti tikkunsidra li għandha status speċjali fir-rigward ta' marda li mhix elenkata fl-Anness 5-B, din tista' titlob għar-rikonoxximent ta' dak l-istatus. Il-Parti li timporta tista' titlob garanziji addizzjonali għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin, prodotti tal-annimali u prodotti sekondarji tal-annimali li huma xierqa għall-istatus miftiehem rikonoxxuti mill-Parti li timporta, inklużi l-kundizzjonijiet speċjali identifikati fl-Anness 5-E; kif ukoll

(e) il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta' kompartimentalizzazzjoni u jaqblu li jikkooperaw dwar din il-kwistjoni.

2. Fir-rigward tal-pjanti u prodotti tal-pjanti:

(a) meta l-Parti li timporta tistabbilixxi jew iżomm il-miżura fitosanitarja tagħha, għandha tqis, fost affarijiet oħra, l-istatus tal-pesti ta' żona, bħal żona ħielsa mill-pesti, post ta' produzzjoni ħieles mill-pesti, sit ta' produzzjoni ħieles mill-pesti, żona ta' prevalenza baxxa ta' pesti u żona protetta li l-Parti li tesporta tkun stabbiliet; kif ukoll

(b) jekk il-Partijiet jiddeċiedu dwar prinċipji u linji gwida għar-rikonoxximent tal-kundizzjonijiet reġjonali, dawn għandhom jiġu inklużi fl-Anness 5-C.

ARTIKOLU 5.6

Ekwivalenza

1. Il-Parti li timporta għandha taċċetta l-miżura SPS tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti għal dik tagħha jekk il-Parti li tesporta turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta li l-miżura tissodisfa l-livell xieraq ta' protezzjoni SPS tal-Parti li timporta.

2. L-Anness 5-D, jistabbilixxi prinċipji u linji gwida biex tiġi ddeterminata, rikonoxxuta, u tinżamm l-ekwivalenza.

3. L-Anness 5-E jistabbilixxi:

(a) il-qasam li għalih l-Parti li timporta tirrikonoxxi li xi miżura SPS tal-Parti li tesporta hija ekwivalenti għal tagħha; kif ukoll

(b) il-qasam li għalih il-Parti li timporta tirrikonoxxi li t-twettiq tal-kundizzjoni speċjali speċifikata, flimkien mal-miżura SPS tal-Parti li tesporta, jiksbu l-livell xieraq ta' protezzjoni tal-SPS tal-Parti li timporta.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-Artikolu 1.7 (Referenza għall-liġijiet) japplika suġġet għal dan l-Artikolu, għall-Anness 5-D u għan-Noti Ġenerali taħt l-Anness 5-E.

ARTIKOLU 5.7

Kundizzjonijiet kummerċjali

1. Il-Parti li timporta għandha tagħmel disponibbli r-rekwiżiti ta' importazzjoni ġenerali ta’ SPS tagħha għall-prodotti bażiċi kollha. Jekk il-Partijiet flimkien jidentifikaw prodott bħala prijorità, il-Parti li timporta għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta’ importazzjoni speċifiċi marbuta mal-SPS għal dak il-prodott, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor. Fl-identifikazzjoni ta’ liema prodotti bażiċi huma prijoritajiet, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi disponibbli tagħhom. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-importazzjoni għandhom ikunu applikabbli għat-territorju kollu tal-Parti li tesporta.

2. Skont il-paragrafu 1, il-Parti li timporta għandha tagħmel, mingħajr dewmien bla bżonn, il-proċess meħtieġ biex tistabbilixxi rekwiżiti ta’ importazzjoni ta' SPS speċifiċi għall-prodott li jiġi identifikat bħala prijorità. Ladarba dawn ir-rekwiżiti ta' importazzjoni speċifiċi jiġu stabbiliti, il-Parti li timporta għandha tieħu l-passi meħtieġa, mingħajr dewmien bla bżonn, biex tippermetti l-kummerċ fuq il-bażi ta’ dawn ir-rekwiżiti ta' importazzjoni.

3. Għall-għan li jkunu stabbiliti rekwiżiti ta’ importazzjoni speċifiċi marbuta mal-SPS, il-Parti li tesporta għandha, wara talba tal-Parti li timporta:

(a) tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa mill-Parti li timporta; kif ukoll

(b) tagħti aċċess raġonevoli lill-Parti li timporta sabiex tispezzjona, teżamina, tivverifika u twettaq proċeduri oħra rilevanti.

4. Jekk il-Parti li timporta tiġġestixxi lista ta' stabbilimenti jew faċilitajiet awtorizzati għall-importazzjoni ta' prodott bażiku, hija għandha tapprova stabbiliment jew faċilità li tinsab fit-territorju tal-Parti li tesporta, mingħajr spezzjoni minn qabel ta' dak l-istabbiliment jew faċilità jekk:

(a) il-Parti li tesporta tkun talbet tali approvazzjoni għall-istabbiliment jew faċilità, akkumpanjata minn garanziji xierqa; kif ukoll

(b) il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness 5-F ikunu ssodisfati.

5. B'segwitu għall-paragrafu 4, il-Parti li timporta għandha tagħmel il-listi ta' stabbilimenti jew faċilitajiet awtorizzati disponibbli għall-pubbliku.

6. Parti għandha normalment taċċetta kunsinna ta' prodott bażiku regolat mingħajr żdoganar minn qabel tal-prodott fuq bażi ta' konsenja, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

7. Il-Parti li timporta tista' teħtieġ li l-awtorità kompetenti relevanti tal-Parti li tesporta oġġettivament turi, għas-sodisfazzjon tal-Parti li timporta, li r-rekwiżiti ta' importazzjoni jistgħu jiġu ssodisfati jew huma ssodisfati.

8. Il-Partijiet għandhom isegwu l-proċedura stabbilita fl-Anness 5-G dwar ir-rekwiżiti ta' importazzjoni speċifiċi għas-saħħa tal-pjanti.

ARTIKOLU 5.8

Awditjar u kontroll

1. Sabiex tinżamm il-fiduċja fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, Parti tista' twettaq awditjar jew kontroll, jew it-tnejn, tal-programm ta' kontroll kollu jew parti minnu tal-awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra. Il-Parti għandha ġġorr l-ispejjeż tagħha marbuta mal-awditjar jew il-kontroll.

2. Jekk il-Partijiet jiddeċiedu dwar prinċipji u linji gwida dwar kif jitmexxew l-awditjar jew il-kontroll, dawn għandhom jiġu inklużi fl-Anness 5-H. Jekk Parti tmexxi awditjar jew kontroll, hija għandha tagħmel dan skont il-prinċipji u l-linji gwida fl-Anness 5-H.

ARTIKOLU 5.9

Ċertifikazzjoni tal-esportazzjoni

1. Meta jkun meħtieġ ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjoni ta' kunsinna ta' annimali ħajjin jew ta' prodotti tal-annimali, u jekk il-Parti li timporta tkun aċċettat li miżura SPS tal-Parti li tesporta bħala ekwivalenti għal tagħha fir-rigward ta' tali annimali jew prodotti tal-annimali, il-Partijiet għandhom jużaw il-mudell tal-attestazzjoni tas-saħħa preskritt fl-Anness 5-I għal tali ċertifikat, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor. Il-Partijiet jistgħu wkoll jużaw mudell ta' attestazzjoni għal prodotti oħra jekk jiddeċiedu hekk.

2. L-Anness 5-I jistabbilixxi prinċipji u linji gwida għaċ-ċertifikazzjoni tal-esportazzjoni, inkluża ċertifikazzjoni elettronika, irtirar ta' ċertifikati jew il-bdil tagħhom, sistemi lingwistiċi u l-attestazzjonijiet tal-mudell.

ARTIKOLU 5.10

Kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi

1. L-Anness 5-J jistabbilixxi prinċipji u linji gwida għall-kontrolli tal-importazzjonijiet u tariffi, inkluż ir-rata tal-frekwenza għall-kontrolli tal-importazzjoni.

2. Jekk il-kontrolli tal-importazzjoni jiżvelaw nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti relevanti tal-importazzjoni, l-azzjoni li tieħu l-Parti li timporta trid tkun ibbażata fuq kalkolu tar-riskju involut u ma għandhiex tkun ta' restrizzjoni għall-kummerċ aktar milli hu meħtieġ biex jinkiseb livell xieraq ta' protezzjoni sanitarja jew fitosanitarja.

3. Kull meta jkun possibbli, il-Parti li timporta għandha tgħarraf lill-importatur ta' kunsinna li ma tkunx konformi, jew lir-rappreżentant tiegħu, bir-raġuni għan-nuqqas ta' konformità, u tipprovdilhom opportunità għal rieżami tad-deċiżjoni. Il-Parti li timporta għandha tqis kull informazzjoni rilevanti mressqa biex tgħin fir-rieżami.

4. Parti tista' tiġbor tariffi għall-ispejjeż involuti biex twettaq kontrolli fil-fruntiera, li ma għandhomx jaqbżu l-irkupru tal-ispejjeż.

ARTIKOLU 5.11

Notifikazzjoni u skambju ta' informazzjoni

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien żejjed rigward:

(a) tibdil sinifikanti fl-istatus ta’ pesti jew mard, bħalma hija l-preżenza u l-evoluzzjoni ta’ marda elenkata fl-Anness 5-B;

(b) il-konstatazzjoni ta’ importanza epidemjoloġika fir-rigward ta’ mard tal-annimali, li mhijiex elenkata fl-Anness 5-B, jew li hija marda ġdida; kif ukoll

(c) kwistjoni sinifikanti dwar is-sikurezza tal-ikel relatata ma’ prodott kummerċjali bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet oħra relevanti inkluż:

(a) tibdil fil-miżura SPS ta' Parti minnhom;

(b) kull tibdil sinifikanti fl-istruttura jew l-organizzazzjoni ta’ awtorità kompetenti ta' Parti;

(c) wara talba, ir-riżultati ta’ kontroll uffiċjali ta' Parti u rapport li jikkonċerna r-riżultati tal-kontroll imwettaq;

(d) ir-riżultati ta' kontroll tal-importazzjoni previst fl-Artikolu 5.10 fil-każ ta' kunsinna rifjutata jew li ma tikkonformax; kif ukoll

(e) wara talba, analiżi tar-riskju jew opinjoni xjentifika li Parti tkun ipproduċiet u li tkun rilevanti għal dan il-Kapitolu.

3. Sakemm il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni ma jiddeċidix mod ieħor, meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 tkun saret disponibbli permezz ta' notifika lir-Reġistru Ċentrali tan-Notifiki tad-WTO jew lill-korp internazzjonali relevanti li jistabbilixxi l-istandards, f'konformità mar-regoli rilevanti, ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2, hekk kif japplikaw għal dik l-informazzjoni, ikunu ssodisfati.

ARTIKOLU 5.12

Konsultazzjonijiet Tekniċi

Jekk Parti jkollha tħassib sinifikanti fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-pjanti, jew is-saħħa tal-annimali, jew miżura SPS li l-Parti l-oħra tkun ipproponiet jew implimentat, dik il-Parti titsa' titlob li jsiru konsultazzjonijiet tekniċi mal-Parti l-oħra. Il-Parti li hija s-suġġett tat-talba għandha twieġeb għat-talba mingħajr dewmien żejjed. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi evitat kull xkiel għall-kummerċ u, kif jista' jkun il-każ, biex tintlaħaq soluzzjoni aċċettabbli għat-tnejn.

ARTIKOLU 5.13

Miżuri SPS ta’ emerġenza

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra rigward miżura SPS ta' emerġenza fi żmien 24 siegħa mid-deċiżjoni li tiġi implimentata l-miżura. Jekk Parti titlob biex isiru konsultazzjonijiet tekniċi ħalli jindirizzaw il-miżura SPS ta' emerġenza, il-konsultazzjonijiet tekniċi jridu jsiru fi żmien għaxar (10) ijiem min-notifika tal-miżura SPS ta' emerġenza. Il-Partijiet għandhom iqisu kull informazzjoni pprovduta permezz ta' konsultazzjonijiet tekniċi.

2. Il-Parti li timporta għandha tqis l-informazzjoni li kienet ipprovduta fil-ħin mill-Parti li tesporta meta tieħu d-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta’ kunsinna li, fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżura SPS ta' emerġenza, tkun qed tiġi ttrasportata bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 5.14

Il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji

1. Il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (il-"Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni"), stabbilit skont l-Artikolu26.2.1(d), jikkonsisti f'rappreżentanti regolatorji u kummerċjali ta’ kull Parti li jkunu responsabbli għall-miżuri SPS.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni jinkludu:

(a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu, u l-kunsiderazzjoni ta’ kull kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu, u l-eżaminazzjoni tal-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu;

(b) li jipprovdi direzzjoni għall-identifikazzjoni, il-prijoritizzazzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta’ kwistjonijiet;

(c) li jindirizza kull talba minn Parti biex tibdel il-kontroll fuq l-importazzjoni;

(d) li mill-inqas darba fis-sena, jagħmel rieżami ta' dan il-Kapitolu, l-aktar fid-dawl tal-progress magħmul skont il-konsultazzjonijiet previsti f'dan il-Ftehim. Wara dan ir-rieżami, il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni jista’ jiddeċiedi li jemenda l-annessi ta' dan il-Kapitolu. Il-Partijiet jistgħu japprovaw id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni, skont il-proċeduri rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-emenda. Id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ f’data miftiehma mill-Partijiet;

(e) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta’ deċiżjoni msemmija fis-subparagrafu (d), hawn fuq, kif ukoll it-tħaddim tal-miżuri msemmija taħt is-subparagrafu (d) hawn fuq;

(f) li jipprovdi forum regolari għall-iskambju ta’ informazzjoni li hija relatata mas-sistema regolatorja ta’ kull Parti, inkluż il-bażi xjentifika u ta’ valutazzjoni tar-riskju għal miżura SPS; kif ukoll

(g) li jħejji u jżomm dokument li jagħti informazzjoni dwar l-istat tad-diskussjonijiet bejn il-Partijiet dwar il-ħidma tagħhom dwar l-għarfien tal-ekwivalenza ta’ miżuri SPS speċifiċi.

3. Il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni jista’, fost affarijiet oħra:

(a) jidentifika opportunitajiet għal aktar involviment bilaterali, inkluż relazzjonijiet imsaħħa, li jistgħu jinkludu skambju ta’ uffiċjali;

(b) jiddiskuti fi stadju bikri, tibdil, jew il-proposta ta' tibdil f'miżura SPS li tkun qed tiġi kkunsidrata;

(c) jiffaċilita fehim aħjar bejn il-Partijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim SPS, u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-SPS li jkunu qed jiġu diskussi f’fora multilaterali, inkluż il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji tad-WTO u korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards, kif xieraq; jew

(d) jidentifika u jiddiskuti, fi stadju bikri, inizjattivi li jkollhom komponent SPS, u li jibbenefikaw mill-kooperazzjoni.

4. Il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni jista’ jistabbilixxi gruppi ta’ ħidma magħmulin minn rappreżentanti f’livell ta’ esperti tal-Partijiet, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet SPS speċifiċi.

5. Kull Parti tista’ tirreferi kull kwistjoni SPS lill-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni. Il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni għandu jikkunsidra l-kwistjoni kemm jista’ jkun malajr.

6. Jekk il-Kumitat Konġunt ta’ Ġestjoni ma jkunx jista’ jsolvi kwistjoni malajr, huwa għandu, fuq talba ta’ Parti, jirrapporta minnufih lill-Kumitat Konġunt CETA.

7. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni jiltaqa' u jistabbilixxi l-programm ta' ħidma tiegħu mhux aktar tard minn 180 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u r-regoli ta' proċedura tiegħu mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

8. Wara l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni jiltaqa' kif meħtieġ, normalment fuq bażi annwali. Il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni jista' jiddeċiedi li jiltaqa' permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza, u jista' wkoll jindirizza kwistjonijiet barra mis-sessjonijiet permezz ta' korrispondenza.

9. Il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għandu jirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet u l-programm ta' ħidma tiegħu lill-Kumitat Konġunt CETA.

10. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull Parti għandha tinnomina u tgħarraf lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar punt ta' kuntatt għall-koordinazzjoni tal-aġenda tal-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni u biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet SPS.

KAPITOLU SITTA

ID-DWANA U L-FAĊILITAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ARTIKOLU 6.1

Objettivi u prinċipji

1. Il-Partijiet jagħrfu l-importanza tal-kwistjonijiet ta' dwana u tal-faċilitazzjoni kummerċjali fl-ambjent tal-kummerċ bilaterali li qed jevolvi.

2. Il-Partijiet għandhom, sa fejn possibbli, jikkoperaw u jiskambjaw informazzjoni, inkluż informazzjoni dwar l-aħjar prattiki, sabiex imexxu 'l quddiem l-applikazzjoni u l-osservanza tal-miżuri għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ f'dan il-Ftehim.

3. Il-miżuri sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ ma għandhomx ifixklu mekkaniżmi li jipproteġu persuna permezz ta' infurzar effettiv u ta' konformità mal-liġi ta' Parti.

4. Ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ma għandhomx ikunu ta' piż amministrattiv jew jillimitaw il-kummerċ aktar milli jkun hemm bżonn sabiex jintlaħaq objettiv leġittimu;

5. Fejn dawn ikunu jeżistu, l-istrumenti u l-istandards kummerċjali u doganali internazzjonali għandhom ikunu l-bażi għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu, ħlief meta dawn ikunu mezzi inadegwati jew mhux effettivi għat-twettiq tal-objettiv leġittimu mixtieq.

ARTIKOLU 6.2

Trasparenza

1. Kull Parti għandha tippubblika jew b'xi mod ieħor tagħmel disponibbli, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, il-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-politiki amministrattivi tagħha relatati mal-ħtiġijiet għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija.

2. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tqiegħed għad-disponibbiltà tal-pubbliku, inkluż fuq l-internet, regolamenti proposti u politiki amministrattivi relatati ma' kwistjonijiet doganali filwaqt li persuni interessati jingħataw l-opportunità jikkummentaw qabel l-adozzjoni tagħhom.

3. Kull Parti għandha taħtar jew iżżomm punt ta' kuntatt wieħed jew aktar sabiex tindirizza l-mistoqsijiet mill-persuni interessati dwar kwistjonijiet doganali u tagħmel disponibbli fuq l-internet l-informazzjoni rigward il-proċeduri biex isiru inkjesti bħal dawn.

ARTIKOLU 6.3

Rilaxx ta' prodotti

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri doganali ssimplifikati għar-rilaxx effiċjenti tal-merkanzija effiċjenti, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-importaturi u l-esportaturi.

2. Kull Parti għandha tiżgura li dawn il-proċeduri ssimplifikati:

(a) jippermettu għar-rilaxx tal-prodotti sa perjodu ta' żmien li ma jkunx itwal milli meħtieġ sabiex tiġi assigurata l-konformità mal-liġi tagħha;

(b) jippermettu li l-prodotti, u sa fejn possibbli prodotti kkontrollati jew irregolati, jiġu rilaxxati fl-ewwel punt tal-wasla;

(c) ifittxu li jippermettu r-rilaxx imħaffef ta' prodotti li jeħtieġu żdoganar ta' emerġenza;

(d) jippermettu li importatur jew l-aġent tiegħu jneħħi l-prodotti minn kontroll doganali qabel ir-riżoluzzjoni finali u l-ħlas ta' dazji doganali, taxxi u tariffi. Qabel ma tirrilaxxa l-prodotti, Parti tista' titlob li importatur jipprovdi garanzija suffiċjenti fil-forma ta' garanzija, depożitu jew xi strument ieħor xieraq; kif ukoll

(e) tipprovdi, b'konformità mal-liġi tagħha, għal rekwiżiti ta' dokumentazzjoni ssimplifikati għad-dħul ta' prodotti b'valur baxx kif determinat minn kull Parti.

3. Kull Parti, fil-proċeduri ssimplifikati tagħha, tista' tirrikjedi l-preżentazzjoni ta' informazzjoni aktar estensiva permezz ta' kontabilità wara d-dħul u verifiki, kif xieraq.

4. Kull Parti għandha tippermetti r-rilaxx imħaffef ta' prodotti u, sa fejn ikun possibbli u jekk applikabbli, għandha:

(a) tipprovdi għall-preżentazzjoni u l-ipproċessar tal-informazzjoni bil-quddiem b'mod elettroniku qabel il-wasla fiżika tal-prodotti sabiex jippermettu r-rilaxx tagħhom mal-wasla, jekk ma jkun ġie identifikat l-ebda riskju jew jekk ma għandhom isiru l-ebda verifiki għal għarrieda; kif ukoll

(b) tipprovdi għar-rilaxx ta' ċerti prodotti b'minimu ta' dokumentazzjoni.

5. Kull Parti għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura li l-awtoritajiet u l-aġenziji tagħha involuti fil-kontrolli tal-fruntiera u oħrajn li jirrigwardaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni jikkooperaw u jikkoordinaw biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ permezz, fost affarijiet oħra, tal-konverġenza tar-rekwiżiti tad-dejta u d-dokumentazzjoni tal-importazzjoni u l-esportazzjoni u l-istabbiliment ta' post uniku għall-verifika dokumentarja u fiżika ta' darba tal-kunsinni.

6. Kull Parti għandha tiżgura, sa fejn possibbli, li r-rekwiżiti tagħha rigward l-importazzjoni u l-esportazzjoni għal prodotti jkunu kkoordinati biex jiffaċilitaw il-kummerċ, irrispettivament minn jekk dawn ir-rekwiżiti jkunux amministrati minn aġenzija jew f'isem dik l-aġenzija mill-amministrazzjoni doganali.

ARTIKOLU 6.4

Il-Valutazzjoni Doganali

1. Il-Ftehim dwar il-Valutazzjoni Doganali jirregola l-valutazzjoni doganali applikata għall-kummerċ reċiproku ta’ bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet jikkoperaw bil-għan li jilħqu approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati ma' valutazzjoni doganali.

ARTIKOLU 6.5

Il-Klassifikazzjoni tal-Oġġetti

Il-klassifikazzjoni tal-prodotti fil-kummerċ bejn il-Partijiet skont dan il-Ftehim hija stabbilita f’kull nomenklatura tat-tariffi rispettiva ta' kull Parti f’konformità mas-Sistema Armonizzata.

ARTIKOLU 6.6

It-tariffi u l-imposti

Kull Parti għandha tippubblika jew tagħmel disponibbli xort' oħra informazzjoni dwar tariffi u imposti minn amministrazzjoni doganali ta' dik il-Parti, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi. Din l-informazzjoni tkun tinkludi t-tariffi u l-imposti applikabbli, ir-raġuni speċifika għal tariffa jew imposta, l-awtorità responsabbli u meta u kif għandu jsir il-ħlas. Parti ma għandhiex timponi tariffi u imposti ġodda jew emendati qabel ma tippubblika jew tagħmel disponibbli xort' oħra din l-informazzjoni.

ARTIKOLU 6.7

Ġestjoni tar-riskji

1. Kull Parti għandha tibbaża l-eżami, ir-rilaxx u l-proċeduri ta' verifika wara d-dħul tagħha fuq prinċipji ta' valutazzjoni tar-riskju, minflok ma jkun hemm il-ħtieġa li kull konsenja li tkun offruta għal dħul tkun trid tiġi eżaminata b'mod komprensiv għall-konformità mal-ħtiġiet tal-importazzjoni.

2. Kull Parti għandha tadotta u tapplika r-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kontroll tagħha għall-prodotti fuq il-bażi tal-prinċipji tal-ġestjoni tar-riskju u tiffoka fuq miżuri dwar il-konformità fuq tranżazzjonijiet li jixirqilhom attenzjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprekludu Parti milli twettaq kontroll tal-kwalità u analiżijiet ta' konformità li jistgħu jeħtieġu eżami aktar estensiv.

ARTIKOLU 6.8

Awtomazzjoni

1. Kull Parti għandha tuża teknoloġiji tal-informazzjoni li jħaffu l-proċeduri għar-rilaxx ta' prodotti sabiex tiffaċilita l-kummerċ, inkluż il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Kull Parti għandha:

(a) tagħmel ħilitha biex tagħmel disponibbli, permezz ta' mezzi elettroniċi, formoli doganali li huma meħtieġa għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija;

(b) tippermetti, suġġett għal-liġi tagħha, dawn il-formoli doganali li għandhom jiġu ppreżentati f'format elettroniku; kif ukoll

(c) jekk ikun possibbli, permezz tal-amministrazzjoni doganali, tipprovdi għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni mal-komunità kummerċjali tagħha.

3. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex:

(a) tiżviluppa u żżomm kompletament interkonnessi sistemi ta' punt uniku ta' servizz biex tiffaċilita li l-informazzjoni meħtieġa mid-dwana u minn leġiżlazzjoni mhux doganali għall-movimenti transfruntieri ta' merkanzija tiġi ppreżentata f'forma elettronika waħda; kif ukoll

(b) tiżviluppa sett ta' elementi ta' dejta u proċessi b'konformità mal-mudell tad-Dejta tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (World Customs Organisation ("WCO")) u r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida relatati tad-WCO.

4. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw dwar l-iżvilupp ta' sistemi elettroniċi interoperabbli, inkluż li jqisu l-ħidma li ssir mid-WCO, sabiex ikun iffaċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 6.9

Deċiżjonijiet bil-Quddiem

1. Kull Parti għandha toħroġ, wara talba bil-miktub, deċiżjonijiet bil-quddiem dwar il-klassifikazzjoni tariffarja skont il-liġi tagħha.

2. Soġġett għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, kull Parti għandha tippubblika, pereżempju fuq l-internet, informazzjoni dwar deċiżjonijiet bil-quddiem dwar il-klassifika tariffarja li tkun rilevanti biex jinftiehmu u jiġu applikati r-regoli ta' klassifikazzjoni tariffarja.

3. Sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ, il-Partijiet għandhom jinkludu fid-djalogu bilaterali tagħhom, aġġornamenti regolari dwar it-tibdil fil-liġijiet rispettivi tagħhom u l-miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

ARTIKOLU 6.10

Rieżami u appell

1. Kull Parti għandha tiżgura li miżura amministrattiva jew deċiżjoni uffiċjali li tittieħed fir-rigward tal-importazzjoni tal-merkanzija tista' tiġi rieżaminata minnufih minn tribunali ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi jew permezz ta' proċeduri amministrattivi.

2. It-tribunal jew uffiċjal li jaġixxi skont dawn il-proċeduri amministrattivi għandu jkun indipendenti mill-uffiċjal, jew l-uffiċċju li joħroġ id-deċiżjoni u għandu jkollu l-kompetenza li jżomm, jimmodifika jew jaqleb ir-riżoluzzjoni skont il-liġi tal-Parti.

3. Qabel ma persuna tkun meħtieġa tfittex rimedju f'livell ġudizzjarju jew aktar formali, kull Parti għandha tipprovdi għal livell amministrattiv ta' appell jew għal rieżami li jkun indipendenti mill-uffiċjal jew l-uffiċċju responsabbli għall-azzjoni jew deċiżjoni oriġinali.

4. Kull Parti għandha tagħti sostanzjalment l-istess dritt ta' rieżami u appell rigward ir-riżoluzzjonijiet ta' deċiżjonijiet bil-quddiem mill-amministrazzjoni doganali tagħha li hija tipprovdi lill-importaturi fit-territorju tagħha lil persuna li tkun irċeviet deċiżjoni bil-quddiem skont l-Artikolu 6. 9.

ARTIKOLU 6.11

Penali

Kull Parti għandha tassigura li l-liġi doganali tipprovdi li l-penali imposti għall-ksur ikunu proporzjonati u nondiskriminatorji u li l-applikazzjoni ta' dawn il-penali ma jkunux iwasslu għal dewmien mhux iġġustifikat.

ARTIKOLU 6.12

Kunfidenzjalità

1. Kull Parti għandha, skont il-liġijiet tagħha, tittratta bħala strettament kunfidenzjali kull informazzjoni miksuba taħt dan il-Kapitolu li min-natura tagħha tkun kunfidenzjali jew li tkun ingħatat fuq bażi konfidenzjali, u għandha tipproteġi dik l-informazzjoni minn divulgazzjoni li tista' tippreġudika l-qagħda kompetittiva tal-persuna li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni.

2. Jekk il-Parti li tirċievi jew tikseb l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 hija meħtieġa mil-liġi tagħha li tiżvela l-informazzjoni, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti jew lill-persuna li tkun ipprovdiet dik l-informazzjoni.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-informazzjoni kunfidenzjali miġbura skont dan il-Kapitolu ma tintużax għal finijiet oħra għajr għall-amministrazzjoni u l-infurzar ta' kwistjonijiet doganali, ħlief bil-permess tal-Parti jew tal-persuna li tkun ipprovdiet dik l-informazzjoni kunfidenzjali.

4. Parti tista' tippermetti li l-informazzjoni miġbura taħt dan il-Kapitolu tintuża fi proċedimenti amministrattivi, ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji li jinbdew minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġijiet doganali li jimplimentaw dan il-Kapitolu. Parti għandha tinnotifika lill-Parti jew lill-persuna li tkun ipprovdiet l-informazzjoni bil-quddiem b'dan l-użu.

ARTIKOLU 6.13

Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom ikomplu jikkooperaw f'*fora* internazzjonali, bħad-WCO (l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali), biex jinkisbu l-għanijiet rikonoxxuti b'mod reċiproku, inklużi dawk stabbiliti fil-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

2. Il-Partijiet għandhom regolarment jeżaminaw inizjattivi internazzjonali relevanti dwar l-iffaċilitar tal-kummerċ, inkluż il-Kompendju ta' Rakkomandazzjonijiet għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ żviluppat mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa, sabiex jiġu identifikati oqsma fejn aktar azzjoni konġunta tista' tiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet u tippromwovi objettivi multilaterali kondiviżi.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw skont il-Ftehim bejn il-Kanada u l-*Komunità Ewropea dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali*, li sar f'Ottawa fl-4 ta' Diċembru 1997 (il-"Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn il-Kanada u l-UE").

4. Il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin b'assistenza reċiproka fi kwistjonijiet doganali skont il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Doganali bejn il-Kanada u l-UE, inklużi kwistjonijiet li jirrigwardaw xi suspett ta' ksur ta' leġiżlazzjoni doganali ta' Parti, kif definit f'dan il-Ftehim, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 6.14

Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali

1. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali, li jingħata awtorità li jaġixxi taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt CETA bħala kumitat speċjalizzat skont l-Artikolu 26.2.1(c) (Kumitati speċjalizzati) għandu jassigura l-funzjonament tajjeb ta' dan il-Kapitolu u tal-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini u l-Proċeduri tal-Oriġini, kif ukoll l-Artikolu 20.43 (Kamp ta' Applikazzjoni ta' Miżuri dwar il-Fruntieri) u l-Artikolu 2.8 (Sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali). Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali għandu jeżamina kwistjonijiet li jinħolqu mill-applikazzjoni tagħhom f'konformità mal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

2. Għall-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tad-dwana, il-kummerċ, jew awtoritajiet kompetenti oħrajn skont kif kull Parti tqis xieraq.

3. Kull Parti għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għall-Koperazzjoni Doganali jkollhom kompetenza esperta li tikkorrispondi għall-punti fuq l-aġenda. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali jista' jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika ta' kompetenzi biex jittratta dwar kwistjonijiet ta' regoli tal-oriġini jew proċeduri tal-oriġini (il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali -ir-Regoli tal-Oriġini jew il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali - il-Proċeduri tal-Oriġini).

4. Il-Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni Doganali jista' jifformula riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew opinjonijiet u jippreżenta abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-Kumitat Konġunt CETA li huwa jqis neċessarji għall-kisba tal-objettivi komuni u l-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi stabbiliti f'dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini u l-Proċeduri tal-Oriġini, kif ukoll l-Artikolu 20.43 (Kamp ta' Applikazzjoni ta' Miżuri dwar il-Fruntieri) u l-Artikolu 2.8 (Sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali).

KAPITOLU SEBGĦA

SUSSIDJI

ARTIKOLU 7.1

Definizzjoni ta' sussidju

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, **sussidju** tfisser miżura relatata mal-kummerċ fil-prodotti, li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim SCM.

2. Sussidju jkun suġġett għal dan il-Kapitolu biss jekk ikun speċifikament fit-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim SCM.

ARTIKOLU 7.2

Trasparenza

1. Kull sentejn, kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dan li ġej fir-rigward ta' kull sussidju mogħti jew miżmum fit-territorju tagħha:

(a) il-bażi ġuridika tas-sussidju;

(b) il-forma tas-sussidju; kif ukoll

(c) l-ammont tas-sussidju jew l-ammont ibbaġitjat għas-sussidju.

2. Notifiki pprovduti lid-WTO skont l-Artikolu 25.1 tal-Ftehim SCM jiġu kkunsidrati li jissodisfaw ir-rekwiżit tal-paragrafu 1.

3. Wara talba mill-Parti l-oħra, Parti għandha fil-pront tipprovdi informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw każijiet partikolari ta' sostenn mill-gvern relatati mal-kummerċ fis-servizzi pprovduti fit-territorju tagħha.

ARTIKOLU 7.3

Konsultazzjonijiet dwar is-sussidji u l-appoġġ tal-gvern
f'setturi għajr l-agrikoltura u s-sajd

1. Jekk Parti tqis li sussidju, jew każ partikolari ta' sostenn mill-Gvern relatat mal-kummerċ fis-servizzi, mogħti mill-Parti l-oħra qed ikollu impatt negattiv, jew jista' jolqot b'mod negattiv l-interessi tagħha, hija tista' tesprimi t-tħassib tagħha lill-Parti l-oħra u titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Il-Parti li tkun qed twieġeb għandha tagħti kunsiderazzjoni sħiħa u l-attenzjoni mistħoqqa lil din it-talba.

2. Matul il-konsultazzjonijiet, Parti tista' titlob informazzjoni addizzjonali dwar sussidju jew każ partikolari ta' sostenn mill-Gvern rigward il-kummerċ fis-servizzi pprovduti mill-Parti l-oħra, inkluż l-objettiv tal-politika, l-ammont, u kull miżura li tkun ittieħdet biex tillimita l-effett potenzjalment distorsiv fuq il-kummerċ.

3. Fuq il-bażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-Parti li tkun qed twieġeb għandha tagħmel ħilitha sabiex telimina jew tnaqqas kemm jista' jkun kull effett negattiv tas-sussidju, jew tal-każ partikolari ta' sostenn mill-Gvern relatat mal-kummerċ fis-servizzi, fuq l-interessi tal-Parti li tkun qed tagħmel it-talba.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal sussidji relatati ma' prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd, u huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7.4 u 7.5.

ARTIKOLU 7.4

Konsultazzjonijiet dwar sussidji relatati mal-prodotti tal-agrikoltura
u prodotti tas-sajd

1. Il-Partijiet jikkondividu l-objettiv li jaħdmu flimkien biex jintlaħaq ftehim:

(a) sabiex jissaħħu aktar id-dixxiplini u r-regoli multilaterali dwar il-kummerċ agrikolu fid-WTO; kif ukoll

(b) sabiex jgħinu f'li tiġi żviluppata soluzzjoni globali u multilaterali għas-sussidji tas-sajd.

2. Jekk Parti tqis li sussidju, jew il-provvediment ta' sostenn mill-gvern, mogħti mill-Parti l-oħra, qed ikollu impatt negattiv, jew jista' jolqot b'mod negattiv l-interessi tagħha fir-rigward ta' prodotti agrikoli jew prodotti tas-sajd, hija tista' tesprimi t-tħassib tagħha lill-Parti l-oħra u titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni.

3. Il-Parti li tkun qed twieġeb għandha tagħti kunsiderazzjoni sħiħa u l-attenzjoni mistħoqqa lil din it-talba u għandha tuża l-aqwa sforzi tagħha biex jiġu eliminati jew minimizzati l-effetti negattivi tas-sussidju, jew il-provvediment ta' sostenn mill-Gvern, fuq l-interessi tal-Parti rikjedenti fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti tas-sajd.

ARTIKOLU 7.5

Sussidji fuq esportazzjonijiet agrikoli

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) **sussidju għall-esportazzjoni** tfisser sussidju għall-esportazzjoni kif definit fl-Artikolu 1(e) tal-Ftehim dwar l-Agrikultura; kif ukoll

(b) **it-tneħħija totali** ta' tariffa tfisser, fejn jeżistu kwoti tariffarji, it-tneħħija jew tat-tariffa fil-limiti tal-kwota jew tat-tariffa fl-eċċess tal-kwota.

2. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm sussidju għall-esportazzjoni fuq prodott agrikolu li huwa esportat, jew inkorporat fi prodott li huwa esportat, għat-territorju tal-Parti l-oħra wara li l-Parti l-oħra tkun neħħiet kompletament it-tariffa, immedjatament jew wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, fuq dak il-prodott agrikolu f'konformità mal-Anness 2-A (Tneħħija tat-Tariffi), inklużi l-Iskedi ta' Tariffi tagħha.

ARTIKOLU 7.6

Kunfidenzjalità

Meta tipprovdi informazzjoni taħt dan il-Kapitolu, Parti ma hijiex obbligata tiżvela informazzjoni kunfidenzjali.

ARTIKOLU 7.7

Esklużjoni ta' sussidji u tal-appoġġ tal-gvern
għal servizzi awdjoviżivi u għal industriji kulturali

Xejn f'dan il-Ftehim ma japplika għal sussidji jew appoġġ tal-gvern fir-rigward ta' servizzi awdjoviżivi għall-Unjoni Ewropea u għal industriji kulturali għall-Kanada.

ARTIKOLU 7.8

Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO

Il-Partijiet jaffirmaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, il-Ftehim SCM u l-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

ARTIKOLU 7.9

Soluzzjoni tat-tilwim

L-Artikoli 7.3 u 7.4 ta' dan il-Kapitolu ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU TMIENJA

INVESTIMENT

TAQSIMA A

Definizzjonijiet u kamp ta’ applikazzjoni

ARTIKOLU 8.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

attivitajiet ekonomiċi mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva tfisser attivitajiet li la huma mwettqa fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru tfisser attivitajiet li jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jkun irtirat mis-servizz u ma jinkludux l-hekk imsejħa manutenzjoni tal-linja;

servizzi tal-operat tal-ajruport tfisser l-operat jew il-ġestjoni, abbażi ta' tariffa jew kuntratt, tal-infrastruttura tal-ajruport, inklużi t-terminals, ir-runways, it-taxiways u s-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, il-faċilitajiet tal-ipparkjar, u s-sistemi ta' trasportazzjoni fl-ajruport. Għal aktar ċertezza, is-servizz tal-operat tal-ajruport ma jinkludux is-sjieda tal-ajruporti jew l-artijiet tal-ajruporti jew l-investiment fihom, jew kull funzjoni li titwettaq mill-bord tad-diretturi. Is-servizzi tal-operat tal-ajruport ma jinkludux is-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru;

ordni ta' sekwestru tfisser il-qbid ta' proprjetà ta' parti fil-kawża sabiex jiġi żgurat jew aċċertat it-twettiq ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ;

servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni tfisser il-forniment ta' servizz minn sistemi kompjuterizzati li jinkludu informazzjoni dwar l-iskedi tal-linji tal-ajru, id-disponibbiltá, il-prezzijiet u r-regoli dwar il-prezzijiet, li permezz tagħhom jistgħu jsiru prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti.

informazzjoni protetta jew kunfidenzjali tfisser:

(a) informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali; jew

(b) informazzjoni li hija protetta kontra d-divulgazzjoni lill-pubbliku;

(i) fil-każ ta' informazzjoni tal-konvenut, skont il-liġi tal-konvenut;

(ii) fil-każ ta' informazzjoni oħra, taħt liġi jew regoli li t-Tribunal jiddetermina li huma applikabbli għad-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni;

investiment kopert tfisser, fir-rigward ta' Parti, investiment:

(a) fit-territorju tagħha;

(b) magħmul b'konformità mal-liġi applikabbli fiż-żmien meta jkun sar l-investiment;

(c) bi sjieda jew kontroll dirett jew indirett ta' investitur tal-Parti l-oħra; kif ukoll

(d) li jkun jeżisti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jew li jkun sar jew akkwistat wara;

parti fil-kawża tfisser l-investitur li jibda proċeduri skont it-Taqsima F jew il-konvenut. Għall-finijiet tat-Taqsima F u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8,14, investitur ma jinkludix Parti.

partijiet fil-kawża tfisser kemm l-investitur kif ukoll il-konvenut;

inġunzjoni tfisser ordni li tipprojbixxi jew twaqqaf azzjoni;

intrapriża tfisser intrapriża kif definita fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet tal-applikazzjoni ġenerali) u fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv ta' intrapriża;

servizzi ta' groundhandling tfisser il-forniment ta' servizz abbażi ta' tariffa jew kuntratt għal: amministrazzjoni u superviżjoni fuq l-art, inkluż il-kontroll tat-tagħbija u l-komunikazzjonijiet; l-immaniġġar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagolli; l-immaniġġar tal-merkanzija u tal-posta; l-immaniġġar tar-rampa u s-servizzi tal-inġenji tal-ajru; l-immaniġġar tal-karburanti u żjut; il-manutenzjoni ta' linja tal-ajruplani, l-operazzjonijiet tat-titjir u l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ; it-trasport bis-superfiċje; jew is-servizzi tal-forniment tal-ikel. Is-servizzi tal-groundhandling ma jinkludux is-servizzi tas-sigurtà jew l-operazzjoni jew il-ġestjoni tal-infrastruttura ċentralizzata tal-ajruport, bħas-sistemi tal-immaniġġar tal-bagolli, il-faċilitajiet tat-tneħħija tas-silġ, is-servizzi tad-distribuzzjoni tal-karburant, jew is-sistemi ta' trasport fl-ajruport;

ICSID tfisser Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment;

Ir-Regoli Addizzjonali tal-Faċilità tal-ICSID tfisser ir-*Regoli li Jiggwidaw il-Faċilità Addizzjonali għall-Amministrazzjoni ta' Proċedimenti mis-Segretarjat taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment*;

Il-Konvenzjoni ICSID tfisser il-*Konvenzjoni dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati oħra*, li saret f'Washington fit-18 ta' Marzu 1965;

drittijiet ta' proprjetà intellettwali tfisser drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, drittijiet tal-marki kummerċjali; drittijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, drittijiet tad-disinji industrijali, drittijiet tal-privattivi, drittijiet tad-disinji ta' ċirkwiti integrati; drittijiet rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni mhux divulgata, u drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti; kif ukoll, jekk tali drittijiet huma previsti mil-liġi ta' Parti, id-drittijiet ta' mudelli ta' utilità. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' permezz ta' deċiżjoni, iżid kategoriji oħra ta' proprjetà intellettwali ma' din id-definizzjoni;

investiment tfisser kull kwalità ta' assi li investitur jippossjedi jew jikkontrolla direttament jew indirettament, li għandha l-karatteristiċi ta' investiment, li tinkludi ċertu tul ta' żmien u karatteristiċi oħra bħall-impenn tal-kapital jew riżorsi oħra, l-istennija ta' qligħ jew profitt, jew is-suppożizzjoni ta' riskju. Il-forom li jista' jieħu investiment jistgħu jinkludu:

(a) intrapriża;

(b) ishma, stokks u forom oħra ta' parteċipazzjoni fil-kapital ta' impriża;

(c) bonds, obbligazzjonijiet u strumenti oħra ta' dejn ta' intrapriża;

(d) self lil intrapriża;

(e) kull tip ieħor ta' interess f'impriża;

(f) interess li jirriżulta minn:

(i) konċessjoni mogħtija skont il-liġi ta' Parti jew taħt kuntratt, inkluż biex isiru tiftix, kultivazzjoni, estrazzjoni jew sfruttar ta' riżorsi naturali,

(ii) kuntratt komplet, ta' kostruzzjoni, produzzjoni jew ta' qsim ta' dħul; jew

(iii) kuntratti simili oħra;

(g) drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

(h) beni mobbli, tanġibbli jew intanġibbli, jew beni mmobbli u d-drittijiet relatati;

(i) pretensjonijiet għal flus jew pretensjonijiet għal prestazzjoni taħt kuntratt.

Għal aktar ċertezza, **pretensjonijiet għal flus** ma tinkludix:

(i) pretensjonijiet għal flus li jirriżultaw biss minn kuntratti kummerċjali għall-bejgħ ta' prodotti jew servizzi minn persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju ta' Parti lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tal-Parti l-oħra.

(ii) il-finanzjament domestiku ta' tali kuntratti; jew

(iii) kull ordni, sentenza, jew deċiżjoni ta' arbitraġġ li jirrigwardaw is-sub-subparagrafu (i) jew (ii).

Redditi li jiġu investiti jiġu ttrattati bħala investimenti. Kull alterazzjoni għall-forma fejn l-assi jiġu investiti jew investiti mill-ġdid ma għandhiex effett fuq il-kwalifika tagħhom bħala investiment;

investitur tfisser Parti, jew persuna fiżika jew intrapriża ta' Parti, li mhix fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, li tfittex li tagħmel, li tkun qed tagħmel jew li tkun għamlet investiment fit-Territorju tal-Parti l-oħra;

Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, **intrapriża ta' Parti** hija:

(a) intrapriża li tiġi kkostitwita jew organizzata taħt il-liġijiet ta' dik il-Parti u li jkollha attivitajiet ta' negozju sostanzjali fit-territorju ta' dik il-Parti; jew

(b) intrapriża li hija kkostitwita jew organizzata taħt il-liġijiet ta' dik il-Parti u li persuna fiżika ta' dik il-Parti jew intrapriża msemmija skont il-paragrafu (a) jkollha s-sjieda jew il-kontroll dirett jew indirett tagħha;

intrapriża stabbilita lokalment tfisser persuna ġuridika li hija kkostitwita jew organizzata taħt il-liġijiet tal-konvenut u li jkollha sjieda jew kontroll dirett jew indirett ta' investitur tal-Parti l-oħra;

persuna fiżika tfisser:

(a) fil-każ tal-Kanada, persuna fiżika li hija ċittadin jew residenti permanenti fil-Kanada; kif ukoll

(b) fil-każ tal-Parti tal-UE, persuna fiżika li għandha n-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont il-liġijiet rispettivi tagħhom, u, għal-Latvja, ukoll persuna fiżika li tgħix b'mod permanenti fil-Latvja li mhijiex ċittadin tar-Repubblika tal-Latvja jew ta' kull stat ieħor li huwa intitolat, taħt il-liġijiet u r-regolamenti tar-Repubblika tal-Latvja, li jirċievi passaport ta' non-ċittadin.

Persuna fiżika li hija ċittadin tal-Kanada, u li għandha nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea hija kkunsidrata esklussivament persuna fiżika tal-Parti tan-nazzjonalità dominanti u effettiva tiegħu jew tagħha.

Persuna fiżika li għandha n-nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew li hija ċittadin tal-Kanada, u li hija wkoll residenti permanenti tal-Parti l-oħra, hija kkunsidrata persuna fiżika esklussivament tal-Parti tan-nazzjonalità jew ċittadinanza tiegħu jew tagħha, kif applikabbli;

Il-Konvenzjoni ta' New York tfisser il-*Konvenzjoni* tan-Nazzjonijiet Uniti *dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin*, li saret fi New York, fl-10 ta' Ġunju 1958;

Parti mhux fil-kawża tfisser il-Kanada, jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tkun il-konvenut, jew l-Unjoni Ewropea, jekk il-Kanada tkun il-konvenut;

konvenut tfisser il-Kanada jew, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, jew l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew l-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 8.21;

redditi tfisser l-ammonti kollha li huma r-rendiment ta' investiment jew investiment mill-ġdid, inklużi l-profitti, id-drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà u l-interess jew tariffi u ħlasijiet oħra in natura;

il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru tfisser l-opportunitajiet li l-linja tal-ajru kkonċernata liberament tbiegħ jew tikkummerċjalizza s-servizzi tat-trasport bl-ajru tagħha inkluż l-aspetti kollha tal-kummerċjalizzazzjoni bħar-riċerka dwar is-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni, iżda mhux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru jew il-kundizzjonijiet applikabbli;

finanzjament minn parti terza tfisser kull finanzjament ipprovdut minn entità fiżika jew ġuridika li mhijiex parti fil-kawża u li tidħol fi ftehim ma' parti fil-kawża sabiex tiffinanzja parti mill-ispejjeż tal-proċedimenti jew kollha kemm huma jew permezz ta' donazzjoni jew għotja, jew għal remunerazzjoni li tkun tiddependi fuq l-eżitu tal-kawża.

Tribunal tfisser it-tribunal stabbilit skont l-Artikolu 8.27;

Regoli ta' Arbitraġġ UNCITRAL tfisser ir-regoli ta' arbitraġġ tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Kummerċjali Internazzjonali; kif ukoll

Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza tfisser *ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza bbażati fuq it-Trattat tal-Arbitraġġ bejn l-Investitur u l-Istat*;

ARTIKOLU 8.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti fit-territorju tagħha[5] fir-rigward ta':

(a) investitur tal-Parti l-oħra;

(b) investiment kopert; kif ukoll

(c) fir-rigward tal-Artikolu 8.5, kull investiment fit-territorju tagħha.

[5] Għal aktar ċertezza, l-obbligi ta' dan il-Kapitolu japplikaw għaż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi u għall-Blajjet Kontinentali, kif previst fil-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar*, li saret f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982:
(a) tal-Kanada kif imsemmi fl-Artikolu 1.3(a) (Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku); kif ukoll
(b) li għalihom japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 1.3(b) (Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku).

2. Fir-rigward tal-istabbiliment jew l-akkwiżizzjoni ta' investiment kopert[6], it-Taqsimiet B u C ma japplikawx għal miżura rigward:

(a) is-servizzi tal-ajru, jew servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru u servizzi oħra li jingħataw permezz ta' trasport bl-ajru[7], li mhumiex:

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iv) servizzi tal-groundhandling;

(v) servizzi ta' operazzjoni tal-ajruport; jew

(b) l-attivitajiet li jitwettqu fit-tħaddim tal-awtorità governattiva.

3. Għall-Parti tal-UE, it-Taqsimiet B u C ma japplikawx għal miżura fir-rigward ta' servizzi awdjoviżivi. Għall-Kanada, it-Taqsimiet B u C ma japplikawx għal miżura fir-rigward tal-industriji kulturali.

---

6 Għal aktar ċertezza, Parti tista' żżomm miżuri fir-rigward tal-istabbiliment jew l-akkwist ta' investiment kopert jew tkompli tapplika tali miżuri għall-investiment kopert wara li jkun ġie stabbilit jew akkwistat.

7 Dawn is-servizzi jinkludu servizzi meta l-inġenju tal-ajru jkun qed jintuża biex iġorr attivitajiet speċjalizzati f'setturi li jinkludu l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-fotografija, is-servejing, l-immappjar, il-forestrija, l-osservazzjoni u l-ippattuljar, jew ir-reklamar, jekk l-attività speċjalizzata tiġi fornuta mill-persuna li hija responsabbli għall-operazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

4. Jistgħu jitressqu pretensjonijiet minn investitur taħt dan il-Kapitolu biss b'konformità mal-Artikolu 8.18, u b'osservanza tal-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima F. Il-pretensjonijiet fir-rigward ta' obbligu stabbilit fit-Taqsima B huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima F. Il-pretensjonijiet taħt it-Taqsima C fir-rigward tal-istabbiliment jew l-akkwiżizzjoni ta' investiment kopert huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima F. It-Taqsima D tapplika biss għal investiment kopert u għal investituri fir-rigward tal-investiment kopert tagħhom.

5. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt il-*Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha*, magħmul fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2009 u f'Ottawa fit-18 ta' Diċembru 2009.

ARTIKOLU 8.3

Ir-relazzjoni ma' kapitoli oħrajn

1. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri adottati jew miżmuma minn Parti sal-punt li l-miżuri japplikaw għal investituri jew għall-investimenti tagħhom koperti mill-Kapitolu Tlettax (Servizzi Finanzjarji).

2. Rekwiżit minn Parti li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jirreġistra bond jew forma oħra ta' garanzija finanzjarja bħala kundizzjoni biex iforni servizz fit-territorju tiegħu fih innifsu ma jrendix dan il-Kapitolu applikabbli għal miżuri adottati jew miżmuma mill-Parti rigward id-dispożizzjoni ta' dak is-servizz transfruntier. Dan il-Kapitolu japplika għal miżuri adottati jew miżmuma mill-Parti rigward il-bond jew garanzija finanzjarja determinati sal-punt li tali bond jew garanzija finanzjarja jkun/tkun investiment kopert.

TAQSIMA B

Stabbiliment ta' investimenti

ARTIKOLU 8.4

Aċċess għas-suq

1. Parti ma tadottax jew iżżomm fir-rigward ta' aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment minn investitur tal-Parti l-oħra, abbażi tat-territorju kollu tagħha jew abbażi tat-territorju tal-livell ta' gvern nazzjonali, provinċjali, territorjali, reġjonali jew lokali, miżura li:

(a) timponi limitazzjonijiet fuq:

(i) l-għadd ta' intrapriżi li jistgħu jwettqu attività ekonomika speċifika kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji. fornituri esklużivi kif ukoll jekk fir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet jew assi fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iii) l-għadd totali ta’ operazzjonijiet jew il-kwantità totali ta’ produzzjoni mfissra f’termini ta’ unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta’ kwoti jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi[8];

(iv) il-parteċipazzjoni ta’ kapital barrani f’termini ta’ limitu perċentwali massimu fuq ishma f’idejn barranin jew il-valur totali ta’ investiment barrani individwali jew aggregat; jew

(v) l-għadd totali ta’ persuni fiżiċi li jistgħu jiġu mpjegati f’settur partikolari jew li intrapriża tista’ timpjega u li huma meħtieġa għall-prestazzjoni ta’ attività ekonomika, u direttament relatati magħha, fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(b) tillimita jew teħtieġ tipi speċifiċi ta’ entitajiet legali jew intrapriżi konġunti li permezz tagħhom intrapriża tista’ twettaq attività ekonomika.

2. Għal aktar ċertezza, dawn li ġejjin huma konsistenti mal-paragrafu 1:

(a) miżura li tikkonċerna r-regolamenti ta' żonar u ppjanar li jkollha impatt fuq l-iżvilupp jew l-użu tal-art, jew miżura oħra analoga;

[8] Is-sub-subparagrafi 1(a) (i), (ii) u (iii) ma jkoprux miżuri li jittieħdu sabiex tkun limitata l-produzzjoni ta' prodott agrikolu.

(b) miżura li teħtieġ is-separazzjoni tas-sjieda ta' infrastruttura mis-sjieda tal-prodotti jew tas-servizzi fornuti permezz ta' dik l-infrastruttura sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, it-trasportazzjoni u t-telekomunikazzjonijiet;

(c) miżura li tirrestrinġi l-konċentrazzjoni tas-sjieda sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

(d) miżura li tfittex li tiżgura l-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent, inkluż limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew esklużjoni;

(e) miżura li tillimita l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba limitazzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju, l-ispettru u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjoni; jew

(f) miżura li teħtieġ li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

ARTIKOLU 8.5

Rekwiżiti ta' prestazzjoni

1. Parti ma għandhiex timponi, jew tinforza r-rekwiżiti li ġejjin, jew tinforza impenn jew irbit, b'konnessjoni mal-istabbiliment, l-akkwiżizzjoni, l-espansjoni, it-tmexxija, l-operazzjoni, u l-ġestjoni ta' kull investiment fit-territorju tagħha biex:

(a) jiġi esportat ċertu livell jew perċentwal ta' prodott jew servizz;

(b) jinkiseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(c) jinxtara, jintuża jew tingħata preferenza lil prodott li jinħadem jew servizz li jingħata fit-territorju tagħha, jew li jinxtara prodott jew servizz minn persuni fiżiċi jew intrapriżi fit-territorju tagħha;

(d) issir relazzjoni bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mal-investiment;

(e) issir restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' prodott jew servizz fit-territorju tagħha li jipproduċi jew jipprovdi investiment billi ssir relazzjoni bejn dak il-bejgħ u l-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet tiegħu jew id-dħul li jagħmel mill-munita barranija;

(f) isir trasferiment ta' teknoloġija, ta' proċess ta' produzzjoni jew ta' għarfien riżervat lil persuna fiżika jew intrapriża fit-territorju tagħha; jew

(g) jiġi fornut esklussivament mit-territorju tal-Parti prodott li jinħadem jew servizz li jingħata mill-investiment lil suq reġjonali jew globali speċifiku.

2. Parti ma għandhiex torbot b'kundizzjoni li jingħata jew jibqa' jingħata vantaġġ, b'konnessjoni mal-istabbiliment, l-akkwiżizzjoni, l-espansjoni, il-ġestjoni, il-kondotta jew l-operazzjoni ta' kull investiment fit-territorju tagħha, mal-konformità ma' xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) biex jinkiseb ċertu livell jew perċentwal ta' kontenut domestiku;

(b) biex jinxtara, jintuża jew tingħata preferenza lil prodott li jinħadem fit-territorju tagħha, jew li jinxtara prodott minn produttur fit-territorju tagħha;

(c) biex issir relazzjoni bejn il-volum jew il-valur tal-importazzjonijiet mal-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet jew mal-ammont relatat mad-dħul tal-munita barranija assoċjati mal-investiment; jew

(d) biex issir restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' prodott jew servizz fit-territorju tagħha li jipproduċi jew jipprovdi investiment billi ssir relazzjoni bejn dak il-bejgħ u l-volum jew il-valur tal-esportazzjonijiet tiegħu jew id-dħul li jagħmel mill-munita barranija.

3. Il-paragrafu 2 ma jipprekludix Parti milli torbot b'kundizzjoni li jingħata jew jibqa' jingħata vantaġġ, b'konnessjoni ma' investiment fit-territorju tagħha, mal-konformità ma' rekwiżit li produzzjoni, il-forniment ta' servizz, it-taħriġ jew l-impjieg ta' ħaddiema, il-kostruzzjoni jew l-espansjoni ta' faċilitajiet partikolari, jew li titwettaq riċerka u żvilupp ikunu lokalizzati fit-territorju tagħha.

4. Is-subparagrafu 1(f) ma japplikax jekk ir-rekwiżit ikun impost jew l-impenn jew l-irbit ikun infurzat mill-qorti, tribunal amministrattiv jew awtorità tal-kompetizzjoni sabiex jiġi rimedjat ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni.

5. Il-provvedimenti ta':

(a) is-subparagrafi 1(a), (b) u (c), u 2 (a) u (b), ma japplikawx għal rekwiżiti ta' kwalifika għal prodott jew servizz fir-rigward ta' parteċipazzjoni fil-promozzjoni tal-esportazzjoni u programmi dwar l-għajnuna barranija;

(b) dan l-Artikolu ma japplikax għall-akkwisti minn Parti ta' prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bl-iskop ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-iskop ta' użu fil-forniment ta' prodott jew servizzi għall-bejgħ kummerċjali, sew jekk l-akkwist huwa "akkwist kopert" jew mhuwiex skont it-tifsira tal-Artikolu 19.2 (Kamp ta' applikazzjoni u kopertura).

6. Għal aktar ċertezza, is-subparagrafi 2(a) u (b) ma japplikawx għar-rekwiżiti imposti minn Parti li timporta rigward il-kontenut ta' prodott neċessarju biex jikkwalifika għal tariffi preferenzjali jew għal kwoti preferenzjali.

7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-impenji ta' Parti għall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

TAQSIMA C

Trattament nondiskriminatorju

ARTIKOLU 8.6

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti tagħti lil investitur tal-Parti l-oħra u lil investiment kopert, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili għal dawn, lill-investituri tagħha stess u lill-investimenti tagħhom fir-rigward tal-istabbiliment, l-akkwiżizzjoni, l-espansjoni, it-tmexxija, l-operazzjoni, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, u l-bejgħ jew id-disponiment tal-investimenti tagħhom fit-territorju tagħha.

2. It-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafu 1 ifisser, fir-rigward ta' gvern fil-Kanada apparti dak fil-livell federali, jew, fir-rigward ta' gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' gvern fiha, trattament mhux inqas favorevoli minn dak l-aktar favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lil investituri ta' dik il-Parti fit-territorju tagħha u lil investimenti ta' tali investituri.

ARTIKOLU 8.7

Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit

1. Kull Parti għandha tagħti lil investitur tal-Parti l-oħra u lil investiment kopert, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattament li hija tagħti, f'sitwazzjonijiet simili għal dawn, lill-investituri ta' pajjiż terz u lill-investimenti tagħhom fir-rigward tal-istabbiliment, l-akkwiżizzjoni, l-espansjoni, it-tmexxija, l-operazzjoni, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, u l-bejgħ jew id-disponiment tal-investimenti tagħhom fit-territorju tagħha.

2. Għal aktar ċertezza, it-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafu 1 ifisser, fir-rigward ta' gvern fil-Kanada apparti dak fil-livell federali, jew, fir-rigward ta' gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' gvern fiha, trattament mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lil investituri fit-territorju tagħha, u lil investimenti ta' tali investituri, ta' pajjiż terz.

3 Il-paragrafu 1 ma japplikax għal trattament mogħti minn Parti li tipprovdi għal rikonoxximent, inkluż permezz ta' arranġament jew ftehim ma' pajjiż terz li jirrikonoxxi l-akkreditazzjoni ta' servizzi tal-ittestjar jew tal-analiżi u forniturи ta' servizzi, l-akkreditazzjoni ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni u servizzi ta' forniturи, kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki jew tar-riżultati tax-xogħol magħmul minn dawk is-servizzi akkreditati u l-forniturи tas-servizzi.

4. Għal aktar ċertezza, it-"trattament" imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jinkludix il-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim li jirrigwarda l-investiment bejn l-investituri u l-istat previsti fi trattati internazzjonali ta' investiment oħrajn u fi ftehimiet kummerċjali oħrajn. Obbligi sostantivi fi trattati internazzjonali oħrajn u ftehimiet kummerċjali oħrajn fihom infushom ma jikkostitwixxux "trattament", u għaldaqstant ma jistgħux iwasslu għal ksur ta' dan l-Artikolu, miżuri assenti adottati jew miżmuma minn Parti skont dawk l-obbligi.

ARTIKOLU 8.8

Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi

Parti ma għandhiex tirrikjedi li intrapriża ta' dik il-Parti, li tkun ukoll investiment kopert, taħtar fil-maniġment superjuri jew fil-bord tad-diretturi, persuni fiżiċi ta' xi nazzjonalità partikolari.

TAQSIMA D

Protezzjoni ta' investiment

ARTIKOLU 8.9

Miżuri ta' investiment u regolatorji

1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt ta' regolamentazzjoni fit-territorji tagħhom sabiex jiksbu objettivi leġittimi ta' politika, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent jew tal-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali.

2. Għal aktar ċertezza, il-fatt biss li Parti tirregola, inkluż permezz tal-modifika tal-liġijiet tagħha, b'mod li jkollu impatt negattiv fuq investiment jew jinterferixxi mal-aspettattivi ta' investitur, inkluż l-aspettattivi ta' profitt, ma jammontax għal ksur ta' obbligu taħt din it-Taqsima.

3. Għal aktar ċertezza, id-deċiżjoni ta' Parti li ma toħroġx, ma ġġeddidx jew ma żżommx sussidju:

(a) fin-nuqqas ta' kull impenn speċifiku skont il-liġi jew kuntratt li toħroġ, iġġedded, jew iżżomm dak is-sussidju; jew

(b) skont kwalunkwe termini jew kundizzjonijiet marbutin mal-ħruġ, it-tiġdid jew iż-żamma tas-sussidju,

ma tikkostitwixxix ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

4. Għal aktar ċertezza xejn f'din it-Taqsima ma għandu jiġi interpretat bħala li ma jippermettix lil xi Parti milli ma tkomplix bl-għoti ta' sussidju[9] jew li titlob għal rimborż meta tali miżura tkun meħtieġa għall-komformità ma' obbligi internazzjonali bejn il-Partijiet jew tkun ġiet ordnata minn qorti kompetenti, tribunal amministrattiv jew minn awtorità kompetenti oħra[10], jew li tkun teħtieġ li dik il-Parti tikkumpensa lill-investitur għal dan.

[9] Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, "sussidju" tinkludi "għajnuna mill-istat" kif iddefinit fil-liġi tagħha.

[10] Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, "awtorità kompetenti" hija l-Kummissjoni Ewropea, b'konformità mal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 8.10

Trattament ta' investituri u ta' investimenti koperti

1. Fit-territorju tagħha kull Parti għandha tagħti lil investimenti koperti tal-Parti l-oħra u lil investituri fir-rigward tal-investimenti koperti tagħhom trattament ġust u ekwu u protezzjoni sħiħa skont il-paragrafi minn 2 sa 7.

2. Parti tikser l-obbligu ta' trattament ġust u ekwu msemmi fil-paragrafu 1 jekk miżura jew sensiela ta' miżuri jkunu jikkostitwixxu:

(a) ċaħda tal-ġustizzja fi proċedimenti kriminali, ċivili jew amministrattivi;

(b) ksur fundamentali tal-proċess dovut, inkluż ksur fundamentali tat-trasparenza, fil-proċedimenti ġudizzjarji u amministrattivi;

(c) arbitrarjetà manifesta;

(d) diskriminazzjoni mmirata abbażi ta' raġunijiet manifestament żbaljati, bħal sess, razza jew twemmin reliġjuż;

(e) trattament abbużiv ta' investituri, bħal koerċizzjoni, forza u intimidazzjoni; jew

(f) ksur ta' kwalunkwe element ieħor tal-obbligu ta' trattament ġust u ekwu adottat mill-Partijiet skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Partijiet għandhom regolarment, jew wara talba ta' Parti, jagħmlu rieżami tal-kontenut tal-obbligu biex jipprovdu trattament ġust u ekwu. Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment, stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(b) (Kumitati speċjalizzati), jista' jiżviluppa rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward u jressaqhom lill-Kumitat Konġunt CETA għal deċiżjoni.

4. Meta jkun qed japplika l-obbligu ta' hawn fuq dwar it-trattament ġust u ekwu, it-Tribunal jista' jikkunsidra jekk Parti tkunx għamlet rappreżentazzjoni speċifika lil investitur biex tħajru jagħmel investiment kopert, li tkun ħolqot aspettattiva leġittima, u li ddependa fuqha l-investitur meta ddeċieda li jagħmel jew iżomm l-investiment kopert, iżda li dik il-Parti tkun sussegwentement sfrattat.

5. Għal aktar ċertezza, "protezzjoni sħiħa u sigurtà sħiħa" tirreferi għall-obbligi ta' Parti marbutin mas-sigurtà fiżika tal-investituri u l-investimenti koperti.

6. Għal aktar ċertezza, ksur ta' dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, jew ta' ftehim internazzjonali separat, ma jistabbilixxix ksur ta' dan l-Artikolu.

7. Għal aktar ċertezza, il-fatt li miżura tikser il-liġi domestika, fiha nfisha ma tistabbilixxix ksur ta' dan l-Artikolu. Sabiex jiġi aċċertat jekk il-miżura tiksirx dan l-Artikolu, it-Tribunal jeħtieġ jikkunsidra jekk Parti tkunx aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-obbligi fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 8.11

Kumpens għat-telf

Minkejja l-Artikolu 8.15.5(b), kull Parti għandha tagħti lil investituri tal-Parti l-oħra, li l-investimenti koperti tagħhom iġarrbu telf minħabba kunflitt armat, kunflitt ċivili, stat ta' emerġenza jew diżastru naturali fit-territorju tagħha, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lill-investituri tagħha stess jew lill-investituri ta' pajjiż terz, liema wieħed huwa l-aktar favorevoli għall-investitur ikkonċernat, f'dak li jirrigwarda restituzzjoni, indemnifikazzjoni, kumpens jew saldu ieħor.

ARTIKOLU 8.12

Esproprjazzjoni

1. Parti ma għandhiex tinnazzjonalizza jew tesproprja investiment kopert kemm direttament kif ukoll indirettament permezz ta' miżuri li jkollhom impatt ekwivalenti għal nazzjonalizzazzjoni jew esproprjazzjoni ("esproprjazzjoni"), ħlief:

(a) għal skop pubbliku;

(b) taħt proċess ġust skont i-liġi;

(c) b'manjiera mhux diskriminatorja; kif ukoll

(d) abbażi ta' pagament ta' kumpens f'waqtu, adegwat u effettiv.

Għal aktar ċertezza, dan l-Artikolu għandu jiġi interpretat f'konformità mal-Anness 8-A.

2. Il-kumpens imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun jammonta għall-valur ġust tas-suq tal-investiment fiż-żmien immedjatament qabel li l-esproprjazzjoni kienet saret magħrufa, skont liema jiġi l-ewwel. Il-kriterji ta' valutazzjoni għandhom jinkludu l-valur ta' negozju avvjat, il-valur tal-assi inkluż il-valur tassabbli dikjarat tal-propjetà tanġibbli, u kriterji oħra, kif xieraq, sabiex jiġi ddeterminat il-valur ġust tas-suq.

3. Il-kumpens għandu jinkludi wkoll l-interess b'rata kummerċjali normali mid-data tal-esproprjazzjoni sad-data tal-pagament u għandu, sabiex ikun effettiv għall-investitur, jitħallas u jsir trasferibbli, mingħajr dewmien, għall-pajjiż nominat mill-investitur u fil-munita tal-pajjiż li tiegħu l-investitur huwa ċittadin jew fi kwalunkwe munita faċilment konvertibbli aċċettata mill-investitur.

4. L-investitur milqut għandu jkollu d-dritt, skont il-liġi tal-Parti li tkun qed tesproprja, għal rieżami f'waqtu tal-pretensjoni tiegħu u tal-valutazzjoni tal-investiment tiegħu, minn awtorità ġudizzjarja jew independenti ta' dik il-Parti b'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu.

5. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji maħruġa b'rabta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, sal-punt li dan il-ħruġ ikun konformi mal-Ftehim TRIPS.

6. Għal aktar ċertezza, ir-revoka, il-limitazzjoni jew il-ħolqien ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sal-punt li dawn il-miżuri jkunu konsistenti mal-Ftehim TRIPS u l-Kapitolu Għoxrin (Proprjetà Intellettwali), ma jikkostitwixxux esproprjazzjoni. Barra minn hekk, determinazzjoni li dawn il-miżuri mhumiex konsistenti mal-Ftehim TRIPS jew mal-Kapitolu Għoxrin (Proprjetà Intellettwali) ma tistabbilixxix esproprjazzjoni.

ARTIKOLU 8.13

Trasferimenti

1. Kull Parti għandha tippermetti li t-trasferimenti kollha li jirrigwardaw investiment kopert isiru mingħajr restrizzjoni jew dewmien u f'munita liberament konvertibbli u fir-rata tal-kambju tas-suq li kienet applikabbli fid-data tat-trasferiment. Dawn it-trasferimenti għandhom jinkludu:

(a) il-kontribuzzjonijiet għall-kapital bħal fondi prinċipali u addizzjonali biex imantnu, jiżviluppaw jew iżidu l-investiment;

(b) il-profitti, id-dividendi, l-interessi, il-gwadanji kapitali, il-ħlas tad-drittijiet, it-tariffi tal-ġestjoni, l-assistenza teknika u tariffi oħra, jew forom oħra ta' redditi jew ammonti derivati minn investiment kopert;

(c) id-dħul mill-bejgħ jew il-likwidazzjoni tal-investiment kopert kollu kemm hu jew parti minnu;

(d) pagamenti magħmula skont kuntratt li ffirma l-investitur jew l-investiment kopert, inklużi l-pagamenti magħmula skont ftehim ta' self;

(e) il-pagamenti li jsiru skont l-Artikoli 8.11 u 8.12;

(f) il-qligħ u remunerazzjoni oħra ta' persunal barrani li jkun impjegat b'konnessjoni ma' investiment; kif ukoll

(g) pagamenti għal danni skont deċiżjoni ta' arbitraġġ skont it-Taqsima F.

2. Parti ma għandhiex teħtieġ li l-investituri tagħha jittrasferixxu, jew tippenalizza lill-investituri meta ma jittrasferixxux, id-dħul, il-qligħ, il-profitti jew ammonti oħra derivati minn investimenti fit-territorju tal-Parti l-oħra, jew attribwiti lil dawn l-investimenti.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat biex jipprekludi Parti milli tapplika b'manjiera ekwa u mhux diskriminatorja u b'mod li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq it-trasferiment, fil-liġijiet tagħha fir-rigward ta':

(a) falliment, insolvenza, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-krediturі;

(b) il-ħruġ, il-kummerċ jew in-negozjar f'titoli;

(c) reati kriminali jew penali;

(d) ir-rapportar finanzjarju jew iż-żamma tar-rekords tat-trasferimenti meta jkunu meħtieġa sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji; kif ukoll

(e) it-twettiq ta' sentenzi fi proċedimenti ġudizzjarji.

ARTIKOLU 8.14

Surroga

Jekk Parti, jew aġenzija ta' Parti, tagħmel pagament taħt indennizz, garanzija jew kuntratt ta' assigurazzjoni li tkun daħlet fih fir-rigward ta' investiment li jkun sar minn wieħed mill-investituri tagħha fit-territorju tal-Parti l-oħra, il-Parti l-oħra għandha tirrikonoxxi li l-Parti jew l-aġenzija tagħha jkunu intitolati f'kull ċirkostanza għall-istess drittijiet bħal dawk tal-investitur fir-rigward tal-investiment, Dawn id-drittijiet surrogati jistgħu jitħaddmu mill-Parti jew minn aġenzija jew mill-investitur, jekk il-Parti jew l-aġenzija ta' dik il-Parti jawtorizzaw hekk.

TAQSIMA E

Riżervi u eċċezzjonijiet

ARTIKOLU 8.15

Riżervi u eċċezzjonijiet

1. L-Artikoli minn 8.4 sa 8.8 ma japplikawx għal:

(a) miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Iskeda tal-Anness I tagħha;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha;

(iii) gvern provinċjali, territorjali, jew reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha; jew

(iv) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a) sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli minn 8.4 sa 8.8.

2. L-Artikoli minn 8.4 sa 8.8 ma japplikawx għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' settur, subsettur jew attività, kif stabbilit fl-Iskeda tal-Anness II tagħha.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 8.10 u 8.12, Parti ma għandhiex tadotta miżura jew sensiela ta' miżuri wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u koperta bl-Iskeda tal-Anness II tagħha, li jirrikjedu direttament jew indirettament, li investitur tal-Parti l-oħra, minħabba nazzjonalità, ibiegħ jew altrimenti jiddisponi minn investiment li kien jeżisti fil-mument meta l-miżura jew sensiela ta' miżuri jkunu daħlu fis-seħħ.

4. Fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, Parti tista' tidderoga mill-Artikoli 8.5.1(f), 8.6, u 8.7 jekk, permess bil-Ftehim TRIPS, inkluż kull emenda għall-Ftehim TRIPS fis-seħħ għaż-żewġ Partijiet, kif ukoll rinunzji għall-Ftehim TRIPS adottati skont l-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO.

5. L-Artikoli 8.4, 8.6, 8.7 u 8.8 ma japplikawx għal:

(a) akkwisti minn Parti ta’ prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bl-iskop ta’ bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-iskop ta’ użu fil-forniment ta’ prodott jew servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist huwa "akkwist kopert" kif ukoll jekk mhuwiex skont it-tifsira tal-Artikolu 19.2 (Kamp ta’ applikazzjoni u kopertura); jew

(b) sussidji, jew sostenn tal-gvern fir-rigward ta' kummerċ fis-servizzi, pprovduti minn Parti.

ARTIKOLU 8.16

Ċaħda ta' benefiċċji

Parti tista' tiċħad il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu lil investitur tal-Parti l-oħra li jkun intrapriża ta' dik il-Parti u lill-investimenti ta' dak l-investitur jekk:

(a) investitur ta' pajjiż terz għandu s-sjieda jew jikkontrolla l-intrapriża; kif ukoll

(b) il-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz li:

(i) tirrigwarda ż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali; kif ukoll

(ii) tipprojbixxi tranżazzjonijiet mal-intrapriża jew li tipproduċi ksur jew ċirkomvenzjoni jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lill-intrapriża jew lill-investimenti tagħha.

ARTIKOLU 8.17

Rekwiżiti formali

Minkejja l-Artikoli 8.6 u 8.7, Parti tista' teħtieġ li investitur tal-Parti l-oħra, jew l-investiment kopert tiegħu, jipprovdi informazzjoni ta' rutina li tikkonċerna dak l-investiment għall-għan waħdieni ta' informazzjoni u statistika, sakemm dawn it-talbiet ikun raġonevoli u mhux ta' piż bla bżonn. Il-Parti għandha tipproteġi informazzjoni li hija kunfidenzjali jew protetta minn kull divulgazzjoni li tippreġudika l-qagħda kompetittiva tal-investitur jew tal-investiment kopert. Dan il-paragrafu ma jipprekludix Parti milli altrimenti tikseb jew tiddivulga informazzjoni b'konnessjoni mal-applikazzjoni ekwa u *in bona fede* tal-liġijiet tagħha.

TAQSIMA F

Ir-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment bejn l-investituri u l-istati

ARTIKOLU 8.18

Kamp ta' applikazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt il-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim), investitur ta' Parti jista' jressaq quddiem it-Tribunal ikkostitwit taħt din it-Taqsima pretensjoni li l-Parti l-oħra kisret obbligu taħt:

(a) it-Taqsima C, fir-rigward tal-espansjoni, il-kondotta, l-operazzjoni, il-ġestjoni, il-manutenzjoni, l-użu, it-tgawdija, u l-bejgħ jew id-disponiment tal-investiment kopert tiegħu, jew

(b) Taqsima D,

fejn l-investitur jiddikjara li jkun sofra telf jew dannu bħala riżultat tal-ksur allegat.

2. Pretensjonijiet taħt is-subparagrafu 1(a) fir-rigward tal-espansjoni ta' investiment kopert jistgħu jitressqu biss sakemm il-miżura tkun relatata mal-operazzjonijiet kummerċjali eżistenti ta' investiment kopert u l-investitur, bħala riżultat, ikun ġarrab telf jew dannu fir-rigward tal-investiment kopert.

3. Għal aktar ċertezza, investitur ma jistax iressaq pretensjoni taħt din it-Taqsima jekk l-investiment ikun sar permezz ta' dikjarazzjoni falza, ħabi, korruzzjoni, jew kondotta doluża li jammontaw għal abbuż tal-proċess.

4. Pretensjoni fir-rigward tar-ristrutturar ta' dejn maħruġ minn Parti tista' titressaq taħt din it-Taqsima biss b'konformità mal-Anness 8-B.

5. It-Tribunal ikkostitwit taħt din it-Taqsima ma jiddeċidix pretensjonijiet li jaqgħu barra mill-ambitu ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 8.19

Konsultazzjonijiet

1. It-tilwim għandu safejn possibbli jiġi solvut amikevolment. Jista' jkun hemm qbil dwar tilwim f'kull ħin, anke wara li l-pretensjoni tkun ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 8.23. Sakemm il-Partijiet fil-kawża ma jaqblux li jtawwlu ż-żmien, il-konsultazzjonijiet jinżammu fi żmien 60 jum minn meta titressaq it-talba għal konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 4.

2. Sakemm il-partijiet fil-kawża ma jaqblux mod ieħor, il-post tal-konsultazzjonijiet ikun:

(a) Ottawa, jekk il-miżuri kkontestati jkunu miżuri tal-Kanada;

(b) Brussell, jekk il-miżuri kkontestati jkunu jinkludu miżura tal-Unjoni Ewropea; jew

(c) il-belt kapitali tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea, jekk il-miżuri kkontestati jkunu miżuri esklussivament ta' dak l-Istat Membru.

3. Il-partijiet fil-kawża jistgħu jagħmlu l-konsultazzjonijiet permezz ta' vidjokonferenzi jew mezzi oħra fejn xieraq, bħal fil-każ fejn l-investitur huwa intrapriża żgħira jew ta' daqs medju.

4. L-investitur iressaq lill-Parti l-oħra talba għal konsultazzjonijiet filwaqt li jistabbilixxi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-investitur u, fejn din it-talba titressaq f'isem intrapriża stabbilita lokalment, l-isem, l-indirizz, u l-post ta' inkorporazzjoni tal-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) jekk ikun hemm iktar minn investitur wieħed, l-isem u l-indirizz ta' kull investitur u, jekk ikun hemm iktar minn intrapriża waħda stabbilita lokalment, l-isem, l-indirizz, u l-post ta' inkorporazzjoni ta' kull intrapriża stabbilita lokalment;

(c) id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li allegatament ġew miksura;

(d) il-bażi ġuridika u fattwali għall-pretensjoni, inkluż il-miżuri fil-kwistjoni; kif ukoll

(e) ir-rimedju li qed ifittex u l-ammont stmat tad-danni.

It-talba għal konsultazzjonijiet għandha tinkludi evidenza li tistabbilixxi li l-investitur huwa investitur tal-Parti l-oħra u li jippossjedi jew jikkontrolla l-investiment inkluż, jekk applikabbli, li huwa jippossjedi jew jikkontrolla l-intrapriża stabbilita lokalment li f'isimha qed titressaq it-talba.

5. Ir-rekwiżiti tat-talba għal konsultazzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4 għandhom jiġu ssodisfati bi speċifiċità suffiċjenti sabiex il-konvenut ikun jista' effettivament jipparteċipa fil-konsultazzjonijiet u jħejji għad-difiża tiegħu.

6. Talba għal konsultazzjonijiet għandha tiġi ppreżentata fi żmien:

(a) tliet snin mid-data li fiha l-investitur jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, ikunu akkwistaw għall-ewwel darba jew kellhom jakkwistaw għall-ewwel darba, għarfien dwar il-ksur allegat u għarfien li l-investitur jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, ikunu b'hekk ġarrbu telf jew dannu; jew

(b) sentejn wara li investitur jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, ikun waqaf milli jsegwi pretensjonijiet jew proċedimenti quddiem tribunal jew qorti taħt il-liġi ta' Parti, jew fejn tali proċedimenti jkunu altrimenti ntemmu u, f'kull każ, mhux aktar tard minn 10 snin mid-data li fiha l-investitur jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment, tkun akkwistat għall-ewwel darba jew kellha takkwista għall-ewwel darba, għarfien dwar il-ksur allegat u għarfien li l-investitur ikun b'hekk ġarrab telf jew dannu.

7. Talba għal konsultazzjonijiet rigward ksur allegat mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tintbagħat mill-Unjoni Ewropea.

8. Fil-każ li l-investitur ma jkunx ressaq pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 fi żmien 18-il xahar minn meta jkun ressaq it-talba għal konsultazzjonijiet, l-investitur jitqies li rtira t-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, l-avviż formali tiegħu li jitlob għal deċiżjoni mill-konvenut, u ma għandux iressaq pretensjoni taħt din it-Taqsima fir-rigward tal-istess miżuri. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-qbil tal-partijiet fil-kawża.

ARTIKOLU 8.20

Medjazzjoni

1. F'kull ħin, il-partijiet fil-kawża jistgħu jaqblu li jirrikorru għal medjazzjoni.

2. Ir-rikors għal medjazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni jew għad-drittijiet ġuridiċi ta' kull waħda mill-partijiet fil-kawża taħt dan il-Kapitolu u huwa ggwidat mir-regoli li jaqblu dwarhom il-partijiet fil-kawża, inklużi, jekk disponibbli, ir-regoli għal medjazzjoni adottati mill-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment skont l-Artikolu 8.44.3(c).

3. Il-medjatur jinħatar bil-qbil tal-partijiet fil-kawża. Il-partijiet fil-kawża jistgħu jitolbu wkoll li s-Segretarju Ġenerali tal-ICSID jaħtar medjatur.

4. Il-partijiet fil-kawża għandhom jistinkaw biex jilħqu soluzzjoni tat-tilwima fi żmien 60 jum mill-ħatra tal-medjatur.

5. Jekk il-partijiet fil-kawża jaqblu li jirrikorru għall-medjazzjoni, l-Artikoli 8.19.6 u 8.19.8 ma għandhomx japplikaw mid-data li fiha l-partijiet fil-kawża jkunu qablu li jirrikorru għall-medjazzjoni sad-data li fiha waħda mill-partijiet fil-kawża tiddeċiedi li tittermina l-medjazzjoni. Deċiżjoni minn parti fil-kawża li tittermina l-medjazzjoni għandha tiġi trażmessa permezz ta' ittra lill-medjatur u lill-parti l-oħra fil-kawża.

ARTIKOLU 8.21

Determinazzjoni tal-konvenut f'tilwimiet mal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha

1. Jekk ma tinstabx soluzzjoni għat-tilwima fi żmien 90 jum minn meta titressaq it-talba għal konsultazzjonijiet, it-talba tirrigwarda allegat ksur ta' dan il-Ftehim mill-Unjoni Ewropea jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-investitur għandu l-ħsieb li jippreżenta pretensjoni skont l-Artikolu 8.23, l-investitur għandu jibgħat lill-Unjoni Ewropea avviż formali li jitlob determinazzjoni mill-konvenut.

2. L-avviż formali skont il-paragrafu 1 għandu jidentifika l-miżuri li fir-rigward tagħhom l-investitur ikollu l-ħsieb li jressaq pretensjoni.

3. L-Unjoni Ewropea għandha, wara li tkun għamlet determinazzjoni, tinforma lill-investitur dwar jekk hix l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li se jkun il-konvenut.

4. Fil-każ li l-investitur ma jkunx ġie infurmat bid-determinazzjoni fi żmien 50 jum minn meta jibgħat avviż formali fejn jitlob tali determinazzjoni:

(a) jekk il-miżuri identifikati fl-avviż formali jkunu miżuri esklussivament ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru jkun il-konvenut;

(b) jekk il-miżuri identifikati fl-avviż formali jkunu miżuri tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tkun il-konvenut.

5. L-investitur jista' jressaq pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 abbażi tad-determinazzjoni li tkun saret skont il-paragrafu 3 u, jekk ma tiġi kkomunikata l-ebda determinazzjoni lill-investitur, abbażi tal-applikazzjoni tal-paragrafu 4.

6. Jekk l-Unjoni Ewropea jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkun il-konvenut, skont il-paragrafi 3 jew 4 la l-Unjoni Ewropea, u lanqas l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea ma jistgħu jasserixxu l-inammissibilità tal-pretensjoni, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal jew altrimenti joġġezzjonaw għall-pretensjoni jew għad-deċiżjoni ta' arbitraġġ għar-raġuni li l-konvenut ma ġiex determinat kif suppost skont il-paragrafu 3 jew identifikat abbażi tal-applikazzjoni tal-paragrafu 4.

7. It-Tribunal għandu jkun marbut bid-determinazzjoni li tkun saret skont il-paragrafu 3 u, jekk ma tiġi kkomunikata l-ebda determinazzjoni lill-investitur, bl-applikazzjoni tal-paragrafu 4.

ARTIKOLU 8.22

Rekwiżiti proċedurali u oħrajn biex titressaq pretensjoni quddiem it-Tribunal

1. Investitur jista' biss iressaq pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 jekk l-investitur:

(a) jibgħat lill-konvenut, meta jressaq pretensjoni, il-kunsens tiegħu għal soluzzjoni tat-tilwima mit-Tribunal b'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima;

(b) iħalli jgħaddu mill-inqas 180 jum minn meta jressaq it-talba għal konsultazzjonijiet u, jekk applikabbli, mill-inqas iħalli jgħaddu 90 jum minn meta jressaq l-avviż li jitlob għal determinazzjoni tal-konvenut;

(c) ikun issodisfa r-rekwiżiti tal-avviż formali li jitlob determinazzjoni tal-konvenut;

(d) ikun issodisfa r-rekwiżiti relatati mat-talba għal-konsultazzjonijiet;

(e) ma jidentifikax miżura fil-pretensjoni tiegħu li ma tkunx ġiet identifikata fit-talba tiegħu għal konsultazzjonijiet;

(f) jirtira jew iwaqqaf kull pretensjoni jew proċediment quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura li allegatament tkun tikkostitwixxi ksur imsemmi fil-pretensjoni tiegħu; kif ukoll

(g) jirrinunzja d-dritt tiegħu għal kull pretensjoni jew proċediment quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura li allegatament tkun tikkostitwixxi ksur imsemmi fil-pretensjoni tiegħu.

2. Jekk il-pretensjoni mressqa skont l-Artikolu 8.23 hija għal telf jew dannu lil intrapriża stabbilita lokalment jew lil interess f'intrapriża stabbilita lokalment li l-investitur ikollu sjieda tagħha jew jikkontrollaha direttament jew indirettament, ir-rekwiżiti fis-subparagrafi 1(f) u (g) jkunu japplikaw kemm għall-investitur kif ukoll għall-impriża stabbilita lokalment.

3. Ir-rekwiżiti tas-subparagrafi 1(f) u (g) u l-paragrafu 2 ma japplikawx fir-rigward ta' intrapriża stabbilita lokalment jekk il-konvenut jew l-istat ospitanti tal-investitur ikun ċaħħad lill-investitur mill-kontroll tal-intrapriża stabbilita lokalment, jew altrimenti pprekluda lill-intrapriża stabbilita lokalment milli twettaq dawk ir-rekwiżiti.

4. Wara talba tal-konvenut, it-Tribunal għandu jirrifjuta l-ġurisdizzjoni jekk l-investitur jew, kif applikabbli, l-intrapriża stabbilita lokalment ma jwettqux xi wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2.

5. Ir-rinunzja pprovduta skont is-subparagrafu 1(g) jew il-paragrafu 2, kif applikabbli, ma tibqax tapplika:

(a) jekk it-Tribunal jiċħad il-pretensjoni abbażi ta' nuqqas tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-paragrafi 1 jew 2 jew ta' kull raġuni proċedurali jew ġuriżdizzjonali oħra;

(b) jekk it-Tribunal jirrifjuta l-pretensjoni skont l-Artikolu 8.32 jew l-Artikolu 8.33; jew

(c) jekk l-investitur jirtira l-pretensjoni tiegħu, b'konformità mar-regoli applikabbli skont l-Artikolu 8.23.2, fi żmien 12-il xahar minn meta tiġi kkostitwita d-diviżjoni tat-Tribunal.

ARTIKOLU 8.23

Tressiq ta' pretensjoni quddiem it-Tribunal

1. Jekk ma tinstabx soluzzjoni għal tilwima permezz ta' konsultazzjonijiet, tista' tiġi ppreżentata pretensjoni taħt din it-Taqsima minn:

(a) investitur ta' Parti f'ismu stess; jew

(b) investitur ta' Parti, f'isem intrapriża stabbilita lokalment li huwa għandu s-sjieda tagħha jew jikkontrollaha direttament jew indirettament.

2. Pretensjoni tista' titressaq taħt dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) il-Konvenzjoni ICSID u r-Regoli ta' Proċedura għal Proċedimenti ta' Arbitraġġ;

(b) ir-Regoli Addizzjonali tal-Faċilità tal-ICSID jekk il-kundizzjonijiet għall-proċedimenti skont il-paragrafu (a) ma japplikawx;

(c) ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar l-Arbitraġġ; jew

(d) kull regola oħra bi qbil bejn il-partijiet fil-kawża.

3. Fil-każ li l-investitur jipproponi regoli skont is-subparagrafu 2(d), il-konvenut għandu jwieġeb għall-proposta tal-investitur fi żmien 20 jum minn meta jirċievi l-proposta. Jekk il-partijiet fil-kawża ma jaqblux dwar tali regoli fi żmien 30 jum minn meta tasal il-proposta, l-investitur jista' jressaq pretensjoni skont ir-regoli previsti fis-subparagrafu 2(a), (b) jew (c).

4. Għal aktar ċertezza, pretensjoni li titressaq taħt is-subparagrafu 1(b) għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25(1) tal-Konvenzjoni ICSID.

5. L-investitur jista', meta jressaq il-pretensjoni tiegħu, jipproponi li Membru waħdieni tat-Tribunal għandu jisma' l-każ. Il-konvenut għandu jagħti konsiderazzjoni pożittiva lil din it-talba, b'mod partikolari jekk l-investitur ikun intrapriża żgħira jew ta' daqs medju jew il-kumpens jew id-danni mitluba jkunu relattivament baxxi.

6. Ir-regoli applikabbli skont il-paragrafu 2 huma dawk li jkunu fis-seħħ fid-data li fiha titressaq jew jitressqu l-pretensjonijiet quddiem it-Tribunal taħt din it-Taqsima, suġġetti għal regoli speċifiċi stabbiliti f'din it-Taqsima u ssupplimentati minn regoli adottati skont l-Artikolu 8.44.3(b).

7. Pretensjoni tista' titressaq għal soluzzjoni tat-tilwima taħt din it-Taqsima meta:

(a) s-Segretarju Ġenerali tal-ICSID jirċievi t-talba skont l-Artikolu 36(1) tal-Konvenzjoni ICSID;

(b) s-Segretarju Ġenerali tal-ICSID jirċievi t-talba skont l-Artikolu 2 tal-Iskeda C tar-Regoli Addizzjonali tal-Faċilità tal-ICSID;

(c) il-konvenut jirċievi n-notifika skont l-Artikolu 3 tar-Regoli tal-UNCITRAL dwar ir-Regoli tal-Arbitraġġ; jew

(d) il-konvenut jirċievi t-talba jew in-notifika dwar il-bidu ta' proċedimenti skont ir-regoli li dwarhom hemm qbil skont is-subparagrafu 2(d).

8. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-post fejn l-investituri se jintbagħtulhom in-notifiki u dokumenti oħra skont din it-Taqsima. Kull Parti għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun pubblikament disponibbli.

ARTIKOLU 8.24

Proċedimenti taħt ftehim internazzjonali ieħor

Meta titressaq pretensjoni skont din it-Taqsima u ftehim internazzjonali ieħor u:

(a) hemm il-potenzjal ta' duplikazzjoni tal-kumpens; jew

(b) il-pretensjoni internazzjonali l-oħra jkollha impatt sinifikanti fuq is-soluzzjoni tal-pretensjoni mressqa skont din it-Taqsima,

it-Tribunal għandu, malajr kemm jista' jkun wara li jisma' lill-partijiet fil-kawża, iwaqqaf il-proċedimenti tiegħu jew altrimenti jiżgura li l-proċedimenti li jsiru skont ftehim internazzjonali ieħor jiġu kkunsidrati fid-deċiżjoni, ordni jew sentenza tiegħu.

ARTIKOLU 8.25

Il-kunsens li s-soluzzjoni tat-tilwima tinstab mit-Tribunal

1. Il-konvenut jaqbel li t-Tribunal isolvi t-tilwima b'konformità mal-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Il-kunsens skont il-paragrafu 1 u l-pretensjoni li titressaq quddiem it-Tribunal taħt din it-Taqsima għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta':

(a) l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ICSID u l-Kapitolu II tal-Iskeda C tar-Regoli Addizzjonali tal-Faċilità tal-ICSID rigward il-kunsens bil-miktub tal-partijiet fil-kawża; kif ukoll,

(b) l-Artikolu II tal-Konvenzjoni ta' New York għal ftehim bil-miktub.

ARTIKOLU 8.26

Finanzjament minn parti terza

1. Fejn ikun hemm finanzjament minn parti terza, il-parti fil-kawża li tibbenefika minnu għandha tiddivulga lill-parti l-oħra fil-kawża kif ukoll lit-Tribunal l-isem u l-indirizz tal-parti terza li qed tipprovdi l-finanzjament.

2. Id-divulgazzjoni għandha ssir fil-ħin meta titressaq il-pretensjoni, jew, jekk il-ftehim dwar il-finanzjament ikun konkluż jew tkun saret id-donazzjoni jew is-sovvenzjoni, mingħajr dewmien hekk kif jiġi konkluż il-ftehim jew tkun saret id-donazzjoni jew is-sovvenzjoni.

ARTIKOLU 8.27

Kostituzzjoni tat-Tribunal

1. It-Tribunal stabbilit taħt din it-Taqsima għandu jiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet imressqa skont l-Artikolu 8.23.

2. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu, malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, jaħtar ħmistax -il Membru tat-Tribunal. Ħamsa mill-Membri tat-Tribunal għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ħamsa għandhom ikunu ċittadini tal-Kanada[11] u ħamsa ċittadini ta' pajjiżi terzi.

[11] Kull Parti tista' minflok tipproponi li taħtar sa ħames Membri tat-Tribunal ta' kull nazzjonalità. F'dan il-każ, tali Membri tat-Tribunal għandhom jiġu kkunsidrati bħala ċittadini tal-Parti li tkun ipproponiet il-ħatra tagħhom għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jiddeċiedi li jżid jew inaqqas l-għadd ta' membri tat-Tribunal b'multipli ta' tlieta. Ħatriet addizzjonali għandhom isiru fuq l-istess bażi kif previst fil-paragrafu 2.

4. Il-Membri tat-Tribunal għandu jkollhom il-kwalifiki kif meħtieġa mill-pajjiżi rispettivi tagħhom għal ħatra f'kariga ġudizzjarja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu taw prova ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt internazzjonali pubbliku. Preferibbilment għandu jkollhom kompetenzi fil-liġi internazzjonali dwar l-investiment, fil-liġi kummerċjali internazzjonali, u fir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta minn ftehimiet dwar l-investiment jew dwar il-kummerċ internazzjonali.

5. Il-Membri tat-Tribunal maħtura skont din it-Taqsima għandhom jinħatru għal terminu ta' ħames snin, li jiġġedded darba. Madankollu, it-termini ta' sebgħa mill-15-il persuna maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li jiġu ddeterminati bix-xorti, għandhom jiġu estiżi sa sitt snin. Il-postijiet vakanti jimtlew hekk kif jitbattlu. Persuna maħtura biex tissostitwixxi Membru tat-Tribunal li t-terminu tal-ħatra tiegħu ma jkunx għadu skada għandha żżomm il-ħatra għall-kumplament tat-terminu tal-predeċessur. Fil-prinċipju, Membru tat-Tribunal li jservi f'diviżjoni tat-Tribunal, meta t-terminu tiegħu jiskadi jista' jkompli jservi fid-diviżjoni sakemm tingħata d-deċiżjoni finali.

6. It-Tribunal għandu jisma' l-kawżi f'diviżjonijiet li jikkonsistu fi tliet Membri tat-Tribunal, li minnhom wieħed ikun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, wieħed ċittadin tal-Kanada u wieħed ċittadin ta' pajjiż terz. Id-diviżjoni tkun ippreseduta mill-Membru tat-Tribunal li jkun ċittadin ta' pajjiż terz.

7. Fi żmien 90 jum minn meta titressaq il-pretensjoni skont l-Artikolu 8.23, il-President tat-Tribunal għandu jaħtar lill-Membri tat-Tribunal li jiffurmaw id-diviżjoni tat-Tribunal li tisma' l-kawżi fuq bażi ta' rotazzjoni, u jiżgura li l-formazzjoni tad-diviżjonijiet tkun aleatorja u imprevedibbli, filwaqt li jagħti lill-Membri kollha tat-Tribunal opportunità indaqs li jservu.

8. Il-President u l-Viċi President tat-Tribunal għandhom ikunu responsabbli għal kwistjonijiet ta' organizzazzjoni u għandhom ikunu maħtura għal terminu ta' sentejn u jitilgħu bix-xorti minn fost il-Membri tat-Tribunal li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn iservu fuq il-bażi ta' rotazzjoni mtella' bix-xorti mill-President tal-Kumitat Konġunt CETA. Il-Viċi President jissostitwixxi lill-President meta dan ma jkunx disponibbli.

9. Minkejja l-paragrafu 6, il-partijiet fil-kawża jistgħu jaqblu li kawża tinstema' minn Membru wieħed tat-Tribunal li jinħatar bix-xorti minn fost iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi. Il-konvenut għandu jagħti kunsiderazzjoni xierqa lil talba li ssir mir-rikorrent biex il-kawża tinstema' minn Membru waħdieni tat-Tribunal, b'mod partikolari meta r-rikorrent ikun intrapriża żgħira jew ta' daqs medju jew il-kumpens jew danni mitluba jkunu relattivament baxxi. Tali talba għandha ssir qabel ma tiġi kkostitwita d-diviżjoni tat-Tribunal.

10. It-Tribunal jista' jfassal il-proċeduri ta' xogħol tiegħu stess.

11. Il-Membri tat-Tribunal għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli u kapaċi jwettqu l-funzjonijiet tagħhom stabbiliti skont din it-Taqsima.

12. Sabiex tkun żgurata d-dispożizzjoni tagħhom, il-Membri tat-Tribunal għandhom jirċievu ħlas regolari li tiġi ddeterminata mill-Kumitat Konġunt CETA.

13. Il-miżati msemmija fil-paragrafu 12 għandhom jitħallsu indaqs miż-żewġ Partijiet f'kont ġestit mis-Segretarjat tal-ICSID. Fil-każ li waħda mill-Partijiet tonqos li tħallas il-ħlas regolari l-Parti l-oħra tista' toffri li tħallas hi. Tali arretrati minn Parti għandhom jibqgħu pagabbli, bl-imgħax xieraq.

14. Sakemm il-Kumitat Konġunt CETA jadotta deċiżjoni skont il-paragrafu 15, l-ammont tal-miżati u tal-ispejjeż tal-Membri tat-Tribunal f'diviżjoni kkostitwita biex tisma' pretensjoni, li mhumiex il-miżati msemmijin fil-paragrafu 12, ikun dak determinat skont ir-Regolament 14(1) tar-Regolamenti Amministrattivi u Finanzjarji tal-Konvenzjoni ICSID li jkunu fis-seħħ fid-data ta' meta titressaq il-pretensjoni u allokat mit-Tribunal fost il-partijiet fil-kawża skont l-Artikolu 8.39.5.

15. Il-Kumitat Konġunt CETA jista', permezz ta' deċiżjoni, jittrasforma l-ħlas regolari u ġlas ieħor f'salarju regolari, u jiddeċiedi modalitajiet u kundizzjonijiet applikabbli.

16. Is-Segretarjat tal-ICSID għandu jaġixxi bħala Segretarjat għat-Tribunal u jipprovdilu appoġġ xieraq.

17. Jekk il-Kumitat konġunt CETA ma jkunx għamel il-ħatriet skont il-paragrafu 2 fi żmien 90 jum mid-data meta titressaq il-pretensjoni għal soluzzjoni tat-tilwima, is-Segretarju Ġenerali tal-ICSID għandu, wara talba ta' waħda mill-partijiet fil-kawża jaħtar diviżjoni li tkun tikkonsisti fi tliet Membri tat-Tribunal, sakemm il-partijiet fil-kawża ma jaqblux li l-kawża tinstema' minn Membru waħdieni tat-Tribunal. Is-Segretarju Ġenerali tal-ICSID għandu jagħmel il-ħatra permezz ta' għażla aleatorja min-nominazzjonijiet eżistenti. Is-Segretarju Ġenerali tal-ICSID ma jista' jaħtar bħala president la ċittadin Kanadiż u lanqas ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea sakemm il-partijiet fil-kawża ma jaqblux mod ieħor.

ARTIKOLU 8.28

Tribunal tal-Appell

1. Tribunal tal-Appell huwa b'dan stabbilit biex janalizza d-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li jsiru skont din it-Taqsima.

2. It-Tribunal tal-Appell jista' jappoġġa, jimmodifika jew jaqleb deċiżjoni tat-Tribunal abbażi ta':

(a) żbalji fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli;

(b) żbalji evidenti fl-evalwazzjoni tal-fatti, inkluża l-evalwazzjoni tal-liġi domestika rilevanti;

(c) ir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) minn (a) sa (e) tal-Konvenzjoni ICSID, sakemm ma jkunux koperti mill-paragrafi (a) u (b).

3. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jinħatru permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA fl-istess ħin meta tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 7.

4. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8.27.4 u jkunu konformi mal-Artikolu 8.30.

5. Id-diviżjoni tat-Tribunal tal-Appell li tiġi kkonstitwita biex tisma' l-appell tkun tikkonsisti fi tliet Membri tat-Tribunal tal-Appell magħżulin b'mod każwali.

6. L-Artikoli 8.36 u 8.38 għandhom japplikaw għall-proċedimenti quddiem it-Tribunal tal-Appell.

7. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jadotta minnufih deċiżjoni li tistabbilixxi l-kwistjonijiet amministrattivi u organizzattivi li ġejjin fir-rigward tal-funzjonament tat-Tribunal tal-Appell:

(a) l-appoġġ amministrattiv;

(b) il-proċeduri biex jinbdew u jitmexxew l-appelli, u l-proċeduri biex il-kwistjonijiet jiġu riferuti lura lit-Tribunal għal aġġustament tad-deċiżjoni, kif xieraq;

(c) il-proċeduri biex jimtela post battal fit-Tribunal tal-Appell u f'diviżjoni tat-Tribunal tal-Appell ikkostitwita biex tisma' kawża;

(d) ir-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal tal-Appell;

(e) id-dispożizzjonijiet relatati mal-kosti tal-appelli;

(f) l-għadd tal-Membri tat-Tribunal tal-Appell; kif ukoll

(g) kull element ieħor li jiqies neċessarju għall-funzjonament effikaċi tat-Tribunal tal-Appell.

8. Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment għandu perjodikament janalizza l-funzjonament tat-Tribunal tal-Appell u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt CETA. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jirrevedi d-deċiżjoni imsemmija fil-paragrafu 7 jekk meħtieġ.

9. Hekk kif tiġi adottata d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 7:

(a) parti fil-kawża tista' tappella minn deċiżjoni ta' arbitraġġ, mogħtija skont din it-Taqsima quddiem it-Tribunal tal-Appell fi żmien 90 jum minn meta tingħata;

(b) parti fil-kawża ma għandhiex tfittex li twarrab, tannulla, tirrevedi jew tibda xi proċedura simili oħra fir-rigward ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ skont din it-Taqsima;

(c) deċiżjoni ta' arbitraġġ li tingħata skont l-Artikolu 8.39 ma għandhiex tiġi kkunsidrata finali u ma għandha titressaq l-ebda azzjoni għall-infurzar ta' sentenza sakemm jew:

(i) ikunu għaddew 90 jum minn meta t-Tribunal joħroġ id-deċiżjoni u ma jkun inbeda ebda appell;

(ii) ikun inċaħad jew irtirat appell mibdi; jew

(iii) ikunu għaddew 90 jum minn meta t-Tribunal tal-Appell joħroġ id-deċiżjoni u t-Tribunal tal-Appell ma jkunx irrefera l-kwistjoni lura lit-Tribunal;

(d) deċiżjoni finali tat-Tribunal tal-Appell tkun ikkunsidrata bħala d-deċiżjoni finali għall-finijiet tal-Artikolu 8.41; kif ukoll

(e) l-Artikolu 8.41.3 ma għandux japplika.

ARTIKOLU 8.29

L-istabbiliment ta' tribunal tal-investiment multilaterali u ta' mekkaniżmu tal-appell

Il-Partijiet għandhom isegwu flimkien ma' sħab kummerċjali oħra l-istabbiliment ta' tribunal tal-investiment multilaterali u ta' mekkaniżmu tal-appell għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment. Hekk kif jitwaqqaf tali mekkaniżmu multilaterali, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jadotta deċiżjoni li tipprevedi li tilwim dwar l-investiment taħt din it-Taqsima għandu jiġi deċiż skont il-mekkaniżmu multilaterali u jagħmel arranġamenti ta' tranżizzjoni xierqa.

ARTIKOLU 8.30

Etika

1. Il-Membri tat-Tribunal għandhom ikunu indipendenti. Huma ma għandhomx ikunu affiljati ma xi gvern.[12] Huma ma għandhom jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni, jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima. Huma ma għandhomx jipparteċipaw fil-kunsiderazzjoni ta' tilwim li jkun joħloq kunflitt ta' interess dirett jew indirett. Huma għandhom ikunu konformi mal-Linji Gwida tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali Forensi (International Bar Association) dwar il-Kunflitti ta' Interess fl-Arbitraġġ Internazzjonali jew kull regola supplimentari adottata skont l-Artikolu 8.44.2. Barra minn hekk, mal-ħatra, huma għandhom jieqfu milli jagħixxu bħala konsulenti jew esperti jew xhieda maħtura minn parti f'kull kwistjoni ta' investiment kemm pendenti kif ukoll ġdida skont dan il-ftehim jew kull ftehim internazzjonali ieħor.

2. Jekk parti fil-kawża tikkunsidra li Membru tat-Tribunal għandu kunflitt ta' interess, hija tista' tistieden lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja biex joħroġ deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni għall-ħatra ta' tali Membru. Kull avviż formali ta' oġġezzjoni għandu jintbagħat lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tkun ġiet ikkomunikata l-formazzjoni tad-diviżjoni tat-Tribunal lill-parti fil-kawża, jew fi żmien 15-il jum mid-data li fiha l-parti saret taf bil-fatti rilevanti, jekk ma setgħux raġonevolment isiru magħrufa fiż-żmien meta ġiet iffurmata d-diviżjoni. L-avviż formali tal-oġġezzjoni għandu jiddikjara r-raġunijiet għaliex qed issir l-oġġezzjoni.

[12] Għal aktar ċertezza, il-fatt li persuna tirċievi remunerazzjoni mingħand gvern ma jfissirx fih innifsu li l-persuna mhijiex eliġibbli.

3. Jekk, fi żmien15-il jum mid-data tal-avviż formali tal-oġġezzjoni, il-Membru tat-Tribunal ikkontestat jagħżel li ma jirriżenjax mid-diviżjoni, il-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jista', wara li jirċievi sottomissjonijiet mill-partijiet fil-kawża u wara li jipprovdi lill-Membru tat-Tribunal l-opportunità biex iressaq il-kummenti tiegħu, jieħu deċiżjoni dwar l-avviż formali tal-oġġezzjoni. Il-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja għandu jagħmel ħiltu biex joħroġ id-deċiżjoni u jinnotifika lill-partijiet fil-kawża u lill-Membri l-oħra tad-diviżjoni fi żmien 45 jum minn meta jirċievi l-avviż formali ta' oġġezzjoni. Post li jitbattal bħala riżultat ta' skwalifika jew riżenja ta' Membru tat-Tribunal għandu jimtela minnufih.

4. Fuq rakkomandazzjoni mmotivata tal-President tat-Tribunal, jew fuq inizjattiva konġunta tagħhom, il-Partijiet, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA, jistgħu jneħħu Membru mit-Tribunal meta l-komportament tiegħu jew tagħha jkun inkonsistenti mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkompatibbli mas-sħubija kontinwata tiegħu jew tagħha fit-Tribunal.

ARTIKOLU 8.31

Liġi applikabbli u interpretazzjoni

1. Meta jkun qed jagħti d-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal stabbilit taħt din it-Taqsima għandu japplika dan il-Ftehim kif interpretat b'konformità mal-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati u regoli u prinċipji oħra tal-liġi internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet.

2. It-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni biex jiddetermina l-legalità ta' miżura, li allegatament tikkostitwixxi ksur ta' dan il-Ftehim, skont il-liġi domestika ta' Parti. Għal aktar ċertezza, fid-determinazzjoni tal-konsistenza ta' miżura ma' dan il-Ftehim, it-Tribunal jista' jikkunsidra, kif xieraq, il-liġi domestika ta' Parti bħala kwistjoni ta' fatt. Għal dan il-għan, it-Tribunal għandu jsegwi l-interpretazzjoni prevalenti mogħtija lill-liġi domestika mill-qrati jew l-awtoritajiet tal-Parti u kull tifsira mogħtija lill-liġi domestika mit-Tribunal għandha tkun vinkolanti fuq il-qrati jew l-awtoritajiet ta' dik il-Parti.

3. Meta jirriżultaw dubji serji rigward kwistjonijiet ta' interpretazzjoni li jista' jkollhom impatt fuq l-investiment, il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment jista', skont l-Artikolu 8.44.3(a), jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA l-adozzjoni ta' interpretazzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Interpretazzjoni adottata mill-Kumitat Konġunt CETA għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal stabbilit taħt din it-Taqsima. Il-Kumitat Konġunt CETA jista’ jiddeċiedi li interpretazzjoni jkollha effett vinkolanti minn data speċifika.

ARTIKOLU 8.32

Pretensjonijiet manifestament mingħajr meritu ġuridiku

1. Il-konvenut jista', mhux aktar tard minn 30 jum wara li tiġi kkostitwita d-diviżjoni tat-Tribunal, u f'kull każ qabel l-ewwel sessjoni, jippreżenta oġġezzjoni li pretensjoni hija manifestament mingħajr meritu ġuridiku.

2. Oġġezzjoni ma għandhiex tiġi ppreżentata skont il-paragrafu 1 jekk il-konvenut ikun ippreżenta oġġezzjoni skont l-Artikolu 8.33.

3. Il-konvenut għandu jispeċifika b'mod kemm jista' jkun preċiż il-bażi għall-oġġezzjoni.

4. Meta jirċievi oġġezzjoni skont dan l-Artikolu, it-Tribunal għandu jissospendi l-proċedimenti fuq il-meriti u jistabbilixxi skeda biex tiġi kkunsidrata l-oġġezzjoni b'mod konsistenti mal-iskeda tiegħu għall-konsiderazzjoni ta' kull kwistjoni preliminari oħra.

5. It-Tribunal, wara li jagħti l-opportunità lill-partijiet fil-kawża li jippreżentaw il-kummenti tagħhom, għandu, fl-ewwel sessjoni tiegħu jew minnufih wara dan, jagħti deċiżjoni jew deċiżjoni ta' arbitraġġ filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għal dan. Meta jagħmel dan, it-Tribunal jassumi li l-fatti allegati huma minnhom.

6. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtorità tat-Tribunal biex jindirizza oġġezzjonijiet oħrajn bħal kwistjoni preliminari jew id-dritt li konvenut joġġezzjona, matul il-proċediment, li pretensjoni ma għandhiex meritu ġuridiku.

ARTIKOLU 8.33

Pretensjonijiet bla bażi bħala kwistjoni ta’ liġi

1. Mingħajr preġudizzju għall-awtorità tat-Tribunal biex jindirizza oġġezzjonijiet oħra bħal kwistjoni preliminari jew id-dritt tal-konvenut li jqajjem kull tali oġġezzjoni f'mument xieraq, it-Tribunal għandu jindirizza u jiddeċiedi bħala kwistjoni preliminari kull oġġezzjoni mill-konvenut li, bħala kwistjoni ta’ liġi, pretensjoni, jew kwalunkwe parti minnhom, imressqa skont l-Artikolu 8.23 ma tkunx pretensjoni li għaliha tista' tingħata deċiżjoni favur ir-rikorrent taħt din it-Taqsima, anki jekk il-fatti allegati kienu preżunti bħala minnhom.

2. Oġġezzjoni skont il-paragrafu 1 għandha titressaq lit-Tribunal mhux aktar tard mid-data li t-Tribunal jiffissa biex il-konvenut iressaq il-kontrosottomissjoni tiegħu.

3. Jekk oġġezzjoni tkun ġiet imressqa skont l-Artikolu 8.32, it-Tribunal jista', filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi ta' dik l-oġġezzjoni, jagħżel li ma jindirizzax, skont il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu, oġġezzjoni mressqa skont il-paragrafu 1.

4. Malli jirċievi oġġezzjoni skont il-paragrafu 1, u, jekk xieraq, wara li jagħti deċiżjoni skont il-paragrafu 3, it-Tribunal għandu jissospendi kull proċediment fuq il-meriti, jistabbilixxi skeda biex tiġi kkunsidrata l-oġġezzjoni konsistenti ma’ kull skeda li jkun stabbilixxa biex jikkunsidra kull kwistjoni preliminari oħra, u jagħti deċiżjoni jew deċiżjoni ta' arbitraġġ fuq l-oġġezzjoni, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dan.

ARTIKOLU 8.34

Miżuri interim ta' protezzjoni

It-Tribunal jista' jordna miżura interim ta' protezzjoni biex iħares id-drittijiet ta' parti fil-kawża jew biex jiżgura li l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tkun għal kollox effettiva, inkluż digriet biex tiġi mħarsa l-evidenza li tkun tinsab f'idejn jew fil-kontroll ta' parti fil-kawża jew biex il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tkun protetta. It-Tribunal ma għandux jordna sekwestru jew jagħmel inġuzjoni fuq l-applikazzjoni ta' miżura li allegatament tikkostitwixxi ksur imsemmi fl-Artikolu 8.23. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, ordni tinkludi rakkomandazzjoni.

ARTIKOLU 8.35

Diskontinwità

Jekk, wara li titressaq pretensjoni taħt din it-Taqsima, l-investitur ma jieħu l-ebda pass fil-proċediment matul 180 jum konsekuttiv jew tali perjodu li l-partijiet fil-kawża jistgħu jaqblu dwarhom, l-investitur jitqies li jkun irtira l-pretensjoni tiegħu u li ma kompliex bil-proċediment. It-Tribunal għandu, wara talba tal-konvenut, u wara li jintbagħat avviż formali lill-partijiet fil-kawża, f'digriet jieħu nota tad-diskontinwità. Wara li jingħata d-digriet l-awtorità tat-Tribunal tiskadi.

ARTIKOLU 8.36

Trasparenza tal-proċedimenti

1. Ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza, kif modifikati minn dan il-Kapitolu, japplikaw b'konnessjoni mal-proċedimenti taħt din it-Taqsima.

2. It-talba għal konsultazzjonijiet, l-avviż formali li jitlob għal determinazzjoni tal-konvenut, l-avviż formali tad-determinazzjoni tal-konvenut, il-ftehim dwar medjazzjoni, l-avviż formali dwar l-intenzjoni li jiġi kkontestat il-Membru tat-Tribunal, id-deċiżjoni dwar il-kontestazzjoni ta' Membru tat-Tribunal u t-talba għall-konsolidazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' dokumenti li jkunu disponibbli għall-pubbliku skont l-Artikolu 3(1) tar-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza.

3. Id-dokumenti ta' evidenza għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' dokumenti li jkunu disponibbli għall-pubbliku skont l-Artikolu 3(2) tar-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza.

4. Minkejja l-Artikolu 2 tar-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza, qabel ma jiġi kkostitwit it-Tribunal, il-Kanada jew l-Unjoni Ewropea skont il-każ, għandhom mingħajr dewmien jagħmlu disponibbli għall-pubbliku d-dokumenti relevanti skont il-paragrafu 2, suġġetti għar-redazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali jew protetta. Tali dokumenti jistgħu jsiru disponibbli għall-pubbliku permezz ta' komunikazzjoni lir-repożitorju.

5. Is-smigħ ikun miftuħ għall-pubbliku. It-Tribunal għandu jiddetermina, f'konsultazzjoni mal-partijiet fil-kawża, l-arranġamenti loġistiċi xierqa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-pubbliku għal dan is-smigħ. Jekk it-Tribunal jiddetermina li hemm bżonn li jipproteġi informazzjoni li hija kunfidenzjali jew protetta, huwa għandu jagħmel l-arranġamenti xierqa biex dik il-parti tas-smigħ li tinvolvi tali protezzjoni ssir fil-magħluq.

6. Xejn minn dan il-Kapitolu ma jirrikjedi li konvenut iżomm lura mill-pubbliku informazzjoni li l-liġijiet tiegħu jeżiġu li tiġi ddivulgata. Il-konvenut għandu japplika dawk il-liġijiet b'mod sensittiv għall-protezzjoni mid-divulgazzjoni informazzjoni li tkun ġiet klassifikata bħala informazzjoni kunfidenzjali jew protetta.

ARTIKOLU 8.37

Skambju ta' informazzjoni

1. Parti fil-kawża tista' tiddivulga lil persuni oħra b'konnessjoni mal-proċedimenti, inklużi xhieda u esperti, tali dokumenti mhux redatti kif hi tikkunsidra meħtieġ matul il-proċedimenti taħt din it-Taqsima. Madankollu, il-parti fil-kawża għandha tiżgura li dawk il-persuni jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali jew protetta inkluża f'dawk id-dokumenti.

2. Dan il-Ftehim ma jipprekludix konvenut milli jiddivulga, kif applikabbli, speċjalment lil uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u ta' gvernijiet subnazzjonali, tali dokumenti mhux redatti kif jidhirlu neċessarju matul il-proċedimenti skont din it-Taqsima. Madankollu, il-konvenut għandu jiżgura li dawk l-uffiċjali jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali jew protetta inkluża f'dawk id-dokumenti.

ARTIKOLU 8.38

Parti mhux fil-kawża

1. Il-konvenut għandu, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi informazzjoni kunfidenzjali jew protetta jew mingħajr dewmien wara li tiġi solvuta kull tilwima rigward tali informazzjoni, iwassal għand il-Parti mhux fil-kawża:

(a) talba għal konsultazzjonijiet, avviż formali li jitlob għal determinazzjoni tal-konvenut, avviż formali ta' determinazzjoni tal-konvenut, pretensjoni ppreżentata skont l-Artikolu 8.23, talba għal konsolidament, u kull dokument ieħor li jkun mehmuż ma' tali dokumenti;

(b) wara talba:

(i) it-trattazzjonijiet, l-estratti, l-istruzzjonijiet, it-talbiet u preżentazzjonijiet oħrajn li jsiru lit-Tribunal minn parti fil-kawża;

(ii) il-preżentazzjonijiet bil-miktub li jsiru lit-Tribunal skont l-Artikolu 4 tar-Regoli tal-UNCITRAL dwar it-Trasparenza;

(iii) il-minuti jew it-traskritti ta' seduti ta' smigħ tat-Tribunal, jekk disponibbli; u

(iv) ordnijiet, u deċiżjonijiet tat-Tribunal; kif ukoll

(c) wara talba u bi spejjeż tal-Parti mhux fil-kawża, l-evidenza kollha li tkun ġiet mgħoddija lit-Tribunal, jew parti minnha, sakemm l-evidenza mitluba tkun disponibbli għall-pubbliku.

2. It-Tribunal għandu jaċċetta jew, wara konsultazzjoni mal-partijiet fil-kawża, jista' jistieden, preżentazzjonijiet orali jew bil-miktub mill-Parti mhux fil-kawża rigward l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Parti mhux fil-kawża tista' tattendi seduta ta' smigħ li ssir taħt din it-Taqsima.

3. It-Tribunal ma għandu jislet l-ebda inferenza min-nuqqas ta' preżentazzjoni skont il-paragrafu 2.

4. It-Tribunal għandu wkoll jiżgura li l-partijiet fil-kawża jingħataw opportunità raġonevoli sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar preżentazzjoni mill-Parti mhux fil-kawża għal dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 8.39

Deċiżjoni finali

1. Jekk it-Tribunal jagħti deċiżjoni finali kontra l-konvenut, it-Tribunal jista' jiddeċiedi biss, separatament jew flimkien:

(a) danni monetarji u kull interess applikabbli;

(b) ir-restituzzjoni ta' proprjetà, li f'dan il-każ id-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tipprovdi li l-konvenut jista' jħallas id-danni monetarji li jirrappreżentaw il-valur ġust tas-suq fiż-żmien immedjatament qabel ma l-esproprjazzjoni jew l-esproprjazzjoni imminenti saret magħrufa, skont liema kienet l-ewwel, u kull imgħax applikabbli minflok ir-restituzzjoni, determinat b'mod konsistenti mal-Artikolu 8.12.

2. Soġġett għall-paragrafi minn 1 sa 5, jekk pretensjoni ssir skont l-Artikolu 8.23.1(b):

(a) deċiżjoni ta' danni monetarji u kull imgħax applikabbli għandhom jipprevedu li s-somma titħallas lill-intrapriża stabbilita lokalment;

(b) deċiżjoni ta' restituzzjoni ta' proprjetà għandha tipprevedi li restituzzjoni ssir lill-intrapriża stabbilita lokalment;

(c) deċiżjoni ta' spejjeż favur l-investitur għandha tipprovdi li dan isir lill-investitur; kif ukoll

(d) id-deċiżjoni għandha tipprovdi li dan isir mingħajr preġudizzju għad-dritt li persuna, li mhix il-persuna li tkun ipprovdiet rinunzja skont l-Artikolu 8.22, jista' jkollha għall-kumpens ta' danni monetarji jew restituzzjoni ta' proprjeta' ordnati taħt il-liġi tal-Parti.

3. Danni monetarji ma għandhomx ikunu akbar mit-telf imġarrab mill-investitur jew, kif applikabbli, mill-intrapriża stabbilita lokalment, imnaqqsa b'danni preċedenti jew kumpens diġà mħallas. Għall-kalkolu tad-danni monetarji, it-Tribunal għandu jnaqqas ukoll id-danni biex tiġi kkunsidrata kull restituzzjoni ta' proprjetà jew tħassir jew modifika tal-miżura.

4. It-Tribunal ma jagħtix danni punittivi.

5. It-Tribunal għandu jordna li l-ispejjeż tal-arbitraġġ jinġarru mill-parti fil-kawża li titlef. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, Tribunal jista' jqassam l-ispejjeż bejn il-partijiet fil-kawża jekk jiddetermina li t-tqassim huwa xieraq fiċ-ċirkustanzi tal-pretensjoni. Spejjeż raġonevoli oħra, inklużi spejjeż ta' rappreżentazzjoni u assistenza legali, għandhom jinġarru mill-parti fil-kawża li titlef, sakemm it-Tribunal ma jiddeterminax li tali tqassim tal-ispejjeż mhuwiex raġonevoli fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. Fejn ikunu rnexxew partijiet biss mill-pretensjonijiet l-ispejjez għandhom jiġu aġġustati b'mod proporzjonali mal-għadd jew il-limitu tal-partijiet tal-pretensjonijiet li jkunu rnexxew.

6. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jikkunsidra regoli supplementali bl-għan li jnaqqsu l-piż finanzjarju fuq ir-rikorrenti li huma persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Dawn ir-regoli supplementali jistgħu, b'mod partikolari, jikkunsidraw ir-riżorsi finanzjarji ta' dawn ir-rikorrenti u l-ammont tal-kumpens mitlub.

7. It-Tribunal u l-partijiet fil-kwistjoni għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċess tas-soluzzjoni tat-tilwim jitmexxa fil-ħin. It-Tribunal għandu joħroġ id-deċiżjoni finali fi żmien 24 xahar mid-data li titressaq il-pretensjoni skont l-Artikolu 8.23. Jekk it-Tribunal ikun jeħtieġ aktar żmien biex joħroġ id-deċiżjoni finali, huwa għandu jagħti lill-partijiet fil-kawża r-raġunijiet għad-dewmien.

ARTIKOLU 8.40

Indennizz jew kumpens ieħor

Il-konvenut ma jistax jasserixxi, u t-Tribunal ma għandux jaċċetta difiża, kontrotalba, dritt ta' tpaċija jew xi asserzjoni oħra, li investitur jew kif applikabbli, intrapriża stabbilita lokalment, ikun irċieva jew se jirċievi indennizz jew kumpens ieħor skont assigurazzjoni jew kuntratt ta' garanzija, fir-rigward tal-kumpens kollu jew parti minnu mitlub fil-kuntest ta' tilwima mibdija skont din it-Taqsima.

ARTIKOLU 8.41

Infurzar tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ

1. Deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija skont din it-Taqsima għandha tkun vinkolanti bejn il-partijiet fil-kawża u fir-rigward ta' dak il-każ partikolari.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, parti fil-kawża għandha tirrikonoxxi u tikkonforma ma' deċiżjoni ta' arbitraġġ mingħajr dewmien.

3. Parti fil-kawża ma għandhiex tfittex l-infurzar ta' deċiżjoni finali sakemm:

(a) fil-każ ta' deċiżjoni finali maħruġa taħt il-Konvenzjoni ICSID:

(i) ikunu għaddew 120 jum mid-data meta ngħatat id-deċiżjoni u ebda parti fil-kawża ma tkun talbet reviżjoni jew l-annullament tad-deċiżjoni; jew

(ii) l-infurzar tad-deċiżjoni jkun twaqqaf u l-proċedimenti ta' reviżjoni jew annullament ikunu tlestew;

(b) fil-każ ta' deċiżjoni finali taħt ir-Regoli Addizzjonali tal-Faċilità tal-ICSID, ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar l-Arbitraġġ, jew kull regola oħra applikabbli skont l-Artikolu 8. 23.2(d):

(i) ikunu għaddew 90 jum mid-data meta ngħatat id-deċiżjoni ta' arbitraġġ u ebda parti fil-kawża ma tkun bdiet proċediment għal reviżjoni, twarrib jew l-annullament tad-deċiżjoni; jew

(ii) l-infurzar tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ ikun twaqqaf u qorti tkun ċaħdet jew aċċettat l-applikazzjoni għal reviżjoni, twarrib jew l-annullament tad-deċiżjoni u ma jkunx hemm appell ulterjuri.

4. L-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ għandha tkun irregolata mil-liġijiet li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew deċiżjonijiet ta' arbitraġġ fis-seħħ fejn issir it-talba għall-eżekuzzjoni.

5. Deċiżjoni finali maħruġa skont din it-Taqsima hija deċiżjoni ta' arbitraġġ li titqies relatata ma' pretensjonijiet li jirriżultaw minn relazzjoni jew minn transazzjoni kummerċjali għall-finijiet ta’ l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' New York

6. Għal aktar ċertezza, jekk pretensjoni titressaq skont l-Artikolu 8.23(a), deċiżjoni finżali li tingħata skont din it-Taqsima għandha tikkwalifika bħala deċiżjoni skont it-Taqsima 6 tal-Konvenzjoni ICSID.

ARTIKOLU 8.42

Rwol tal-Partijiet

1. Parti ma għandhiex tressaq pretensjoni internazzjonali fir-rigward ta' pretensjoni mressqa skont l-Artikolu 8.23, sakemm il-Parti l-oħra ma tkunx naqset milli timxi u tikkonforma mad-deċiżjoni mogħtija f'dik it-tilwima.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' soluzzjoni ta' tilwim taħt il-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Riżoluzzjoni ta' Tilwim) fir-rigward ta' miżura ta' applikazzjoni ġenerali anki jekk din il-miżura tkun allegatament kisret dan il-Ftehim għal dak li hu investiment speċifiku li fir-rigward tiegħu ġiet ippreżentata l-pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 u hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8.38.

3. Il-paragrafu 1 ma jipprekludix skambji informali għall-għan waħdieni tal-iffaċilitar tar-riżoluzzjoni tat-tilwima.

ARTIKOLU 8.43

Konsolidazzjoni

1. Meta żewġ pretensjonijiet jew aktar li kienu ġew ippreżentati separatament skont l-Artikolu 8.23 ikollhom kwistjoni komuni ta' dritt jew ta' fatt u jirriżulta mill-istess avvenimenti jew ċirkostanzi, il-partijiet fil-kawża jew waħda minnhom tista' titlob/jistgħu jitolbu b'mod konġunt li titwaqqaf diviżjoni separata tat-Tribunal skont dan l-Artikolu u titlob/jitolbu li tali diviżjoni toħroġ ordni ta' konsolidazzjoni ("talba għal konsolidazzjoni").

2. Il-parti fil-kawża li tfittex l-ordni ta' konsolidazzjoni għandha l-ewwel tibgħat avviż formali lill-partijiet fil-kawża li tkun qed tfittex li jkunu koperti bl-ordni.

3. Jekk il-partijiet fil-kawża nnotifikati skont il-paragrafu 2 ikunu laħqu ftehim dwar l-ordni ta' konsolidazzjoni, huma jistgħu jagħmlu talba konġunta biex titwaqqaf diviżjoni separata tat-Tribunal u għal ordni ta' konsolidazzjoni skont dan l-Artikolu. Jekk il-partijiet fil-kawża nnotifikati skont il-paragrafu 2 ma jkunux laħqu ftehim dwar l-ordni ta' konsolidazzjoni fi żmien 30 jum mill-avviż formali, waħda mill-partijiet fil-kawża tista' tagħmel talba biex titwaqqaf diviżjoni tat-Tribunal u għal ordni ta' konsolidazzjoni skont dan l-Artikolu.

4. It-talba għandha tintbagħat bil-miktub lill-President tat-Tribunal u lill-partijiet fil-kawża kollha li hija tkun qed titlob li jkunu koperti bl-ordni, u għandha tispeċifika:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet fil-kawża li tkun qed titlob li jkunu koperti bl-ordni;

(b) il-pretensjonijiet, jew partijiet minnhom, li tkun qed titlob li jkunu koperti bl-ordni; kif ukoll

(c) ir-raġunijiet għall-ordni li tkun qed tintalab.

5. Talba għal konsolidazzjoni li tinvolvi aktar minn konvenut wieħed tirrikjedi l-qbil tal-konvenuti kollha.

6. Ir-regoli applikabbli għall-proċedimenti taħt dan l-Artikolu huma ddeterminati kif ġej:

(a) jekk il-pretensjonijiet kollha li tintalab konsolidazzjoni għalihom ikunu tressqu għal soluzzjoni tat-tilwim taħt l-istess regoli skont l-Artikolu 8.23, japplikaw dawn ir-regoli;

(b) jekk il-pretensjonijiet li tintalab konsolidazzjoni għalihom ma jkunux tressqu għal soluzzjoni tat-tilwim taħt l-istess regoli:

(i) l-investituri jistgħu flimkien jaqblu dwar ir-regoli skont l-Artikolu 8.23.2; jew

(ii) jekk l-investituri ma jistgħux jaqblu dwar ir-regoli applikabbli fi żmien 30 jum minn meta l-President tat-Tribunal jirċievi t-talba għal konsolidazzjoni, japplikaw ir-Regoli tal-UNCITRAL dwar l-Arbitraġġ.

7. Il-President tat-Tribunal għandu, wara li jirċievi talba għal konsolidazzjoni u skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8.27.7 iwaqqaf diviżjoni ġdida ("diviżjoni ta' konsolidazzjoni") tat-Tribunal li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-pretensjonijiet kollha jew uħud minnhom, fit-total tagħhom jew partijiet minnhom, li jkunu suġġetti għal talba għal konsolidazzjoni konġunta.

8. Jekk, wara li jinstemgħu l-partijiet fil-kawża, diviżjoni ta' konsolidazzjoni tkun sodisfatta li l-pretensjonijiet imressqa skont l-Artikolu 8.23 għandhom kwistjoni ta' liġi jew ta' fatt komuni u jirriżultaw mill-istess avvenimenti jew ċirkostanzi, u li konsolidazzjoni tkun taqdi l-aħjar interessi ta' riżoluzzjoni ġusta u effikaċi tal-pretensjonijiet inkluż l-interess ta' konsistenza ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal tista', permezz ta' ordni, tassumi ġurisdizzjoni fuq il-pretensjonijiet kollha jew uħud minnhom, fit-total tagħhom jew partijiet minnhom.

9. Jekk diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal tkun assumiet ġurisdizzjoni skont il-paragrafu 8, investitur li jkun ressaq pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 u li l-pretensjoni tiegħu ma tkunx ġiet ikkonsolidata jista' jagħmel talba bil-miktub lit-Tribunal biex jiġi inkluż f'din l-ordni sakemm it-talba tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4. Id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal għandha tikkonċedi l-ordni meta tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 8 jkunu ġew issodisfati u li l-konċessjoni ta' tali talba ma tkunx ta' piż indebitu jew b'mod inġust tippreġudika lill-partijiet fil-kawża jew indebitament tħarbat il-proċedimenti. Qabel diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal toħroġ din l-ordni, hija għandha tikkonsulta mal-partijiet fil-kawża.

10. Wara talba ta' parti fil-kawża, diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal stabbilita skont dan l-Artikolu, sakemm tittieħed id-deċiżjoni tagħha skont il-paragrafu 8, tista' tordna li l-proċedimenti tad-diviżjoni tat-Tribunal stabbilit skont l-Artikolu 8.27.7 jiġu sospiżi sakemm dan it-Tribunal tal-aħħar ma jkunx diġà aġġorna l-proċedimenti tiegħu.

11. Id-diviżjoni tat-Tribunal maħtura skont l-Artikolu 8.27.7 għandha ċċedi l-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward ta' pretensjonijiet, jew partijiet minnhom, li għalihom diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal stabbilita skont dan l-Artikolu tkun assumiet il-ġurisdizzjoni.

12. Id-deċiżjoni ta' diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal stabbilita skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet, jew partijiet minnhom, li għalihom tkun assumiet ġurisdizzjoni hija vinkolanti fuq id-diviżjoni tat-Tribunal maħtura skont l-Artikolu 8.27.7 fir-rigward ta' dawk il-pretensjonijiet, jew partijiet minnhom.

13. Investitur jista' jirtira pretensjoni skont din it-Taqsima li hija suġġetta għal konsolidazzjoni u tali pretensjoni ma għandhiex terġa' titressaq skont l-Artikolu 8.23. Jekk jagħmel dan mhux aktar tard minn 15-il jum minn meta jirċievi l-avviż formali tal-konsolidazzjoni, l-applikazzjoni preċedenti tiegħu tal-pretensjoni ma għandhiex tipprekludi li l-investitur ifittex soluzzjoni tat-tilwim li ma taqax taħt din it-Taqsima.

14. Fuq talba ta' investitur, id-diviżjoni ta' konsolidazzjoni tat-Tribunal tista' tieħu dawk il-miżuri li tqis li huma xierqa sabiex tippreserva l-informazzjoni kunfidenzjali jew protetta ta' dak l-investitur fir-rigward ta' investituri oħra. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-preżentazzjoni ta' verżjonijiet redatti ta' dokumenti li jkunu jinkludu informazzjoni kunfidenzjali jew protetta lill-investituri l-oħra jew arranġamenti biex partijiet mis-smigħ isiru bil-magħluq.

ARTIKOLU 8.44

Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment

1. Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment għandu jipprovdi forum lill-Partijiet biex jikkonsultaw dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu, inkluż:

(a) diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) titjib possibbli ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari fid-dawl tal-esperjenza u l-iżviluppi f'*fora* internazzjonali oħrajn u skont ftehimiet oħra tal-Partijiet.

2. Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment għandu, bi qbil mal-Partijiet, u wara li jkunu tlestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom, jadotta kodiċi ta' kondotta għall-Membri tat-Tribunal biex jiġi applikat f'tilwim li jirriżulta minn dan il-Kapitolu, li jista' jissostitwixxi jew jissupplimenta r-regoli fis-seħħ, u jista' jindirizza suġġetti inkluż:

(a) l-obbligi dwar id-divulgazzjoni;

(b) l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Membri tat-Tribunal; kif ukoll

(c) il-kunfidenzjalità.

Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforz tagħhom biex jiżguraw li l-kodiċi ta' kondotta jiġi adottat mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont il-każ, u f'kull każ mhux aktar tard minn sentejn wara tali data.

3. Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment jista', bi qbil mal-Partijiet, u wara li jitlestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom:

(a) jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA l-adozzjoni tal-interpretazzjonijiet ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 8.31.3;

(b) jadotta u jemenda r-regoli li jissupplimentaw ir-regoli applikabbli dwar is-soluzzjoni ta' tilwim, u jemenda r-regoli applikabbli dwar it-trasparenza. Dawn ir-regoli u l-emendi huma vinkolanti fuq it-Tribunali li jiġi stabbilit skont din it-Taqsima;

(c) jadotta regoli għall-medjazzjoni biex jintużaw mill-partijiet fil-kawża kif imsemmi fl-Artikolu 8.20;

(d) jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA l-adozzjoni ta' kull element ieħor tal-obbligu ta' trattament ġust u ekwu skont l-Artiklu 8.10.3; kif ukoll

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt CETA dwar il-funzjonament tat-Tribunal tal-Appell skont l-Artikolu 8.28.8.

ARTIKOLU 8.45

Esklużjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni ta' tilwim li jinsabu f'din it-Taqsima u fil-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim) ma japplikawx għall-kwistjonijiet imsemmija fl-Anness 8-C.

KAPITOLU DISGĦA

KUMMERĊ FIS-SERVIZZI TRANSFRUNTIER

ARTIKOLU 9.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni ta’ inġenji tal-ajru tfisser attivitajiet li jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jkun irtirat mis-servizz u ma jinkludux l-hekk imsejħa manutenzjoni tal-linja;

servizzi tal-operat tal-ajruport tfisser l-operat jew il-ġestjoni, abbażi ta' tariffa jew kuntratt, tal-infrastruttura tal-ajruport, inklużi t-terminals, ir-runways, it-taxiways u s-superfiċji asfaltati fl-ajrudrom, il-faċilitajiet tal-ipparkjar, u s-sistemi ta' trasportazzjoni fl-ajruport. Għal aktar ċertezza, is-servizz tal-operat tal-ajruport ma jinkludux is-sjieda tal-ajruporti jew l-artijiet tal-ajruporti jew l-investiment fihom, jew kull funzjoni li titwettaq mill-bord tad-diretturi. Is-servizzi tal-operat tal-ajruport ma jinkludux is-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru;

servizzi ta’ sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni tfisser il-forniment ta' servizz minn sistemi kompjuterizzati li jinkludu informazzjoni dwar l-iskedi tal-linji tal-ajru, id-disponibbiltá, il-prezzijiet u r-regoli dwar il-prezzijiet, li permezz tagħhom jistgħu jsiru prenotazzjonijiet jew jinħarġu l-biljetti;

kummerċ fis-servizzi transfruntier jew **servizzi ta' forniment transfruntier** tfisser il-forniment ta' servizz:

(a) mit-territorju ta’ Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(b) fit-territorju ta’ Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra,

iżda ma tinkludix il-forniment ta' servizz fit-territorju ta' Parti minn persuna tal-Parti l-oħra;

servizzi ta' groundhandling tfisser il-forniment ta' servizz abbażi ta' tariffa jew kuntratt għal: amministrazzjoni u superviżjoni fuq l-art, inkluż il-kontroll tat-tagħbija u l-komunikazzjonijiet; l-immaniġġar tal-passiġġieri; l-immaniġġar tal-bagolli; l-immaniġġar tal-merkanzija u tal-posta; l-immaniġġar tar-rampa u s-servizzi tal-inġenji tal-ajru; l-immaniġġar tal-karburanti u żjut; il-manutenzjoni ta’ linja tal-ajruplani, l-operazzjonijiet tat-titjir u l-amministrazzjoni tal-ekwipaġġ; it-trasport bis-superfiċje; jew is-servizzi tal-forniment tal-ikel. Is-servizzi tal-groundhandling ma jinkludux is-servizzi tas-sigurtà jew l-operazzjoni jew il-ġestjoni tal-infrastruttura ċentralizzata tal-ajruport, bħas-sistemi tal-immaniġġar tal-bagolli, il-faċilitajiet tat-tneħħija tas-silġ, is-servizzi tad-distribuzzjoni tal-karburant, jew is-sistemi ta' trasport fl-ajruport;

il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru tfisser l-opportunitajiet li l-linja tal-ajru kkonċernata liberament tbiegħ jew tikkummerċjalizza s-servizzi tat-trasport bl-ajru tagħha inkluż l-aspetti kollha tal-kummerċjalizzazzjoni bħar-riċerka dwar is-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni, iżda mhux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru jew il-kundizzjonijiet applikabbli; kif ukoll

servizzi pprovduti fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva tfisser kull servizz li mhuwiex fornut fuq bażi kummerċjali, u lanqas f’kompetizzjoni ma’ fornitur ta' servizz wieħed jew aktar;

ARTIKOLU 9.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti li għandha impatt fuq il-kummerċ fis-servizzi transfruntier minn fornitur tas-servizz tal-Parti l-oħra, inkluż miżura li għandha impatt fuq:

(a) il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u l-konsenja ta' servizz;

(b) ix-xiri ta' servizz u l-użu tiegħu jew il-ħlas għalih; kif ukoll,

(c) b'rabta mal-forniment ta' servizz, l-aċċess għal servizzi li huma meħtieġa sabiex jiġu offruti lill-pubbliku inġenerali, kif ukoll l-użu tagħhom.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżura li għandha impatt fuq:

(a) is-servizzi fornuti fit-tħaddim tal-awtorità governattiva;

(b) għall-Unjoni Ewropea, is-servizzi awdjoviżivi;

(c) għall-Kanada, l-industriji kulturali;

(d) is-servizzi finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 13.1 (Definizzjonijiet);

(e) is-servizzi tal-ajru, is-servizzi relatati b'appoġġ għas-servizzi tal-ajru u servizzi oħra li jingħataw permezz ta' trasport bl-ajru[13], għajr:

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru;

(ii) il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;

(iii) servizzi ta' sistema kompjuterizzata ta' prenotazzjoni (CRS);

(iv) servizzi tal-groundhandling;

(v) servizzi ta' operazzjoni tal-ajruport;

(f) akkwisti minn Parti ta' prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bl-iskop ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-iskop ta' użu fil-forniment ta' prodott jew servizzi għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist huwa "akkwist kopert" kif ukoll jekk mhuwiex skont it-tifsira tal-Artikolu 19.2 (Kamp ta' applikazzjoni u kopertura); jew

(g) sussidju, jew sostenn ieħor tal-gvern fir-rigward ta' kummerċ fis-servizzi transfruntier, fornut minn Parti.

3. Dan il-Kapitolu ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-*Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha*, magħmul fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2009 u f'Ottawa fit-18 ta' Diċembru 2009.

[13] Dawn is-servizzi, jinkludu servizzi meta inġenju tal-ajru jkun qed jintuża biex iġorr attivitajiet speċjalizzati f'setturi li jinkludu l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, il-fotografija, is-servejing, l-immappjar, il-forestrija, l-osservazzjoni u l-ippattuljar, jew ir-reklamar, jekk l-attività speċjalizzata tiġi fornuta mill-persuna li hija responsabbli għall-operazzjoni tal-inġenju tal-ajru.

4. Dan il-Kapitolu ma jimponix obbligu fuq Parti fir-rigward ta' ċittadin tal-Parti l-oħra li jfittex aċċess fis-suq tax-xogħol tagħha, jew impjieg fuq bażi permanenti fit-territorju tagħha jew jagħti xi dritt lil dak iċ-ċittadin fir-rigward ta' dak l-aċċess jew impjieg.

ARTIKOLU 9.3

Trattament nazzjonali

1. Kull Parti għandha tagħti lill-fornituri ta' servizzi u lis-servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-fornituri ta' servizzi jew lis-servizzi tagħha stess.

2. Għal aktar ċertezza t-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafu 1 ifisser, fir-rigward ta' gvern fil-Kanada apparti dak fil-livell federali, jew, fir-rigward ta' gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' gvern fih, trattament mhux inqas favorevoli minn dak l-aktar favorevoli mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lill-fornituri ta' servizzi jew lis-servizzi tiegħu stess.

ARTIKOLU 9.4

Rekwiżiti formali

L-Artikolu 9.3 ma jipprekludix Parti milli tadotta jew iżżomm miżura li tippreskrivi rekwiżiti formali b'konnessjoni mal-forniment ta' servizz, sakemm tali rekwiżiti ma jkunux japplikaw b'manjiera li tkun tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mingħajr ġustifikazzjoni. Dawn il-miżuri jinkludu rekwiżiti:

(a) li tinkiseb liċenzja, reġistrazzjoni, ċertifikazzjoni jew awtorizzazzjoni sabiex jingħata servizz jew bħala rekwiżit ta' sħubija fi professjoni partikolari, bħar-rekwiżit ta' sħubija f'organizzazzjoni professjonali jew parteċipazzjoni f'fondi kollettivi ta' kumpens għall-membri ta' organizzazzjonijiet professjonali;

(b) li fornitur ta' servizz ikollu aġent lokali għal servizz jew li jżomm indirizz lokali

(c) li wieħed jitkellem l-ilsien nazzjonali jew ikollu liċenja tas-sewqan; jew

(d) li fornitur ta' servizz:

(i) jirreġistra bond jew forma oħra ta' garanzija finanzjarja;

(ii) jistabbilixxi jew jikkontribwixxi f'kont fiduċjarju;

(iii) ikollu tip u ammont partikolari ta' assigurazzjoni;

(iv) jipprovdi garanziji simili oħra; jew

(v) jipprovdi aċċess għar-rekords.

ARTIKOLU 9.5

Trattament tan-nazzjon l-aktar -iffavorit-

1. Kull Parti għandha tagħti lill-fornituri ta' servizz u lis-servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti, f'sitwazzjonijiet simili, lill-fornituri ta' servizz jew lis-servizzi ta' Parti terza.

2. Għal aktar ċertezza, it-trattament mogħti minn Parti skont il-paragrafu 1 ifisser, fir-rigward ta' gvern fil-Kanada apparti dak fil-livell federali, jew, fir-rigward ta' gvern ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' gvern fih, trattament mogħti, f'sitwazzjonijiet simili, minn dak il-gvern lis-servizzi jew lill-fornituri ta' servizz ta' pajjiż terz fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal trattament mogħti minn Parti taħt miżura eżistenti jew futura li tipprovdi għal rikonoxximent, inkluż permezz ta' arranġament jew ftehim ma' pajjiż terz li jirrikonoxxi l-akkreditazzjoni ta' servizzi tal-ittestjar jew tal-analiżi u fornituri ta' servizzi, l-akkreditazzjoni ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni u servizzi ta' fornituri, kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifiki jew tar-riżultati tax-xogħol magħmul minn dawk is-servizzi akkreditati u l-fornituri tas-servizz.

ARTIKOLU 9.6

L-aċċess għas-suq

Parti ma tadottax jew iżżomm abbażi tat-territorju kollu tagħha jew abbażi tat-territorju tal-livell ta' gvern nazzjonali, provinċjali, territorjali, reġjonali jew lokali, miżura li timponi limitazzjonijiet fuq:

(a) l-għadd ta' fornituri ta' servizz kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri esklużivi ta' servizzi kif ukoll jekk fil-forma tar-rekwiżit ta' test ta' ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizz jew assi fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; jew

(c) l-għadd totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz espressi f'termini ta' unitajiet numeriċi mfissra fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

ARTIKOLU 9.7

Riżervi

1. L-Artikoli 9.3, 9.5 u 9.6 ma japplikawx għal:

(a) miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Iskeda tal-Anness I tagħha;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha;

(iii) gvern provinċjali, territorjali, jew reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha; jew

(iv) gvern lokali.

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a) sakemm l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli 9.3, 9.5 u 9.6.

2. L-Artikoli 9.3, 9.5 u 9.6 ma japplikawx għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' settur, subsettur jew attività, kif stabbilit fl-Iskeda tal-Anness II tagħha.

ARTIKOLU 9.8

Ċaħda tal-benefiċċji

Parti tista' tiċħad il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu lill-fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra li jkun intrapriża ta' dik il-Parti u lis-servizzi ta' dak il-fornitur ta' servizz jekk:

(a) il-fornitur ta' servizz ta' pajjiż terz ikun jippossjedi jew jikkontrolla l-intrapriża; kif ukoll

(b) il-Parti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz li:

(i) tirrigwarda ż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali; kif ukoll

(ii) tipprojbixxi tranżazzjonijiet mal-intrapriża jew li tipproduċi ksur jew ċirkomvenzjoni jekk il-benefiċċji ta' dan il-Kapitolu jingħataw lill-intrapriża.

KAPITOLU GĦAXRA

DĦUL U SOĠĠORN TEMPORANJU TA' PERSUNI FIŻIĊI GĦAL SKOPIJIET PROFESSJONALI

ARTIKOLU 10.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

fornituri ta' servizzi kuntrattwali tfisser persuni fiżiċi mpjegati minn intrapriża ta' Parti li ma jkollha l-ebda stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt *bona fide* (minbarra permezz ta' aġenzija kif definit mill-kodiċi CPC 872) sabiex ifornu servizz lil konsumatur tal-Parti l-oħra li jirrikjedi l-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jintlaħaq l-għan tal-kuntratt għall-forniment tas-servizz;

intrapriża tfisser "intrapriża" kif definita fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet);

professjonisti indipendenti tfisser persuni fiżiċi impenjati fil-forniment ta' servizz u stabbiliti bħala ħaddiema għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma jkollhom l-ebda stabbiliment fit-territorju tal-Parti oħra u li jkunu kkonkludew kuntratt *bona fide* (minbarra permezz ta' aġenzija kif definit mill-kodiċi CPC 872) sabiex ifornu servizz lil konsumatur tal-Parti l-oħra li jirrikjedi l-preżenza tal-persuni fiżiċi fuq bażi temporanja fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jitwettaq l-għan tal-kuntratt għall-forniment tas-servizz;

persunal prinċipali tfisser viżitaturi professjonali bl-għan ta' investiment, investituri jew impjegati bi trasferiment intra-ażjendali:

(a) **viżitaturi professjonali bl-għan ta' investiment** tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'livell maniġerjali jew bħala speċjalisti li jkunu responsabbli biex jistabbilixxu intrapriża iżda li ma jkunux involuti fi tranżazzjonijiet diretti mal-pubbliku inġenerali u li ma jirċevux ħlas minn sors li jkun stabbilit fit-territorju tal-Parti ospitanti;

(b) **investituri** tfisser persuni fiżiċi li jistabbilixxu, jiżviluppaw, jew jamministraw it-tħaddim ta' investiment f'kapaċità superviżorja jew eżekuttiva, u li għaliha dawk il-persuni jew l-intrapriża li timpjega lil dawk il-persuni tkun daħlet f'impenn, jew tkun tinsab fil-proċess li tidħol f'impenn, li jinvolvi ammont sostanzjali ta' kapital; kif ukoll

(c) **impjegati bi trasferiment intra-ażjendali** tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn intrapriża ta' Parti, jew li jkunu sħab f'intrapriża ta' Parti għal mill-inqas sena u li jiġu ttrasferiti fuq bażi temporanja ma' intrapriża (li tista' tkun fergħa sussidjarja, jew il-kumpanija prinċipali tal-intrapriża ta' Parti) fit-territorju tal-Parti l-oħra. Din il-persuna fiżika trid tkun tagħmel parti minn waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) **persunal anzjan** tfisser persuni fiżiċi li huma impjegati ma' intrapriża f'pożizzjoni għolja u li:

(A) primarjament jidderieġu l-ġestjoni tal-intrapriża jew jidderieġu l-intrapriża, jew dipartiment jew subdiviżjoni tal-intrapriża; kif ukoll

(B) għandhom prerogattiva wiesgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet, li tista' tinkludi l-awtorità biex personalment jingaġġaw u jkeċċu jew li jieħdu azzjonijiet oħra li jirrigwardaw il-persunal (bħal promozzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet ta' liv), kif ukoll

(I) jirċievu superviżjoni jew direzzjoni biss primarjament minn eżekuttivi f'livelli ogħla, mill-bord tad-diretturi, jew mill-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom; jew

(II) jagħmlu superviżjoni u kontroll tax-xogħol li jagħmlu impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra u jħaddmu awtorità diskezzjonali fuq l-operat ta' kuljum; jew

(ii) **speċjalisti** tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f'intrapriża u li jkollhom:

(A) għarfien mhux komuni tal-prodotti jew tas-servizzi tal-intrapriża u l-applikazzjoni tiegħu fis-swieq internazzjonali; jew

(B) livell avvanzat ta' speċjalizzazzjoni jew ta' għarfien tal-proċessi u l-proċeduri tal-intrapriża bħall-produzzjoni, l-apparat tar-riċerka, it-tekniki, jew il-ġestjoni.

Fil-valutazzjoni ta' tali speċjalizzazzjoni jew għarfien, il-Partijiet jikkunsidraw l-abbiltajiet li jkunu mhux tas-soltu jew differenti minn dawk li ġeneralment jinstabu f'industrija partikolari u li ma jkunux jistgħu jiġu faċilment ittrasferiti lil persuna fiżika oħra f'terminu qasir. Dawn l-abbiltajiet ikunu nkisbu permezz ta' kwalifiki akkademiċi speċifiċi jew esperjenza vasta mal-intrapriża; jew

(iii) **apprendisti gradwati** tfisser persuni fiżiċi li:

(A) għandhom lawrja universitarja; u

(B) jiġu ttrasferiti fuq bażi temporanja fit-territorju tal-Parti l-oħra għall-għan ta' żvilupp fil-karriera, jew sabiex jiksbu taħriġ fit-tekniki jew metodi tan-negozju; u

persuni fiżiċi għal finijiet professjonali tfisser persunal prinċipali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali, professjonisti indipendenti, jew viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali li huma ċittadini ta' Parti.

ARTIKOLU 10.2

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu jirrifletti r-relazzjoni kummerċjali preferenzjali bejn il-Partijiet kif ukoll l-objettiv reċiproku għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment billi jippermettu d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali u billi jiżguraw it-trasparenza fil-proċess.

2. Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri adottati jew mantenuti minn Parti fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju fit-territorju tagħha ta' persunal prinċipali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali, professjonisti indipendenti u viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qed ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' Parti, u lanqas ma japplika għal miżuri dwar iċ-ċittadinanza, is-soġġorn jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jżomm lil Parti milli tapplika miżuri biex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi u s-soġġorn tagħhom fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-integrità ta' persuni fiżiċi u sabiex jiġi żgurat il-moviment organizzat tagħhom fuq il-konfini tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jannullaw jew jikkompromettu l-benefiċċji ta' Parti li jirriżultaw mit-termini ta' dan il-Kapitolu. Il-fatt biss ta' ħtieġa ta' viża għall-persuni fiżiċi ta' ċertu pajjiż u mhux għal dawk ta' oħrajn ma għandux jiġi kkunsidrat bħala wieħed li jannulla jew jikkompromett l-benefiċċji taħt dan il-Kapitolu.

4. Sal-punt li ma jsirux impenji skont dan il-Kapitolu, ir-rekwiżiti l-oħrajn kollha tal-liġijiet tal-Partijiet rigward id-dħul u s-soġġorn għandhom jibqgħu japplikaw, inkluż dawk li jikkonċernaw it-tul tas-soġġorn.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-rekwiżiti kollha tal-liġijiet tal-Partijiet rigward il-miżuri tal-impjiegi u tas-sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inkluż ir-regolamenti li jirrigwardaw il-pagi minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi rigward il-pagi.

6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal każi fejn l-intenzjoni jew l-effett tad-dħul u s-soġġorn temporanju jkunu li jinterferixxu jew altrimenti jkollhom impatt fuq l-eżitu ta' tilwim jew negozjar industrijali jew ta' maniġment, jew fuq l-impjieg ta' persuni fiżiċi li huma involuti f'tali tilwim jew negozjar.

ARTIKOLU 10.3

Obbligi ġenerali

1. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul temporanju ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra għal skopijiet professjonali li altrimenti jikkonformaw mal-miżuri tal-immigrazzjoni tal-Parti l-oħra li jkunu applikabbli għad-dħul temporanju, skont dan il-Kapitolu.

2. Kull Parti għandha tapplika l-miżuri tagħha rigward id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu skont l-Artikolu 10.2.1, u, b'mod partikolari, għandha tapplika dawk il-miżuri sabiex jiġi evitat ix-xkiel jew id-dewmien bla bżonn tal-kummerċ fil-prodotti jew is-servizzi jew l-andament tal-attivitajiet tal-investiment skont dan il-Ftehim.

3. Kull Parti għandha tiżgura li kull tariffa li tirrigwarda l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal soġġorn temporanju tkun raġonevoli u tirrifletti l-ispejjeż involuti.

ARTIKOLU 10.4

Għoti ta' informazzjoni

1. Fl-applikazzjoni tal-Kapitolu Sebgħa u Għoxrin (Trasparenza) u filwaqt li tqis l-importanza tat-trasparenza tal-informazzjoni rigward id-dħul temporanju għall-Partijiet, kull Parti għandha mhux aktar tard minn 180 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, tagħmel disponibbli lill-Parti l-oħra materjal ta' spjegazzjoni rigward ir-rekwiżiti għad-dħul temporanju skont dan il-Kapitolu li jippermetti li viżitaturi professjonali tal-Parti l-oħra jsiru familjari ma' dawn ir-rekwiżiti.

2. Jekk Parti tiġbor u żżomm dejta rigward id-dħul temporanju ta' kategorija ta' viżitaturi għal skopijiet professjonali skont dan il-Kapitolu, il-Parti għandha tqiegħed din id-dejta għad-dispożizzjoni tal-Parti l-oħra meta din titlobha, skont il-liġi tagħha dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.

ARTIKOLU 10.5

Il-punti ta' kuntatt

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu l-punti ta' kuntatt li ġejjin:

(a) fil-każ tal-Kanada:

Direttur
Politika ta' Residenza Temporanja
Fergħa tal-Immigrazzjoni
Aġenzija ta' Ċittadinanza u Immigrazzjoni għall-Kanada

(b) fil-każ tal-Unjoni Ewropea:

Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Il-Kummissjoni Ewropea

(c) fil-każ tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-punti ta' kuntatt elenkati fl-Anness 10-A jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom.

2. Il-punti ta' kuntatt għall-Kanada u għall-Unjoni Ewropea, u kif xieraq il-punti ta' kuntatt għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiskambjaw informazzjoni skont l-Artikolu 10.4 u għandhom jiltaqgħu skont il-ħtieġa biex jikkunsidraw kwistjonijiet li jirrigwardaw dan il-Kapitolu, bħal:

(a) l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż il-prattika tal-Partijiet biex jippermettu d-dħul temporanju;

(b) l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' kriterji komuni kif ukoll ta' interpretazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(c) l-iżvilupp ta' miżuri għall-faċilitazzjoni ulterjuri tad-dħul temporanju ta' viżitaturi għal skopijiet professjonali; kif ukoll

(d) ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt CETA rigward dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 10.6

Obbligi f'kapitoli oħra

1. Dan il-Ftehim ma jimponix obbligu fuq Parti rigward il-miżuri tagħha dwar l-immigrazzjoni, ħlief meta identifikat b'mod speċifiku f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitolu Sebgħa u Għoxrin (Trasparenza).

2. Mingħajr preġudizzju għal kull deċiżjoni li tippermetti d-dħul temporanju ta' persuni fiżiċi tal-Parti l-oħra skont it-termini ta' dan il-Kapitolu, inkluż it-tul tas-soġġorn permissibbli skont tali permess:

(a) L-Artikoli9.3 (Trattament nazzjonali) u 9.6 (Aċċess għas-suq), soġġetti għall-Artikoli 9.4 (Rekwiżiti formali) u 9.2 (Kamp ta' applikazzjoni) iżda mhux l-Artikolu 9.2.2(d), huma integrati u jagħmlu parti minn dan il-Kapitolu u japplikaw għat-trattament ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra skont il-kategoriji ta':

(i) persunal prinċipali; kif ukoll

(ii) fornituri ta' servizzi kuntrattwali, u professjonisti indipendenti għas-setturi kollha elenkati fl-Anness 10-E; kif ukoll

(b) l-Artikolu 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) soġġett għall-Artikoli 9.4 (Rekwiżiti formali) u 9.2 (Kamp ta' applikazzjoni) iżda mhux għall-Artikolu 9.2.2(d), huwa integrat u jagħmel parti minn dan il-Kapitolu u japplika għat-trattament ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra skont il-kategoriji ta':

(i) persunal prinċipali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali, u professjonisti indipendenti; kif ukoll

(ii) viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali, kif stipulat fl-Artikolu 10.9.

3. Għal aktar ċertezza, il-paragrafu 2 japplika għat-trattament ta' persuni fiżiċi li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra għal skopijiet professjonali u li jaqgħu fil-kategoriji rilevanti u li jkunu qed ifornu servizzi finanzjarji, kif iddefinit fl-Artikolu 13.1 (Definizzjonijiet) tal-Kapitolu Tlettax (Servizzi Finanzjarji). Il-paragrafu 2 ma japplikax għal miżuri relatati mal-permess ta' dħul temporanju lil persuni fiżiċi ta' Parti jew ta' pajjiż terz.

4. Jekk Parti tkun stipulat riżerva fl-Iskeda tagħha tal-Annessi I, II, jew III, ir-riżerva tkun tikkostitwixxi wkoll riżerva għall-paragrafu 2, sal-punt li l-miżura stipulata jew permessa mir-riżerva tkun taffettwa t-trattament ta' persuni fiżiċi għal skopijiet professjonali preżenti fit-territorju tal-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 10.7

Persunal prinċipali

1. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persunal prinċipali tal-Parti l-oħra soġġett għar-riżervi u l-eċċezzjonijiet elenkati fl-Anness 10-B.

2. Kull Parti għandha tastjeni milli tadotta jew iżżomm limiti, fil-forma ta' restrizzjoni numerika jew abbażi ta' verifika tal-mezzi ekonomiċi, fuq l-għadd totali ta' persunal prinċipali tal-Parti l-oħra li jingħata soġġorn temporanju.

3. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul temporanju ta' viżitaturi professjonali b'għanijiet ta' investiment mingħajr il-bżonn ta' permess tax-xogħol jew proċedura oħra ta' approvazzjoni minn qabel ta' natura analoga.

4. Kull Parti għandha tippermetti l-impjieg temporanju fit-territorju tagħha ta' ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali u investituri tal-Parti l-oħra.

5. It-tul permissibbli taż-żjara ta' persunal prinċipali huwa kif ġej:

(a) ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali (speċjalisti u persunal f'livell għoli): tliet snin jew it-tul tal-kuntratt jekk inqas, bil-possibbiltà ta' estensjoni sa 18-il xahar skont kif tiddeċiedi l-Parti li tkun qed tikkonċedi d-dħul u s-soġġorn temporanju[14];

(b) ħaddiema bi trasferiment intra-ażjedali (apprendisti gradwati): sena jew it-tul tal-kuntratt jekk inqas;

[14] It-tul tas-soġġorn permess skont dan il-Kapitolu ma jistax jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' applikazzjoni għal ċittadinanza fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

(c) investituri: sena, bil-possibbiltà ta' estensjonijiet skont kif tiddeċiedi l-Parti li tkun qed tikkonċedi d-dħul u s-soġġorn temporanju;

(d) viżitaturi bi skopijiet professjonali bl-għan ta' investiment: 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur[15].

ARTIKOLU 10.8

Fornituri ta' servizzi kuntrattwali, u professjonisti indipendenti

1. Skont l-Anness 10-E, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni fiżiċi għandhom jiġu impjegati fl-għoti ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' intrapriża li tkun kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk il-kuntratt ta' servizz ikun itwal minn12-il xahar, l-impenji ta' dan il-Kapitolu japplikaw biss għall-ewwel 12-il xahar tal-kuntratt;

(b) persuni fiżiċi li jidħlu fit-territorju tal-Parti l-oħra jridu jkunu qed joffru dawk is-servizzi bħala impjegati tal-intrapriża li tkun ilha tforni s-servizzi għal mill-inqas sena qabel id-data meta titressaq l-applikazzjoni għad-dħul fit-territorju tal-Parti l-oħra u jrid ikollha, fid-data meta titressaq l-applikazzjoni, mill-inqas tliet snin esperjenza professjonali[16] fil-qasam tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;

[15] Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija mill-Kanada skont ir-rinunzji bilaterali tal-viża mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

[16] L-esperjenza professjonali trid tkun inkisbet wara li l-persuna tkun saret maġġorenni.

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fit-territorju ta' Parti oħra għandu jkollhom,

(i) lawrea universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[17]; u

(ii) kwalifiki professjonali, fejn dan ikun meħtieġ għat-twettiq ta' attività skont il-liġijiet jew ir-rekwiżiti tal-Parti fejn jingħata;

(d) il-persuni fiżiċi ma jridux jirċievu remunerazzjoni biex jagħtu s-servizzi ħlief għar-remunerazzjoni mħallsa mill-intrapriża li timpjega l-fornituri tas-servizz kuntrattwali waqt is-soġġorn tagħhom fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(e) id-dħul u s-soġġorn temporanju konċessi skont dan l-Artikolu jirrigwardaw biss il-forniment ta' servizz li huwa s-suġġett tal-kuntratt. L-awtorità relevanti tista' tagħti l-permess għad-dritt li wieħed juża' t-titlu professjonali tal-Parti fejn ikun qed jingħata s-servizz, kif meħtieġ, kif iddefinit fl-Artikolu 11.1 (Definizzjonijiet), permezz ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku ("MRA") jew mod ieħor; kif ukoll

(f) il-kuntratt tas-servizz irid jikkonforma mal-liġijiet u ma' rekwiżiti legali oħra tal-Parti fejn il-kuntratt jiġi eżegwit[18].

---

17 Fejn il-lawrea jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn jingħata s-servizz, dik il-Parti tista' tivvaluta jekk din hijiex ekwivalenti għal lawrea universitarja rikjesta fit-territorju tagħha. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' din l-ekwivalenza, il-Partijiet għandhom japplikaw l-Anness 10-C, soġġett għar-riżervi tal-Anness 10-E.

18 Għal aktar ċertezza, il-persuna fiżika trid titqabbad mill-intrapriża biex twettaq is-servizzi tal-kuntratt li għalih ikun qed jintalab is-soġġorn temporanju.

2. Skont l-Anness 10-E, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju tal-professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra, soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) persuni fiżiċi għandhom jiġu impjegati fil-forniment ta' servizz fuq bażi temporanja bħala persuni li jaħdmu għal rashom stabbiliti fil-Parti l-oħra u jridu jkunu kisbu kuntratt ta' servizz għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Jekk il-kuntratt ta' servizz ikun itwal minn12-il xahar, l-impenji ta' dan il-Kapitolu japplikaw biss għall-ewwel 12-il xahar tal-kuntratt;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fit-territorju tal-Parti l-oħra għandu jkollhom, fid-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fit-territorju ta' Parti oħra għandu jkollhom:

(i) lawrea universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[19]; u

(ii) kwalifiki professjonali fejn dan ikun rikjest għall-eżerċizzju ta' attività skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti tal-Parti fejn jingħata s-servizz;

[19] Fejn il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn jingħata s-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk din hijiex ekwivalenti għal lawrja universitarja rikjesta fit-territorju tagħha. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' din l-ekwivalenza, il-Partijiet għandhom japplikaw l-Anness 10-C soġġett għar-riżervi tal-Anness 10-E.

(d) id-dħul u s-soġġorn temporanju konċess skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jirrigwardaw biss il-forniment ta' servizz li huwa s-suġġett tal-kuntratt. L-awtorità relevanti tista' tagħti l-permess għad-dritt li wieħed juża' t-titlu professjonali tal-Parti fejn ikun qed jingħata s-servizz, kif meħtieġ, kif iddefinit fl-Artikolu 11.1 (Definizzjonijiet), permezz ta' MRA jew mod ieħor; kif ukoll

(e) il-kuntratt tas-servizz għandu jikkonforma mal-liġijiet, mar-regolamenti u mar-rekwiżiti tal-Parti fejn il-kuntratt jiġi eżegwit.

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness 10-E, Parti għandha tastjeni milli tadotta jew iżżomm xi limitu, fil-forma ta' restrizzjonijiet numeriċi jew abbażi ta' verifika tal-mezzi ekonomiċi, fuq l-għadd totali ta' forniturі ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra li jingħataw soġġorn temporanju.

4. It-tul tas-soġġorn tal-forniturі tas-servizzi kuntrattwali u tal-professjonisti indipendenti huwa għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 12-il xahar, bil-possibbiltà ta' estensjonijiet kif tiddeċiedi l-Parti, fi kwalunkwe perjodu ta' 24 xahar jew għal kemm idum il-kuntratt, skont liema huwa l-inqas.

ARTIKOLU 10.9

Viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali

1. Skont l-Anness 10-B, Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali tal-Parti l-oħra għall-finijiet biex jitwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness 10-D, sakemm il-viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali:

(a) ma jkunux involuti bil-bejgħ ta' prodotti jew servizzi lill-pubbliku ġenerali;

(b) ma jirċevux f'isimhom xi remunerazzjoni minn sors li jkun stabbilit fil-Parti fejn il-viżitaturi għal terminu qasir b'finijiet professjonali jkunu qed jissoġġornaw b'mod temporanju; kif ukoll

(c) ma jkunux involuti fil-forniment ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn konsumatur f'dak it-territorju, u intrapriża li ma jkollha ebda preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Parti fejn il-viżitaturi professjonali għal terminu qasir ikunu qed jissoġġornaw b'mod temporanju, ħlief kif previst fl-Anness 10-D.

2. Kull Parti għandha tippermetti d-dħul temporanju ta' viżitaturi professjonali għal terminu qasir mingħajr il-bżonn ta' permess tax-xogħol jew proċedura oħra ta' approvazzjoni minn qabel ta' natura analoga.

3. Il-perjodu massimu tas-soġġorn għall-viżitaturi professjonali għal terminu qasir huwa ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' sitt xhur[20].

ARTIKOLU 10.10

Rieżami tal-impenji

Fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw li jaġġornaw l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikoli minn 10.7 sa 10.9.

[20] Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont ir-rinunzji bilaterali tal-viża.

KAPITOLU ĦDAX

RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI

ARTIKOLU 11.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

ġurisdizzjoni tfisser it-territorju tal-Kanada, u kull waħda mill-provinċji u territorji tagħha, jew it-territorju ta' kull wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, sakemm dan il-Ftehim japplika f'dawn it-territorji b'konformità mal-Artikolu 1.3 (Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku);

entità ta' negozjar tfisser persuna jew korp ta' Parti li jkollu d-dritt jew l-awtorità li jinnegozja ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali ("MRA");

esperjenza professjonali tfisser il-prattika effettiva jew legali ta' servizz;

kwalifiki professjonali tfisser il-kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifika formali u/jew ta' esperjenza professjonali;

awtorità kompetenti tfisser awtorità jew korp, maħtur skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi biex tirrikonoxxi l-kwalifiki u tawtorizza l-prattika ta' professjoni f'ġurisdizzjoni; kif ukoll

professjoni regolata tfisser servizz, li l-prattika tiegħu, inkluż l-użu ta' titolu jew ta' dežinjazzjoni, tirrikjedi li wieħed ikollu kwalifiki speċifiċi skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi.

ARTIKOLU 11.2

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi qafas għall-faċilitazzjoni ta' reġim ġust, trasparenti u konsistenti għar-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali mill-Partijiet u jistipula l-kundizzjonijiet ġenerali għan-negozjar ta' MRAs (ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku).

2. Dan il-Kapitolu japplika għal professjonijiet f'kull Parti li huma rregolati, inkluż fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea jew f'uħud minnhom kif ukoll fil-provinċji u t-territorji kollha tal-Kanada jew f'uħud minnhom.

3. Parti ma għandhiex tikkonċedi rikonoxximent b'tali mod li jkun jikkostitwixxi diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji tagħha għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' fornitur ta' servizz, jew li jkun jikkostitwixxi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi.

4. MRA adottat skont dan il-Kapitolu japplika fit-territorji kollha tal-Unjoni Ewropea u tal-Kanada.

ARTIKOLU 11.3

In-negozjar ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku

1. Kull Parti għandha tħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-korpi professjonali tagħha, kif xieraq, biex jiżviluppaw u jipprovdu rakkomandazzjonijiet konġunti dwar il-ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku proposti lill-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali (Kumitat MRA) stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(b).

2. Rakkomandazzjoni għandha tipprovdi valutazzjoni dwar il-valur potenzjali ta' MRA fuq il-bażi ta' kriterji bħal-livell attwali tal-ftuħ tas-suq, il-ħtiġijiet tal-industrija, u l-opportunitajiet kummerċjali, pereżempju, l-għadd ta' professjonisti li x'aktarx jibbenefikaw mill-MRA, l-eżistenza ta' MRA oħrajn fis-settur, u l-vantaġġi mistennija f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp ekonomiku u kummerċjali. Barra minn hekk, hija għandha tipprovdi valutazzjoni dwar il-kompatibbiltà tas-sistemi tal-Partijiet li jirrigwardaw il-liċenzjar jew il-kwalifika u l-approċċ mistenni għan-negozjar ta' MRA.

3. Il-Kumitat MRA għandu, fi żmien raġonevoli, janalizza r-rakkomandazzjoni bl-għan li jiżgura l-konsistenza tagħha mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Jekk dawn ir-rekwiżiti jkunu ssodisfati, il-Kumitat MRA għandu jistabbilixxi l-passi neċessarji biex jinnegozja u kull Parti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħha b'dawn il-passi.

4. L-entitajiet ta' negozjar għandhom wara dan isegwu n-negozjati u jippreżentaw abbozz tat-test tal-MRA lill-Kumitat MRA.

5. Il-Kumitat MRA wara janalizza l-abbozz tal-MRA u jiżgura li dan ikun konsistenti ma' dan il-Ftehim.

6. Jekk fil-fehma tal-Kumitat MRA, l-MRA jkun konsistenti ma' dan il-Ftehim, il-Kumitat MRA għandu jadotta l-MRA permezz ta' deċiżjoni, bil-kundizzjoni li kull Parti sussegwentement tinnotifika lill-Kumitat MRA dwar it-twettiq tar-rekwiżiti interni rispettivi tiegħu. Id-deċiżjoni ssir vinkolanti fuq il-Partijiet hekk kif issir in-notifika minn kull Parti lill-Kumitat MRA.

ARTIKOLU 11.4

Rikonoxximent

1. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali previst minn MRA, għandu jippermetti li l-fornitur ta' servizz jipprattika l-attivitajiet professjonali fil-ġurisdizzjoni ospitanti, skont it-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fl-MRA.

2. Jekk il-kwalifiki professjonali ta' fornitur ta' servizz ta' Parti huma rikonoxxuti mill-Parti l-oħra skont MRA, l-awtoritajiet kompetenti tal-ġurisdizzjoni ospitanti għandhom jagħtu lil dan il-fornitur ta' servizz trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti f'sitwazzjonijiet simili lil fornitur ta' servizz simili li l-kwalifiki professjonali tiegħu jkunu ġew iċċertifikati jew attestati fil-ġurisdizzjoni proprja tal-Parti.

3. Rikonoxximent skont MRA ma jistax ikun soġġett għal kundizzjoni li:

(a) fornitur ta' servizz jissodisfa rekwiżit ta' ċittadinanza jew ta' xi forma ta' residenza; jew

(b) l-edukazzjoni, l-esperjenza jew it-taħriġ ta' fornitur ta' servizz ikunu nkisbu fil-ġurisdizzjoni proprja tal-Parti

ARTIKOLU 11.5

Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali

Il-Kumitat MRA responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 11.3 għandu:

(a) ikun ikkostitwit u kopresedut minn rappreżentanti tal-Kanada u tal-Unjoni Ewropea, li jridu jkunu differenti mill-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi professjonali msemmijin fl-Artikolu 11.3.1. Lista ta' dawn ir-rappreżentanti tiġi kkonfermata permezz ta' skambju ta' ittri;

(b) jiltaqa' fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u wara dan skont il-ħtieġa jew kif jiġi deċiż;

(c) jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu stess;

(d) jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni rigward il-liġijiet, ir-regolamenti, il-politiki u l-prattiki rigward l-istandards jew il-kriterji għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar jew iċ-ċertifikazzjoni ta' professjonijiet regolati;

(e) jippubblika l-informazzjoni li tirrigwarda n-negozjar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku;

(f) jirrapporta lill-kumitat Konġunt CETA dwar il-progress tan-negozjar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku; kif ukoll

(g) kif xieraq, jipprovdi informazzjoni u jikkomplementa l-linji gwida stipulati fl-Anness 11-A.

ARTIKOLU 11.6

Linji gwida għan-negozjar u l-konklużjoni tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku

Bħala parti mill-qafas biex jinkiseb ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, fl-Anness 11-A l-Partijiet jistipulaw linji gwida nonvinkolanti fir-rigward tan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku.

ARTIKOLU 11.7

Il-punti ta' kuntatt

Kull Parti għandha tistabbilixxi punt ta' kuntatt jew aktar għall-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU TNAX

REGOLAMENTAZZJONI INTERNA

ARTIKOLU 12.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

awtorizzazzjoni tfisser il-ħruġ ta’ permess lil persuna li tforni servizz jew li twettaq kwalunkwe attività ekonomika oħra;

awtorità kompetenti tfisser kull gvern ta’ Parti, jew korp mhux governattiv fl-eżerċizzju ta’ setgħat delegati minn kull gvern ta’ Parti, li jagħti awtorizzazzjoni;

proċeduri ta' liċenzjar tfisser regoli amministrattivi jew proċedurali, inkluż għall-emendar jew it-tiġdid ta' liċenzja, li għandhom jiġu osservati sabiex tintwera konformità mar-rekwiżiti ta' liċenzjar;

rekwiżiti ta' liċenzjar tfisser rekwiżiti sostantivi, għajr rekwiżiti ta' kwalifiki, li għandu jkun hemm konformità magħhom sabiex wieħed jikseb, jemenda jew iġedded awtorizzazzjoni;

proċeduri ta' kwalifika tfisser regoli amministrattivi jew proċedurali li għandhom jiġu osservati sabiex tintwera konformità mar-rekwiżiti ta' kwalifika; kif ukoll

rekwiżiti ta' kwalifika tfisser rekwiżiti sostantivi li jirrigwardaw kompetenza u li għandhom jiġu osservati sabiex wieħed jikseb, jemenda jew iġedded awtorizzazzjoni.

ARTIKOLU 12.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti rigward rekwiżiti ta' liċenzjar, proċeduri ta' liċenzjar, rekwiżiti ta' kwalifiki, jew proċeduri ta' kwalifika li jaffettwaw:

(a) il-forniment ta' servizzi finanzjarji transfruntieri kif definiti fl-Artikolu 9.1 (Definizzjonijiet);

(b) il-forniment ta' servizz jew l-insegwiment ta' xi attività ekonomika oħra, permezz ta' preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Parti l-oħra, inkluż l-istabbiliment ta' tali preżenza kummerċjali; kif ukoll

(c) il-forniment ta' servizz permezz tal-preżenza ta' persuna fiżika tal-Parti l-oħra fit-territorju tal-Parti l-oħra, b'konformità mal-Artikolu 10.6.2 (Obbligi f'kapitoli oħra).

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal ħtiġijiet ta' liċenzjar, proċeduri ta' liċenzjar, rekwiżiti ta' kwalifiki, jew proċeduri ta' kwalifika:

(a) skont xi miżura eżistenti li ma tkunx konformi miżmuma minn Parti kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I; jew

(b) li jirrigwardaw wieħed minn dawn is-setturi jew attivitajiet:

(i) għall-Kanada, l-industriji kulturali u, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness II, is-servizzi soċjali, l-affarijiet tal-minoranzi aboriġini, is-servizzi tal-logħob tal-azzard u l-imħatri, u ġbir, purifikazzjoni u tqassim tal-ilma; kif ukoll

(ii) għall-Parti tal-UE, servizzi awdjoviżivi u, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness II, is-saħħa, l-edukazzjoni, u s-servizzi soċjali, is-servizzi tal-logħob tal-azzard u l-imħatri,[21] u l-ġbir, il-purifikazzjoni u t-tqassim tal-ilma.

[21] Bl-eċċezzjoni ta' Malta.

ARTIKOLU 12.3

Rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar u ta' kwalifika

1. Kull Parti għandha tiżgura li r-rekwiżiti ta' liċenzjar, ir-rekwiżiti ta' kwalifiki, il-proċeduri tal-ħruġ tal-liċenzji, jew il-proċeduri ta' kwalifika li din tadotta jew iżżomm ikunu bbażati fuq kriterji li jipprekludu lill-awtorità kompetenti milli teżerċita l-poter tagħha ta' evalwazzjoni b'mod arbitrarju.

2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu:

(a) ċari u trasparenti;

(b) oġġettivi; kif ukoll

(c) stabbiliti minn qabel u aċċessibbli għall-pubbliku.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-tħaddim ta' diskrezzjoni statutorja kkonferita fuq ministru fir-rigward ta' deċiżjoni dwar l-għoti ta' awtorizzazzjoni fl-interess pubbliku ma huwiex inkonsistenti mas-subparagrafu 2(c), sakemm ma titħaddimx b'mod konsistenti mal-objettiv tal-istatut applikabbli u mhux b'mod arbitrarju, u li t-tħaddim tagħha bl-ebda mod ma jkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Il-paragrafu 3 ma japplikax għal rekwiżiti ta' liċenzjar, jew rekwiżiti ta' kwalifiki għal servizz professjonali.

5. Kull Parti għandha tiżgura li tingħata awtorizzazzjoni malli l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni jkunu ġew issodisfati, u li ladarba tingħata, l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien bla bżonn skont it-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati hemmhekk.

6. Kull Parti għandha żżomm jew twaqqaf tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi li, wara t-talba ta' investitur jew ta' fornitur ta' servizz affettwat, kif definit fl-Artikoli 8.1 (Definizzjonijiet) u 1.1 (Definizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali), jipprovdu għal rieżami fil-pront ta' deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw il-forniment ta' servizz jew it-twettiq ta' kull attività ekonomika oħra, u fejn ikun ġustifikat jipprovdu għal rimedji xierqa. Fejn dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-aġenzija fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri jiġu applikati b'tali mod li jipprovdi għal rieżami oġġettiv u imparzjali.

7. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri ta' liċenzjar jew il-proċeduri ta' kwalifika li tadotta jew iżżomm ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma jikkomplikawx jew idewmu bla bżonn il-forniment ta' servizz, jew it-twettiq ta' xi attività ekonomika oħra.

8. Tariffa tal-awtorizzazzjoni li applikant jista' jġarrab b'rabta mal-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni għandha tkun raġonevoli u proporzjonata mal-ispejjeż imġarrba, u ma għandhiex tirrestrinġi l-forniment ta' servizz jew it-twettiq ta' kull attività ekonomika oħra.

9. It-tariffi tal-awtorizzazzjoni ma jinkludux il-ħlasijiet għal irkanti, l-użu ta’ riżorsi naturali, royalties, offerti ta' prezzijiet jew mezzi oħra nondiskriminatorji għall-għoti ta’ konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-forniment ta’ servizz universali.

10. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri ta' liċenzjar jew il-proċeduri ta' kwalifika użati minn awtorità kompetenti fil-proċess ta' liċenzjar jew awtorizzazzjoni u d-deċiżjonijiet tagħha jkunu imparzjali fir-rigward tal-applikanti kollha. L-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b’mod indipendenti u b’mod partikolari ma għandha tkun responsabbli quddiem ebda persuna li tforni xi servizz jew twettaq xi ekonomika oħra li għalihom hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni.

11. Fejn jeżistu perjodi ta' żmien speċifiċi għall-applikazzjonijiet, applikant jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli biex jippreżenta applikazzjoni. L-awtorità kompetenti tagħti bidu għall-ipproċessar ta' applikazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Fejn possibbli, l-applikazzjonijiet għandhom jiġu aċċettati f'format elettroniku skont l-istess kundizzjonijiet ta' awtenticità bħall-preżentazzjonijiet bil-karti.

12. Il-kopji awtentikati għandhom jiġu aċċettati, fejn xieraq, minflok id-dokumenti oriġinali.

13. Kull Parti għandha tiżgura li l-ipproċessar ta' applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni, inkluż meta tintlaħaq deċiżjoni finali, jintemm fi żmien raġonevoli minn meta titressaq applikazzjoni kompluta. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi ż-żmien normali għall-ipproċessar ta’ applikazzjoni.

14. Wara talba ta' applikant, l-awtorità kompetenti ta' Parti għandha tipprovdi, mingħajr dewmien bla bżonn, informazzjoni rigward l-istatus tal-applikazzjoni.

15. Jekk applikazzjoni titqies bħala mhux kompluta, l-awtorità kompetenti ta’ Parti għandha, fi żmien raġonevoli, tinforma lill-applikant, biex jidentifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex timtela l-applikazzjoni, u tipprovdi lill-applikant l-opportunità biex jikkoreġi n-nuqqasijiet.

16. Jekk awtorità kompetenti ta' Parti tiċħad applikazzjoni, hija għandha tinforma lill-applikant bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed. Wara talba tal-applikant, l-awtorità kompetenti ta' Parti għandha tinforma wkoll lill-applikant bir-raġunijiet għalfejn l-applikazzjoni ġiet miċħuda u dwar il-perjodu ta’ żmien għal appell jew rieżami kontra d-deċiżjoni. Applikant għandu jkun permess, f’limiti ta’ żmien raġonevoli, sabiex jerġa’ jippreżenta applikazzjoni.

KAPITOLU TLETTAX

SERVIZZI FINANZJARJI

ARTIKOLU 13.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

fornitur ta’ servizzi finanzjarji transfruntier ta’ Parti tfisser persuna involuta fil-forniment ta' servizzi finanzjarji fit-territorju tal-Parti u li tfittex li tipprovdi jew tipprovdi servizz finanzjarju permezz tal-forniment transfruntier ta’ dak is-servizz;

forniment transfruntier ta’ servizzi finanzjarji jew **kummerċ f’servizzi finanzjarji transfruntier** tfisser il-forniment ta’ servizz finanzjarju:

(a) mit-territorju ta’ Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; jew

(b) fit-territorju ta’ Parti minn persuna ta' dik il-Parti għal persuna tal-Parti l-oħra;

iżda ma tinkludix il-forniment ta' servizz fit-territorju ta' Parti minn investiment f'dak it-territorju;

istituzzjoni finanzjarja tfisser fornitur li jwettaq waħda jew aktar mill-operazzjonijiet definiti bħala servizzi finanzjarji f’dan l-Artikolu, jekk il-fornitur ikun regolat jew sorveljat fir-rigward tal-forniment ta’ dawn is-servizzi bħala istituzzjoni finanzjarja taħt il-liġi tal-Parti li fit-territorju tagħha tkun stabbilita, inkluż fergħa fit-territorju tal-Parti ta’ dak il-fornitur ta’ servizzi finanzjarji li l-uffiċċji prinċipali tagħhom ikunu jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra tfisser istituzzjoni finanzjarja, inkluż fergħa, li tkun stabbilita fit-territorju ta’ Parti li hija kkontrollata minn persuna tal-Parti l-oħra;

servizz finanzjarju tfisser servizz ta’ natura finanzjarja, inkluż servizzi ta’ assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni, servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni), u servizzi anċillari jew awżiljari għal servizz ta’ natura finanzjarja. Servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

(i) assigurazzjoni diretta (inkluża l-koassigurazzjoni):

(A) fuq il-ħajja; jew

(B) mhux fuq il-ħajja;

(ii) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

(iii) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senseriji kummerċjali (brokerage) u aġenziji; jew

(iv) servizzi awżiljarji għall-assigurazzjoni, bħal konsultazzjoni, evalwazzjoni attwarja, stima tar-riskju u servizzi ta' riżoluzzjoni tat-talbiet; kif ukoll

(b) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni):

(i) aċċettazzjoni ta’ depożiti u fondi oħrajn li jitħallsu lura mill-pubbliku;

(ii) is-self tat-tipi kollha, inkluż il-kreditu lill-konsumaturi, il-kreditu fuq l-ipoteka, il-fatturazzjoni u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(iii) lokazzjoni finanzjarja;

(iv) is-servizzi kollha ta' pagament u ta' trażmissjoni ta' flus, inkluż il-kreditu, il-kards tal-kreditu u tad-debitu, travellers cheques u bonifiċi bankarji;

(v) garanziji u impenji;

(vi) negozju proprju jew f'isem klijenti, kemm jekk fil-borża, f'suq finanzjarju barra l-borża, kif ukoll jekk mod ieħor, f'dan li ġej:

(A) strumenti tas-suq monetarju (inkluż ċekkijiet, kambjali jew ċertifikati ta' depożiti);

(B) il-kambju f'valuta barranija;

(C) prodotti derivattivi inkluż futuri u opzjonijiet;

(D) strumenti tar-rati tal-kambju u tar-rata tal-imgħax, inkluż prodotti bħal tpartit u ftehimiet dwar ir-rata forward;

(E) titoli trasferibbli; jew

(F) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inkluż ingotti tad-deheb;

(vii) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrizzjoni u allokazzjoni bħala aġent (kemm jekk pubblikament kif ukoll jekk privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;

(viii) senserija ta' flus;

(ix) l-amministrazzjoni ta' assi, bħall-amministrazzjoni ta' flus kontanti jew ta' portafoll, il-forom kollha ta' amministrazzjoni ta' investiment kollettiv, amministrazzjoni ta' fondi għall-pensjoni, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(x) servizzi ta' pagament u approvazzjoni ta' assi finanzjarji, inkluż titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħra;

(xi) il-forniment u t-trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u l-ipproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat; jew

(xii) servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra fuq l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi minn (i) sa (xi), inkluż referenza u analiżi tal-kreditu, riċerka u konsulenza dwar l-investiment u l-portafolli, konsulenza dwar l-akkwisti u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattiva;

fornitur ta' servizzi finanzjarji tfisser persuna ta' Parti li tkun involuta fil-forniment ta' servizzi finanzjarji fit-territorju ta' dik il-Parti, iżda ma tinkludix entità pubblika;

investiment tfisser “investiment” kif definit fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet), ħlief li għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, fir-rigward ta’ “self” u “strumenti ta’ dejn” imsemmija f’dak l-Artikolu:

(a) self jew strument ta’ dejn maħruġ minn istituzzjoni finanzjarja huwa investiment f’dik l-istituzzjoni finanzjarja biss jekk huwa ttrattat bħala kapital regolatorju mill-Parti li fit-territorju tagħha tkun stabbilita l-istituzzjoni finanzjarja; kif ukoll

(b) self mogħti minn istituzzjoni finanzjarja jew strument ta’ dejn li jappartjeni għaliha, għajr self jew strument ta’ dejn ta’ istituzzjoni finanzjarja msemmi fis-subparagrafu (a), mhuwiex investiment;

għal aktar ċertezza,

(c) il-Kapitolu Tmienja (Investiment) japplika għal self jew strument ta’ dejn sal-punt li mhuwiex kopert f’dan il-Kapitolu; kif ukoll

(d) self mogħti minn fornitur tas-servizzi finanzjarji transfruntier jew strument ta’ dejn li jappartjeni għalih, minbarra self jew strument ta’ dejn maħruġ minn istituzzjoni finanzjarja, huwa investiment għall-finijiet tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) jekk dak is-self jew strument ta’ dejn jissodisfa l-kriterji għal investimenti stipulati fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet);

investitur tfisser "investitur" kif definit fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet);

servizz finanzjarju ġdid tfisser servizz finanzjarju li mhuwiex fornut fit-territorju ta' Parti iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra u jinkludi kull forma ġdida ta' twassil ta' servizz finanzjarju jew il-bejgħ ta' prodott finanzjarju li mhuwiex mibjugħ fit-territorju tal-Parti;

persuna ta' Parti tfisser "persuna ta' Parti" kif definit fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali) u, għal aktar ċertezza, ma tinkludix fergħa ta' intrapriża ta' pajjiż terz;

entità pubblika tfisser:

(a) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta' Parti jew entità proprjetà ta' Parti jew ikkontrollata minnha, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal skopijiet governattivi, iżda li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-forniment ta' servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(b) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew minn awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet; kif ukoll

organizzazzjoni awtoregolatorja tfisser korp mhux governattiv, inkluż kull skambju jew suq ta' titoli jew futuri, aġenzija tal-ikklirjar, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, li teżerċita awtorità regolatorja jew superviżorja proprja jew delegata jew awtorità ta' sorveljanza fuq il-forniturі ta' servizzi finanzjarji jew istituzzjonijiet finanzjarji.

ARTIKOLU 13.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti fir-rigward ta':

(a) istituzzjonijiet finanzjarji tal-Parti l-oħra;

(b) investitur tal-Parti l-oħra, u investiment ta' dak l-investitur, f'istituzzjoni finanzjarja fit-territorju tal-Parti; kif ukoll

(c) kummerċ fis-servizzi finanzjarji transfruntier.

2. Għal aktar ċertezza, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) japplikaw għal:

(a) miżura relatata ma' investitur ta' Parti, u investiment ta' dak l-investitur, f'fornitur tas-servizzi finanzjarji li mhuwiex istituzzjoni finanzjarja; kif ukoll

(b) miżura, għajr miżura relatata mal-forniment ta' servizzi finanzjarji, relatata ma' investitur ta' Parti jew ma' investiment ta' dak l-investitur f'istituzzjoni finanzjarja.

3. L-Artikoli 8.10 (Trattament ta' investituri u l-investimenti koperti), 8.11 (Kumpens għal telf), 8.12 (Esproprjazzjoni), 8.13 (Trasferimenti), 8.14 (Subrogazzjoni), 8.16 (Ċaħda tal-benefiċċji), u 8.17 (Rekwiżiti formali) huma integrati u jagħmlu parti minn dan il-Kapitolu.

4. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati) hija integrata u tagħmel parti minn dan il-Kapitolu biss għal pretensjonijiet li jiddikjaraw li Parti tkun kisret l-Artikolu 13.3 jew 13.4 fir-rigward tal-espansjoni, it-tmexxija, l-operazzjoni, il-ġestjoni, iż-żamma, l-użu, it-tgawdija, u l-bejgħ jew id-disponiment ta' istituzzjoni finanzjarja jew investiment f'istituzzjoni finanzjarja, jew l-Artikolu 8.10 (Trattament ta' investituri u l-investimenti koperti), 8.11 (Kumpens għal telf), 8.12 (Esproprjazzjoni), 8.13 (Trasferimenti), jew 8.16 (Ċaħda tal-benefiċċji).

5. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti fir-rigward ta':

(a) attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku tal-irtirar jew sistema statutorja ta' sigurtà soċjali; jew

(b) attivitajiet jew servizzi mwettqa f'isem il-Parti, bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-Parti, inkluż l-entitajiet pubbliċi tagħha,

minbarra li dan il-Kapitolu japplika sal-punt li Parti tippermetti l-attivitajiet jew is-servizzi msemmija fis-subparagrafu (a) jew (b) li għandhom isiru mill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha f'kompetizzjoni ma' entità pubblika jew ma' istituzzjoni finanzjarja.

6. Il-Kapitolu Tnax (Regolamentazzjoni Domestika) huwa integrat u jagħmel parti minn dan il-Kapitolu. Għal aktar ċertezza, l-Artikolu 12.3 (Rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzjar u ta' kwalifika) japplika għas-setgħa diskrezzjonali prevista mil-liġi li jħaddmu l-awtoritajiet regolatorji finanzjarji tal-Partijiet.

7. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Tnax (Regolazzjoni Domestika) integrati f'dan il-Kapitolu skont il-paragrafu 6 ma japplikawx għal rekwiżiti ta' liċenzjar, proċeduri ta' liċenzjar, rekwiżiti ta' kwalifiki jew għal proċeduri ta' kwalifika:

(a) skont miżura mhux konformi mwettqa mill-Kanada, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness III-A;

(b) skont miżura mhux konformi tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I, sal-punt li tali miżura tkun tirrigwarda servizzi finanzjarji; kif ukoll

(c) kif stipulat fl-Artikolu 12. 2.2 (b) (Kamp ta' applikazzjoni), sal-punt li tali miżura tkun tirrigwarda servizzi finanzjarji.

ARTIKOLU 13.3

Trattament nazzjonali

1. L-Artikolu 8.6(Trattament Nazzjonali) huwa integrat u jagħmel parti minn dan il-Kapitolu u japplika għal trattament ta' istituzzjonijiet finanzjarji u investituri tal-Parti l-oħra u l-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji.

2. It-trattament mogħti minn Parti lill-investituri proprji u lill-investimenti tal-investituri proprji skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8.6 (Trattament Nazzjonali) ifisser trattament mogħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji proprji u lill-investimenti ta' investituri proprji fl-istituzzjonijiet finanzjarji.

ARTIKOLU 13.4

Trattament tan-nazzjon l-aktar- iffavorit-

1. Artikolu 8.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) huwa integrat u jagħmel parti minn dan il-Kapitolu u japplika għal trattament ta' istituzzjonijiet finanzjarji u investituri tal-Parti l-oħra u l-investimenti tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji.

2. It-trattament mogħti minn Parti lil investituri ta' pajjiż terz u lil investimenti ta' investituri ta' pajjiż terz skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) ifisser trattament li jingħata lill-istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiż terz u lil investimenti ta' investituri ta' pajjiż terz f'istituzzjonijiet finanzjarji.

ARTIKOLU 13.5

Rikonoxximent ta' miżuri prudenzjali

1. Kull Parti tista' tirrikonoxxi miżura prudenzjali ta' pajjiż terz fl-applikazzjoni ta' miżura koperta minn dan il-Kapitolu. Dan ir-rikonoxximent jista' jkun:

(a) akkordat unilateralment;

(b) miksub permezz ta' armonizzazzjoni jew ta' mezzi oħra; jew

(c) ibbażat fuq ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz.

2. Kull Parti skont ir-rikonoxximent ta' miżura prudenzjali għandha tagħti opportunità adegwata lill-Parti l-oħra sabiex turi li jeżistu ċirkustanzi li fihom hemm jew se jkun hemm regolament ekwivalenti, sorveljanza, implimentazzjoni tar-regolament u, jekk xieraq, proċeduri li jirrigwardaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-Partijiet.

3. Jekk Parti tirrikonoxxi miżura prudenzjali skont il-subparagrafu 1(c) u jeżistu ċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 2, il-Parti għandha tipprovdi opportunità adegwata lill-Parti l-oħra sabiex tinnegozja l-adeżjoni għall-ftehim jew arranġament, jew sabiex tinnegozja ftehim jew arranġament komparabbli.

ARTIKOLU 13.6

Aċċess għas-suq

1. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra jew fir-rigward ta' aċċess għas-suq permezz tal-istabbiliment ta' istituzzjoni finanzjarja minn investitur tal-Parti l-oħra, abbażi tat-territorju kollu tagħha jew abbażi tat-territorju tal-livell ta' gvern nazzjonali, provinċjali, territorjali, reġjonali jew lokali, miżura li:

(a) timponi limitazzjonijiet fuq:

(i) l-għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji kemm fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri ta' servizz esklużiv kif ukoll bħala r-rekwiżit ta' test ta' ħtiġijiet ekonomiċi;

(ii) il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizz jew assi fil-forma ta’ kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iii) l-għadd totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz finanzjarji espressa f'termini ta' unitajiet numeriċi mfissra fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta’ test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(iv) il-parteċipazzjoni ta’ kapital barrani f’termini ta’ limitu perċentwali massimu fuq ishma f'istituzzjonijiet finanzjarji f’idejn barranin jew il-valur totali ta’ investiment barrani individwali jew aggregat f'istituzzjonijiet finanzjarji; jew

(v) l-għadd totali ta' persuni fiżiċi li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari ta' servizzi finanzjarji jew li fornitur ta' servizzi finanzjarji jista' jimpjega u li huma neċessarji għall-prestazzjoni ta' servizz finanzjarju speċifiku, u direttament relatati miegħu, fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġiet ekonomiċi; jew

(b) tillimita jew teħtieġ tipi speċifiċi ta’ entitajiet legali jew impriżi konġunti li permezz tagħhom istituzzjoni finanzjarja tista’ twettaq attività ekonomika.

2. L-Artikolu 8.4.2 (Aċċess għas-Suq) huwa integrat u jagħmel parti minn dan l-Artikolu.

3. Għal aktar ċertezza:

(a) Parti tista' timponi termini, kundizzjoniijiet u proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-ħolqien u l-espansjoni ta' preżenza kummerċjali sakemm dawn ma jevadux l-obbligu tal-Parti skont il-paragrafu 1 u sakemm ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Kapitolu; kif ukoll

(b) dan l-Artikolu ma jipprekludix lil xi Parti milli teħtieġ li xi istituzzjoni finanzjarja tipprovdi ċerti servizzi finanzjarji permezz ta' entitajiet legali separati jekk, skont il-liġi tal-Parti, il-firxa ta' servizzi finanzjarji pprovduti mill-istituzzjoni finanzjarja ma jkunux jistgħu jiġu fornuti permezz ta' entità waħda.

ARTIKOLU 13.7

Forniment ta' servizzi finanzjarji transfruntier.

1. L-Artikoli 9.3 (Trattament Nazzjonali), 9.4 (Rekwiżiti formali), u 9.6 (Aċċess għas-suq) huma integrati u jagħmlu parti minn dan il-Kapitolu u japplikaw għat-trattament tal-forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntiera li jipprovdu servizzi finanzjarji speċifikati fl-Anness 13-A.

2. It-trattament mogħti minn Parti lill-forniturі ta' servizzi u s-servizzi proprji skont l-Artikolu 9.3.2 (Trattament Nazzjonali) ifisser trattament mogħti lill-forniturі ta' servizzi finanzjarji u s-servizzi finanzjarji tagħha stess.

3. Il-miżuri li Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' forniturі ta' servizzi u servizzi tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu 9.6 (Aċċess għas-suq) tfisser miżuri relatati ma' forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntieri tal-Parti l-oħra li jipprovdu servizzi finanzjarji.

4. L-Artikolu 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) huwa integrat u jagħmel parti minn dan il-Kapitolu u japplika għat-trattament ta' forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntieri tal-Parti l-oħra.

5. It-trattament mogħti minn Parti lill-fornituri ta’ servizzi u lis-servizzi ta’ pajjiż terz skont l-Artikolu 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit) tfisser it-trattament li jingħata lil fornituri ta’ servizzi finanzjarji ta’ pajjiż terz u lis-servizzi finanzjarji ta’ pajjiż terz.

6. Kull Parti għandha tippermetti li persuna stabbilita fit-territorju tagħha, u ċittadin kull fejn ikun stabbilit, jixtru servizzi finanzjarji mingħand fornitur ta’ servizzi finanzjarji transfruntier tal-Parti l-oħra li tkun jinsab fit-territorju ta’ dik il-Parti l-oħra. Dan l-obbligu ma jirrikjedix li Parti tippermetti li dawn il-fornituri jwettqu negozju jew jissolleċitaw fit-territorju tagħha. Kull Parti tista’ tiddefinixxi “twettiq ta’ negozju” u “solleċitazzjoni” għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, f’konformità mal-paragrafu 1.

7. Għas-servizzi finanzjarji speċifikati fl-Anness 13-A, kull Parti għandha tippermetti fornitur tas-servizzi finanzjarji transfruntier tal-Parti l-oħra, wara talba jew notifika lir-regolatur rilevanti, fejn meħtieġ, li jipprovdi servizzi finanzjarji permezz ta’ kwalunkwe forma ġdida ta’ kunsinna, jew li jbigħ prodott finanzjarju li mhuwiex mibjugħ fit-territorju tal-Parti fejn l-ewwel Parti tippermetti li l-fornituri tas-servizzi finanzjarji proprji tagħha jipprovdu tali servizz jew li jbigħu tali prodott skont il-liġi tagħha f’sitwazzjonijiet simili.

ARTIKOLU 13.8

Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi

Parti ma għandhiex tirrikjedi li intrapriża ta' dik il-Parti, li tkun ukoll investiment kopert, taħtar fil-maniġment superjuri jew fil-bord tad-diretturi, persuni fiżiċi ta' xi nazzjonalità partikolari.

ARTIKOLU 13.9

Rekwiżiti tal-prestazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jinnegozjaw dixxiplini dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) fir-rigward tal-investimenti f'istituzzjonijiet finanzjarji.

2. Jekk, wara tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet ma jkunux qablu dwar dawn id-dixxiplini, wara talba ta' Parti, l-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) għandu jiġi integrat u magħmul parti minn dan il-Kapitolu u għandu japplika għal investimenti f'istituzzjonijiet finanzjarji. Għal dan l-għan, "investiment" fl-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) tfisser "investiment f'istituzzjoni finanzjarja fit-territorju tagħha".

3. Fi żmien 180 jum wara li l-Partijiet ikun irnexxielhom jinnegozjaw dwar id-dixxiplini tar-rekwiżit tal-prestazzjoni skont il-paragrafu 1, jew wara talba minn Parti għall-integrazzjoni tal-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) f'dan il-Kapitolu skont il-paragrafu 2, skont kif ikun il-każ, kull Parti tista' temenda l-Iskeda tagħha kif meħtieġ. Kull emenda trid tiġi limitata għall-elenkar ta' riżervi għal miżuri eżistenti li ma jikkonformawx mal-obbligu tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni taħt dan il-Kapitolu, għall-Kanada fit-Taqsima A tal-Iskeda tagħha tal-Anness III u għall-Unjoni Ewropea fl-Iskeda tagħha tal-Anness I. L-Artikolu 13.10.1 għandu japplika għal tali miżuri rigward id-dixxiplini dwar r-rekwiżit tal-prestazzjoni nnegozjati skont il-paragrafu 1, jew l-Artikolu 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni) kif inkorporat f'dan il-Kapitolu skont il-paragrafu 2, skont il-każ.

ARTIKOLU 13.10

Riżervi u eċċezzjonijiet

1. L-Artikoli 13.3, 13.4, 13.6 u 13.8 ma japplikawx għal:

(a) miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit mill-Kanada fit-Taqsima A tal-Iskeda tal-Anness III jew l-Unjoni Ewropea fl-Iskeda tagħha tal-Anness I;

(iii) gvern provinċjali, territorjali jew reġjonali, kif stabbilit mill-Kanada fit-Taqsima A tal-Iskeda tal-Anness III jew l-Unjoni Ewropea fl-Iskeda tagħha tal-Anness I; jew

(iv) gvern lokali.

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a) sakemm l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikoli 13.3, 13.4, 13.6 jew 13.8.

2. l-Artikolu 13.7 ma japplikax għal:

(a) miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit mill-Kanada fit-Taqsima A tal-Iskeda tal-Anness III jew l-Unjoni Ewropea fl-Iskeda tagħha tal-Anness I;

(iii) gvern provinċjali, territorjali jew reġjonali, kif stabbilit mill-Kanada fit-Taqsima A tal-Iskeda tal-Anness III jew l-Unjoni Ewropea fl-Iskeda tagħha tal-Anness I; jew

(iv) gvern lokali.

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a) sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, mal-Artikolu 13.7.

3. L-Artikoli 13.3, 13.4, 13.6, 13.7, u 13.8 ma japplikawx għal miżura li l-Kanada tadotta jew iżżomm fir-rigward tas-servizzi finanzjarji kif stipulat fit-Taqsima B tal-Iskeda tagħha tal-Anness III, jew għal miżura li l-Unjoni Ewropea tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' servizzi finanzjarji kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness II.

4. Jekk Parti tkun stipulat riżerva għall-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-suq), 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni), 8.6 (Trattament nazzjonali), 8.7 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 8.8 (Maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi), 9.3 (Trattament nazzjonali), 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), jew 9.6 (Aċċess għas-suq) fl-Iskeda tagħha tal-Anness I jew II, ir-riserva tkun tikkostitwixxi wkoll riżerva għall-Artikoli 13.3, 13.4, 13.6, 13.7, jew 13.8, jew għal kull dixxiplina dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni innegozjati skont l-Artikolu 13.9.1 jew inkorporati f'dan il-Kapitolu skont l-Artikolu 13.9.2, skont kif ikun il-każ, sal-punt li l-miżura, is-settur, is-subsettur jew l-attività stabbiliti fir-riżerva jkunu koperti minn dan il-Kapitolu.

5. Parti ma għandhiex tadotta miżura jew sensiela ta' miżuri wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li jkunu koperti bit-Taqsima B tal-Iskeda tal-Anness III tal-Kanada, jew mill-Iskeda tal-Anness II tal-Unjoni Ewropea u li jirrikjedu direttament jew indirettament, li investitur tal-Parti l-oħra, minħabba nazzjonalità, ibiegħ jew altrimenti jiddisponi minn investiment li kien jeżisti fil-mument meta l-miżura jew sensiela ta' miżuri daħlu fis-seħħ.

6. Fir-rigward ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, Parti tista' tidderoga mill-Artikoli 13.3 u 13.4, u minn kull dixxiplina dwar it-trasferiment tat-teknoloġija fir-rigward ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni nnegozjati skont l-Artikolu 13.9.1 jew inkorporati f'dan il-Kapitolu skont l-Artikolu 13.9.2, skont il-każ, jekk id-deroga hija permessa mill-Ftehim TRIPS, inklużi rinunzji għall-Ftehim TRIPS adottati skont l-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO.

7. L-Artikoli 13.4, 13.6, 13.7 u 13.9 ma japplikawx għal:

(a) akkwisti minn Parti ta’ prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bl-iskop ta’ bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-iskop ta’ użu fil-forniment ta’ prodott jew servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist huwa "akkwist kopert" kif ukoll jekk mhuwiex skont it-tifsira tal-Artikolu 19.2 (Kamp ta’ applikazzjoni u kopertura); jew

(b) sussidji, jew sostenn tal-gvern fir-rigward ta' kummerċ fis-servizzi, pprovduti minn Parti.

ARTIKOLU 13.11

Regolamentazzjoni effikaċi u trasparenti

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha ta’ applikazzjoni ġenerali li għalihom japplika dan il-Kapitolu jkunu amministrati b’mod raġonevoli, oġġettiv u imparzjali.

2. Kull Parti tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta’ applikazzjoni ġenerali fir-rigward ta' kull kwistjoni koperta minn din il-Kapitolu jiġu ppubblikati fil-pront jew ikunu disponibbli b’tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom. Safejn ikun possibbli, kull Parti għandha:

(a) tippubblika bil-quddiem kull tali miżura li hija tipproponi li tiġi adottata;

(b) tagħti lil persuni interessati u lill-Parti l-oħra opportunità raġonevoli sabiex jikkummentaw dwar il-miżuri proposti; kif ukoll

(c) tħalli żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni finali tal-miżuri u d-data meta dawn isiru effettivi.

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, dawn ir-rekwiżiti jissostitwixxu dawk stipulati fl-Artikolu 27.1 (Pubblikazzjoni).

3. Kull Parti għandha żżomm jew tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex twieġeb fi żmien raġonevoli għal domanda minn persuna interessata rigward miżuri ta' applikazzjoni ġenerali koperti minn dan il-Kapitolu.

4. Awtorità regolatorja għandha tieħu deċiżjoni amministrattiva dwar applikazzjoni kompluta ta' investitur f'istituzzjoni finanzjarja, fornitur tas-servizzi finanzjarji transfruntier, jew istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra rigward il-forniment ta' servizz finanzjarju fi żmien raġonevoli li huwa ġġustifikat mill-kumplessità tal-applikazzjoni u l-perjodu normali ta' żmien stabbilit għall-ipproċessar tal-applikazzjoni. Għall-Kanada, tali perjodu ta' żmien raġonevoli huwa ta' 120 jum. L-awtorità regolatorja għandha tinforma minnufih lill-applikant dwar id-deċiżjoni. Jekk ma jkunx prattikabbli li tittieħed deċiżjoni fi żmien raġonevoli, l-awtorità regolatorja għandha tinforma minnufih lill-applikant u tagħmel ħilitha biex tieħu d-deċiżjoni mill-aktar fis possibbli. Għal aktar ċertezza, applikazzjoni ma għandhiex titqies kompluta sakemm ikunu saru s-seduti ta' smigħ kollha relevanti u l-awtorità regolatorja tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa.

ARTIKOLU 13.12

Organizzazzjonijiet awtoregolatorji

Jekk Parti tkun tirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntier tal-Parti l-oħra jkunu membri, jipparteċipaw, jew ikollhom aċċess għal organizzazzjoni awtoregolatorja sabiex ifornu servizz finanzjarju fit-territorju ta’ dik il-Parti jew lejha, jew tagħtihom privileġġ jew vantaġġ meta jipprovdu servizz finanzjarju permezz ta’ organizzazzjoni awtoregolatorja, il-Parti rikjedenti għandha tiżgura li l-organizzazzjoni awtoregolatorja tosserva l-obbligi ta’ dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 13.13

Sistemi ta’ pagament u approvazzjoni

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti għandha tagħti lil fornitur ta’ servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbilit fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta’ pagament u approvazzjoni operati minn Parti, jew minn entità li teżerċita awtorità governattiva ddelegata lilha minn Parti, u aċċess għal faċilitajiet ta' finanzjament uffiċjali u ta’ finanzjament mill-ġdid li jkunu disponibbli fl-andament normali ta’ kummerċ ordinarju. Dan l-Artikolu ma jagħtix aċċess għall-faċilitajiet mutwanti tal-aħħar istanza ta' Parti.

ARTIKOLU 13.14

Servizzi finanzjarji ġodda

1. Kull Parti għandha tippermetti li istituzzjoni finanzjarja tal-Parti l-oħra tipprovdi kull servizz finanzjarju ġdid li l-ewwel Parti tkun tippermetti li jiġi fornut mill-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha stess, f'sitwazzjonijiet simili, skont il-liġi tagħha, wara talba jew notifika tar-regolatur rilevanti, jekk ikun meħtieġ.

2. Kull Parti tista' tiddeċiedi l-forma istituzzjonali u ġuridika li biha jista' jiġi pprovdut is-servizz finanzjarju l-ġdid u tista' teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-forniment tas-servizz. Meta din l-awtorizzazzjoni tkun meħtieġa, deċiżjoni għandha tittieħed f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni tista' biss tiġi miċħuda għal raġunijiet ta' prudenza.

3. Dan l-Artikolu ma għandux jipprekludi istituzzjoni finanzjarja ta' Parti milli tapplika għand il-Parti l-oħra biex tikkunsidra li tawtorizza l-forniment ta' servizz finanzjarju li ma jingħatax fit-territorju ta' kull waħda mill-Partijiet. Dik l-applikazzjoni hija soġġetta għal-liġi tal-Parti li tirċievi l-applikazzjoni u ma hijiex soġġetta għall-obbligi ta' dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 13.15

Trasferiment u pproċessar tal-informazzjoni

1. Kull Parti għandha tippermetti li istituzzjoni finanzjarja jew fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntier tal-Parti l-oħra jittrasferixxu informazzjoni f'forma elettronika jew f'forma oħra, kemm fit-territorju tagħha kif ukoll barra mit-territorju tagħha, għall-ipproċessar tad-dejta meta dan l-ipproċessar ikun meħtieġ fl-andament ordinarju tal-kummerċ ta' din l-istituzzjoni finanzjarja jew tal-fornitur tas-servizzi finanzjarji.

2. Kull Parti għandha żżomm salvagwardji adegwati għall-ħarsien tal-privatezza, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferiment ta' informazzjoni personali. Jekk it-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja jinvolvi informazzjoni personali, tali trasferiment għandu jkun f'konformità mal-leġislazzjoni li tirregola l-protezzjoni ta' informazzjoni personali fit-territorju tal-Parti fejn it-trasferiment ikun oriġina.

ARTIKOLU 13.16

Konċessjoni prudenzjali

1. Dan il-Ftehim ma jipprekludix lil Parti milli tadotta jew iżżomm miżuri raġonevoli għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:

(a) il-protezzjoni ta' investituri, depożitanti, detenturi ta' polza, jew persuni li lejhom istituzzjoni finanzjarja, fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntier, jew fornitur ta' servizz finanzjarju għandhom dmir fiduċjarju;

(b) iż-żamma tas-sigurtà, is-soliditàt, l-integrità jew ir-responsabbiltà finanzjarja ta' istituzzjoni finanzjarja, ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji transfruntier, jew ta' fornitur ta' servizzi finanzjarji; jew

(c) l-iżgurar tal-integrità u tal-istabilità tas-sistema finanzjarja ta' Parti.

2. Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta' regolamentazzjoni prudenzjali tal-kummerċ transfruntier fis-servizzi finanzjarji, Parti tista' titlob ir-reġistrazzjoni tal-forniturі ta' servizzi finanzjarji transfruntieri tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

3. Soġġett għall-Artikoli 13.3 u 13.4, Parti tista', għal raġunijiet prudenzjali, tipprojbixxi servizz jew attività finanzjarja partikolari. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għas-servizzi finanzjarji kollha jew għal subsettur tas-servizzi finanzjarji kompleti, bħal dawk bankarji.

ARTIKOLU 13.17

Eċċezzjonijiet speċifiċi

1. Dan il-Ftehim ma japplikax għal miżuri li jittieħdu minn entità pubblika fl-insegwiment ta' politika monetarja jew dwar ir-rata tal-kambju. Dan il-paragrafu ma jaffettwax l-obbligi ta' Parti skont l-Artikoli 8.5 (Rekwiżiti tal-prestazzjoni), 8.13 (Trasferimenti), jew 13.9.

2. Dan il-Ftehim ma jirrikjedix li xi Parti tipprovdi jew tippermetti aċċess għal informazzjoni relatata mal-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali, fornituri tas-servizzi finanzjarji transfruntieri, istituzzjonijiet finanzjarji, jew għal xi informazzjoni kunfidenzjali li, jekk tingħata, tinterferixxi ma' kwistjonijiet ta' infurzar regolatorji, superviżorji, jew ta' liġi, jew tmur kontra l-interess pubbliku jew tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriżi partikolari.

ARTIKOLU 13.18

Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji

1. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(f) (Kumitati speċjalizzati) għandu jinkludi rappreżentanti ta' awtoritajiet li huma inkarigati mill-politika dwar is-servizzi finanzjarji b'kompetenza fil-qasam kopert minn dan il-Kapitolu. Għall-Kanada, ir-rappreżentant fil-Kumitat ikun uffiċjal mid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Kanada jew is-suċċessur tiegħu.

2. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għandu jiddeċiedi b'kunsens reċiproku.

3. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għandu jiltaqa' kull sena, jew kull meta jiddeċiedi, u għandu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) iwettaq djalogu dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur tas-servizzi finanzjarji bl-għan li jitjieb l-għarfien reċiproku tas-sistemi regolatorji rispettivi tal-Partijiet u biex ikun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali, kif jidher mill-Memorandum ta' Qbil dwar id-djalogu dwar ir-regolamentazzjoni tas-settur tas-servizzi finanzjarji li jinsab fl-Anness 13-C; kif ukoll

(c) jimplimenta l-Artikolu 13.21.

ARTIKOLU 13.19

Konsultazzjonijiet

1. Kull Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kull kwistjoni li tinqala'skont dan il-Ftehim li taffettwa s-servizzi finanzjarji. Il-Parti l-oħra għandha tqis favorevolment din it-talba.

2. Kull Parti għandha tiżgura li meta jkun hemm konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1 id-delegazzjoni tagħha tkun tinkludi uffiċjali b'għarfien espert rilevanti fil-qasam kopert minn dan il-Kapitolu. Għall-Kanada, dan ifisser l-uffiċjali mid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Kanada jew is-suċċessur tiegħu.

ARTIKOLU 13.20

Soluzzjoni tat-tilwim

1. Il-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim) japplika kif immodifikat minn dan l-Artikolu għas-soluzzjoni ta' tilwim li tirriżulta taħt dan il-Kapitolu.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ stabbilit għall-finijiet ta' tilwima li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, japplika l-Artikolu 29.7 (Kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ). Madankollu, ir-referenzi kollha għal lista ta' arbitri stabbilita skont l-Artikolu 29.8 (Lista tal-arbitri) għandhom jinftiehmu li jirreferu għal-lista ta' arbitri stabbilita skont dan l-Artikolu.

3. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna, magħżula abbażi ta' oġġettività, affidabilità, u kapaċità ta' ġudizzju, li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala arbitri. Il-lista tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista ta' individwi li ma huma ċittadini tal-ebda Parti biex jaġixxu bħala presidenti. Kull lista sekondarja għandha tinkludi mill-inqas ħames individwi. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jeżamina mill-ġdid il-lista f'kull ħin u għandu jiżgura li l-lista tkun konformi ma' dan l-Artikolu.

4. L-arbitri inklużi fil-lista għandu jkollhom kompetenza jew esperjenza fil-liġi jew ir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji jew ikunu jipprattikawha, li tista' tinkludi r-regolamentzzjoni tal-forniturі ta' servizzi finanzjarji. L-arbitri li jaġixxu bħala presidenti għandu jkollhom ukoll esperjenza bħala avukati, membri ta' bord, jew arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim. L-arbitri għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċità individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda organizzazzjoni jew gvern. Huma għandhom jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta fl-Anness 29-B (Kodiċi ta' kondotta).

5. Jekk il-bord tal-arbitraġġ isib li miżura tkun inkonsistenti ma’ dan il-Ftehim u l-miżura taffettwa:

(a) is-settur tas-servizzi finanzjarji u kull settur ieħor, il-Parti lmentatriċi tista’ tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji li jkollhom effett ekwivalenti għall-effett tal-miżura tal-Parti fis-settur tas-servizzi finanzjarji; jew

(b) biss settur li ma jkunx is-settur tas-servizzi finanzjarji, il-Parti lmentatriċi ma għandhiex tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

ARTIKOLU 13.21

Tilwim dwar l-investiment fis-servizzi finanzjarji

1. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati) tapplika, kif immodifikati minn dan l-Artikolu u l-Anness 13-B, għal:

(a) tilwim dwar investimenti relatati ma’ miżuri li għalihom japplika dan il-Kapitolu, u li fih l-investitur isostni li Parti tkun kisret l-Artikolu 8.10 (Trattament ta’ investituri u ta' investimenti koperti), 8.11 (Kumpens għal telf), 8.12 (Esproprjazzjoni), 8.13 (Trasferimenti), 8.16 (Ċaħda tal-benefiċċji), 13.3, jew 13.4; jew

(b) kwistjonijiet ta’ investiment mibdija skont it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati) fejn ikun ġie invokat l-Artikolu 13.16.1.

2. Fil-każ ta' tilwim dwar investiment skont is-subparagrafu 1(a), jew jekk il-konvenut jinvoka l-Artikolu 13.16.1 fi żmien 60 jum minn meta titressaq pretensjoni quddiem it-Tribunal skont l-Artikolu 8.23 (Tressiq ta' pretensjoni quddiem it-Tribunal), għandha tiġi kkostitwita diviżjoni tat-Tribunal skont l-Artikolu 8.27.7 (Kostituzzjoni tat-Tribunal) mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 13.20.3. Jekk il-konvenut jinvoka l-Artikolu 13.16.1 fi żmien 60 jum minn meta titressaq it-talba, fir-rigward ta' tilwim dwar investiment għajr skont is-subparagrafu 1(a), il-perjodu ta' żmien applikabbli biex tiġi kkostitwita diviżjoni tat-Tribunal skont l-Artikolu 8.27.7 (Kostituzzjoni tat-Tribunal) jibda jgħodd mid-data li fiha l-konvenut ikun invoka l-Artikolu 13.16.1. Jekk il-Kumitat Konġunt CETA ma jagħmilx il-ħatriet skont l-Artikolu 8.27.2 (Kostituzzjoni tat-Tribunal) fi żmien il-perjodu stipulat fl-Artikolu 8.27.17 (Kostituzzjoni tat-Tribunal) kull waħda mill-partijiet fil-kawża tista' titlob lis-Segretarju Ġenerali taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment ("ICSID") jagħżel il-Membri tat-Tribunal mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 13.20. Jekk il-lista ma tkunx ġiet stabbilita skont l-Artikolu 13. 20 fid-data meta titressaq il-pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 (Tressiq ta' pretensjoni quddiem it-Tribunal) is-Segretarju Ġenerali tal-ICSID għandu jagħżel il-Membri tat-Tribunal mill-individwi proposti minn waħda jew miż-żewġ Partijiet f'konformità mal-Artikolu 13.20.

3. Il-konvenut jista' jirreferi l-każ bil-miktub lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji għal deċiżjoni dwar jekk u, jekk ikun il-każ, sa fejn l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 13.16.1 hija difiża valida għall-pretensjoni. Din il-konsultazzjoni ma għandhiex issir aktar tard mid-data li jiffissa t-Tribunal sabiex il-konvenut iressaq il-kontrosottomissjoni tiegħu. Jekk il-konvenut jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji skont dan il-paragrafu, il-perjodi ta' żmien jew proċedimenti msemmija fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-Istati) jiġu sospiżi.

4. F'konsultazzjoni skont il-paragrafu 3, il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jew il-Kumitat Konġunt CETA, skont kif ikun il-każ, jistgħu jagħmlu determinazzjoni konġunta dwar jekk u sa fejn l-Artikolu 13.16.1 huwa difiża valida għall-pretensjoni. Il-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jew il-Kumitat Konġunt CETA, kif ikun il-każ, għandhom jibagħtu kopja tad-determinazzjoni konġunta lill-investitur u lit-Tribunal, jekk ikun ikkostitwit. Jekk determinazzjoni konġunta tikkonkludi li l-Artikolu 13.16.1 huwa difiża valida għall-partijiet kollha tal-pretensjoni fl-intier tagħhom, l-investitur ikun meqjus li rtira l-pretensjoni tiegħu u l-proċedimenti jieqfu skont l-Artikolu 8.35 (Diskontinwazzjoni). Jekk id-determinazzjoni konġunta tikkonkludi li l-Artikolu 13.16.1 huwa difiża valida għal parti biss tal-pretensjoni, id-determinazzjoni konġunta tkun vinkolanti fuq it-Tribunal fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-pretensjoni. Is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien jew tal-proċedimenti deskritti fil-paragrafu 3 ma tibqax tapplika u l-investitur jista' jipproċedi bil-partijiet rimanenti tal-pretensjoni.

5. Jekk il-Kumitat Konġunt CETA ma jkunx għamel determinazzjoni konġunta fi żmien tliet xhur wara l-konsultazzjoni tal-kwistjoni mill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, is-sospensjoni tal-perjodi ta' żmien jew tal-proċedimenti msemmija fil-paragrafu 3 ma tibqax tapplika u l-investitur jista' jipproċedi bil-pretensjoni tiegħu.

6. Wara talba tal-konvenut, it-Tribunal għandu jiddeċiedi bħala kwistjoni preliminari jekk u sa fejn l-Artikolu 13.16.1 huwa difiża valida għall-pretensjoni. Jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel din it-talba dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-konvenut li jinvoka l-Artikolu 13.16.1 bħala difiża fi stadju aktar tard tal-proċedimenti. It-Tribunal ma għandu jislet ebda inferenza avversa mill-fatt li l-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji jew il-Kumitat Konġunt CETA ma jkunux qablu dwar determinazzjoni konġunta skont l-Anness 13-B.

KAPITOLU ERBATAX

SERVIZZI TAT-TRASPORT MARITTIMU INTERNAZZJONALI

ARTIKOLU 14.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

servizzi ta’ żdoganar tal-merkanzija jew **servizzi ta’ sensara tad-dwana** tfisser it-twettiq, fuq bażi ta’ tariffa jew kuntratt, tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew permezz tat-trasport tal-merkanzija, irrispettivament minn jekk dawn is-servizzi humiex attività prinċipali jew sekondarja tal-fornitur tas-servizz;

servizzi ta’ stazzjon u depot tal-kontejners tfisser ħażna, mili, tqaxxir jew tiswija ta’ kontenituri u d-disponibbiltà tagħhom għall-konsenja, kemm jekk f’żoni portwali kif ukoll jekk aktar’ il ġewwa fuq l-art;

operazzjoni ta’ trasport bieb bieb jew multimodali tfisser il-ġarr ta’ merkanzija b’dokument wieħed tat-trasport li juża aktar minn mezz wieħed ta’ trasport u jinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar internazzjonali;

servizzi reġjonali distributorji tfisser it-trasportazzjoni ta' qabel u dik segwenti ta' merkanzija internazzjonali bil-baħar, inkluż fil-kontejners, it-trasport tal-merkanzija sfuża u niexfa jew il-merkanzija likwida sfuża, bejn portijiet li jinsabu f'territorju ta' Parti. Għal aktar ċertezza, fir-rigward tal-Kanada, is-servizzi reġjonali distributorji jistgħu jinkludu trasportazzjoni bejn il-baħar u l-ilmijiet interni, fejn l-ilmijiet interni tfisser dawk definiti fil-*Customs Act*, R.S.C. 1985, c.1 (2ni Supp);

merkanzija internazzjonali tfisser merkanzija ttrasportata minn bastimenti li jbaħħru bejn port ta' Parti u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, jew bejn port ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

servizzi ta' trasport marittimi internazzjonali tfisser it-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija b'bastiment li jbaħħar bejn port ta' Parti waħda u port tal-Parti l-oħra jew ta' pajjiż terz, jew bejn port ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-ikkuntrattar dirett ma' fornituri ta' servizzi tat-trasport oħra li jiżguraw operazzjonijiet tat-trasport bieb bieb jew multimodali, iżda mhux il-provvista ta' tali servizzi oħra tat-trasport;

fornituri ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tfisser:

(a) intrapriża ta' Parti, kif definita fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet tal-applikazzjoni ġenerali) u fergħa ta' tali entità; jew

(b) intrapriża, kif definita fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali), ta' pajjiż terz li tappartjeni lil ċittadini ta' Parti, jew li hi kkontrollata minnhom, jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' dik il-Parti u li jtajru l-bandiera ta' dik il-Parti; jew

(c) fergħa ta’ intrapriża ta’ pajjiż terz bl-operazzjonijiet kummerċjali sostanzjali fit-territorju ta’ Parti, li tkun involuta fil-provvista ta’ servizzi ta’ trasport marittimu internazzjonali. Għal aktar ċertezza, il-Kapitolu Tmienja (Investiment) ma japplikax għal tali fergħa;

servizzi ta’ aġenzija marittima tfisser ir-rappreżentanza, bħal dik ta' aġent, f’żona ġeografika partikolari, tal-interessi kummerċjali ta’ linja jew kumpanija tat-tbaħħir waħda jew aktar, għall-għanijiet li ġejjin:

(a) il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' servizzi tat-trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tal-kargu f'isem il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi meħtieġa relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali; kif ukoll

(b) li taġixxi f’isem il-kumpaniji billi torganizza s-sejħa tal-vapur jew tieħu kontroll tal-merkanziji meta jkun meħtieġ;

servizzi marittimi awżiljari tfisser servizzi ta’ maniġġar tal-merkanzija marittima, servizzi ta’ żdoganar tal-merkanzija, servizzi ta’ stazzjon u depot tal-kontejners, servizzi ta’ aġenzija marittima, servizzi ta’ dispaċċ ta’ merkanzija marittimi, u servizzi ta’ ħżin u magazzinaġġ;

servizzi ta’ mmaniġġar tal-merkanzija marittima tfisser it-twettiq, l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta’:

(a) it-tagħbija jew il-ħatt ta’ merkanzija fuq jew minn bastiment,

(b) l-irbit jew il-ħall tal-merkanzija; u

(c) ir-riċeviment jew il-kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel id-dispaċċ jew wara r-rilaxx,

minn kumpaniji ta' burdnara jew tal-operaturi tat-terminali, iżda ma jinkludux ix-xogħol li jsir mill-ħaddiema tal-baċir, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminal;

servizzi marittimi tad-dispaċċ tal-merkanzija tfisser l-organizzazzjoni u l-monitoraġġ ta' vjaġġi bil-baħar f'isem it-trasportaturi bil-baħar, permezz tal-forniment ta' dawn is-servizzi bħall-arranġament ta' trasport u servizzi relatati, il-konsolidazzjoni u l-ippakkjar ta' merkanzija, il-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-forniment ta' informazzjoni kummerċjali;

servizzi ta' ħżin u magazzinaġġ tfisser servizzi ta' ħżin ta' prodotti ffriżati jew imkessħa, servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet, u servizzi ta' magazzinaġġ u ħżin oħra.

ARTIKOLU 14.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti marbuta mal-forniment ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali[22]. Għal aktar ċertezza, din il-miżura hija wkoll soġġetta għall-Kapitolu Tmienja (Investiment) u Disgħa (Kummerċ transfruntier fis-Servizzi), kif applikabbli.

[22] Dan il-Kapitolu ma japplikax għal bastimenti tas-sajd kif definit skont il-liġi ta' Parti.

2. Għal aktar ċertezza, minbarra l-Artikoli 8.6 (Trattament nazzjonali), 8.7 (Trattament tan-nazzjoni l-aktar iffavorit), 9.3 (Trattament nazzjonali), u 9.5 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżura fir-rigward ta':

(a) bastiment li jipprovdi servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali u li jtajjar il-bandiera tal-Parti l-oħra[23]; jew

(b) fornitur ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra,

li jagħti trattament li jkun inqas favorevoli minn dak li jingħata minn dik il-Parti f'sitwazzjonijiet simili għall-bastimenti tagħha stess jew inkella lill-forniturі ta' servizz tat-trasport marittimu internazzjonali jew lil bastimenti jew forniturі internazzjonali ta' servizz tat-trasport marittimu ta' pajjiż terz fir-rigward ta':

(a) l-aċċess għall-portijiet;

(b) l-użu ta' infrastruttura u servizzi tal-portijiet bħal dawk tal-irmonk u l-pilotaġġ;

(c) l-użu ta' servizzi marittimi awżiljari kif ukoll l-impożizzjoni ta' tariffi u ħlasijiet relatati;

(d) aċċess għal faċilitajiet doganali jew

(e) iċ-ċessjoni ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt[24].

---

23 Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għall-Unjoni Ewropea, li jtajjar il-bandiera ta' Parti tfisser li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

24 Dan il-paragrafu ma japplikax għal bastimenti jew forniturі ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali li huma soġġetti għall-*Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat*, li sar f'Ruma fit-22 ta' Novembru 2009.

ARTIKOLU 14.3

Obbligi

1. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jippożizzjonaw mill-ġdid kontejners vojta li huma proprjetà tagħhom jew mikrijin li jinġarru bla ħlas bejn il-portijiet ta' dik il-Parti.

2. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jipprovdu servizzi reġjonali distributorji bejn il-portijiet ta' dik il-Parti.

3. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm xi arranġament ta' kondiviżjoni ta' merkanzija ma' pajjiż terz fir-rigward ta' xi servizzi tat-trasport marittimu, inkluż kummerċ f'tagħbija niexfa u likwida u kummerċ tal-linji tat-tbaħħir.

4. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżura li teħtieġ li l-merkanzija internazzjonali kollha jew parti minnha tiġi ttrasportata esklussivament minn bastimenti rreġistrati f'dik il-Parti jew li jkunu proprjetà ta' ċittadini ta' dik il-Parti jew ikkontrollati minnhom.

5. Parti ma għandhiex tadotta jew iżżomm miżura li tipprevjeni lill-fornituri ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra milli direttament tikkuntratta fornituri oħra tas-servizz tat-trasport bieb bieb jew multimodali għal operazzjonijiet ta' trasport.

ARTIKOLU 14.4

Riżervi

1. L-Artikolu 14.3 ma japplikax għal:

(a) miżura eżistenti mhux konformi li tinżamm minn Parti fil-livell ta':

(i) l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I;

(ii) gvern nazzjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha;

(iii) gvern provinċjali, territorjali, jew reġjonali, kif stabbilit minn dik il-Parti fl-Iskeda tal-Anness I tagħha; jew

(iv) gvern lokali;

(b) il-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a); jew

(c) emenda ta' miżura li ma tikkonformax imsemmija fis-subparagrafu (a) sal-punt li l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-Artikolu 14.3.

2. L-Artikolu 14.3 ma japplikax għal miżura li Parti tadotta jew iżżomm fir-rigward ta' setturi, subsetturi jew attivitajiet, kif stipulat fl-Iskeda tal-Anness II tagħha.

KAPITOLU ĦMISTAX

TELEKOMUNIKAZZJONIJIET

ARTIKOLU 15.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

link ta' kontribuzzjoni tfisser link għat-trażmissjoni ta’ sinjali tax-xandir bl-awdjo jew bit-televiżjoni ma' ċentru għall-produzzjoni tal-programmi;

orjentati lejn il-kostijiet tfisser abbażi ta' kost u li jistgħu jinvolvu metodoloġiji differenti ta' kostijiet għal faċilitajiet jew servizzi differenti;

intrapriża tfisser “intrapriża” kif definita fl-Artikolu 8.1 (Definizzjonijiet);

faċilitajiet essenzjali tfisser faċilitajiet ta’ netwerk jew servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet li:

(a) ifornihom b’mod esklużiv jew predominanti fornitur uniku jew għadd limitat ta’ fornituri; kif ukoll

(b) ma jistgħux jiġu sostitwiti ekonomikament jew teknikament b'mod vijabbli sabiex jingħata servizz;

interkonnessjoni tfisser il-konnessjoni ma' fornituri li jipprovdu netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet sabiex l-utenti ta' fornitur wieħed ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' utenti ta' fornitur ieħor u jaċċedu għal servizzi moghtija minn fornitur ieħor;

komunikazzjonijiet intrakorporattivi tfisser telekomunikazzjonijiet li permezz tagħhom intrapriża tikkomunika fl-intrapriża ma', jew bejn, is-sussidjarji, il-fergħat u, soġġetti għal-liġi ta' Parti, l-affiljati tagħha, iżda ma tinkludix servizzi kummerċjali jew mhux kummerċjali li huma pprovduti lil intrapriżi li mhumiex sussidjarji, fergħat, jew korpi affiljati relatati, jew li jkunu offerti lil konsumaturi jew konsumaturi potenzjali. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, "sussidjarji", "fergħat" u, fejn applikabbli, "affiljati" huma kif definiti minn kull Parti;

ċirkwiti mikrija tfisser faċilitajiet tat-telekomunikazzjoni bejn żewġ punti dežinjati jew aktar riżervati għall-użu jew għad-disponibbiltà ta' xi klijent partikolari jew ta' utenti oħra tal-għażla tal-klijent;

fornitur prinċipali tfisser fornitur li għandu l-kapaċità li jaffettwa materjalment it-termini ta' parteċipazzjoni fir-rigward ta' prezz u forniment fis-suq rilevanti għal netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet, bħala riżultat ta':

(a) kontroll ta' faċilitajiet essenzjali; jew

(b) l-użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq.

punt tat-terminazzjoni tan-network tfisser il-punt fiżiku fejn l-abbonat jingħata aċċess għal network pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet;

portabilità tan-numri tfisser il-kapaċità tal-utenti finali tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni li jżommu, fl-istess post, l-istess numri tat-telefon mingħajr indeboliment tal-kwalità, l-affidabilità jew il-konvenjenza meta jaqilbu bejn fornituri simili ta’ servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet;

netwerk pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet tfisser l-infrastruttura pubblika tat-telekomunikazzjonijiet li tippermetti t-telekomunikazzjoni bejn u fost punti tat-terminazzjoni definiti fin-netwerk;

servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet tfisser servizz tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet li Parti tkun teħtieġ, b’mod espliċitu jew effettivament, biex jiġi offert lill-pubbliku in ġenerali u li jinvolvi t-trażmissjoni f'ħin reali ta’ informazzjoni pprovduta mill-konsumatur bejn żewġ punti jew aktar mingħajr l-intervent ta' kambjamenti minn tarf għal tarf fil-forma jew fil-kontenut tal-informazzjoni tal-konsumatur. Dan is-servizz jista' jinkludi, fost l-oħrajn, servizzi ta' telefonija bil-leħen, servizzi ta' trażmissjoni tad-dejta packet-switched, servizzi ta' trażmissjoni tad-dejta circuit-switched, servizzi ta' telex, servizzi ta' telegrafu, servizzi ta' faks, servizzi ta' ċirkwiti mikrija privatament u servizzi u sistemi ta' mezzi ta' komunikazzjonijiet ċellulari u personali;

awtorità regolatorja tfisser il-korp responsabbli għar-regolazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet;

servizzi tat-telekomunikazzjonijiet tfisser is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni ta’ sinjali elettromanjetiċi iżda mhux l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-forniment ta’ kontenut permezz tat-telekomunikazzjonijiet; kif ukoll

utent tfisser intrapriża jew persuna fiżika li tuża jew li titlob servizz ta’ telekomunikazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku.

ARTIKOLU 15.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal miżura adottata jew miżmuma minn Parti rigward netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, bil-kundizzjoni li d-dritt ta’ Parti li tillimita l-forniment ta’ servizz skont ir-riżervi tagħha kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I jew II.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżura ta’ Parti li taffettwa t-trażmissjoni b'kull mezz ta’ telekomunikazzjoni, inkluż ix-xandir u d-distribuzzjoni bil-fil ta’ programmar tar-radju jew tat-televiżjoni biex jiġu riċevuti mill-pubbliku. Għal aktar ċertezza, dan il-Kapitolu japplika għal link ta' kontribuzzjoni.

3. Dan il-Kapitolu ma jirrikjedix:

(a) li xi Parti tawtorizza fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra biex jistabbilixxi, jibni, jakkwista, jikri, jopera, jew iforni netwerks jew servizzi ta' telekomunikazzjoni, barra dawk previsti f'dan il-Ftehim; jew

(b) li xi Parti, jew jirrikjedi li Parti ġġiegħel lil fornitur ta’ servizz, tistabbilixxi, tibni, takkwista, tikri, topera, jew tforni servizzi jew netwerks tat-telekomunikazzjoni mhumiex offruti lill-pubbliku ġenerali.

ARTIKOLU 15.3

Aċċess għan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet u l-użu tagħhom

1. Kull Parti għandha tiżgura li intrapriżi tal-Parti l-oħra jingħataw aċċess għan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet u l-użu tagħhom skont termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, inkluż fir-rigward tal-kwalità, l-istandards tekniċi u l-ispeċifikazzjonijiet[25]. Il-Partijiet għandhom japplikaw dan l-obbligu, fost l-oħrajn, kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Kull Parti għandha tiżgura li intrapriżi tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess u użu ta' kull netwerk jew servizz pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet offrut ġewwa jew lil hinn mill-fruntieri tagħha, inklużi ċirkwiti mikrija privatament, u għal dan l-għan għandha tiżgura li, soġġetti għall-paragrafi 5 u 6, dawn l-impriżi jkollhom il-permess li:

(a) jixtru jew jikru, u jwaħħlu terminal jew tagħmir ieħor li jkollu interfaċċi man-netwerk pubbliku tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet;

(b) jikkonnettjaw ċirkwiti mikrija jew proprjetà tal-privat ma' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet ta' dik il-Parti jew ma' ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' intrapriża oħra;

(c) jagħmlu użu minn protokolli tal-għażla tagħhom; kif ukoll

(d) iwettqu funzjonijiet ta' kommutazzjoni, sinjalazzjoni u pproċessar.

[25] **mhux diskriminatorju** tfisser trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kull intrapriża oħra meta tuża netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet simili f'sitwazzjonijiet simili.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-intrapriżi tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jużaw netwerks u servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni fit-territorju tagħha u lil 'hinn mill-fruntieri tagħha, inkluż komunikazzjonijiet intra-ażjendali ta' dawn l-intrapriżi, u għall-aċċess tal-informazzjoni li tkun tinsab f'bażijiet tad-dejta jew inkella maħżuna f'forma elettronika fit-territorju tal-Partijiet.

4. Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 28.3 (Eċċezzjonijiet ġenerali), u minkejja l-paragrafu 3, Parti għandha tieħu miżuri xierqa biex tipproteġi:

(a) is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet; kif ukoll

(b) il-kunfidenzjalità tal-utenti tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet,

soġġetti għar-rekwiżit li dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jkunu jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ.

5. Kull Parti tiżgura li l-ebda kundizzjoni ma tkun imposta fuq l-aċċess għan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet u għall-użu tagħhom iktar milli neċessarju sabiex:

(a) tissalvagwardja r-responsabbiltajiet ta' servizz pubbliku tal-fornituri tan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet, partikolarment il-kapaċità tagħhom li jagħmlu n-netwerks jew is-servizzi tagħhom disponibbli għall-pubbliku inġenerali;

(b) tipproteġi l-integrità teknika tan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet; jew

(c) tiżgura li fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra ma jipprovdux servizzi limitati bir-reżervi tal-Parti kif stipulat fl-Iskeda tagħha tal-Anness I jew II.

6. Sakemm jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-paragrafu, il-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-użu tan-netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet jistgħu jinkludu:

(a) restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid jew l-użu kondiviż ta' dawn is-servizzi;

(b) rekwiżit li jintużaw interfaċċi tekniċi speċifikati, inklużi protokolli tal-interfaċċi, għall-konnessjoni ma' dawn in-netwerks jew servizzi;

(c) rekwiżiti, fejn meħtieġ, għall-interoperabbiltà ta' dawn is-servizzi;

(d) approvazzjoni tat-tip ta' terminal jew tagħmir ieħor li jkollu interfaċċa man-netwerk u rekwiżiti tekniċi rigward il-kollegament ta' dan it-tagħmir man-netwerks;

(e) restrizzjonijiet fuq il-konnessjoni ta' ċirkwiti mikrija jew proprjetà tal-privat ma' dawn in-netwerks jew servizzi jew ma' ċirkwiti mikrija jew proprjetà ta' intrapriża oħra; kif ukoll

(f) notifiki, reġistrazzjonijiet u ħruġ ta' liċenzji.

ARTIKOLU 15.4

Salvagwardji kompetittivi fuq fornituri prinċipali

1. Kull Parti għandha żżomm miżuri xierqa sabiex jiġi evitat li fornituri li, waħedhom jew flimkien, ikunu fornituri prinċipali, jiġu involuti jew jipperseveraw fi prattiki antikompetittivi.

2. Il-prattiki antikompetittivi msemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) l-involviment f'sussidjar trażversali antikompetittiv;

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati antikompetittivi; kif ukoll

(c) li l-fornituri l-oħra ta' servizzi ma ssirilhomx disponibbli meta f'waqtha, informazzjoni teknika dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni li tkun kummerċjalment rilevanti meħtieġa għalihom sabiex ifornu s-servizzi.

ARTIKOLU 15.5

Aċċess għal faċilitajiet essenzjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur prinċipali fit-territorju tagħha, jagħmel disponibbli l-faċilitajiet essenzjali tiegħu, li jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, elementi tan-netwerk, sistemi ta' sostenn operazzjonali jew strutturi ta' appoġġ, lil fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet tal-Parti l-oħra b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji u b'rati orjentati lejn il-kostijiet.

2. Kull Parti tista' tiddetermina, skont il-liġijiet tagħha, dawk il-faċilitajiet essenzjali meħtieġa biex isiru disponibbli fit-territorju tagħha.

ARTIKOLU 15.6

Interkonnessjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur ewlieni fit-territorju tagħha jipprovdi interkonnessjoni:

(a) f'kull punt teknikament fattibbli fin-netwerk;

(b) taħt termini mhux diskriminatorji, kundizzjonijiet, inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi, u r-rati;

(c) ta' kwalità mhux inqas favorevoli minn dik mogħtija għas-servizzi simili tagħha jew għal servizzi simili ta’ fornituri tas-servizzi mhux affiljati jew għas-sussidjarji tagħha jew affiljati oħra;

(e) f’waqtha, b'termini, kundizzjonijiet (inklużi standards u speċifikazzjonijiet tekniċi) u rati orjentati lejn il-kostijiet li jkunu trasparenti, raġonevoli, li jikkunsidraw il-fattibbiltà ekonomika, u li jkunu separati biżżejjed sabiex b’hekk il-fornitur ma jkollux għalfejn iħallas għal komponenti jew faċilitajiet tan-netwerk li ma jkunx jeħtieġ sabiex jingħata s-servizz; kif ukoll

(f) meta tintalab, f’punti miżjuda mal-punti ta’ terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-utenti, suġġetti għal ħlasijiet li jirriflettu l-prezz għall-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

2. Fornitur li huwa awtorizzat iforni servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet għandu d-dritt li jinnegozja ftehim ġdid dwar l-interkonnessjoni ma’ fornituri oħra ta’ nerwerks u servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri prinċipali jkunu meħtieġa li jistabbilixxu offerta referenzjarja ta’ interkonnessjoni jew jinnegozjaw ftehimiet ta’ interkonnessjoni ma’ fornituri oħrajn ta’ netwerks u servizzi tat-telekomunikazzjonijiet.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri tas-servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet li jiksbu informazzjoni minn tali fornitur ieħor waqt il-proċess ta’ negozjar ta’ ftehimiet dwar l-interkonnessjoni jużaw dik l-informazzjoni biss għall-għan li għaliha tkun ingħatat u jirrispettaw f’kull ħin il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni trażmessa jew maħżuna.

4. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri applikabbli għall-interkonnessjoni ma' fornitur prinċipali jkunu disponibbli għall-pubbliku.

5. Kull Parti għandha tiżgura li fornitur prinċipali jagħmel disponibbli għall-pubbliku jew il-ftehimiet tiegħu ta' interkonnessjoni inkella l-offerta referenzjarja ta' interkonnessjoni jekk dan ikun xieraq.

ARTIKOLU 15.7

Awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet

Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, fejn hu possibbli, tkun ibbażata fuq proċedura ta' notifika sempliċi.

ARTIKOLU 15.8

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm.

2. Kull Parti għandha tiżgura li kull miżura dwar is-servizz universali li hija tadotta jew iżżomm tkun amministrata b'mod trasparenti, oġġettiv, nondiskriminatorju u kompetittivament newtrali. Kull Parti għandha tiżgura wkoll li kull obbligu ta' servizz universali li timponi ma jkunx ta' piż aktar milli meħtieġ għat-tip ta' servizz universali li l-Parti tkun iddefinixxiet.

3. Il-fornituri kollha għandhom ikunu eliġibbli biex jiżguraw servizz universali. Jekk fornitur jiġi nominat bħala l-fornitur ta' servizz universali, Parti għandha tiżgura li l-għażla ssir permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti u mhux diskriminatorju.

ARTIKOLU 15.9

Riżorsi skarsi

1. Kull Parti għandha tamministra l-proċeduri tagħha għall-allokazzjoni u l-użu ta' riżorsi skarsi, inkluż il-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ, b'mod oġġettiv, opportun, trasparenti u nondiskriminatorju.

2. Minkejja l-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-suq) u 9.6 (Aċċess għas-suq), Parti tista' tadotta jew iżżomm miżura li talloka u tassenja l-ispettru u tamministra l-frekwenzi. Għaldaqstant, kull Parti żżomm id-dritt li tistabbilixxi u tapplika l-politiki tagħha dwar kif tamministra l-ispettru u l-frekwenza, li jistgħu jillimitaw l-għadd ta' fornituri tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, kull Parti żżomm id-dritt li talloka l-frekwenzi filwaqt li tqis il-ħtiġijiet attwali u futuri.

3. Kull Parti għandha tagħmel pubbliku l-istat kurrenti tal-frekwenzi allokati , iżda mhijiex meħtieġa li tipprovdi l-identifikazzjoni dettaljata tal-frekwenzi allokati għall-użu governattiv speċifiku.

ARTIKOLU 15.10

Portabilità tan-numru

Kull Parti għandha tiżgura li l-fornituri tas-servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet fit-territorju tagħha jipprovdu portabilità tan-numri b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

ARTIKOLU 15.11

L-Awtorità regolatorja

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tagħha tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kull fornitur ta' networks, servizzi jew tagħmir tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet, inkluż jekk Parti żżomm is-sjieda jew il-kontroll ta' fornitur ta' netwerks jew servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet.

2. Kull Parti għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet u l-proċeduri tal-awtorità regolatorja jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq u li dawn jiġu amministrati b'mod trasparenti u f'waqtu.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtorità regolatorja tagħha tingħata setgħa biżżejjed biex tirregola s-settur, inkluż billi tiżgura li din ikollha s-setgħa li:

(a) teżiġi li l-fornituri ta' netwerks jew servizzi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet jissottomettu kull informazzjoni li l-awtorità regolatorja tqis meħtieġa għall-amministrazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħha; kif ukoll

(b) tinforza d-deċiżjonijiet tagħha dwar l-obbligi stipulati fl-Artikoli minn 15.3 sa 15.6 permezz ta' sanzjonijiet xierqa, li jistgħu jinkludu penali finanzjarji, ordnijiet korrettivi jew is-sospensjoni jew revoka tal-liċenzji.

ARTIKOLU 15.12

Soluzzjoni ta' tilwimiet dwar it-telekomunikazzjonijiet

Rikors għal awtoritajiet regolatorji

1. Fl-applikazzjoni tal-Artikoli 27.3 (Proċedimenti amministrattivi) u 27.4 (Rieżami u appell), kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-intrapriżi jkunu jistgħu jirrikorru fi żmien debitu għand l-awtorità regolatorja tagħhom biex isolvu t-tilwim mal-fornituri ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet koperti mill-Artikoli minn 15.3 sa 15.6 u li, skont il-liġi tal-Parti, huma taħt il-ġurisdizzjoni tal-awtorità regolatorja. Kif xieraq, l-awtorità regolatorja għandha toħroġ deċiżjoni vinkolanti biex issolvi t-tilwim f'perjodu ta' żmien raġonevoli; u

(b) il-forniturі ta' netwerks jew servizzi tat-telekomunikazzjonijiet tal-Parti l-oħra li titlob aċċess għall-faċilitajiet essenzjali jew għal interkonnessjoni ma' fornitur prinċipali fit-territorju tal-Parti jkollhom, fi żmien raġonevoli u perjodu ta' żmien speċifikat pubblikament, rikors għand awtorità regolatorja biex isolvu t-tilwim rigward termini, kundizzjonijiet u rati xierqa għal interkonnessjoni jew aċċess ma' fornitur prinċipali.

Appell u rieżami tad-determinazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet tal-awtorità regolatorja

2. Kull Parti għandha tiżgura li intrapriża li l-interessi tagħha jiġu affettwati ħażin minn determinazzjoni jew deċiżjoni ta' awtorità regolatorja tkun tista' tikseb rieżami tad-determinazzjoni jew deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja, kważi ġudizzjarji jew amministrattiva li tkun imparzjali u indipendenti, kif previst fil-liġi ta' dik il-Parti. L-awtorità ġudizzjarja, kważi ġudizzjarja jew amministrattiva għandha tipprovdi lill-intrapriża raġunijiet bil-miktub li jsostnu d-determinazzjoni jew id-deċiżjoni tagħha. Kull Parti għandha tiżgura li dawn id-determinazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet, soġġetti għal appell jew rieżami ulterjuri, jiġu implimentati mill-awtorità regolatorja.

3. Il-fatt li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal rieżami ġudizzjarju ma jikkostitwixxix bażi għal nuqqas ta' konformità mad-determinazzjoni jew id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja sakemm il-korp ġudizzjarju relevanti ma jissospendix tali determinazzjoni jew deċiżjoni.

ARTIKOLU 15.13

Trasparenza

1. Fl-applikazzjoni tal-Artikoli 27.1 (Pubblikazzjoni) u 27.2 (Għoti ta' informazzjoni), u flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra f'dan il-Kapitolu dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku:

(a) ir-responsabbiltajiet tal-awtorità regolatorja f'forma li tkun faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari fejn dawn ir-responsabbiltajiet jiġu assenjati lil iżjed minn korp wieħed;

(b) il-miżuri tagħha fir-rigward ta' netwerks jew servizzi pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjonijiet, inkluż:

(i) ir-regolamenti tal-awtorità regolatorja tagħha, kif ukoll il-bażi għal dawn ir-regolamenti;

(ii) it-tariffi u t-termini u l-kundizzjonijiet l-oħrajn tas-servizz;

(iii) l-ispeċifikazzjonijiet tal-interfaċċi tekniċi;

(iv) il-kundizzjonijiet għal-kollegament ta' terminal jew tagħmir ieħor man-netwerks pubbliċi tat-trasport tat-telekomunikazzjoni;

(v) ir-rekwiżiti ta' notifika, permess, reġistrazzjoni, jew liċenzjar, jekk ikun hemm; kif ukoll

(c) informazzjoni dwar il-korpi responsabbli għall-preparazzjoni, l-emendar u l-adozzjoni ta' miżuri li jirrigwardjaw l-istandards.

ARTIKOLU 15.14

Tolleranza

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta’ suq kompetittiv sabiex jintlaħqu l-objettivi leġittimi ta' politika pubblika għas-servizzi ta’ telekomunikazzjonijiet. Għal dan l-għan, u sa fejn previst fil-liġi tagħha, kull Parti tista’ żżomm lura milli tapplika regolament għal servizz ta’ telekomunikazzjonijiet meta, wara li tkun saret analiżi tas-suq, jiġi determinat li tkun inkisbet kompetizzjoni effettiva.

ARTIKOLU 15.15

Fir-rigward ta’ kapitoli oħrajn

F’każ ta’ xi inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u Kapitolu ieħor, jipprevala dan il-Kapitolu sal-punt tal-inkonsistenza.

KAPITOLU SITTAX

KUMMERĊ ELETTRONIKU

ARTIKOLU 16.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

kunsinna tfisser programm tal-kompjuter, test, filmat, immaġni, reġistrazzjoni tal-awdjo jew kunsinna oħra li hija trażmessa b'mod diġitali; kif ukoll

kummerċ elettroniku tfisser kummerċ li jsir permezz ta' telekomunikazzjonijiet, waħdu jew flimkien ma' teknoloġiji oħra ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

ARTIKOLU 16.2

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kummerċ elettroniku jżid it-tkabbir ekonomiku u l-opportunijiet kummerċjali f'bosta setturi u jikkonfermaw l-applikabbiltà tar-regoli tad-WTO għall-kummerċ elettroniku. Huma jaqblu li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku bejniethom, b'mod partikolari billi jikkooperaw dwar il-kwistjonijiet li jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Dan il-Kapitolu ma jimponi l-ebda obbligu fuq xi Parti biex tippermetti kunsinna trażmessa b'mezzi elettroniċi ħlief skont l-obbligi tal-Parti skont dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.3

Dazji doganali fuq kunsinni elettroniċi

1. Parti ma għandhiex timponi dazju doganali, tariffa jew ħlas fuq kunsinna trażmessa b'mezzi elettroniċi.

2. Għal aktar ċertezza, il-paragrafu 1 ma għandux jimpedixxi lil Parti milli timponi taxxa interna jew ħlas intern ieħor għal kunsinna trażmessa b'mezzi elettroniċi, bil-kundizzjoni li t-taxxa jew ħlas jiġu imposti b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 16.4

Il-fiduċja fil-kummerċ elettroniku

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm liġijiet, regolamenti jew miżuri amministrattivi għall-protezzjoni tal-informazzjoni personali tal-utenti involuti fil-kummerċ elettroniku u, meta jagħmlu hekk, għandhom jieħdu l-kunsiderazzjoni dovuta ta' standards internazzjonali ta' protezzjoni tad-dejta ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti li ż-żewġ Partijiet huma membri tagħhom.

ARTIKOLU 16.5

Dispożizzjonijiet ġenerali

Meta jitqies il-potenzjal tal-kummerċ elettroniku bħala għodda għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta':

(a) iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-prevedibbiltà fl-oqfsa regolatorji domestiċi tagħhom biex jiffaċilitaw, kemm jista' jkun possibbli, l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku;

(b) l-interoperabbiltà, l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fil-faċilitazzjoni tal-kummerċ elettroniku; kif ukoll

(c) il-faċilitazzjoni tal-użu tal-kummerċ elettroniku minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

ARTIKOLU 16.6

Djalogu dwar il-kummerċ elettroniku

1. Filwaqt li jirrikonoxxu n-natura globali tal-kummerċ elettroniku, il-Partijiet jaqblu li jagħmlu djalogu dwar il-kwistjonijiet imqajma mill-kummerċ elettroniku, li, jindirizza, fost affarijiet oħra:

(a) ir-rikonixximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-faċilitazzjoni ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni transfruntieri;

(b) ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji fir-rigward tat-trażmissjoni, jew il-ħażna tal-informazzjoni;

(c) it-trattament ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku mhux mitluba; u

(d) il-protezzjoni tal-informazzjoni personali u l-protezzjoni tal-konsumaturi u tan-negozji minn prattiki kummerċjali li jkunu frodulenti u qarrieqa fil-qasam tal-kummerċ elettroniku.

2. Id-djalogu fil-paragrafu 1 jista' jieħu l-forma ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-liġijiet, ir-regolamenti, u miżuri oħra rispettivi tal-Partijiet dwar dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' esperjenzi dwar l-implimentazzjoni ta' tali liġijiet, regolamenti u miżuri oħra.

3. Filwaqt li jirrikonoxxu n-natura globali tal-kummerċ elettroniku, il-Partijiet jaffermaw l-importanza li jipparteċipaw b'mod attiv f'*fora* multilaterali għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

ARTIKOLU 16.7

Fir-rigward ta’ kapitoli oħrajn

F’każ ta’ xi inkonsistenza bejn dan il-Kapitolu u Kapitolu ieħor ta’ dan il-Ftehim, jipprevala l-Kapitolu l-ieħor sal-punt tal-inkonsistenza.

KAPITOLU SBATAX

POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

ARTIKOLU 17.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

imġiba kummerċjali antikompetittiva tfisser ftehimiet antikompetittivi, prattiki miftiehma jew arranġamenti mill-kompetituri, prattiki antikompetittivi ta’ intrapriża li hija dominanti f’suq, u fużjonijiet b'effetti sostanzjali antikompetittivi; kif ukoll,

servizz ta' interess ekonomiku ġenerali tfisser, għall-Unjoni Ewropea, servizz li ma jistax jingħata b'mod sodisfaċenti u taħt kundizzjonijiet, bħalma huma l-prezz, karatteristiċi oġġettivi ta' kwalità, kontinwità u l-aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku, minn intrapriża li topera f'kundizzjonijiet normali tas-suq. L-operazzjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għandha tiġi fdata lil intrapriża waħda jew aktar mill-Istat permezz ta' inkarigu ta' servizz pubbliku li jiddefinixxi l-obbligi tal-intrapriżi kkonċernati u tal-Istat.

ARTIKOLU 17.2

Politika tal-kompetizzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li komportament kummerċjali antikompetittiv għandu l-potenzjal li jfixkel il-funzjonament kif suppost tas-swieq u jikkomprometti l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproskrivu imġiba kummerċjali antikompetittiva, filwaqt li jirrikonoxxu li tali miżuri se jsaħħu l-ksib tal-objettivi ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-proskrizzjoni tal-komportament kummerċjali antikompetittiv fiż-żona ta' kummerċ ħieles skont il-*Ftehim bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Gvern tal-Kanada rigward l-Applikazzjoni tal-Liġijiet tal-Kompetizzjoni tagħhom*, li sar f'Bonn fis-17 ta' Ġunju 1999.

4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, u l-ġustizzja proċedurali. L-esklużjonijiet mill-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni għandhom ikunu trasparenti. Kull Parti għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Parti l-oħra informazzjoni pubblika rigward dawn l-esklużjonijiet previsti fil-liġi tal-kompetizzjoni tagħha.

ARTIKOLU 17.3

L-applikazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni għall-intrapriżi

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 17. 2.2 ikunu japplikaw lill-Partijiet sa fejn ikun meħtieġ mil-liġi tagħha.

2. Għal aktar ċertezza:

(a) fil-Kanada, il-*Competition Act*, R.S.C. 1985, c. C-34 huwa vinkolanti u japplika għal aġent tal-Majestà Tagħha Reġina tal-Kanada, jew ta' provinċja, li hija korporazzjoni, fir-rigward ta' attivitajiet kummerċjali involuta fihom il-korporazzjoni rigward il-kompetizzjoni, kemm jekk reali kif ukoll potenzjali, ma' persuni oħra sal-punt li dan ikun japplika kieku l-aġent ma kienx aġent tal-Majestà Tagħha. Tali aġent jista' jinkludi intrapriżi tal-Istat, monopolji, u intrapriżi li ngħataw drittijiet speċjali jew esklużivi jew privileġġi; kif ukoll

(b) fl-Unjoni Ewropea, intrapriżi tal-Istat, monopolji, u intrapriżi li ngħataw drittijiet jew privileġġi speċjali huma skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompetizzjoni. Madankollu, intrapriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom karattru ta' monopolju li jipproduċi d-dħul ikunu suġġetti għar-regoli, sakemm l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma tostakolax il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari assenjati lilhom.

ARTIKOLU 17.4

Soluzzjoni tat-tilwim

Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jkun soġġett għal xi forma ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim.

KAPITOLU TMINTAX

INTRAPRIŻI TAL-ISTAT, MONOPOLJI, U INTRAPRIŻI LI NGĦATAW DRITTIJIET JEW PRIVILEĠĠI SPEĊJALI

ARTIKOLU 18.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

entità koperta tfisser:

(a) monopolju;

(b) fornitur ta’ prodott jew servizz, jekk huwa wieħed minn għadd żgħir ta’ forniturі ta' prodotti jew servizzi awtorizzati jew stabbiliti minn Parti, formalment jew b’effett, u l-Parti timpedixxi b'mod sostanzjali l-kompetizzjoni bejn dawk il-forniturі fit-territorju tagħha;

(c) kull entità li tkun ingħatat minn Parti, formalment jew b'effett, drittijiet jew privileġġi speċjali biex tipprovdi prodott jew servizz, li jaffettwaw b'mod sostanzjali l-kapaċità ta' kull intrapriża oħra li tipprovdi l-istess prodott jew servizz fl-istess żona ġeografika taħt kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti, u li tippermetti lill-entità biex taħrab, kompletament jew parzjalment, mill-pressjonijiet kompetittivi jew mir-restrizzjonijiet tas-suq[26]; jew

(d) intrapriża tal-Istat;

taħtar tfisser li tistabbilixxi jew tawtorizza monopolju, jew li jiġi estiż il-kamp ta' monopolju, biex ikopri prodott jew servizz addizzjonali;

skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali tfisser konsistenti ma ' prattiki kummerċjali abitwali ta' intrapriża privata fin-negozju jew industrija rilevanti; kif ukoll

trattament mhux diskriminatorju tfisser l-aħjar wieħed bejn it-trattament nazzjonali u t-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit kif stipulat f'dan il-Ftehim.

26 Għal aktar ċertezza, l-għoti ta' liċenzja lil għadd limitat ta' intrapriżi fl-allokazzjoni tar-riżorsi skarsi permezz ta' kriterji oġġettivi, proporzjonali u nondiskriminatorji, mhuwiex fih innifisu dritt speċjali.

ARTIKOLU 18.2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet jikkonfermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikoli minn XVII:1 sa XVII:3 tal-GATT 1994, il-*Qbil dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994*, u l-Artikoli VIII:1 u VIII:2 tal-GATS, li b'dan huma kollha integrati u jagħmlu parti minn dan il-Ftehim.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-akkwist minn Parti ta' prodott jew servizz mixtri għal skopijiet governattivi u mhux bl-għan ta' bejgħ kummerċjali mill-ġdid jew bl-għan ta' użu fil-forniment ta' prodott jew servizz għall-bejgħ kummerċjali, kemm jekk l-akkwist huwa "akkwist kopert" skont it-tifsira tal-Artikolu 19. 2 (Kamp ta' applikazzjoni u kopertura) u kif ukoll jekk mhuwiex.

3. L-Artikoli 18.4 u 18.5 ma japplikawx għas-setturi stipulati fl-Artikolu 8.2 (Kamp ta' applikazzjoni) u l-Artikolu 9.2 (Kamp ta' applikazzjoni).

4 L-Artikoli 18.4 u 18.5 ma japplikawx għal miżura ta' entità koperta jekk riżerva ta' Parti, meħuda fil-konfront ta' obbligu ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, kif stipulat fl-Iskeda tal-Annessi I, II, jew III ta' dik il-Parti, tkun applikabbli jekk l-istess miżura kienet ġiet adottata jew miżmuma minn dik il-Parti.

ARTIKOLU 18.3

Intrapriżi tal-Istat, monopolji u intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont dan il-Ftehim, xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi lil xi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm intrapriżi tal-Istat jew monopolju jew milli tagħti lil intrapriża drittijiet jew privileġġi speċjali.

2. Parti ma tistax titlob jew tinkoraġġixxi entità koperta biex taġixxi f'manjiera inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 18.4

Trattament nondiskriminatorju

1. Kull Parti għandha tiżgura li fit-territorju tagħha entità koperta tagħti trattament mhux diskriminatorju lil investiment kopert, lil prodott tal-Parti l-oħra, jew lil fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra fix-xiri jew il-bejgħ ta' prodott jew servizz.

2. Jekk entità koperta deskritta fil-paragrafi minn (b) sa (d) tad-definizzjoni ta' "entità koperta" fl-Artikolu 18.1 taġixxi f'konformità mal-Artikolu 18.5.1, il-Parti li fit-territorju tagħha tkun stabbilita l-entità koperta għandha titqies li tkun f'konformità mal-obbligi stipulati fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' dik l-entità koperta.

ARTIKOLU 18.5

Kunsiderazzjonijiet kummerċjali

1. Kull Parti għandha tiżgura li entità koperta fit-territorju tagħha taġixxi skont kunsiderazzjonijiet kummerċjali fix-xiri jew il-bejgħ ta' merkanzija, inkluż fir-rigward tal-prezz, il-kwalità, id-disponibiltà, il-kummerċjabilità, it-trasport, u termini u kundizzjonijiet oħra ta' xiri jew bejgħ, kif ukoll fix-xiri jew il-forniment ta' servizzi, inkluż meta tali merkanzija jew servizzi jiġu fornuti lil jew minn investiment ta' investitur tal-Parti l-oħra.

2. Sakemm il-komportament ta' entità koperta jkun konsistenti mal-Artikolu 18.4 u l-Kapitolu Sbatax (Politika tal-Kompetizzjoni), l-obbligu inkluż fil-paragrafu 1 ma japplikax:

(a) fil-każ ta' monopolju, għat-twettiq tal-għan li għalih inħoloq il-monopolju jew li għalih ingħataw drittijiet jew privileġġi speċjali, bħall-obbligu ta' servizz pubbliku jew żvilupp reġjonali; jew,

(b) fil-każ ta' intrapriża tal-Istat, għat-twettiq ta' mandat pubbliku.

KAPITOLU DSATAX

AKKWIST PUBBLIKU MILL-GVERN

ARTIKOLU 19.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

prodotti jew servizzi kummerċjali tfisser prodotti jew servizzi ta' tip ġeneralment mibjugħ jew offrut għall-bejgħ fis-suq kummerċjali lil xerrejja mhux governattivi għal finijiet mhux governattivi, u normalment mixtrija minnhom;

servizz ta' kostruzzjoni tfisser servizz li għandu bħala għan it-twettiq b'kull mezz ta' xogħol ċivil li jew ta' bini, fuq il-bażi tad-Diviżjoni 51 tal-Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti tan-Nazzjonijiet Uniti (CPC);

bejgħ bl-irkant elettroniku tfisser proċess iterattiv li jinvolvi l-użu ta' mezzi elettroniċi għall-preżentazzjoni mill-fornituri jew ta' prezzijiet ġodda, jew ta' valuri ġodda għal elementi kwantifikabbli li mhumiex prezzijiet tal-offerta b'konnessjoni mal-kriterji ta' evalwazzjoni, jew inkella t-tnejn flimkien, li jirriżulta fi klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid tal-offerti;

bil-miktub jew **miktub** tfisser kull espressjoni verbali jew numerika li tista' tinqara, tiġi riprodotta u aktar tard ikkomunikata. Din tista' tinkludi informazzjoni trażmessa u maħżuna b'mod elettroniku;

proċedura ta' offerti limitata tfisser metodu ta' akkwist li fih l-entità tal-akkwist tikkuntattja lill-fornitur jew fornituri tal-għażla tagħha;

miżura tfisser kull liġi, regolament, proċedura, gwida jew prattika amministrattiva, jew kull azzjoni ta' entità tal-akkwist relatati ma' akkwist kopert;

lista għal użu ripetut tfisser lista ta' fornituri li l-entità tal-akkwist tkun iddeterminat bħala dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'dik il-lista, u li l-entità tal-akkwist għandha l-ħsieb li tuża iktar minn darba;

avviż ta' akkwist ippjanat tfisser avviż ippubblikat minn entità tal-akkwist li fih il-fornituri interessati jiġu mistiedna jippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni, offerta, jew it-tnejn;

kumpens tfisser kull kundizzjoni jew impenn li jħeġġeġ l-iżvilupp lokali jew itejjeb il-kontijiet tal-bilanċ tal-pagamenti ta' Parti, bħall-użu ta' kontenut domestiku, il-liċenzjar ta' teknoloġija, l-investiment, il-kummerċ kumpensatorju u azzjoni jew rekwiżit simili;

proċedura ta' offerti miftuħa tfisser metodu ta' akkwist li bih il-fornituri interessati kollha jistgħu jippreżentaw offerta;

persuna tfisser “persuna” kif definita fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ta’ applikazzjoni ġenerali);

entità tal-akkwist tfisser entità koperta taħt l-Annessi 19-1, 19-2 jew 19-3 tal-Iskeda ta’ Aċċess għas-Suq ta' Parti għal dan il-Kapitolu;

fornitur ikkwalifikat tfisser fornitur li entità tal-akkwist tirrikonoxxi bħala li jkun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

proċedura ta' offerti selettiva tfisser metodu ta' akkwist li bih huma biss il-fornituri kkwalifikati li jiġu mistiedna mill-entità tal-akkwist biex jippreżentaw offerta;

servizzi tinkludi servizzi ta' kostruzzjoni, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor;

standard tfisser dokument approvat minn korp rikonoxxut, li jipprovdi, għal użu komuni u ripetut, regoli, linji gwida jew karatteristiċi għal prodotti jew servizzi, jew proċessi relatati u metodi ta' produzzjoni, li l-konformità magħhom mhijiex mandatorja. Standard jista' jinkludi wkoll jew jittratta b'mod esklużiv rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar hekk kif japplikaw għal prodott, servizz, proċess jew metodu ta' produzzjoni;

fornitur tfisser persuna jew grupp ta' persuni li jfornu jew jistgħu jfornu prodotti jew servizzi; kif ukoll

speċifikazzjoni teknika tfisser rekwiżit tal-proċedura ta' offerti li:

(a) jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-prodotti jew servizzi li għandhom jiġu akkwistati, inklużi l-kwalità, il-prestazzjoni, is-sikurezza u d-dimensjonijiet, jew il-proċessi u l-metodi għall-produzzjoni u l-forniment tagħhom; jew

(b) jindirizza r-rekwiżiti dwar it-terminoloġija, is-simboli, l-imballaġġ, l-immarkar jew it-tikkettar, hekk kif japplikaw għal prodott jew servizz.

ARTIKOLU 19.2

Kamp ta' applikazzjoni u kopertura

Applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kull miżura li tirrigwarda akkwist kopert, kemm jekk jitwettaq b'mod esklużiv jew parzjali minn mezzi elettroniċi kif ukoll jekk le.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, akkwist kopert ifisser għall-finijiet governattivi:

(a) ta' prodotti, servizzi, jew kull taħlita tagħhom:

(i) kif speċifikat fl-Annessi ta' kull Parti tal-Iskeda tagħha tal-Aċċess għas-Suq ta' dan il-Kapitolu; kif ukoll

(ii) mhux akkwistati għall-bejgħ jew għall-bejgħ mill-ġdid kummerċjali, jew għall-użu fil-produzzjoni jew il-forniment ta' prodott jew servizz għall-bejgħ jew bejgħ mill-ġdid kummerċjali;

(b) b'kull mezz kuntrattwali, inkluż: akkwist; lokazzjoni; u l-kiri jew il-kuntratt ta’ lokazzjoni b'opzjoni jew mingħajr opzjoni ta' xiri;

(c) li għalih, il-valur, kif stmat skont il-paragrafi minn 6 sa 8, ikun daqs jew jaqbeż il-livell limitu relevanti speċifikat fl-Annessi ta' kull Parti tal-Iskeda tagħha ta' Aċċess għas-Suq, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' avviż skont l-Artikolu 19.6;

(d) minn entità tal-akkwist; kif ukoll

(e) li mhuwiex mod ieħor esklużminn kopertura fil-paragrafu 3 jew fl-Annessi ta' Parti tal-Iskeda tagħha ta' Aċċess għas-Suq għal dan il-Kapitolu.

3. Ħlief kif previst mod ieħor fl-Annessi ta' Parti tal-Iskeda tagħha ta' Aċċess għas-Suq, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) l-akkwiżizzjoni jew il-kiri ta' art, bini eżistenti jew xi proprjetà immobbli oħra jew id-drittijiet li joħorġu minn dawn;

(b) ftehimiet mhux kuntrattwali jew kull forma ta' assistenza li Parti tipprovdi, inklużi ftehimiet kooperattivi, għotjiet, self, infużjonijiet ta' ekwità, garanziji u inċentivi fiskali;

(c) l-akkwist jew l-akkwiżizzjoni ta' aġenzija fiskali jew ta' servizzi ta' depożitarji, servizzi ta' likwidazzjoni jew ta' ġestjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji rregolati jew servizzi relatati mal-bejgħ, it-tifdija u d-distribuzzjoni tad-dejn pubbliku, inklużi self u bonds tal-gvern, noti u titoli oħrajn;

(d) kuntratti tax-xogħol pubbliku;

(e) l-akkwist imwettaq:

(i) għall-iskop speċifiku ta' forniment ta' assistenza internazzjonali, inkluża għajnuna għall-iżvilupp;

(ii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' ftehim internazzjonali li jirrigwarda l-istazzjonament ta' truppi jew li jirrigwarda l-implimentazzjoni konġunta ta' proġett mill-pajjiżi firmatarji; jew

(iii) skont il-proċedura jew il-kundizzjoni partikolari ta' organizzazzjoni internazzjonali, jew iffinanzjata minn għotjiet, self jew għajnuna oħra internazzjonali fejn il-proċedura jew il-kundizzjoni applikabbli tkun inkonsistenti ma' dan il-Kapitolu.

4. Akkwist skont dan il-Kapitolu għandu jkun l-akkwist kollu kopert mill-Iskedi ta' Aċċess għas-Suq tal-Kanada u tal-Unjoni Ewropea, li fihom l-impenji ta' kull Parti huma stipulati kif ġej:

(a) fl-Anness 19-1, l-entitajiet tal-gvern ċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(b) fl-Anness 19-2, l-entitajiet tal-gvern subċentrali li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(c) fl-Anness 19-3, l-entitajiet l-oħrajn kollha li l-akkwist tagħhom huwa kopert b'dan il-Kapitolu;

(d) fl-Anness 19-4, il-prodotti koperti b'dan il-Kapitolu;

(e) fl-Anness 19-5, is-servizzi, għajr is-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti b'dan il-Kapitolu;

(f) fl-Anness 19-6, is-servizzi ta' kostruzzjoni, koperti b'dan il-Kapitolu;

(g) fl-Anness 19-7, kull Nota Ġenerali; kif ukoll

(h) fl-Anness 19-8, il-mezz ta’ pubblikazzjoni użat għal dan il-Kapitolu.

5. F'każ li entità tal-akkwist, fil-kuntest ta' akkwist kopert, tesiġi li persuna mhux koperta skont l-Annessi ta' Parti tal-Iskeda tagħha tal-Aċċess għas-Suq ta' dan il-Kapitolu takkwista skont ir-rekwiżiti partikolari, l-Artikolu 19.4 għandu japplika *mutatis mutandis* għal rekwiżiti bħal dawn.

Valutazzjoni

6. Meta tkun qed tagħmel stima tal-valur ta' akkwist sabiex tiżgura jekk huwiex akkwist kopert, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) la taqsam akkwist f’akkwisti separati u lanqas tagħżel jew tuża metodu ta’ valwazzjoni partikolari biex tagħmel stima tal-valur ta’ akkwist bl-intenzjoni li teskludih totalment jew parzjalment mill-applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu; kif ukoll

(b) tinkludi l-valur totali massimu stmat tal-akkwist matul it-tul ta’ żmien kollu tiegħu, kemm jekk jingħata lil fornitur wieħed kif ukoll jekk jingħata lil iktar, filwaqt li jitqiesu l-forom kollha ta' remunerazzjoni, inkluż:

(i) primjums, tariffi, kummissjonijiet u imgħax; kif ukoll

(ii) f'każ li l-akkwist jipprevedi l-possibilità ta' opzjonijiet, il-valur totali ta' tali opzjonijiet.

7. Meta rekwiżit individwali għall-akkwist jirriżulta fl-għoti ta' iktar minn kuntratt wieħed, jew fl-għoti ta' kuntratti f'partijiet separati ("kuntratti rikorrenti"), il-kalkolu tal-valur totali massimu stmat ikun ibbażat fuq:

(a) il-valur tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz mogħti matul it-12-il xahar preċedenti jew matul is-sena fiskali preċedenti tal-entità tal-akkwist, aġġustata, jekk possibbli, biex jiġu kkunsidrati bidliet antiċipati fil-kwantità jew fil-valur tal-prodott jew tas-servizz li jkun se jiġi akkwistat matul it-12-il xahar ta' wara; jew

(b) il-valur stmat tal-kuntratti rikorrenti tal-istess tip ta' prodott jew servizz li għandu jingħata matul it-12-il xahar wara l-għoti tal-kuntratt inizjali jew is-sena fiskali tal-entità tal-akkwist.

8. Fil-każ ta' akkwist b'lokazzjoni, kiri jew kuntratt ta' lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' prodott jew ta' servizz, jew l-akkwist li għalih mhuwiex speċifikat prezz totali, il-bażi għall-valutazzjoni għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratt b'terminu fiss:

(i) fejn it-terminu tal-kuntratt huwa ta' 12-il xahar jew inqas, il-valur massimu totali stmat għat-tul ta' żmien tiegħu; jew

(ii) fejn it-terminu tal-kuntratt jaqbeż it-12-il xahar, il-valur massimu totali stmat, inkluż kull valur residwu stmat;

(b) fejn il-kuntratt huwa għal perjodu indefinit, il-ħlas parzjali stmat fix-xahar multiplikat bi 48; kif ukoll

(c) fejn mhuwiex ċert jekk il-kuntratt huwiex se jkun kuntratt b'terminu fiss, għandu jintuża s-subparagrafu (b).

ARTIKOLU 19.3

Sigurtà u eċċezzjonijiet ġenerali

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lil xi Parti milli tieħu azzjoni jew li ma tiżvelax xi informazzjoni li hija tikkunsidra neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha relatata mal-akkwist:

(a) ta' armi, munizzjoni[27] jew materjal tal-gwerra;

(b) jew mal-akkwist indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali; jew

(c) għal skopijiet ta' difiża nazzjonali.

[27] L-espressjoni “munizzjon” f’dan l-Artikolu hija kkunsidrata bħala ekwivalenti għall-espressjoni "munitions" (tagħmir tal-gwerra).

2. Suġġett għar-rekwiżit li miżuri bħal dawn ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata bejn il-Partijiet fejn l-istess kundizzjonijiet jipprevalu jew jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija dwar il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jitqies li jimpedixxi xi Parti milli timponi jew tinforza miżuri:

(a) neċessarji għall-protezzjoni tal-morali, l-ordni jew is-sikurezza pubbliċi;

(b) meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) meħtieġa sabiex jipproteġu l-proprjetà intellettwali; jew

(d) relatati ma' prodotti jew servizzi ta' persuni b'diżabilitajiet, istituzzjonijiet filantropiċi jew xogħol tal-ħabsijiet.

ARTIKOLU 19.4

Prinċipji ġenerali

Nondiskriminazzjoni

1. Fir-rigward ta' kull miżura dwar akkwist kopert, kull Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, għandha tagħti minnufih u mingħajr ebda kundizzjoni lill-prodotti u lis-servizzi tal-Parti l-oħra u lill-fornituri tal-Parti l-oħra li joffru tali prodotti jew servizzi, trattament mhux inqas favorevoli mit-trattatment li l-Parti, inkluż il-entitajiet tal-akkwist tagħha, tagħti lill-prodotti, lis-servizzi u lill-fornituri tagħha stess. Għal aktar ċertezza, trattament bħal dan jinkludi:

(a) fil-Kanada, trattament li ma jkunx inqas favorevoli minn dak li jingħata minn provinċja jew territorju, inkluż il-entitajiet tal-akkwist tagħha, lil prodotti u servizzi u lil fornituri li jkunu stabbiliti f'dik il-provinċja jew territorju; kif ukoll

(b) fl-Unjoni Ewropea, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti minn Stat Membru jew reġjun subċentrali ta' Stat Membru, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tiegħu, lil prodotti u servizzi u fornituri stabbiliti f'dak l-Istat Membru jew reġjun subċentrali, skont kif ikun il-każ.

2. Fir-rigward ta' xi miżura dwar l-akkwist kopert, Parti, inkluż il-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhomx:

(a) jittrattaw lil fornitur stabbilit lokalment b'mod inqas favorevoli minn fornitur ieħor stabbilit lokalment abbażi tal-grad ta' affiljazzjoni jew ta' sjieda barranija; jew

(b) jiddiskriminaw kontra fornitur stabbilit lokalment fuq il-bażi li l-prodotti jew is-servizzi offruti minn dak il-fornitur għal akkwist partikolari jkunu prodotti jew servizzi tal-Parti l-oħra.

L-Użu ta' Mezzi Elettroniċi

3. Meta twettaq akkwist kopert b'mezzi elettroniċi, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li l-akkwist isir billi jintużaw sistemi ta' teknoloġija tal-informazzjoni u softwer inkluż dawk relatati mal-awtentikazzjoni u mal-kriptaġġ tal-informazzjoni, li huma ġeneralment disponibbli u interoperabbli ma' sistemi oħra ta' teknoloġija tal-informazzjoni u softwer ġeneralment disponibbli; kif ukoll

(b) iżżomm mekkaniżmi li jiżguraw l-integrità tat-talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti, inkluż l-istabbiliment tal-ħin meta jaslu u l-prevenzjoni ta' aċċess mhux xieraq.

Twettiq tal-Akkwist

4. Entità tal-akkwist għandha twettaq akkwist kopert b'mod trasparenti u imparzjali li:

(a) jkun konsistenti ma' dan il-Kapitolu, bl-użu ta' metodi bħal proċedura ta' offerti miftuħa, proċedura ta' offerti selettiva, u proċedura ta' offerti limitata;

(b) jevita kunflitti ta' interess; kif ukoll

(c) jevita prattiki korrotti.

Regoli tal-oriġini

5. Għall-finijiet ta' akkwist kopert, Parti ma għandhiex tapplika r-regoli ta' oriġini għall-prodotti jew servizzi importati mill-Parti l-oħra jew fornuti minnha, li huma differenti mir-regoli ta' oriġini li l-Parti tapplika fl-istess ħin fil-proċess normali tal-kummerċ għall-importazzjonijiet jew provvisti tal-istess prodotti jew servizzi mill-istess Parti.

Il-Kumpensi

6. Fir-rigward tal-akkwist kopert, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tfittex, tqis, timponi jew tinforza xi kumpens.

Miżuri Mhux Speċifiċi għall-Akkwist

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal: dazji doganali u tariffi ta' kull xorta imposti fuq l-importazzjoni jew b'konnessjoni magħha; il-metodu dwar kif jiġu imposti dawn id-dazji u tariffi; regolamenti jew formalitajiet oħra dwar l-importazzjoni, u miżuri li jaffettwaw il-kummerċ f'servizzi għajr miżuri li jirregolaw l-akkwist kopert.

ARTIKOLU 19.5

Informazzjoni dwar is-sistema tal-akkwist

1. Kull Parti għandha:

(a) tippubblika minnufih kull liġi, regolament, deċiżjoni ġuridika, deċiżjoni amministrattiva ta' applikazzjoni ġenerali, klawżola ta' kuntratt standard mitluba mil-liġi jew minn regolament u inkorporata b'referenza f'avviżi jew dokumentazzjoni tal-offerti u proċedura dwar l-akkwist kopert, u kull modifika fihom, b'mezz elettroniku jew stampat magħżul b'mod uffiċjali li huwa użat b'mod estensiv u li jibqa' disponibbli faċilment għall-pubbliku; kif ukoll

(b) tipprovdi spjegazzjoni dwar dan lill-Parti l-oħra, meta din tintalab.

2. Kull Parti għandha telenka, fl-Anness 19-8 fl-Iskeda tagħha ta' Aċċess għas-Suq:

(a) il-mezz elettroniku jew stampat li bih il-Parti tippubblika l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 1;

(b) il-mezz elettroniku jew stampat li bih il-Parti tippubblika l-avviżi mitluba mill-Artikoli 19.6, 19.8.7 u 19.15.2; kif ukoll

(c) l-indirizz jew indirizzi tal-websajt li fuqu l-Parti tippubblika:

(i) l-istatistika tal-akkwist tagħha skont l-Artikolu 19.15.5; jew

(ii) l-avviżi tagħha dwar il-kuntratti mogħtija skont l-Artikolu 19.15.6.

3. Kull Parti għandha tgħarraf minnufih lill-Kumitat tal-Akkwisti Pubbliċi dwar kull modifika fl-informazzjoni tal-Parti li hemm elenkata fl-Anness 19-8.

ARTIKOLU 19.6

Avviżi

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

1. Għal kull akkwist kopert, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż ta’ akkwist ippjanat, għajr fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 19.12.

L-avviżi kollha tal-akkwist ippjanat għandhom ikunu aċċessibbli direttament b'mezzi elettroniċi li jkunu mingħajr ħlas minn punt uniku ta' aċċess soġġett għall-paragrafu 2. L-avviżi jistgħu wkoll jiġu ppubblikati stampati fuq karta li tkun imqassma b'mod estensiv u tali avviżi għandhom jibqgħu faċilment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-inqas sakemm jiskadi l-perjodu ta' żmien indikat fl-avviż.

Il-mezz xieraq stampat fuq karta u l-mezz elettroniku għandu jiġi elenkat minn kull Parti fl-Anness 19-8.

2. Parti tista’ tapplika perjodu tranżitorju ta’ mhux aktar minn 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim lill-entitajiet koperti mill-Annessi 19-2 u 19-3 li ma jkunux lesti li jipparteċipaw f’punt uniku ta’ aċċess imsemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-entitajiet għandhom, matul dan il-perjodu ta’ tranżizzjoni, jipprovdu avviżi tal-akkwist pubbliku ppjanat tagħhom, jekk ikunu aċċessibbli b’mezzi elettroniċi, permezz ta’ links f’portal elettroniku li huwa aċċessibbli b’xejn u elenkat fl-Anness 19-8.

3. Għajr meta previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kull avviż tal-akkwist ippjanat għandu jinkludi:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja biex tiġi kkuntattjata l-entità tal-akkwist u jinkisbu d-dokumenti relevanti kollha relatati mal-akkwist, u l-ispejjeż u t-termini ta' ħlas tagħhom, jekk ikun hemm;

(b) deskrizzjoni tal-akkwist, inkluż it-tip u l-kwantità tal-prodotti jew servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, fejn il-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata;

(c) għal kuntratti rikorrenti, stima, jekk tkun possibbli, tal-perjodu ta' żmien tal-avviżi sussegwenti tal-akkwist ippjanat;

(d) deskrizzjoni ta' kull opzjoni;

(e) il-perjodu ta' żmien għall-konsenja tal-prodotti jew servizzi jew it-tul ta' żmien tal-kuntratt;

(f) il-metodu ta' akkwist li se jintuża u jekk huwiex se jinvolvi negozjar jew bejgħ bl-irkant elettroniku;

(g) fejn applikabbli, l-indirizz u kull data finali għas-sottomissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist;

(h) l-indirizz u d-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti;

(i) il-lingwa jew lingwi li fihom jistgħu jiġu ppreżentati l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni, jekk jistgħu jiġu ppreżentati f'lingwa li mhijiex lingwa uffiċjali tal-Parti tal-entità tal-akkwist;

(j) lista u deskrizzjoni qasira ta' kull kundizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' forniturі, inklużi kull rekwiżit għal dokumenti jew ċertifikazzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu pprovduti mill-forniturі b'rabta miegħu, sakemm tali rekwiżit ma jkunx inkluż fid-dokumentazzjoni tal-offerta li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі interessati kollha fl-istess ħin bħall-avviż ta' akkwist ippjanat;

(k) jekk, skont l-Artikolu 19.8, entità tal-akkwist ikollha l-ħsieb tagħżel għadd limitat ta' forniturі kkwalifikati biex jiġu mistiedna li jitfgħu offerta, il-kriterji li jkunu se jintużaw biex jintgħażlu u, fejn applikabbli, kull limitu fuq l-għadd ta' forniturі li jkollhom il-permess jitfgħu l-offerta; kif ukoll

(l) indikazzjoni li l-akkwist huwa kopert minn dan il-Kapitolu.

Avviż tas-Sommarju

4. Għal kull każ ta' akkwist ippjanat, l-entità tal-akkwist tippubblika avviż tas-sommarju li huwa faċilment aċċessibbli, fl-istess ħin tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat, bl-Ingliż jew bil-Franċiż. L-avviż tas-sommarju għandu jkun fih tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-suġġett tal-akkwist pubbliku;

(b) id-data finali għas-sottomissjoni tas-sejħiet tal-offerti jew, fejn japplika, kull data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni fl-akkwist jew għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut; kif ukoll

(c) l-indirizz minn fejn jistgħu jintalbu d-dokumenti relatati mal-akkwist.

Avviż ta' Akkwist Ippjanat

5. L-entitajiet tal-akkwist huma mħeġġa jippubblikaw, bil-mezz xieraq elettroniku, jew jekk disponibbli, stampat elenkat fl-Anness 19-8 kmieni kemm jista' jkun f'kull sena fiskali, avviż dwar il-pjanijiet tal-akkwist tagħhom għall-ġejjieni ("avviż ta' akkwist ippjanat"). L-avviż tal-akkwist ippjanat għandu wkoll jiġi ppubblikat fis-sit tal-punt uniku ta' aċċess elenkat fl-Anness 19-8, soġġett għall-paragrafu 2. L-avviż tal-akkwist ippjanat għandu jinkludi s-suġġett tal-akkwist u d-data ppjanata tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist ippjanat.

6. Entità tal-akkwist koperta mill-Annessi 19-2 jew 19-3 tista' tuża avviż ta' akkwist ippjanat bħala avviż ta' akkwist maħsub diment li l-avviż ta' akkwist ippjanat ikun jinkludi dik l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 li tkun disponibbli għall-entità kif ukoll dikjarazzjoni li l-forniturі interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist.

ARTIKOLU 19.7

Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni

1. Entità tal-akkwist għandha tillimita kull kundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'akkwist għal dawk li huma essenzjali biex jiġi żgurat li fornitur għandu kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-ħiliet kummerċjali u tekniċi biex iwettaq l-akkwist relevanti.

2. Fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) ma għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur jieħu sehem f'akkwist, il-fornitur irid ikun ingħata kuntratt wieħed jew iktar minn entità tal-akkwist ta' Parti partikolari;

(b) tista' tesiġi esperjenza preċedenti rilevanti fejn din tkun essenzjali biex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-akkwist. kif ukoll

(c) ma għandhiex teħtieġ li esperjenza preċedenti fit-territorju tal-Parti tkun kundizzjoni tal-akkwist.

3. Fil-valutazzjoni ta' jekk fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, l-entità tal-akkwist:

(a) għandha tevalwa l-kapaċità finanzjarja, u l-abbiltajiet kummerċjali u tekniċi ta' fornitur fuq il-bażi tal-attivitajiet kummerċjali tal-fornitur kemm ġewwa kif ukoll barra t-territorju tal-Parti tal-entità tal-akkwist; kif ukoll

(b) għandha tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq il-kundizzjonijiet li l-entità tal-akkwist speċifikat minn qabel fl-avviżi jew fid-dokumentazzjoni tal-offerti.

4. Fejn ikun hemm evidenza ta' sostenn, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' teskludi fornitur għal raġunijiet bħal:

(a) falliment;

(b) dikjarazzjonijiet foloz;

(c) nuqqasijiet notevoli jew persistenti fit-twettiq ta' kull rekwiżit jew obbligu sostantiv f'kuntratt jew kuntratti preċedenti;

(d) sentenzi finali fir-rigward ta' delitti serji jew reati serji oħrajn;

(e) kondotta professjonali ħażina jew atti jew ommissjonijiet li jirriflettu ħażin fuq l-integrità kummerċjali tal-fornitur; jew

(f) taxxi mhux imħallsa.

ARTIKOLU 19.8

Kwalifika tal-forniturі

Sistemi ta' Reġistrazzjoni u Proċeduri ta' Kwalifika

1. Parti, inklużi l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista' tmantni sistema ta' reġistrazzjoni tal-forniturі li fiha l-forniturі interessati huma meħtieġa jirreġistraw u jipprovdu ċerta informazzjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu sforzi biex jimminimizzaw id-differenzi fil-proċeduri ta' kwalifika tagħhom; kif ukoll

(b) fejn l-entitajiet tal-akkwist tagħha jżommu sistemi ta' reġistrazzjoni, l-entitajiet jagħmlu sforzi sabiex jimminimizzaw id-differenzi fis-sistemi ta' reġistrazzjoni tagħhom.

3. Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tadotta jew tapplika xi sistema ta' reġistrazzjoni jew proċedura ta' kwalifika bl-għan jew bl-effett li jinħolqu ostakli bla bżonn għall-parteċipazzjoni tal-forniturі tal-Parti l-oħra fl-akkwist tagħha.

Proċedura Selettiva ta' Offerti ta' Kuntratt

4. Fejn l-entità tal-akkwist tkun biħsiebha tuża proċedura selettiva ta' offerti, l-entità għandha:

(a) tinkludi, fl-avviż ta' akkwist ippjanat, tal-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 19.6.3(a), (b), (f), (g), (j), (k) u (l) u tistieden lill-forniturijippreżentaw talba għall-parteċipazzjoni; kif ukoll

(b) tipprovdi, sa mill-bidu tal-perjodu ta' żmien għall-perjodu ta' offerti, tal-anqas l-informazzjoni fl-Artikolu 19.6.3(c), (d), (e), (h) u (i) lill-forniturikkwalifikati li tinnotifika kif speċifikat fl-Artikolu 19.10.3(b).

5. Entità tal-akkwist għandha tippermetti lill-forniturikkwalifikati kollha biex jieħdu sehem f'akkwist partikolari, sakemm l-entità tal-akkwist ma tiddikjarax fl-avviż ta' akkwist ippjanat xi limitazzjoni fuq l-għadd ta' fornituri li jkunu se jitħallew jixħtu l-offerta u l-kriterji għall-għażla tal-għadd limitat ta' fornituri.

6. Fejn id-dokumentazzjoni tal-offerti ma titqiegħedx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 4, entità tal-akkwist għandha tiżgura li dawk id-dokumenti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fl-istess ħin lill-forniturikkwalifikati kollha magħżula skont il-paragrafu 5.

Listi għal użu ripetut

7. L-entità tal-akkwist tista' żżomm lista ta' fornituri għal użu ripetut, bil-kundizzjoni li avviż li fih ikunu mistiedna l-fornituri interessati sabiex japplikaw għall-inklużjoni fil-lista jkun:

(a) ippubblikat kull sena; kif ukoll

(b) meta ppubblikat b'mezzi elettroniċi, jitqiegħed għad-dispożizzjoni b'mod kontinwu,

bil-mezz xieraq elenkat fl-Anness 19-8.

8. L-avviż previst fil-paragrafu 7 għandu jinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti jew servizzi, jew kategoriji relativi, li għalihom tista' tintuża l-lista;

(b) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri għall-inklużjoni fil-lista u l-metodi li l-entità tal-akkwist tkun se tuża biex tivverifika li fornitur jissodisfa l-kundizzjonijiet;

(c) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist u informazzjoni oħra neċessarja biex tiġi kkuntattjata l-entità u jinkisbu d-dokumenti relevanti kollha relatati mal-lista;

(d) il-perjodu ta' validità tal-lista u l-mezzi għat-tiġdid jew għat-terminazzjoni tagħha, jew fejn il-perjodu ta' validità ma jkunx ipprovdut, indikazzjoni tal-metodu li permezz tiegħu jkun se jinħareġ avviż li l-lista mhux se tintuża aktar. kif ukoll

(e) indikazzjoni li l-lista tista' tintuża għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu.

9. Minkejja l-paragrafu 7, fejn lista għal użu ripetut tkun valida għal tliet snin jew inqas, l-entità tal-akkwist tista' tippubblika l-avviż imsemmi fil-paragrafu 7 darba biss, fil-bidu tal-perjodu ta' validità tal-lista, bil-kundizzjoni li l-avviż:

(a) jiddikjara l-perjodu ta' validità u li ma jkunux se jiġu ppubblikati iktar avviżi; kif ukoll

(b) jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi u jitqiegħed għad-dispożizzjoni kontinwa matul il-perjodu ta' validità tiegħu.

10. L-entità tal-akkwist għandha tippermetti li l-forniturі japplikaw f'kull ħin għall-inklużjoni f'lista għal użi ripetut u għandha tinkludi fil-lista lill-forniturі kkwalifikati kollha fi żmien perjodu raġonevolment qasir.

11. Meta fornitur li mhuwiex inkluż f'lista għal użu ripetut jippreżenta talba biex jipparteċipa f'akkwist abbażi ta' lista għal użu ripetut kif ukoll id-dokumenti kollha meħtieġa, fil-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 19.10.2, it-talba tiġi eżaminata minn entità tal-akkwist. L-entità tal-akkwist ma għandhiex teskludi lill-fornitur minn kunsiderazzjoni fir-rigward tal-akkwist minħabba r-raġuni li l-entità ma għandhiex biżżejjed żmien biex teżamina t-talba, sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, minħabba l-kumplessità tal-akkwist, l-entità ma tkunx tista' tlesti l-eżaminazzjoni tat-talba fil-perjodu ta' żmien permess għall-preżentazzjoni tal-offerti.

Entitajiet tal-akkwist tal-Anness 19-2 u l-Anness 19-3

12. Entità tal-akkwist koperta mill-Annessi19-2 jew 19-3 tista' tuża avviż li fih tistieden lill-forniturijapplikaw għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut bħala avviż ta' akkwist ippjanat, bil-kundizzjoni li:

(a) l-avviż jiġi ppubblikat skont il-paragrafu 7 u jkun jinkludi l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 8, l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 19.6.3 li hemm disponibbli u dikjarazzjoni li hija tikkostitwixxi avviż ta' akkwist ippjanat jew li huma biss il-forniturifil-lista għal użu ripetut li jirċievu avviżi oħrajn ta' akkwist koperti mil-lista għal użu ripetut; kif ukoll

(b) l-entità tipprovdi minnufih lill-forniturili esprimew interess f'akkwist partikolari lill-entità, biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jivvalutaw l-interess tagħhom fl-akkwist, inkluża l-bqija tal-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 19.6.3, sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli.

13. L-entità tal-akkwist koperta mill-Annessi 19-2 jew 19-3 tista' tħalli lill-fornitur li applika għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut skont il-paragrafu 10 sabiex jagħmel offerta f'akkwist partikolari, jekk ikun hemm biżżejjed żmien sabiex l-entità tal-akkwist teżamina jekk il-fornitur jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

Informazzjoni dwar id-Deċiżjonijiet tal-Entità tal-Akkwist

14. Entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lil kull fornitur li jissottometti talba għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut bid-deċiżjoni tal-entità tal-akkwist fir-rigward tat-talba jew l-applikazzjoni.

15. Fejn entità tal-akkwist tirrifjuta talba ta' fornitur għall-parteċipazzjoni f'akkwist jew applikazzjoni għall-inklużjoni f'lista għal użu ripetut, ma tibqax tirrikonoxxi fornitur bħala kwalifikat, jew tneħħi fornitur minn lista għal użu ripetut, l-entità għandha tgħarraf minnufih lill-fornitur u, wara talba tal-fornitur, tipprovdi minnufih lill-fornitur bi spjegazzjoni bil-miktub dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

ARTIKOLU 19.9

Speċifikazzjonijiet tekniċi u dokument tal-offerta

Speċifikazzjonijiet Tekniċi

1. Entità tal-akkwist ma għandhiex tħejji, tadotta jew tapplika xi speċifikazzjoni teknika jew tippreskrivi xi proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bil-għan jew l-effett li toħloq xkiel bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali.

2. Fil-preskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-prodotti jew servizzi li jkunu ser jinxtraw, l-entità tal-akkwist għandha, fejn xieraq:

(a) tistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, f'termini ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u funzjonali, aktar milli karatteristiċi tad-disinn jew deskrittivi; kif ukoll

(b) tibbaża l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fuq standards internazzjonali, fejn jeżistu tali standards; inkella fuq regolamenti tekniċi nazzjonali, fuq standards nazzjonali rikonoxxuti jew fuq kodiċijiet ta' bini.

3. Meta fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jintużaw karatteristiċi deskrittivi jew tad-disinn, l-entità tal-akkwist għandha tindika, fejn xieraq, li ser tikkunsidra offerti ta' prodotti jew servizzi ekwivalenti li jissodisfaw biċ-ċar ir-rekwiżiti tal-akkwist billi tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fil-fajl tal-offerta.

4. Entità tal-akkwist ma għandhiex tippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi li jeħtieġu jew jirreferu għal trademark jew isem kummerċjali, privattiva, dritt tal-awtur, disinn, tip, oriġini speċifika, produttur jew fornitur partikolari, sakemm ma jkun hemm l-ebda mod ieħor preċiż jew intelliġibbli biżżejjed biex jiġu deskritti r-rekwiżiti tal-akkwist u bil-kundizzjoni li, f'tali każijiet, l-entità tinkludi kliem bħal "jew ekwivalenti" fil-fajl tal-offerta.

5. Entità tal-akkwist ma għandhiex tfittex jew taċċetta, b'mod li jkollu effett li jipprekludi l-kompetizzjoni, avviż li jista' jintuża fit-tħejjija jew l-adozzjoni ta' xi speċifikazzjoni teknika għal akkwist speċifiku minn persuna li jista' jkollha interess kummerċjali fl-akkwist.

6. Għal aktar ċertezza, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, tista', b'konformità ma' dan l-Artikolu, tħejji, tadotta jew tapplika speċifikazzjonijiet tekniċi biex tippromwovi l-konservazzjoni ta' riżorsi naturali jew tipproteġi l-ambjent.

Dokument tal-Offerta

7. Entità tal-akkwist għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-forniturі d-dokument tal-offerta li jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-forniturі jkunu jistgħu jħejju u jippreżentaw offerti ta' rispons. Sakemm ma tkunx diġà ngħatat fl-avviż tal-akkwist ippjanat, tali dokumentazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni sħiħa ta':

(a) l-akkwist, inklużi l-għamla u l-kwantità tal-prodotti jew servizzi li għandhom jiġu akkwistati jew, meta l-kwantità ma tkunx magħrufa, il-kwantità stmata u kwalunkwe rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat, inkluż kwalunkwe speċifikazzjoni teknika, ċertifikazzjoni ta' valutazzjoni tal-konformità, pjan, tpinġija jew materjal ta' struzzjoni;

(b) kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' forniturі, inkluż lista ta' informazzjoni u dokumenti li l-forniturі huma meħtieġa jissottomettu b'rabta mal-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni;

(c) il-kriterji kollha ta' evalwazzjoni li l-entità se tapplika fl-għoti tal-kuntratt, u, bl-eċċezzjoni fejn il-prezz ikun l-uniku kriterju, l-importanza relattiva ta' dawn il-kriterji;

(d) meta l-entità tal-akkwist tkun se twettaq l-akkwist b'mezzi elettroniċi, kull rekwiżit ta' awtentikazzjoni u kodifikazzjoni jew rekwiżiti oħrajn relatati mas-sottomissjoni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

(e) jekk l-entità tal-akkwist torganizza bejgħ bl-irkant elettroniku, ir-regoli, inkluż l-identifikazzjoni tal-elementi tal-offerta relatati mal-kriterji ta' evalwazzjoni, li bihom se jitmexxa l-irkant;

(f) meta l-offerti jkunu se jinfetħu fil-pubbliku, id-data, il-ħin u l-post tal-ftuħ u, jekk xieraq, il-persuni awtorizzati li għandhom ikunu preżenti;

(g) kull terminu jew kundizzjoni oħra, inkluż it-termini ta' ħlas u kull limitazzjoni fuq il-mezzi li bihom jistgħu jsiru l-offerti, bħal jekk hux mezz stampat jew elettroniku; kif ukoll

(h) kwalunkwe data għall-konsenja ta' prodotti jew il-forniment tas-servizzi.

8. Meta tistabbilixxi data għall-konsenja ta' prodotti jew il-forniment ta' servizzi li jkunu qed jiġu akkwistati, l-entità tal-akkwist għandha tqis fatturi bħall-kumplessità tal-akkwist, kemm se jsir subkuntrattar antiċipat u ż-żmien realistiku meħtieġ għall-produzzjoni, it-tneħħija mill-ħżin, u t-trasport tal-prodotti mill-punt tal-forniment jew għall-forniment tas-servizzi.

9. Il-kriterji ta' evalwazzjoni stipulati fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew fid-dokument tal-offerta jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, il-prezz u fatturi oħrajn ta' spejjeż, il-kwalità, il-mertu tekniku, il-karatteristiċi ambjentali u t-termini tal-konsenja.

10. Minnufih, l-entità tal-akkwist għandha:

(a) tqiegħed għad-dispożizzjoni d-dokument tal-offerta biex tara li l-fornituri interessati jkollhom biżżejjed żmien biex jippreżentaw offerti ta' rispons;

(b) tipprovdi, meta mitluba, d-dokument tal-offerta lil kull fornitur interessat; kif ukoll

(c) twieġeb għal kull talba raġonevoli għal informazzjoni relevanti minn kull fornitur interessat jew li jkun qed jieħu sehem, bil-kundizzjoni li din l-informazzjoni ma tagħtix lil dak il-fornitur vantaġġ fuq il-fornituri l-oħrajn.

Modifiki

11. Jekk, qabel l-għoti ta' kuntratt, entità tal-akkwist timmodifika l-kriterji jew ir-rekwiżiti stipulati fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew fid-dokument tal-offerta pprovdut lill-fornituri li jkunu qed jieħdu sehem, jew temenda jew terġa' toħroġ avviż jew dokument tal-offerta, din għandha tittrasmetti bil-miktub tali modifiki kollha jew l-avviż jew id-dokument tal-offerta emendati jew maħruġin mill-ġdid:

(a) lill-fornituri kollha li jkunu qed jieħdu sehem fi żmien il-modifika, l-emenda jew il-ħruġ mill-ġdid, fejn tali fornituri jkunu magħrufa lill-entità, u fil-każijiet l-oħrajn kollha, bl-istess mod li bih tqiegħdet għad-dispożizzjoni l-informazzjoni oriġinali; kif ukoll

(b) fi żmien adegwat biex tali fornituri jkunu jistgħu jimmodifikaw u jerġgħu jissottomettu l-offerti emendati, kif xieraq.

ARTIKOLU 19.10

Perjodi ta' żmien

Ġenerali

1. B'mod konsistenti mal-ħtiġijiet raġonevoli tagħha stess, entità tal-akkwist għandha tipprovdi biżżejjed żmien sabiex il-fornituri jħejju u jerġgħu jippreżentaw talbiet għall-parteċipazzjoni u offerti ta' rispons, filwaqt li tikkunsidra fatturi bħal:

(a) it-tip u l-kumplessità tal-akkwist;

(b) kemm se jsir subkuntrattar antiċipat; kif ukoll

(c) iż-żmien meħtieġ għat-trażmissjoni tal-offerti b'mezzi mhux elettroniċi minn punti barranin kif ukoll domestiċi fejn ma jintużawx mezzi elettroniċi.

Dawn il-perjodi ta' żmien, inkluż kull estensjoni tal-perjodi ta' żmien, għandhom ikunu l-istess għall-fornituri interessati jew parteċipanti kollha.

Skadenzi

2. Entità tal-akkwist li tuża sejħa għall-offerti selettiva għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-parteċipazzjoni ma għandhiex, fil-prinċipju, tkun inqas minn 25 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat. F'każ li stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi dan il-perjodu ta' żmien imprattikabbli, il-perjodu ta' żmien jista' jitnaqqas b'mhux inqas minn 10 ijiem.

3. Għajr kif previst fil-paragrafi 4, 5, 7 u 8, entità tal-akkwist għandha tistabbilixxi li d-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti ma għandhiex tkun inqas minn 40 jum mid-data li fiha:

(a) f'każ ta' proċedura għall-offerti miftuħa, l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi ppubblikat; jew

(b) fil-każ ta' proċedura ta' offerti selettiva, l-entità tinnotifika lill-fornituri li se jkunu mistiedna jissottomettu offerti, kemm jekk tuża lista għal użu ripetut kif ukoll jekk le.

4. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 10 ijiem jekk:

(a) l-entità tal-akkwist tkun ippubblikat avviż ta' akkwist ippjanat kif deskritt fl-Artikolu 19.6.5 tal-inqas 40 jum u mhux iktar minn 12-il xahar minn qabel il-pubblikazzjoni tal-avviż ta' akkwist ippjanat, u l-avviż ta' akkwist ippjanat ikun jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-akkwist;

(ii) id-dati finali approssimattivi għas-sottomissjoni ta' offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni;

(iii) dikjarazzjoni li l-fornituri interessati għandhom jesprimu l-interess tagħhom fl-akkwist lill-entità tal-akkwist;

(iv) l-indirizz minn fejn id-dokumenti li jirrigwardaw l-akkwist jistgħu jinkisbu; kif ukoll

(v) l-informazzjoni kollha meħtieġa disponibbli għall-avviż ta' akkwist ippjanat skont l-Artikolu 19.6.3;

(b) l-entità tal-akkwist, għal kuntratti ta' natura rikorrenti, tindika f'avviż inizjali tal-akkwist ippjanat li l-avviżi sussegwenti jipprovdu perjodi ta' żmien għas-sejħiet għall-offerti bbażati fuq dan il-paragrafu; jew

(c) stat ta' urġenza ssostanzjat kif xieraq mill-entità tal-akkwist irendi imprattikabbli l-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 3.

5. Entità tal-akkwist tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 3 b'ħamest ijiem għal kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) l-avviż ta' akkwist ippjanat jiġi ppubblikat b'mezzi elettroniċi;

(b) id-dokumentazzjoni kollha tas-sejħa tal-offerti tkun disponibbli b'mezzi elettroniċi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-akkwist ippjanat; kif ukoll

(c) l-entità taċċetta offerti b'mezzi elettroniċi.

6. L-użu tal-paragrafu 5, flimkien mal-paragrafu 4, ma għandu fl-ebda każ jirriżulta fit-tnaqqis tal-perjodu ta’ żmien għas-sejħa tal-offerti stabbilit skont il-paragrafu 3 għal inqas minn 10 ijiem mid-data li fiha l-avviż tal-akkwist ippjanat jiġi pubblikat.

7. Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dan l-Artikolu, meta entità tal-akkwist takkwista prodotti jew servizzi kummerċjali, jew xi kombinazzjoni tagħhom, din tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti stabbilit skont il-paragrafu 3 għal mhux inqas minn 13-il jum, bil-kundizzjoni li tippubblika b'mezzi elettroniċi, fl-istess ħin, kemm l-avviż ta' akkwist ippjanat kif ukoll id-dokument tal-offerta. Barra minn hekk, meta l-entità taċċetta offerti għal prodotti jew servizzi kummerċjali b'mezzi elettroniċi, tista' tnaqqas il-perjodu ta' żmien stabbilit skont il-paragrafu 3 għal mhux inqas minn għaxar (10) tijiem.

8. Meta entità tal-akkwist koperta bl-Annessi 19-2 jew 19-3 tkun għażlet il-forniturikkwalifikati kollha jew għadd limitat minnhom, il-perjodu ta' żmien għall-proċedura ta' offerti jista' jiġi stabbilit permezz ta' ftehim reċiproku bejn l-entità tal-akkwist u l-forniturimagħżula. F'nuqqas ta' qbil, il-perjodu ma għandux ikun inqas minn għaxar (10) tijiem.

ARTIKOLU 19.11

Negozjar

1. Parti tista' tipprovdi sabiex l-entitajiet tal-akkwist tagħha jagħmlu negozjati mal-fornituri:

(a) jekk l-entità tkun indikat l-intenzjoni tagħha li tagħmel negozjati fl-avviż ta' akkwist ippjanat meħtieġa skont l-Artikolu 19.6.3; jew

(b) jekk mill-evalwazzjoni jidher li ma hemmx offerta li hija ovvjament l-iktar vantaġġuża f'termini tal-kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni stipulati fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew fid-dokument tal-offerta.

2. Entità tal-akkwist għandha:

(a) tiżgura li kull eliminazzjoni ta' fornituri li jieħdu sehem fin-negozjati ssir skont il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-avviż ta' akkwist ippjanat jew id-dokument tal-offerta; kif ukoll

(b) jekk jiġu konklużi n-negozjati, tipprovdi data ta' skadenza komuni għall-fornituri parteċipanti li jkun fadal biex jippreżentaw offerti ġodda jew riveduti.

ARTIKOLU 19.12

Proċedura ta' offerti limitata

1. Sakemm ma tużax din id-dispożizzjoni bl-għan li tiġi evitata l-kompetizzjoni fost il-forniturijew b'mod li jiddiskrimina kontra fornituri tal-Parti l-oħra jew jipproteġi fornituri domestiċi, entità tal-akkwist tista' tuża proċedura ta' offerti limitata u tista', fiċ-ċirkostanzi li ġejjin biss, tagħżel li ma tapplikax l-Artikoli minn 19.6 sa 19.8, il-paragrafi minn 7 sa 11 tal-Artikolu 19.9, u l-Artikoli 19.10, 19.11, 19.13 u 19.14 f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk:

(i) ma jkunu ġew ippreżentati l-ebda offerti jew inkella l-ebda fornitur ma talab li jipparteċipa;

(ii) ma ġew ippreżentati ebda offerti li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali tad-dokument tal-offerta;

(iii) l-ebda fornitur ma ssodisfa l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni; jew

(iv) l-offerti ppreżentati kienu kolluživi,

bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti tad-dokument tal-offerta ma jkunux sostanzjalment immodifikati;

(b) fejn il-prodotti jew servizzi jistgħu jiġu pprovduti biss minn fornitur partikolari u ma jkunu jeżistu l-ebda prodotti jew servizzi alternattivi jew sostituti raġonevoli għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(i) ir-rekwiżit huwa għal opra tal-arti;

(ii) il-protezzjoni ta' privattivi, id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet esklużivi oħrajn; jew

(iii) minħabba nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(c) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali ta' prodotti jew servizzi li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali fejn bidla tal-fornitur għat-tali prodotti jew servizzi addizzjonali:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjalità jew interoperabbiltà mat-tagħmir eżistenti, softwer, servizzi jew installazzjonijiet akkwistati taħt l-akkwist inizjali; kif ukoll

(ii) tkun tikkaġuna inkonvenjenza notevoli jew spejjeż sostanzjali doppji għall-entità tal-akkwist;

(d) sa fejn ikun strettament neċessarju meta, għal raġunijiet ta' urġenza estrema li tirriżulta minn avvenimenti imprevedibbli għall-entità tal-akkwist, il-prodotti jew servizzi ma setgħux jinkisbu fil-ħin bl-użu tal-proċedura ta' offerti miftuħa jew il-proċedura ta' offerti selettiva;

(e) għal prodotti mixtrija f'suq tal-komoditajiet;

(f) meta l-entità tal-akkwist tixtri prototip jew l-ewwel prodott jew servizz li jkun żviluppat wara t-talba tagħha matul, u għal, kuntratt partikolari ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp oriġinali. L-iżvilupp oriġinali tal-ewwel prodott jew servizz jista' jinkludi produzzjoni jew provvista limitata sabiex jiġu inkorporati r-riżultati tal-ittestjar fil-prattika u sabiex jintwera li l-prodott jew is-servizz huwa xieraq għall-produzzjoni jew il-provvista fi kwantità bi standards ta' kwalità aċċettabbli, iżda ma jinkludix il-produzzjoni jew il-provvista tal-kwantità biex tiġi stabbilita vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp;

(g) għal akkwisti li jkunu saru taħt kundizzjonijiet eċċezzjonalment vantaġġużi li jinkisbu biss fuq terminu ta' żmien qasir ħafna fil-każ ta' bejgħ eċċezzjonali bħal dawk li jirriżultaw minn likwidazzjoni, riċevitura jew falliment, iżda mhux għal akkwisti ta' rutina minn forniturі regolari; jew

(h) meta kuntratt jingħata lil rebbieħ ta' kompetizzjoni ta' disinni bil-kundizzjoni li:

(i) il-konkors ikun ġie organizzat b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipji ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari rigward il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' akkwist ippjanat; kif ukoll

(ii) il-parteċipanti jiġu ġġudikati minn ġurija indipendenti bl-għan li l-kuntratt għad-disinn jingħata lir-rebbieħ.

2. L-entità tal-akkwist tħejji rapport bil-miktub dwar kull kuntratt mogħti skont il-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jinkludi isem l-entità tal-akkwist, il-valur u t-tip ta' prodotti jew servizzi mixtrija u dikjarazzjoni li tindika ċ-ċirkostanzi u l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1 li ġġustifikaw l-użu tal-proċedura ta' offerti limitata.

ARTIKOLU 19.13

Irkantijiet elettroniċi

Meta l-entità tal-akkwist tkun biħsiebha tagħmel akkwist kopert billi tuża rkantijiet elettroniċi, l-entità għandha tipprovdi lil kull parteċipant, qabel jibda l-irkant elettroniku:

(a) il-metodu ta' evalwazzjoni awtomatika, inkluż il-formula matematika, li hija bbażata fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti fid-dokument tal-offerta u li se tintuża fil-klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid awtomatika matul l-irkant;

(b) ir-riżultati ta' kull evalwazzjoni inizjali tal-elementi tal-offerta tagħha jekk il-kuntratt ikun irid jingħata fuq il-bażi tal-iktar offerta vantaġġuża; kif ukoll

(c) kull informazzjoni relevanti oħra relatata mat-twettiq tal-irkant.

ARTIKOLU 19.14

It-trattament tal-offerti u l-għoti ta' kuntratti

It-trattament tal-Offerti

1. Entità tal-akkwist għandha tirċievi, tiftaħ u tittratta l-offerti kollha bi proċeduri li jiggarantixxu ġustizzja u imparzjalità tal-proċess ta' akkwist, u l-kunfidenzjalità tal-offerti.

2. Entità tal-akkwist ma għandhiex tippenalizza lil xi fornitur li l-offerta tiegħu tkun irċevietha wara ż-żmien speċifikat biex tirċievi l-offerti jekk id-dewmien ikun dovut biss għall-ġestjoni ħażina min-naħa tal-entità tal-akkwist.

3. Meta l-entità tal-akkwist tipprovdi lill-fornitur b'opportunità biex jikkoreġi żbalji mingħajr intenzjoni tal-formula bejn il-ftuħ tal-offerti u l-għoti tal-kuntratt, l-entità tal-akkwist għandha tipprovdi l-istess opportunità lill-forniturі kollha li jieħdu sehem.

L-għoti ta' Kuntratti

4. Biex tiġi kkunsidrata għall-għotja, offerta għandha tiġi ppreżentata bil-miktub u, fi żmien il-ftuħ, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-avviżi u fid-dokument tal-offerta u għandha tkun ġejja minn fornitur li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

5. Sakemm entità tal-akkwist ma tiddeterminax li mhuwiex fl-interess pubbliku li jingħata kuntratt, l-entità għandha tagħti l-kuntratt lill-fornitur li l-entità għażlet bħala dak li kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt u li, abbażi biss tal-kriterji ta' evalwazzjoni speċifikati fl-avviżi u d-dokument tal-offerta, ippreżenta:

(a) l-iktar offerta vantaġġuża; jew

(b) meta l-prezz ikun l-uniku kriterju, l-inqas prezz.

6. Meta l-entità tal-akkwist tirċievi offerta bi prezz li jidher b'mod mhux tas-soltu iktar baxx mill-prezzijiet fl-offerti ppreżentati l-oħrajn, tista' tivverifika mal-fornitur sabiex tara li jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u li huwa kapaċi jissodisfa t-termini tal-kuntratt.

7. Entità tal-akkwist ma għandhiex tuża alternattivi, tannulla akkwist jew timmodifika kuntratti mogħtija b'mod li jiġu evitati l-obbligi skont dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 19.15

Trasparenza tal-informazzjoni dwar l-akkwisti

Informazzjoni Pprovduta lill-Fornituri

1. Entità tal-akkwist għandha tgħarraf minnufih lill-fornituri parteċipanti bid-deċiżjonijiet ta' għoti tal-kuntratt tal-entità u, jekk mitluba minn fornitur, għandha tagħmel dan bil-miktub. Soġġetta għall-Artikoli 19.6.2 u 19.6.3, entità tal-akkwist, jekk mitluba, għandha tagħti lil fornitur li ma ntgħażilx, spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-entità ma għażlitx l-offerta tiegħu u l-vantaġġi relattivi tal-offerta tal-fornitur li ntagħżel.

Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni dwar l-Għoti

2. Mhux aktar tard minn 72 jum wara l-għoti ta' kull kuntratt kopert b'dan il-Kapitolu, l-entità tal-akkwist għandha tippubblika avviż fil-gazzetta adegwata jew mezz elettroniku elenkat fl-Anness 19-8. Meta l-entità tippubblika l-avviż fuq mezz elettroniku biss, l-informazzjoni għandha tibqa' faċilment aċċessibbli għal perjodu ta' żmien raġonevoli. L-avviż għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi akkwiżiti;

(b) l-isem u l-indirizz tal-entità tal-akkwist;

(c) l-isem u l-indirizz tal-fornitur magħżul;

(d) il-valur tal-offerta li ntagħżlet jew l-ogħla u l-anqas offerti li ġew ikkunsidrati fl-għoti tal-kuntratt;

(e) id-data tal-għotja; kif ukoll

(f) it-tip ta' metodu ta' akkwist użat, u f'każijiet li fihom tkun intużat proċedura ta' offerti limitata skont l-Artikolu 19.12, deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura limitata ta' offerti ta' kuntratt.

Żamma tad-Dokumentazzjoni, Rapporti u Traċċabilità Elettronika

3. Għal perjodu mhux inqas minn tliet snin mid-data li fiha tagħti kuntratt, kull entità tal-akkwist iżżomm:

(a) id-dokument u r-rapporti tal-proċeduri tal-akkwist u l-għoti ta' kuntratti marbuta ma' akkwist kopert, inkluż ir-rapporti meħtieġa skont l-Artikolu 19.12; kif ukoll

(b) id-dejta li tiżgura t-traċċabilità xierqa tat-twettiq tal-akkwist kopert b'mezzi elettroniċi.

Ġbir u Rapportar ta' Statistika

4. Kull Partit għandha tiġbor u tirrapporta lill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi statistika dwar il-kuntratti tagħha koperti minn dan il-Kapitolu. Kull rapport għandu jkopri sena u għandu jiġi ppreżentat fi żmien sentejn minn tmiem il-perjodu ta' rapportar, u għandu jinkludi:

(a) għall-entitajiet tal-akkwist tal-Anness 19-1:

(i) l-għadd u l-valur totali, għal dawn l-entitajiet kollha, tal-kuntratti kollha koperti minn dan il-Kapitolu;

(ii) l-għadd u l-valur totali tal-kuntratti kollha koperti minn dan il-Kapitolu mogħtjia minn kull entità bħal din, diżaggregata skont il-kategoriji ta' prodotti u servizzi skont sistema ta' klassifikazzjoni uniformi rikonoxxuta f'livell internazzjonali; kif ukoll

(iii) l-għadd u l-valur totali tal-kuntratti kollha koperti minn dan il-Kapitolu mogħtija minn kull entità bħal din bi proċedura limitata ta' offerti;

(b) għall-entitajiet tal-akkwisti tal-Anness 19-2 u 19-3, l-għadd u l-valur totali tal-kuntratti koperti minn dan il-Kapitolu mogħtija minn kull tali entità, diżaggregati skont l-Anness; kif ukoll

(c) stimi għad-dejta meħtieġa skont is-subparagrafi (a) u (b), bi spjegazzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu żviluppati l-istimi, meta ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta d-dejta.

5. Meta Parti tippubblika l-istatistika tagħha fuq websajt uffiċjali, b'mod li hu konsistenti mar-rekwiżiti tal-paragrafu 4, il-Parti tista' minflok tirrapporta lill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi, tipprovdi ħolqa għas-sit web, flimkien ma kwalunkwe struzzjoni meħtieġa biex tiġi aċċessata u tintuża tali statistika.

6. Meta Parti tkun teħtieġ li avviżi dwar il-kuntratti mogħtija, skont il-paragrafu 2, jiġu ppubblikati b'mod elettroniku u meta tali avviżi jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' bażi tad-dejta unika f'għamla li tippermetti li ssir analiżi tal-kuntratti koperti, il-Parti tista', minflok tirrapporta lill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi, tipprovdi ħolqa għas-sit web, flimkien ma kwlunkwe struzzjoni meħtieġa biex tiġi aċċessata u tintuża tali dejta.

ARTIKOLU 19.16

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

Forniment ta' Informazzjoni lill-Partijiet

1. Wara talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha tipprovdi minnufih kull informazzjoni meħtieġa biex tiddetermina jekk akkwist twettaqx b'mod ġust, imparzjali u skont dan il-Kapitolu, inkluż informazzjoni dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula. F'każijiet fejn ir-rilaxx tal-informazzjoni jippreġudika l-kompetizzjoni fl-offerti futuri, il-Parti li tirċievi l-informazzjoni ma għandhiex tiddivulgaha lil xi fornitur, ħlief wara li tikkonsulta mal-Parti li tkun pprovdiet l-informazzjoni u tikseb l-approvazzjoni tagħha.

Nondivulgazzjoni tal-Informazzjoni

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kapitolu, Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, ma għandhiex tipprovdi informazzjoni lil xi fornitur partikolari li tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat li jobbliga Parti, inkluż l-entitajiet tal-akkwist tagħha, l-awtoritajiet u l-korpi ta' rieżami, li jiddivulgaw informazzjoni kunfidenzjali jekk id-divulgazzjoni:

(a) tkun se xxekkel l-infurzar tal-liġi;

(b) tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn il-forniturі;

(c) tkun tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' persuni partikolari, inkluż il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jew

(d) tkun se tmur b'xi mod ieħor kontra l-interess pubbliku.

ARTIKOLU 19.17

Proċeduri domestiċi ta' rieżami

1. Kull Parti għandha tipprovdi proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ġudizzjarja b'mod tempestiv, effikaċi, trasparenti u nondiskriminatorju li permezz tagħha fornitur jista' joġġezzjona:

(a) dwar ksur ta' dan il-Kapitolu; jew

(b) fejn il-fornitur ma jkollux id-dritt li joġġezzjona direttament ksur tal-Kapitolu skont il-liġi nazzjonali ta' Parti, nuqqas ta' konformità mal-miżuri tal-Parti li jimplimentaw dan il-Kapitolu,

li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert, li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess. Ir-regoli proċedurali għall-oġġezzjonijiet kollha għandhom isiru bil-miktub u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ġenerali.

2. Fil-każ ta' lment minn fornitur, li jirriżulta fil-kuntest ta' akkwist kopert li fih il-fornitur għandu, jew kellu, interess, li hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Parti tal-entità tal-akkwist li twettaq l-akkwist għandha tħeġġeġ lill-entità u lill-fornitur biex isibu soluzzjoni għall-ilment permezz ta' konsultazzjonijiet. L-entità għandha tqis b'mod imparzjali u tempestiv kull tali ilment b'manjiera li ma tippreġudikax il-parteċipazzjoni tal-fornitur fl-akkwist attwali jew futur jew id-dritt tiegħu li jfittex miżuri korrettivi skont il-proċedura ta' rieżami amministrattiva jew ġudizzjarja.

3. Kull fornitur jingħata perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex iħejji u jippreżenta oġġezzjoni, li fl-ebda każ ma għandu jkun inqas minn 10 ijiem miż-żmien meta l-bażi tal-oġġezzjoni tkun saret magħrufa jew kellha ssir raġonevolment magħrufa lill-fornitur.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew tagħżel tal-inqas awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali waħda li tkun indipendenti mill-entitajiet tal-akkwist tagħha sabiex tilqa' u tanalizza oġġezzjoni minn fornitur li jitressaq fil-kuntest ta' akkwist kopert.

5. Meta korp li mhuwiex awtorità msemmija fil-paragrafu 4, inizjalment janalizza oġġezzjoni, il-Parti tiżgura li l-fornitur ikun jista' jappella d-deċiżjoni inizjali quddiem awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja imparzjali li hija indipendenti mill-entità tal-akkwist li l-akkwist tagħha huwa s-suġġett tal-oġġezzjoni.

6. Kull Parti għandha tiżgura li korp ta' rieżami li mhuwiex qorti jkollu d-deċiżjoni tiegħu soġġetta għal rieżami ġudizzjarju jew ikollu proċeduri li jipprevedu li:

(a) l-entità tal-akkwist twieġeb bil-miktub għall-oġġezzjoni u tiddivulga d-dokumenti kollha relevanti lill-korp ta' rieżami;

(b) il-parteċipanti għall-proċedimenti ("parteċipanti") jkollhom id-dritt li jinstemgħu qabel tittieħed deċiżjoni mill-korp ta' rieżami dwar l-oġġezzjoni;

(c) il-parteċipanti jkollhom id-dritt li jkunu rrappreżentati u akkumpanjati;

(d) il-parteċipanti jkollhom aċċess għall-proċedimenti kollha;

(e) il-parteċipanti jkollhom id-dritt li jitolbu li l-proċedimenti jsiru fil-pubbliku u li jistgħu jissejħu xhieda; kif ukoll

(f) il-korp ta' rieżami jieħu d-deċiżjonijiet jew jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'mod tempestiv, bil-miktub u jinkludi spjegazzjoni tal-bażi għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.

7. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu:

(a) miżuri interim rapidi biex il-fornitur tinżammlu l-opportunità li jieħu sehem fl-akkwist. Din il-miżura tista' tirriżulta f'sospensjoni tal-proċess tal-akkwist. Il-proċeduri jistgħu jipprevedu li meta jkunu se jiġu applikati tali miżuri jistgħu jitqiesu l-konsegwenzi negattivi prevalenti għall-interessi kkonċernati, inkluż l-interess pubbliku. Kawża ġusta għal nuqqas ta' azzjoni għandha tingħata bil-miktub; kif ukoll

(b) azzjoni korrettiva jew kumpens għal telf jew danni mġarrba, li jistgħu jkunu limitati jew għall-ispejjeż biex titħejja l-offerta jew għall-ispejjeż relatati mal-oġġezzjoni, jew għat-tnejn li huma, jekk korp ta’ rieżami jistabbilixxi li kien hemm ksur jew nuqqas kif imsemmi fil-paragrafu 1.

8. Mhux aktar tard minn għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim, il-Partijiet jibdew negozjati biex tiġi żviluppata aktar il-kwalità tar-rimedji, inkluż il-possibilità ta' impenn li jiġu introdotti jew jinżammu rimedji prekuntrattwali.

ARTIKOLU 19.18

Modifiki u rettifiki tal-kopertura

1. Parti tista' timmodifika jew tirrettifika l-Annessi għal dan il-Kapitolu.

Modifiki

2. Meta Parti timmodifika Anness għal dan il-Kapitolu, il-Parti għandha:

(a) tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub; kif ukoll

(b) tinkludi fin-notifika proposta għal aġġustamenti xierqa ta' kumpens lill-Parti l-oħra sabiex jinżamm livell ta' kopertura paragunabbli ma' dak li kien jeżisti qabel il-modifika.

3. Minkejja s-subparagrafu 2(b), Parti ma għandhiex għalfejn tipprovdi aġġustamenti kumpensatorji jekk:

(a) il-modifika inkwistjoni hija negliġibbli fl-effett tagħha; jew

(b) il-modifika tkopri entità li fuqha l-Parti tkun effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha.

4. Jekk il-Parti l-oħra tikkontesta li:

(a) aġġustament propost skont is-subparagrafu 2(b) huwa adegwat sabiex jinżamm livell komparabbli ta' kopertura maqbula reċiprokament;

(b) il-modifika inkwistjoni hija negliġibbli fl-effett tagħha; jew

(c) il-modifika tkopri entità li fuqha l-Parti tkun effettivament eliminat il-kontroll jew l-influwenza tagħha skont is-subparagrafu 3(b),

għandha toġġezzjoni bil-miktub fi żmien 45 jum minn meta tirċievi n-notifika msemmija fis-subparagrafu 2(a) jew titqies li tkun aċċettat l-aġġustament jew il-modifika, inkluż għall-finijiet tal-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni tat-Tilwim).

Rettifiki

5. Il-bidliet li ġejjin fl-Annessi ta' Parti għandhom jitqiesu bħala rettifika, sakemm dawn ma jaffettwawx il-kopertura maqbula reċiprokament prevista f'dan il-Ftehim:

(a) bidla fl-isem ta' entità;

(b) fużjoni ta' żewġ entitajiet jew aktar elenkati f'Anness; u

(c) is-separazzjoni ta' entità elenkata f'Anness f'żewġ entitajiet jew aktar li huma kollha miżjuda mal-entitajiet elenkati fl-istess Anness.

6. Fil-każ ta' rettifiki proposti għall-Annessi ta' Parti, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra kull sentejn, skont iċ-ċiklu ta' notifiki previsti fil-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi, li jinsab fl-Anness 4 tal-Ftehim tad-WTO, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

7. Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar oġġezzjoni għal rettifika proposta fi żmien 45 jum minn meta tirċievi n-notifika. Meta Parti tressaq oġġezzjoni, għandha tistipula r-raġunijiet għalfejn temmen li r-rettifika proposta mhix bidla prevista fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, u tiddeskrivi l-effett tar-rettifika proposta fuq il-kopertura maqbula reċiprokament prevista fil-Ftehim. Jekk l-ebda oġġezzjoni bħal din ma titressaq bil-miktub fi żmien 45 jum wara li tkun irċeviet in-notifika, il-Parti titqies li tkun qablet mar-rettifika proposta.

ARTIKOLU 19.19

Il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi

1. Dan il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi, stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(e), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull Parti u għandu jiltaqa', skont il-bżonn, bl-għan li jagħti lill-Partijiet l-opportunità li jikkonsultaw fuq kwalunkwe kwistjoni relatata mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim jew l-issuktar tal-objettivi tiegħu, u sabiex iwettaq responsabbiltajiet oħrajn bħal dawn hekk kif jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Partijiet.

2. Il-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi għandu jiltaqa', fuq talba ta’ Parti, sabiex:

(a) jikkunsidra kwistjonijiet li tirreferilu xi Parti fir-rigward ta’ akkwist pubbliku;

(b) jiskambja informazzjoni dwar opportunitajiet ta’ akkwist pubbliku f’kull Parti;

(c) jiddiskuti kull kwistjoni oħra relatata mat-tħaddim ta’ dan il-Kapitolu. kif ukoll

(d) jikkunsidra l-promozzjoni ta’ attivitajiet koordinati biex jiffaċilita l-aċċess għall-fornituri għall-opportunitajiet ta’ akkwist fit-territorju ta’ kull Parti. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu sessjonijiet ta’ informazzjoni, b’mod partikolari bil-ħsieb li jitjieb l-aċċess elettroniku għal informazzjoni disponibbli pubblikament dwar ir-reġim tal-akkwist ta’ kull Parti, u l-inizjattivi li jiffaċilitaw l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju.

3. Kull sena kull Parti għandha tippreżenta statistika rilevanti għall-akkwist kopert minn dan il-Kapitolu, kif stabbilit fl-Artikolu 19.15, lill-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

KAPITOLU GĦOXRIN

PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet Ġenerali

ARTIKOLU 20.1

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) li tiġi ffaċilitata l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti innovattivi u kreattivi u l-forniment ta’ servizzi, bejn il-Partijiet; kif ukoll

(b) li jintlaħaq livell adegwat u effikaċi ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

ARTIKOLU 20.2

In-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi

1. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi bejn il-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS.

2. Kull Parti għandha tkun ħielsa li tiddetermina l-metodu xieraq għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fl-ordinament ġuridiku u prattiku tagħha.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma joħloq xi obbligu dwar id-distribuzzjoni tar-riżorsi bejn l-infurzar ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-infurzar tal-liġi b'mod ġenerali.

ARTIKOLU 20.3

Preokkupazzjonijiet dwar is-saħħa pubblika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-*Dikjarazzjoni ta’ Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika* ("Dikjarazzjoni ta’ Doha"), li ġiet adottata fl-14 ta’ Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jiżguraw konsistenza ma' din id-Dikjarazzjoni.

2. Kull Parti għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u r-rispett tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003* dwar il-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha, kif ukoll il-*Protokoll li jemenda l-Ftehim TRIPS*, li sar f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005.

ARTIKOLU 20.4

Eżawriment

Dan il-Kapitolu ma għandux jaffettwa l-libertà tal-Partijiet li jiddeterminaw jekk japplikax l-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u taħt liema kundizzjonijiet.

ARTIKOLU 20.5

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

Dan il-Kapitolu ma jirrikjedix li xi Parti tiddivulga informazzjoni li altrimenti tkun kuntrarja għal-liġi tagħha jew eżenti minn divulgazzjoni taħt il-liġi tagħha dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-privatezza.

TAQSIMA B

Standards li Jirrigwardaw id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali

ARTIKOLU 20.6

Definizzjoni

Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

prodott farmaċewtiku tfisser prodott inkluż droga kimika, droga bioloġika, vaċċin jew radjufarmaċewtiku, li jiġi mmanifatturat, mibjugħ jew rappreżentat għall-użu:

(a) biex issir dijanjosi medika, għal trattament, għall-mitigazzjoni jew il-prevenzjoni ta' marda, disturb, jew stat fiżiku mhux normali jew is-sintomi tagħhom, jew

(b) ir-restawr, il-korrezzjoni, jew il-modifika ta' funzjonijiet fiżjoloġiċi.

Subtaqsima A

Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati

ARTIKOLU 20.7

Protezzjoni mogħtija

1. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-ftehimiet internazzjonali li ġejjin:

(a) l-Artikoli minn 2 sa 20 tal-*Konvenzjoni ta' Berne għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi*, li saret f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971;

(b) l-Artikoli minn 1 sa 14 tat-*Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet tal-Awtur*, li sar f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996;

(c) l-Artikoli minn 1 sa 23 tat-*Trattat tal-WIPO dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi*, li sar f'Ġinevra fl-20 ta' Diċembru 1996; kif ukoll

(d) l-Artikoli minn 1 sa 22 tal-*Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien ta' Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir* li saret f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961.

2. Sa fejn jippermettu t-trattati msemmija fil-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma għandux jirrestrinġi l-kapaċità ta' kull Parti li tillimita l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali li hija tagħti għal prestazzjonijiet lil dawk il-prestazzjonijiet li huma ffissati f'fonogrammi.

ARTIKOLU 20.8

Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku

1. Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir bil-mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku, tal-wirjiet tagħhom, ħlief meta l-wirja nnifisha tkun diġà wirja mxandra jew tkun magħmula minn fissazzjoni.

2. Kull waħda mill-Partijiet għandha tiżgura li l-utent iħallas remunerazzjoni unika u ekwa jekk fonogramm ippubblikat għal finijiet kummerċjali, jew riproduzzjoni ta' tali fonogramm, li tintuża għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill-pubbliku, u għandha tara li din ir-remunerazzjoni titqassam bejn l-artisti u l-produtturi relevanti tal-fonogramm. Kull waħda mill-Partijiet tista', fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tqassim ta' din ir-rimunerazzjoni bejniethom.

ARTIKOLU 20.9

Protezzjoni ta’ miżuri teknoloġiċi

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **miżuri teknoloġiċi** tfisser kull teknoloġija, apparat, jew komponent li, fil-proċess normali tat-tħaddim tiegħu, tfassal biex jipprevjeni jew irażżan atti, fir-rigward ta' xogħlijiet, spettakli, jew fonogrammi li mhumiex awtorizzati mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi ta' fonogrammi, kif previst mil-liġi ta’ xi Parti. Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati li jinsabu fil-liġi tal-Parti, miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu effettivi meta l-użu ta' xogħlijiet, spettakli, jew fonogrammi protetti jkun ikkontrollat mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi tal-fonogrammi permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll tal-aċċess relevanti jew proċess ta' protezzjoni, bħall-ikkriptar jew l-iscrambling, jew mekkaniżmu tal-kontroll tal-ikkupjar, li jikseb l-objettiv tal-protezzjoni.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali xierqa u rimedji legali effettivi kontra ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri teknoloġiċi effettivi li jintużaw mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi ta' fonogrammi f'konnessjoni mat-tħaddim ta’ drittijiethom, u f’dak li jrażżan l-atti fir-rigward tax-xogħlijiet, l-ispettakli u l-fonogrammi tagħhom, li mhumiex awtorizzati mill-awturi, l-artisti jew il-produtturi tal-fonogrammi kkonċernati jew permessi mil-liġi.

3. Sabiex tipprovdi l-protezzjoni legali adegwata u r-rimedji legali effettivi msemmija fil-paragrafu 2, kull Parti tal-anqas għandha tipprovdi protezzjoni kontra:

(a) sal-punt previst mil-liġi tagħha:

(i) iċ-ċirkomvenzjoni mhux awtorizzata ta' miżura teknoloġika effikaċi mwettqa minn persuni konxjament jew li jistgħu raġonevolment ikunu konxji; kif ukoll

(ii) l-offerta lill-pubbliku permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ta' xi apparat jew prodott, inkluż programmi tal-kompjuter, jew ta' xi servizz, bħala mezz ta' ċirkomvenzjoni ta' xi miżura teknoloġika effikaċi; kif ukoll

(b) il-manifattura, l-importazzjoni, jew id-distribuzzjoni ta' xi apparat jew prodott, inkluż programmi tal-kompjuter, jew il-forniment ta' servizz li:

(i) huwa mfassal jew manifatturat primarjament għall-għan ta' ċirkomvenzjoni ta' miżura teknoloġika effikaċi; jew

(ii) għandu biss għan kummerċjalment sinifikanti limitat għajr dak li jevita miżura teknoloġika effikaċi.

4. Skont il-paragrafu 3, it-terminu "sal-punt previst mil-liġi tagħha" tfisser li kull Parti għandha l-flessibbiltà fl-implimentazzjoni tas-subparagrafi (a)(i) u (ii).

5. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 2 u 3, il-Partijiet ma għandhomx ikunu obbligati jirrikjedu li d-disinn ta' prodotti elettroniċi tal-konsum, prodotti tat-telekomunikazzjonijiet, jew prodotti tal-kompjuter, jew id-disinn u s-selezzjoni tal-partijiet u l-komponenti għalihom, jipprovdu rispons għal xi miżura teknoloġika partikolari, sakemm il-prodott ma jkunx mill-banda l-oħra qed jikser il-miżuri tal-Partijiet li jimplimentaw dawn il-paragrafi. L-intenzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija li dan il-Ftehim ma jobbligax lil xi Parti li tagħti mandat ta' interoperabilità fil-liġi tagħha: ma hemm l-ebda obbligu li l-industrija tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tagħmel disinn ta' tagħmir, prodotti, komponenti jew servizzi li jikkorrispondu għal ċerti miżuri teknoloġiċi.

6. Fil-provvediment ta' protezzjoni legali adegwata u ta' rimedji legali effikaċi skont il-paragrafu 2, Parti tista' tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet xierqa għall-miżuri li jimplimentaw il-paragrafi 2 u 3. L-obbligi stipulati fil-paragrafi 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, il-limitazzjonijiet, l-eċċezzjonijiet, jew id-difiżi kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati skont il-liġi ta' Parti.

ARTIKOLU 20.10

Il-protezzjoni tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, **informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet** tfisser:

(a) informazzjoni li tidentifika x-xogħol, l-ispettaklu, jew il-fonogramm; l-awtur tax-xogħol, l-artist tal-ispettaklu, jew il-produttur tal-fonogramm; jew is-sid ta' kull dritt fix-xogħol, spettaklu, jew fonogramm;

(b) informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol, l-ispettaklu, jew il-fonogramm; jew

(c) kull numru jew kodiċi li jirrappreżentaw l-informazzjoni deskritta f'(a) u (b) hawn fuq;

fejn xi wieħed minn dawn l-attributi ta' informazzjoni jkun assoċjat ma' xi xogħol, spettaklu, jew fonogramm, jew jidher f'konnessjoni mal-komunikazzjoni jew mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tax-xogħol, l-ispettaklu, jew il-fonogramm għall-pubbliku.

2. Biex tipproteġi l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet elettroniċi, kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kull persuna li twettaq konxjament bla awtorità kwalunkwe att fost dawn li ġejjin bl-intenzjoni, jew fir-rigward tar-rimedji ċivili, b'raġunijiet li jagħtu lil wieħed x'jifhem b'mod raġonevoli li kien hemm intenzjoni, li dan l-att iħajjar, jippermetti, jiffaċilita, jew jaħbi ksur ta' kull dritt tal-awtur jew drittijiet relatati:

(a) biex titneħħa jew tinbidel xi informazzjoni elettronika dwar il-ġestjoni tad-drittijiet; jew

(b) biex jitqassmu, jiġu importati għad-distribuzzjoni, jixxandru, jiġu kkomunikati, jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kopji ta' xogħlijiet, spettakli, jew fonogrammi, waqt li tkun konxja li l-informazzjoni elettronika dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tneħħiet jew tbiddlet bla awtorità.

3. Fil-provvediment ta' protezzjoni legali adegwata u ta' rimedji legali effettivi skont il-paragrafu 2, Parti tista' tadotta jew iżżomm limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet xierqa għall-miżuri li jimplimentaw il-paragrafu 2. L-obbligi stipulati fil-paragrafu 2 huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, il-limitazzjonijiet, l-eċċezzjonijiet, jew id-difiżi tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati skont il-liġi ta' Parti.

ARTIKOLU 20.11

Ir-responsabbilità tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji

1. Soġġetta għall-paragrafi l-oħra ta’ dan l-Artikolu, kull Parti għandha tipprovdi limitazzjonijiet jew eċċezzjonijiet fil-liġi tagħha dwar l-imputabilità tal-fornituri ta' servizz, meta jaġixxu bħala intermedjarji, għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew ta’ drittijiet relatati li jsiru fuq jew permezz tan-netwerks tal-komunikazzjoni, fir-rigward tal-forniment jew l-użu ta’ dawn is-servizzi.

2. L-eżenzjonijiet jew il-limitazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1:

(a) għandhom ikopru, mill-inqas, ir-riskji li ġejjin:

(i) il-hosting ta' informazzjoni fuq talba ta’ utent ta’ servizzi ta’ hosting;

(ii) caching imwettaq permezz ta’ proċess awtomatiku, meta l-fornitur ta’ servizz:

(A) ma jimmodifikax l-informazzjoni għajr għal raġunijiet tekniċi;

(B) jiżgura li jkun hemm konformità ma' kull struzzjoni relatata mal-caching tal-informazzjoni li tkun speċifikata b’mod rikonoxxut u użata b’mod estensiv mill-industrija; kif ukoll

(C) ma jinterferixxix mal-użu tat-teknoloġija li tkun legali u rikonoxxuta u użata b’mod estensiv mill-industrija, sabiex tinkiseb dejta dwar l-użu tal-informazzjoni; kif ukoll

(iii) is-sempliċi trasport, li jikkonsisti fil-provvista tal-mezzi biex tiġi trażmessa l-informazzjoni pprovduta minn utent, jew il-mezzi ta' aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni; kif ukoll

(b) jistgħu jkopru wkoll funzjonijiet oħra, inkluż il-provvediment ta' għodda għar-riċerka tal-informazzjoni, permezz ta' riproduzzjonijiet ta' materjal marbut bid-drittijiet tal-awtur b'mod awtomatizzat, u l-komunikazzjoni tar-riproduzzjonijiet.

3. L-eliġibbiltà għal-limitazzjonijiet jew l-eċċezzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu ma tistax tkun bil-kundizzjoni li l-fornitur ta' servizz jagħmel monitoraġġ tas-servizzi tagħha, jew b'mod affermattiv ifittex fatti li jindikaw attività ta' ksur.

4. Kull Parti tista' tippreskrivi fil-liġi domestika tagħha, il-kundizzjonijiet għall-fornituri tas-servizzi biex jikkwalifikaw għal-limitazzjonijiet jew għall-eżenzjonijiet f'dan l-Artikolu. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, kull Parti tista' tistabbilixxi proċeduri adatti għal notifiki effikaċi ta' pretensjoni ta' ksur, u kontronotifiki effikaċi minn dawk li l-materjal tagħhom ikun tneħħa jew ġie diżattivat minħabba żball jew identifikazzjoni żbaljata.

5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-disponibbiltà fil-liġi ta' Parti ta' difiżi, limitazzjonijiet u eċċezzjonijiet oħrajn għall-ksur ta' drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibilità li qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistema ġuridika ta' Parti, tkun tirrikjedi li l-fornitur ta' servizz jittermina jew ma jħallix li jsir ksur.

ARTIKOLU 20.12

Camcording

Kull Parti tista' tipprevedi proċeduri kriminali u penali li jiġu applikati f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha kontra persuna li, mingħajr awtorizzazzjoni tal-maniġer tat-teatru jew id-detentur tad-drittijiet tal-awtur ta' xogħol ċinematografiku, tagħmel kopja ta' dak ix-xogħol jew kwalunkwe parti minnu, minn wirja tax-xogħol f'faċilità tal-esebizzjoni tal-films miftuħa għall-pubbliku.

Subtaqsima B

Marki kummerċjali

ARTIKOLU 20.13

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli sabiex tikkonforma mal-Artikoli minn 1 sa 22 tat-*Trattat ta' Singapore dwar il-Liġi tat-Trademarks*, magħmul f'Singapor fis-27 ta' Marzu 2006, u biex tiffirma l-*Protokoll Relatat mal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tat-Trademarks*, magħmul f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989.

ARTIKOLU 20.14

Proċedura ta' reġistrazzjoni

Kull Parti għandha tipprovdi sistema għar-reġistrazzjoni tal-marki kummerċjali li fiha jiġu kkomunikati bil-miktub lill-applikant ir-raġunijiet għalfejn tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni ta' trademark filwaqt li l-applikant ikollu l-opportunità li jikkontesta din id-deċiżjoni ta' rifjut u li jappella rifjut finali quddiem awtorità ġudizzjarja. Kull Parti għandha tipprovdi għall-possibbiltà li jiġu ppreżentati oġġezzjonijiet kontra l-applikazzjonijiet għall-marki kummerċjali jew kontra r-reġistrazzjonijiet tal-marki kummerċjali. Kull Parti għandha tipprovdi bażi tad-dejta elettronika li tkun disponibbli għall-pubbliku, tal-applikazzjonijiet għall-marki kummerċjali u reġistrazzjonijiet tal-marki kummerċjali.

ARTIKOLU 20.15

Eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtija minn trademark

Kull Parti għandha tipprevedi l-użu ġust ta' termini deskrittivi, inkluż it-termini deskrittivi tal-oriġini ġeografika, bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija minn trademark. Biex jiġi ddeterminat x'jikkostitwixxi użu ġust, għandhom jitqiesu l-interessi leġittimi ta' sid it-trademark u tal-partijiet terzi. Parti tista' tipprovdi eċċezzjonijiet limitati oħra, sakemm dawk l-eċċezzjonijiet iqisu l-interessi leġittimi ta' sid it-trademark u tal-partijiet terzi.

Subtaqsima C

Indikazzjonijiet Ġeografiċi

ARTIKOLU 20.16

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

indikazzjoni ġeografika tfisser indikazzoni li tidentifika prodott agrikolu jew prodott tal-ikel oriġinarju ta' territorju ta' Parti, jew ta' reġjun jew lokalità f'dak it-territorju, fejn xi kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott tkun essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika tagħha; kif ukoll

klassi ta' prodott tfisser il-klassi ta’ prodott elenkat fl-Anness 20-C.

ARTIKOLU 20.17

Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subtaqsima tapplika għall-indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw prodotti li jaqgħu f'waħda mill-klassijiet ta’ prodotti elenkati fl-Anness 20-C.

ARTIKOLU 20.18

Lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

Għall-finijiet ta’ din is-Subtaqsima:

(a) l-indikazzjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-A huma indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw prodott bħala li joriġina fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew f'reġjun jew lokalità f’dak it-territorju; kif ukoll

(b) l-indikazzjonijiet elenkati fil-Parti B tal-Anness 20-A huma indikazzjonijiet ġeografiċi li jidentifikaw prodott bħala li joriġina fit-territorju tal-Kanada jew f'reġjun jew lokalità f’dak it-territorju.

ARTIKOLU 20.19

Protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fl-Anness 20-A

1 Wara li tkun eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra, kull Parti għandha tipproteġihom skont il-livell ta’ protezzjoni stipulata f’din is-Subtaqsima.

2. Kull Parti għandha tipprovdi mezzi legali sabiex il-partijiet interessati jimpedixxu:

(a) l-użu ta’ indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 20-A għal prodott li jaqa’ taħt il-klassi ta’ prodotti speċifikati fl-Anness 20-A għal dik l-indikazzjoni ġeografika u li jew:

(i) ma jkunx joriġina fil-post ta’ oriġini speċifikat fl-Anness 20-A għal dik l-indikazzjoni ġeografika; jew

(ii) joriġina fil-post ta’ oriġini speċifikat fl-Anness 20-A għal dik l-indikazzjoni ġeografika iżda li ma jkunx ġie prodott jew manifatturat f’konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti l-oħra li jkunu japplikaw jekk il-prodott kien għall-konsum fil-Parti l-oħra;

(b) l-użu ta’ kull mezz fid-dežinjazzjoni jew il-preżentazzjoni ta’ prodott li jindika jew jissuġġerixxi li l-prodott inkwistjoni joriġina f’żona ġeografika li ma tkunx il-post veru tal-oriġini b’mod li jiżgwida lill-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-prodott; kif ukoll

(c) kull użu ieħor li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni mhux ġusta skont it-tifsira tal-Artikolu 10bis tal-*Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali* (1967) li saret fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967.

3. Il-protezzjoni msemmija fis-subparagrafu 2(a) għandha tingħata anki meta l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew l-indikazzjoni ġeografika tkun użata f’forma tradotta jew tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal “xorta”, “tip”, “stil”, “imitazzjoni” jew simili.

4. Kull Parti għandha tipprevedi l-infurzar permezz ta' azzjoni amministrattiva, sa fejn previst mil-liġi tagħha, biex tipprojbixxi persuna milli timmanifattura, tħejji, tippakkja, twaħħal tikketti, tbiegħ jew timporta jew tirreklama prodott tal-ikel b'mod li jkun falz, qarrieq, jew li jiżgwida jew li x'aktarx joħloq impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tiegħu.

5. F'konformità mal-paragrafu 4, kull Parti għandha tipprevedi azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' lmenti dwar it-tikkettar ta' prodotti, inkluż l-preżentazzjoni tagħhom, b'mod li jkun falz, qarrieq, jew li jiżgwida jew li x'aktarx joħloq impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tagħhom.

6. Ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tkun tinkludi jew tikkonsisti f'indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 20-A għandha tiġi miċħuda jew invalidata, *ex officio* jekk il-leġiżlazzjoni tal-Parti tippermetti dan jew wara talba ta' parti interessata, fir-rigward ta' prodott li jaqa' fil-klassi ta' prodotti speċifikati fl-Anness 20-A għal dik l-indikazzjoni ġeografika u li ma joriġinax fil-post ta' oriġini speċifikat fl-Anness 20-A għal dik l-indikazzjoni ġeografika.

7. Ma jridx ikun hemm obbligu skont din is-Subtaqsima biex tingħata protezzjoni lil indikazzjonijiet ġeografiċi li mhumiex jew li waqfu milli jkunu protetti fil-pajjiż tal-oriġini, jew li ma baqgħux jintużaw f'dak il-pajjiż. Jekk indikazzjoni ġeografika ta' Parti elenkata fl-Anness 20-A ma tibqax tiġi protetta fil-post ta' oriġini tagħha jew ma tibqax tintuża aktar f'dak il-post, dik il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u titlob għal kanċellazzjoni.

ARTIKOLU 20.20

Indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi

1. Fil-każ ta' indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi tal-Partijiet għal prodotti li jaqgħu fl-istess klassi tal-prodott, kull Parti għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet prattiċi li taħthom l-indikazzjonijiet omonimi inkwistjoni jridu jkunu divrenzjati minn xulxin, filwaqt li jitqies il-bżonn li jkun żgurat trattament ekwu tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa.

2. Fejn Parti, fil-kuntest ta' negozjati ma' pajjiż terz, tipproponi li tipproteġi indikazzjoni ġeografika li tidentifika prodott li joriġina f'pajjiż terz, jekk dik l-indikazzjoni tkun omonima ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra elenkata fl-Anness 20-A u jekk dak il-prodott jaqa' fl-klassi ta' prodotti speċifikati fl-Anness 20-A għal indikazzjoni ġeografika omonima tal-Parti l-oħra, il-Parti l-oħra għandha tkun mgħarrfa u għandha tingħata l-opportunità li tikkummenta qabel ma l-indikazzjoni ġeografika ssir protetta.

ARTIKOLU 20.21

Eċċezzjonijiet

1. Minkejja l-Artikoli 20.19.2 u 20.19.3, il-Kanada ma għandhiex tkun meħtieġa tipprovdi l-mezzi legali lill-Partijiet interessati sabiex ikun prekluż l-użu tat-termini elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-A u identifikati b'asterisk wieħed[28] meta l-użu ta' dawn it-termini jkun akkumpanjat minn espressjonijiet bħal "kwalità", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew simili u li jkunu flimkien ma' indikazzjoni tal-oriġini ġeografika tal-prodott ikkonċernat li tkun tidher u tinqara.

2. Minkejja l-Artikoli 20.19.2 u 20.19.3, il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-A u identifikati b'asterisk wieħed[29] ma għandhiex tipprekludi l-użu fit-territorju tal-Kanada ta' kwalunkwe waħda minn dawn l-indikazzjonijiet minn xi persuna, inkluż mis-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħhom, li jkunu għamlu użu kummerċjali minn dawk l-indikazzjonijiet fir-rigward tal-prodotti fil-klassi ta' "ġobnijiet" qabel id-data tat-18 ta' Ottubru 2013.

3. Minkejja l-Artikoli 20.19.2 u 20.19.3, il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati f'Parti A tal-Anness 20-A u identifikati b'żewġ asteriski ma għandhiex tipprekludi li jsir użu ta' din l-indikazzjoni minn xi persuna, inkluż mis-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħha, li jkunu għamlu użu kummerċjali minn din l-indikazzjoni fir-rigward ta' prodotti fil-klassi ta' "laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati" għal tal-anqas ħames snin qabel id-data tat-18 ta' Ottubru 2013. Perjodu ta' tranżizzjoni ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu, li matulu l-użu tal-indikazzjoni ta' hawn fuq ma għandux ikun prekluż, għandu japplika għal kull persuna oħra, inkluż is-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħhom, li jkunu għamlu użu kummerċjali ta' dawk l-indikazzjonijiet fir-rigward ta' prodotti fil-klassi ta' "laħmijiet friski, iffriżati u pproċessati", għal inqas minn ħames snin qabel id-data tat-18 ta' Ottubru 2013.

[28] Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu japplika ugwalment għat-terminu "Feta".
[29] Għal aktar ċertezza, dan il-paragrafu japplika ugwalment għat-terminu "Feta".

4. Minkejja l-Artikoli 20.19.2 u 20.19.3, il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-A u identifikati bi tliet asteriski ma għandhiex tipprekludi l-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet minn xi persuna, inkluż mis-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħhom, li jkunu għamlu użu kummerċjali ta' dawn l-indikazzjonijiet fir-rigward ta' prodotti fil-klassijiet ta' "laħam imnixxef staġonat" u "ġobnijiet", rispettivament, għal mill-inqas għaxar snin qabel id-data tat-18 ta' Ottubru 2013. Perjodu tranżitorju ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu, li matulu l-użu tal-indikazzjonijiet ta' hawn fuq ma għandux ikun preklużż, għandu japplika għal kull persuna oħra, inkluż għas-suċċessuri u ċ-ċessjonarji tagħhom, li għamlu użu kummerċjali ta' dawk l-indikazzjonijiet fir-rigward tal-prodotti fil-klassi ta' "laħam imnixxef staġonat" u "ġobnijiet", rispettivament, għal inqas minn għaxar snin qabel id-data tat-18 ta' Ottubru 2013.

5. Fejn trademark tkun ġiet applikata jew irreġistrata *in bona fede*, jew fejn id-drittijiet għal trademark jkunu nkisbu permezz tal-użu *in bona fede*, f'Parti qabel id-data applikabbli stipulata fil-paragrafu 6, il-miżuri adottati sabiex tkun implimentata din is-Subtaqsima f'dik il-Parti ma għandhomx jippreġudikaw l-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni tat-trademark jew il-validità tagħha, jew id-dritt għall-użu tat-trademark, fuq il-bażi li dik it-trademark hija identika jew simili għal indikazzjoni ġeografika.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5 id-data applikabbli hija:

(a) fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika elenkata fl-Anness 20-A fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din is-Subtaqsima; jew

(b) fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika miżjuda mal-Anness 20-A wara d-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 20.22, id-data li fiha l-indikazzjoni ġeografika tiġi miżjuda.

7. Jekk traduzzjoni ta’ indikazzjoni ġeografika tkun identika ma’ terminu, jew tkun tinkludi terminu, li skont id-drawwa jintuża fil-lingwaġġ komuni bħala l-isem komuni ta’ prodott fit-territorju ta’ Parti, jew jekk indikazzjoni ġeografika ma tkunx identika iżda tkun tinkludi terminu bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta’ din is-Subtaqsima ma għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta’ xi persuna partikolari li tuża dan it-terminu f’assoċjazzjoni ma’ dak il-prodott fit-territorju ta’ dik il-Parti.

8. Xejn ma għandu jimpedixxi l-użu fit-territorju ta’ Parti, fir-rigward ta’ xi prodott partikolari, ta’ isem tradizzjonali ta’ varjetà ta’ pjanti jew ta’ razza ta’ annimali, eżistenti fit-territorju ta’ dik il-Parti mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din is-Subtaqsima.

9. Membru jista' jipprovdi li kull talba li tkun saret taħt din it-Taqsima marbuta mal-użu jew mar-reġistrazzjoni tat-trademark trid tkun ippreżentata fi żmien ħames snin minn meta l-użu ħażin tal-indikazzjoni protetta jkun sar magħruf ġeneralment f'dik il-Parti jew wara d-data tar-reġistrazzjoni tat-trademark f'dik il-Parti sakemm it-trademark kienet ippubblikata sa dik id-data, jekk dik id-data hi iktar kmieni mid-data li fiha l-użu ħażin sar magħruf ġeneralment f'dik il-Parti, sakemm l-indikazzjoni ġeografika ma tintużax jew mhijiex reġistrata *in mala fede*.

10. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima ma għandhomx jippreġudikaw id-dritt li persuna tuża, fl-andament tal-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fil-kummerċ, għajr fejn tali isem jintuża b'mod biex iqarraq bil-pubbliku.

11. (a) Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima ma għandhomx jippreġudikaw id-dritt li persuna tuża, jew tirreġistra fil-Kanada trademark li tkun tinkludi jew tikkonsisti minn xi waħda mill-espressjonijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-B; kif ukoll

(b) Is-subparagrafu (a) ma japplikax għat-termini elenkati fil-Parti A tal-Anness 20-B fir-rigward ta' kwalunkwe użu li jista' jqarraq bil-pubbliku fir-rigward tal-oriġini ġeografika tal-prodotti.

12. L-użu fil-Kanada tat-termini elenkati fil-Parti B tal-Anness 20-B ma għandux ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima.

13. Ċessjoni kif imsemmi fil-paragrafi 2 sa 4 ma tinkludix it-trasferiment tad-dritt li tintuża indikazzjoni ġeografika waħedha.

ARTIKOLU 20.22

Emendi għall-Anness 20-A

1. Il-Kumitat Konġunt CETA, stabbilit skont l-Artikolu 26.1 (Il-Kumitat Konġunt CETA), filwaqt li jaġixxi b'kunsens u fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat CETA dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, jista' jiddeċiedi li jemenda l-Anness 20-A billi jżid indikazzjonijiet ġeografiċi jew ineħħi indikazzjonijiet ġeografiċi li ma jibqgħux jiġu protetti jew ma jibqgħux jintużaw fil-post tal-oriġini.

2. Indikazzjoni ġeografika ma għandhiex, bħala prinċipju, tiżdied mal-Parti A tal-Anness 20-A, jekk tkun isem li fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim tkun elenkata fir-Reġistru rilevanti tal-Unjoni Ewropea bl-istatus ta' "Irreġistrata", fir-rigward ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

3. Indikazzjoni ġeografika li tidentifika prodott li joriġina f'Parti partikolari ma għandhiex tiżdied mal-Anness 20-A:

(a) jekk tkun identika għal trademark li tkun ġiet irreġistrata f'Parti oħra fir-rigward ta' prodotti identiċi jew simili, jew għal trademark li fir-rigward tagħha fil-Parti l-oħra ġew akkwistati d-drittijiet permezz tal-użu *in bona fede* u tkun tressqet applikazzjoni fir-rigward ta' prodotti identiċi jew simili;

(b) jekk tkun identika għall-isem tradizzjonali ta' varjetà ta' pjanta jew razza ta' annimal li jeżistu fil-Parti l-oħra; jew

(c) jekk tkun identika mat-terminu tradizzjonali fil-lingwaġġ komuni bħall-isem komuni għal tali prodott fil-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 20.23

Protezzjoni oħra

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima huma mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitfittex ir-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont il-liġi relevanti ta' Parti.

Subtaqsima D

Disinji

ARTIKOLU 20.24

Ftehimiet internazzjonali

Kull Parti għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex taderixxi mal-*Att ta' Ġinevra tal-Ftehim tal-Aja dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tad-Disinni Industrijali* , magħmul f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999.

ARTIKOLU 20.25

Ir-relazzjoni mad-dritt tal-awtur

Is-suġġett ta' dritt tad-disinn jista' jiġi protett bil-liġi tad-dritt tal-awtur jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet għal din il-protezzjoni. Kull Parti għandha tiddetermina sa fejn u l-kundizzjonijiet li bihom tingħata din il-protezzjoni, inkluż il-livell ta' oriġinalità meħtieġ.

Subtaqsima E

Privattivi

ARTIKOLU 20.26

Ftehimiet internazzjonali

Il-Partijiet jagħmlu kull sforz raġonevoli biex jikkonformaw mal-Artikoli minn 1 sa 14 u l-Artikolu 22 tat-*Trattat dwar id-Dritt tal-Privattivi* li sar f'Ġinevra fl-1 ta' Ġunju 2000.

ARTIKOLU 20.27

Protezzjoni *sui generis* għal farmaċewtiċi

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

privattiva bażika tfisser privattiva li tipproteġi prodott bħala tali, proċess sabiex jinkiseb prodott jew applikazzjoni ta' prodott, u li d-detentur tal-privattiva jkun iddetermina li jistgħu jservu bħala privattiva bażika, bħala l-privattiva bażika għall-fini tal-għoti ta' protezzjoni *sui generis*; kif ukoll

prodott tfisser l-ingredjent attiv jew il-kombinazzjoni ta' ingredjenti attivi ta' prodott farmaċewtiku.

2. Kull Parti għandha tipprovdi perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* fir-rigward ta’ prodott li huwa protett minn privattiva bażika fis-seħħ wara talba tad-detentur tal-privattiva jew tas-suċċessur tiegħu fit-titolu, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun ingħatat awtorizzazzjoni biex il-prodott jitqiegħed fis-suq ta’ dik il-Parti bħala prodott farmaċewtiku (imsejħa “awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq” f’dan l-Artikolu);

(b) il-prodott ma kienx diġà is-suġġett ta’ perjodu ta’ protezzjoni *sui generis*; kif ukoll

(c) l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq imsemmija fis-subparagrafu (a) hija l-ewwel awtorizzazzjoni biex il-prodott jitqiegħed fis-suq ta’ dik il-Parti bħala prodott farmaċewtiku.

3. Kull Parti tista’:

(a) tipprovdi perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* biss jekk l-ewwel applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tiġi ppreżentata f'limitu ta’ żmien raġonevoli preskritt minn dik il-Parti; kif ukoll

(b) tippreskrivi limitu ta’ żmien ta’ mhux anqas minn 60 jum mid-data li fiha tkun ingħatat l-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għat-tressiq ta’ talba għal perjodu ta’ protezzjoni *sui generis*. Madankollu, fejn l-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tingħata qabel ma tingħata l-privattiva, kull Parti tipprovdi perjodu ta’ mill-inqas 60 jum wara l-għoti tal-privattiva li matulu tista' tiġi ppreżentata t-talba għal perjodu ta’ protezzjoni skont dan l-Artikolu.

4. Fil-każ fejn prodott huwa protett minn privattiva bażika waħda, il-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* għandu jidħol fis-seħħ fi tmiem it-terminu leġittimu ta' dik il-privattiva.

Fil-każ fejn prodott huwa protett minn aktar minn privattiva waħda li tista' sservi bħala privattiva bażika, Parti tista’ tipprovdi biss għal perjodu wieħed ta’ protezzjoni *sui generis*, li jibda jiddekorri fit-tmiem tat-terminu legali tal-privattiva bażika,

(a) fil-każ fejn il-privattivi kollha li jistgħu jservu bħala privattiva bażika jkunu tal-istess persuna, jintagħżel mill-persuna li titlob perjodu ta’ protezzjoni *sui generis*; kif ukoll

(b) fil-każ fejn il-privattivi li jistgħu jservu bħala privattiva bażika ma jkunux tal-istess persuna u dan jirriżulta f'talbiet konfliġġenti għall-protezzjoni *sui generis*, jintagħżel bi ftehim bejn id-detenturi tal-privattivi.

5. Kull Parti għandha tipprovdi li l-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* ikun għal perjodu ugwali għall-perjodu li jkun għadda bejn id-data li fiha l-applikazzjoni għall-privattiva bażika tkun ġiet ippreżentata u d-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, imnaqqas b’perjodu ta’ ħames snin.

6. Minkejja l-paragrafu 5 u mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta’ estensjoni tal-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* minn Parti bħala inċentiv jew premju għal riċerka f’ċerti popolazzjonijiet fil-mira, bħat-tfal, it-tul ta’ żmien tal-protezzjoni *sui generis* ma jistax jaqbeż perjodu ta’ sentejn sa ħames snin, li għandu jiġu stabbiliti minn kull Parti.

7. Kull Parti tista’ tipprovdi li l-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* jiskadi:

(a) jekk il-protezzjoni *sui generis* tiġi ċeduta mill-benefiċjarju; jew

(b) jekk ikun hemm tariffi amministrattivi preskritti li ma jitħallsux.

Kull Parti tista’ tnaqqas il-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis* fi proporzjon ma' kull dewmien mhux ġustifikat minħabba n-nuqqas ta’ azzjonijiet tal-applikant wara li jkun talab l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni, meta d-detentur tal-privattiva bażika jkun l-applikant għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew entità relatata magħha.

8. Fil-limiti tal-protezzjoni mogħtija minn privattiva bażika, il-protezzjoni *sui generis* għandha testendi biss għall-prodott farmaċewtiku kopert mill-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u għal kull użu tal-prodott bħala prodott farmaċewtiku li jkun ġie awtorizzat qabel ma jiskadi l-perjodu ta’ protezzjoni *sui generis*. Mingħajr preġudizzju għas-sentenza preċedenti, il-protezzjoni *sui generis* għandha tagħti l-istess drittijiet bħal dawk mogħtija minn privattiva bażika u għandha tkun soġġetta għall-istess limitazzjonijiet u obbligi.

9. Minkejja l-paragrafi minn 1 sa 8, kull Parti tista’ tillimita wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni billi tipprovdi eċċezzjonijiet għall-manifattura, l-użu, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew l-importazzjoni ta' prodotti għall-iskop ta’ esportazzjoni matul il-perjodu ta’ protezzjoni.

10. Kull Parti tista' tirrevoka l-protezzjoni *sui generis* għal raġunijiet marbutin mal-invalidità tal-privattiva bażika, inkluż jekk dik il-privattiva tkun skadiet qabel ma jkun skada t-tul ta' żmien legali tagħha jew tiġi revokata jew limitata sal-punt li l-prodott li għalih tkun ingħatat il-protezzjoni ma jkunx protett iktar mil-pretensjonijiet tal-privattiva bażika, jew għal raġunijiet relatati mal-irtirar tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew l-awtorizzazzjonijiet għas-suq rispettiv, jew jekk il-protezzjoni tkun ingħatat kontra d-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 2.

ARTIKOLU 20.28

Mekkaniżmi ta' "patent linkage" relatati mal prodotti farmaċewtiċi

Jekk Parti tistrieħ fuq mekkaniżmi ta' "patent linkage" li permezz tagħhom l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq (jew avviżi ta' konformità jew kunċetti simili) għal prodotti farmaċewtiċi ġeneriċi huwa marbut mal-eżistenza ta' protezzjoni tal-privattivi, hija għandha tiżgura li l-partijiet fil-kawża kollha jkollhom drittijiet ekwivalenti u effettivi ta' appell.

Subtaqsima F

Protezzjoni tad-Dejta

ARTIKOLU 20.29

Protezzjoni ta’ dejta mhux divulgata relatata ma’ prodotti farmaċewtiċi

1. Jekk Parti tkun teħtieġ, bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li jużaw entitajiet kimiċi ġodda[30] (imsejħa bħala “awtorizzazzjoni” f’dan l-Artikolu), li jiġu ppreżentati testijiet jew xi dejta oħra mhux divulgati meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-użu ta’ dawk il-prodotti huwiex sigur u effikaċi, il-Parti għandha tipproteġi dejta bħal din mid-divulgazzjoni, jekk l-oriġini ta' din id-dejta tkun tinvolvi sforz konsiderevoli, ħlief fejn id-divulgazzjoni tkun neċessarja biex tipproteġi l-ordni pubblika, jew sakemm jittieħdu passi sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun protetta kontra użu kummerċjali inġust.

2. Kull Parti għandha tipprovdi li għad-dejta li hija soġġetta għall-paragrafu 1 li tintbagħat lill-Parti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim:

(a) l-ebda persuna oħra għajr dik il-persuna li tkun ippreżentatha ma tista', mingħajr l-awtorizzazzjoni ta’ din tal-aħħar, tibbaża ruħha fuq tali dejta bħala sostenn ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni matul perjodu ta’ mhux inqas minn sitt snin mid-data li fiha l-Parti tat awtorizzazzjoni lill-persuna li tkun ipproduċiet id-dejta għall-awtorizzazzjoni; kif ukoll

[30] Għal aktar ċertezza, fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta, “entità kimika” fil-Kanada tinkludi prodott farmaċewtiku bijoloġiku jew radjofarmaċewtiku li huwa rregolat bħala mediċina ġdida skont ir-regolamenti tal-prodotti alimentari u mediċinali tal-Kanada.

(b) Parti, ma għandha tagħti l-ebda awtorizzazzjoni lil xi persuna li tinvoka tali dejta matul perjodu ta' mhux inqas minn tmien snin mid-data li fiha l-Parti tkun tat l-awtorizzazzjoni lill-persuna li tkun ipproduċiet id-dejta għall-awtorizzazzjoni, sakemm il-persuna li pproduċiet din id-dejta tagħti permess.

Soġġetti għal dan il-paragrafu, ma għandu jkun hemm l-ebda limitazzjoni fuq il-Partijiet li jimplimentaw proċeduri mqassra ta' awtorizzazzjoni għal dawk il-prodotti fuq il-bażi ta' studji ta' bijoekwivalenza u bijodisponibbiltà.

ARTIKOLU 20.30

Protezzjoni tad-dejta relatata ma' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

1. Il-Partijiet jistabbilixxu r-rekwiżiti tas-sigurtà u l-effikaċja qabel ma jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti (imsejjaħ "awtorizzazzjoni" f'dan l-Artikolu).

2. Kull Parti għandha tipprovdi perjodu limitat ta' protezzjoni tad-dejta għal rapport dwar ittestjar jew studju ppreżentat għall-ewwel darba biex tinkiseb awtorizzazzjoni. Matul dan il-perjodu, kull Parti għandha tipprevedi li dak ir-rapport dwar l-ittestjar jew studju mhux se jintuża għall-benefiċċju ta' xi persuna oħra li tfittex li tikseb awtorizzazzjoni, ħlief meta jkun ippruvat il-kunsens espliċitu tal-ewwel detentur tal-awtorizzazzjoni.

3. Ir-rapport dwar l-ittestjar jew studju għandu jkun meħtieġ għall-awtorizzazzjoni jew għall-emenda ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi permess l-użu fuq uċuħ tar-raba' oħra.

4. F’kull Parti, il-perjodu ta’ protezzjoni tad-dejta jkun ta’ mill-inqas għaxar snin li jibdew mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni f’din il-Parti fir-rigward ir-rapport dwar l-ittestjar jew studju li jappoġġa l-awtorizzazzjoni ta’ ingredjent attiv ġdid u dejta li turi r-reġistrazzjoni simultanja ta’ użu aħħari tal-prodott li jkun fih l-ingredjent attiv. It-tul taż-żmien tal-protezzjoni jista’ jiġi estiż sabiex jinkoraġġixxi l-awtorizzazzjoni ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b’riskju baxx u użi minuri.

5. Kull Parti tista’ tistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta jew rekwiżiti tal-kumpens finanzjarju għar-rapport dwar l-ittestjar jew studju li jappoġġaw l-emendar jew it-tiġdid ta’ awtorizzazzjoni.

6. Kull Parti għandha tistabbilixxi regoli sabiex jiġi evitat l-ittestjar doppju fuq annimali vertebrati. Kull applikant li jkun beħsiebu jwettaq testijiet u studji li jinvolvu annimali vertebrati għandu jiġi mħeġġeġ biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jivverifika li dawk it-testijiet u studji ma jkunux digà twettqu jew inbdew.

7. Kull Parti għandha tħeġġeġ lil kull applikant ġdid u lil kull detentur tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti biex jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li jikkondividu t-testijiet u l-istudji li jinvolvu l-annimali vertebrati. Il-kostijiet tal-kondiviżjoni tar-rapporti ta’ ttestjar u ta’ studju għandhom ikunu ddeterminati b’mod ġust, trasparenti u nondiskriminatorju. L-applikant prospettiv huwa meħtieġ biss li jikkondividi fl-ispejjeż tal-informazzjoni li huwa meħtieġ iressaq sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni.

8. Id-detentur jew id-detenturi tal-awtorizzazzjoni rilevanti għandu jkollhom dritt li jiġu kkumpensati għal sehem xieraq tal-kostijiet imġarrba minnhom fir-rigward tar-rapport ta' ttestjar jew studju li jkun appoġġa din l-awtorizzazzjoni minn applikant li ddependa fuq dawn ir-rapporti ta' ttestjar u ta' studji biex jikseb awtorizzazzjoni għal prodott ġdid għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-Parti tista' tidderieġi lill-partijiet involuti biex isolvu l-kwistjoni permezz ta' arbitraġġ formali u vinkolanti amministrat skont il-liġi nazzjonali.

Subtaqsima G

Varjetajiet tal-Pjanti

ARTIKOLU 20.31

Varjetajiet tal-pjanti

Kull Parti għandha tikkoopera biex tippromwovi u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti fuq il-bażi tal-Att tal-1991 dwar il-*Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti*, li saret f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 1961.

TAQSIMA C

Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali

ARTIKOLU 20.32

Obbligi ġenerali

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri ta' infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jkunu ġusti u ekwi u ma jkunux komplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti ta' żmien irraġonevoli jew dewmien mhux iġġustifikat. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu applikati b'tali mod li jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli għall-kummerċ leġittimu u sabiex jissalvagwardjaw kontra l-abbuż tagħhom.

2. Fit-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, kull Parti għandha tqis il-ħtieġa li jkun hemm proporzjonalità bejn is-serjetà tal-ksur, l-interessi tal-partijiet terzi, u l-miżuri, ir-rimedji u l-penali applikabbli.

3. L-Artikoli minn 20.33 sa 20.42 jirrigwardaw l-infurzar tal-liġi ċivili.

4. Għall-finijiet tal-Artikoli minn 20.33 sa 20.42, ħlief jekk previst mod ieħor, **drittijiet ta' proprjetà intellettwali** tfisser il-kategoriji kollha tal-proprjetà intellettwali li huma soġġetti għat-Taqsimiet minn 1 sa 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS.

ARTIKOLU 20.33

Applikanti intitolati

Kull Parti tirrikonoxxi bħala persuni intitolati biex ifittxu l-applikazzjoni tal-proċeduri u r-rimedji msemmija fl-Artikoli minn 20.34 sa 20.42:

(a) id-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħha;

(b) il-persuni l-oħra kollha awtorizzati sabiex jużaw dawk id-drittijiet, jekk dawn il-persuni jkunu intitolati biex ifittxu għajnuna skont il-liġi tagħha;

(c) l-entitajiet ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi tal-proprjetà intellettwali li jkunu regolarment rikonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jekk dawn l-entitajiet jkunu intitolati li jfittxu l-għajnuna skont il-liġi tagħha; kif ukoll

(d) l-entitajiet professjonali ta’ difiża li jkunu regolarment rikkonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jekk dawn l-entitajiet jkunu intitolati biex ifittxu għajnuna skont il-liġi tagħha.

ARTIKOLU 20.34

Evidenza

Kull Parti għandha tiżgura li, fil-każ ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali, l-awtoritajiet ġuridiċi kompetenti jkollhom l-awtorità li jordnaw, fejn ikun xieraq u wara applikazzjoni, li tiġi ppreżentata l-informazzjoni rilevanti , kif previst fil-liġi tagħha, inkluż dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, soġġetti għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

ARTIKOLU 20.35

Miżuri għall-preservazzjoni tal-evidenza

1. Kull Parti għandha tassigura li, anki qabel il-bidu tal-proċedimenti dwar il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu, wara applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-allegazzjonijiet tagħha li d-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħha jkun inkiser jew ikun se jinkiser, jordnaw miżuri provviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza relevanti fir-rigward tal-allegat ksur, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Kull Parti tista’ tipprevedi li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid ta’ kampjuni jew mingħajru, jew is-sekwestru fiżiku tal-oġġetti kontraventorji, u f’każijiet xierqa, il-materjali u l-għodod użati fil-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta’ dawn l-oġġetti u d-dokumenti relatati magħhom. Dawk il-miżuri jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn, mingħajr ma tinstema' l-parti l-oħra, b’mod partikolari fejn kull dewmien aktarx jikkawża dannu irreparabbli lid-detentur tad-dritt jew fejn ikun hemm riskju li jista’ jintwera li qiegħda tinqered l-evidenza.

ARTIKOLU 20.36

Dritt għall-informazzjoni

Mingħajr preġudizzju għal-liġi tagħha li tirregola l-privileġġi, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-għejjun tal-informazzjoni, jew l-ipproċessar tad-dejta personali, kull Parti għandha tipprevedi li, fi proċedimenti ġuridiċi ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità, fuq rikjesta ġustifikata tad-detentur tad-dritt, li jordnaw lill-kontraventur jew lill-allegat kontraventur, sabiex jipprovdi lid-detentur propju tad-dritt jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji, tal-anqas għall-finijiet tal-kumpilazzjoni tal-evidenza, informazzjoni relevanti kif prevista fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha li l-kontraventur jew l-allegat kontraventur għandu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu. Din l-informazzjoni tista’ tinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe persuna involuta f'kull aspett tal-ksur jew ksur allegat u dwar il-mezzi tal-produzzjoni jew il-kanali tad-distribuzzjoni tal-prodotti jew servizzi kontraventorji jew allegatament kontraventorji, inkluż l-identifikazzjoni tal-persuni terzi li allegatament ikunu involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' dawk il-prodotti jew servizzi u tal-kanali tad-distribuzzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 20.37

Miżuri provviżorji u kawtelatorji

1. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw miżuri provviżorji u kawtelatorji li jkunu fil-pront u effikaċi, inklużi inġunzjoni interlokutorja kontra parti jew, fejn xieraq, kontra parti terza li fuqha l-awtorità ġudizzjarja rilevanti teżerċita ġurisdizzjoni, biex jiġi evitat li jsir ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali, u partikolarment sabiex ikun prekluż li oġġetti kontraventorji jidħlu fil-kanali kummerċjali.

2. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw is-sekwestru jew it-teħid b'xi mod ieħor f'kustodja tal-oġġetti suspettati li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, sabiex tipprekludi d-dħul jew iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fil-kanali kummerċjali.

3. Kull Parti għandha tipprevedi li, f'każ ta' allegat ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali mwettaq fuq skala kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu jistgħu jordnaw, skont il-liġi tagħha, is-sekwestru kawtelarju ta' proprjetà tal-allegat kontraventur, inkluż l-imblukkar ta' kontijiet bankarji u assi oħra. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw li jiġu pprovduti dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni rilevanti.

ARTIKOLU 20.38

Rimedji oħra

1. Kull Parti tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu jistgħu jordnaw, wara t-talba tal-applikant u mingħajr preġudizzju għal kull dannu dovut lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kull xorta, is-sejħa lura, it-tneħħija definittiva mill-kanali kummerċjali jew il-qerda tal-prodotti li nstabu li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u għodod użati b'mod predominanti fil-ħolqien jew il-manifattura ta' dawk il-prodotti. Fil-kunsiderazzjoni ta’ talba għal miżuri korrettivi, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn il-gravità tal-ksur u r-rimedji ordnati kif ukoll l-interessi ta’ partijiet terzi.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jkollhom l-awtorità jordnaw li r-rimedji msemmija fil-paragrafu 1 jitwettqu għad-dannu tal-kontraventur, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex dan ma jsirx.

ARTIKOLU 20.39

Inġunzjonijiet

1. Kull Parti għandha tipprevedi li, fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li joħorġu ordni kontra xi parti biex tiddesisti minn ksur, u fost l-oħrajn, joħorġu ordni lil dik il-parti, jew fejn ikun xieraq, lil parti terza li fuqha l-awtoritajiet ġudizzjarji relevanti jeżerċitaw ġurisdizzjoni, biex jipprekludu li oġġetti kontraventorji jidħlu fil-kanali kummerċjali.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, Parti tista' trażżan ir-rimedji disponibbli kontra l-użu mill-gvernijiet, jew minn partijiet terzi awtorizzati minn xi gvern, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-dritt, għall-pagament ta' remunerazzjoni, sakemm il-Parti tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS li jittratta b'mod speċifiku t-tali użu. F'każijiet l-oħra, għandhom japplikaw ir-rimedji f'din it-Taqsima jew, meta dawn ir-rimedji ma jkunux konsistenti mal-liġi ta' Parti, għandhom ikunu disponibbli sentenzi dikjaratorji u kumpens adegwat.

ARTIKOLU 20.40

Danni

1. Kull Parti għandha tiżgura li:

(a) fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili, l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-kontraventur li konxjament, jew b'raġunijiet ġustifikati li kien konxju, kien involut f'attività ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali biex iħallas lid-detentur tad-dritt:

(i) danni adegwati biex jikkumpensaw għall-ħsara li sofra d-detentur tad-dritt minħabba l-ksur; jew

(ii) il-profitti tal-kontraventur li jkunu attribwibbli għall-ksur, li jistgħu jitqiesu li jkunu l-ammont tad-danni msemmija fil-paragrafu (i); kif ukoll

(b) fid-determinazzjoni tal-ammont ta' danni għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jikkunsidraw, fost affarijiet oħra, kwalunkwe miżura leġittima ta' valur li tista' tiġi ppreżentata mid-detentur tad-dritt, inkluż il-profitti mitlufa.

2. Bħala alternattiva għall-paragrafu 1, il-liġi ta' Parti tista' tipprevedi għall-ħlas ta' remunerazzjoni, royalties jew tariffa, biex id-detentur ta' dritt jiġi kkumpensat għall-użu mhux awtorizzat tal-proprjetà intellettwali tad-detentur tad-dritt.

ARTIKOLU 20.41

Kostijiet legali

Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha, fejn xieraq, ikollhom l-awtorità li fi tmiem il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jikkonċernaw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jordnaw li l-parti rebbieħa titħallas mill-parti telliefa għall-ispejjeż legali jew spejjeż oħra, kif previst fil-liġi ta' dik il-Parti.

ARTIKOLU 20.42

Il-preżunzjoni tal-oriġini jew tas-sjieda

1. Għall-finijiet ta’ proċeduri ta' qorti ċivili li jinvolvu d-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati, huwa biżżejjed li isem l-awtur ta’ xogħol letterarju jew artistiku jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu sabiex dak l-awtur ikun ikkunsidrat bħala tali, u konsegwentement biex ikun intitolat li jibda proċedimenti ta’ ksur, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja. Prova kuntrarja tista’ tinkludi r-reġistrazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għad-detenturi tad-drittijiet relatati ma' suġġett protett ta’ dawn id-drittijiet.

TAQSIMA D

Miżuri dwar il-Fruntieri

ARTIKOLU 20.43

Kamp ta' Applikazzjoni ta’ miżuri dwar il-fruntieri

1. Għall-finijiet ta’ din it-Taqsima:

prodotti b'indikazzjoni ġeografika ffalsifikata tfisser kull merkanzija skont l-Artikolu 20.17 li taqa’ f'waħda mill-klassijiet ta’ prodotti elenkati fl-Anness 20-C, inkluż l-imballaġġ, li fuqha jkun hemm indikazzjoni ġeografika mingħajr awtorizzazzjoni li tkun identika għall-indikazzjoni ġeografika rreġistrata b'mod validu jew altrimenti protetta fir-rigward ta’ tali prodotti u li tikser id-drittijiet tas-sid jew tad-detentur tad-dritt tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni taħt il-liġi tal-Parti li fiha jiġu applikati l-proċeduri ta’ miżura dwar il-fruntieri;

prodotti bi trademark iffalsifikata tfisser kull merkanzija, inkluż l-imballaġġ, li fuqha jkun hemm trademark mingħajr awtorizzazzjoni li tkun identika għat-trademark irreġistrata b'mod validu fir-rigward ta’ tali prodotti u li ma tistax tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali trademark, u li b'hekk tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' sid it-trademark inkwistjoni skont il-liġi tal-Parti li fiha qed jiġu applikati l-proċeduri tal-miżura dwar il-fruntieri;

konsenji ta’ esportazzjoni tfisser il-konsenji ta’ merkanzija li jridu jittieħdu mit-territorju ta’ Parti lejn post barra minn dak it-territorju, minbarra konsenji li jkunu fi tranżitu doganali jew trasbord;

konsenji ta' importazzjoni tfisser konsenji ta’ merkanzija li jiddaħħlu fit-territorju ta’ Parti minn post barra dak it-territorju, filwaqt li din il-merkanzija tibqa' taħt kontroll doganali, inkluż merkanzija mdaħħla fit-territorju għal żona ħielsa jew maħżen doganali, iżda teskludi konsenji fi tranżitu doganali jew trasbord;

merkanzija soġġetta għal dritt tal-awtur piratat tfisser kull kopja li ssir mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt jew ta’ persuna debitament awtorizzata mid-detentur tad-dritt fil-pajjiż tal-produzzjoni u li jsiru direttament jew indirettament minn artiklu fejn il-kopji li jsiru jkunu jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-awtur jew dritt relatat skont il-liġi tal-Parti fejn jiġu applikati l-proċeduri ta’ miżuri dwar il-fruntieri;

konsenji fi tranżitu doganali tfisser konsenji ta' merkanzija li tidħol fit-territorju ta’ Parti minn post barra dak it-territorju u li jkunu awtorizzati mill-awtoritajiet doganali tat-trasport taħt kontroll doganali kontinwu mill-uffiċċju ta’ dħul sal-uffiċċju tal-ħruġ, għall-iskop ta’ ħruġ mit-territorju. Konsenji fi tranżitu doganali li jkunu sussegwentement approvati għat-tneħħija mill-kontroll doganali mingħajr ma joħorġu mit-territorju huma kkunsidrati li huma konsenji ta’ importazzjoni; kif ukoll

trasbordi tfisser konsenji ta' merkanzija li tiġi ttrasferita taħt kontroll doganali mill-mezz tat-trasport tal-importazzjoni għall-mezz tat-trasport tal-esportazzjoni fiż-żona ta' uffiċċju doganali li huwa l-uffiċċju li jikkontrolla kemm l-importazzjoni kif ukoll l-esportazzjoni.

2. Ir-referenzi għall-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'din it-Taqsima għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu għal każijiet ta' prodotti bit-trademark iffalsifikata, prodotti bid-drittijiet tal-awtur piratati u prodotti b'indikazzjoni ġeografika ffalsifikata.

3. Huwa mifhum li ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu li jiġu applikati l-proċeduri stipulati f'din it-Taqsima għall-prodotti mqiegħda fis-suq ta' pajjiż ieħor mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens tiegħu.

4. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri fir-rigward ta' konsenji ta' importazzjoni u esportazzjoni li skonthom detentur tad-dritt jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti biex jissospendu r-rilaxx ta' prodotti suspettati li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali jew iżommuhom milli jiġu rilaxxati.

5. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri fir-rigward ta' konsenji ta' importazzjoni jew esportazzjoni li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tagħha jistgħu jaġixxu fuq inizjattiva tagħhom stess biex temporanjament jissospendu r-rilaxx ta'prodotti suspettati li jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, jew iżommu r-rilaxx tagħhom, sabiex id-detenturi tad-drittijiet jingħataw l-opportunità biex formalment jitolbu assistenza skont il-paragrafu 4.

6. Kull Parti tista' tidħol f'arranġament ma' pajjiż terz wieħed jew aktar biex jiġu stabbiliti proċeduri komuni ta' sigurtà għall-iżdoganar. Prodotti żdoganati skont it-termini ta' proċeduri doganali komuni ta' tali arranġament għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-paragrafi 4 u 5, sakemm il-Parti kkonċernata żżomm l-awtorità legali rigward il-konformità ma' dawn il-paragrafi.

7. Kull Parti tista' tadotta jew iżżomm il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 4 u 5 fir-rigward tat-trasbord u konsenji fi tranżitu doganali.

8. Kull Parti tista' teskludi mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu kwantitajiet żgħar ta' oġġetti ta' natura mhux kummerċjali li jkunu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi jew kwantitajiet żgħar ta' oġġetti ta' natura mhux kummerċjali mibgħuta f'konsenji żgħar.

ARTIKOLU 20.44

Applikazzjoni mid-detentur tad-dritt

1. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jirrikjedu li, detentur ta' dritt li jitlob il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 20.43, jipprovdi evidenza adegwata li tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti li, skont il-liġi tal-Parti li tkun qed tipprovdi l-proċeduri, ikun sar ksur *prima facie* tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tad-detentur tad-dritt, kif ukoll jipprovdi biżżejjed informazzjoni li tista' tkun raġonevolment mistennija li d-detentur tad-dritt ikollu għarfien tagħha biex l-oġġetti suspettużi jkunu raġonevolment jingħarfu mill-awtoritajiet kompetenti. Ir-rekwiżit li tingħata biżżejjed informazzjoni ma għandux jiskoraġġixxi b'mod mhux raġonevoli r-rikors għall-proċeduri deskritti fl-Artikolu 20.43.

2. Kull Parti għandha tipprevedi applikazzjonijiet għas-sospensjoni tar-rilaxx ta'prodotti suspettati bi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali msemmija fl-Artikolu 20.43, jew iż-żamma tagħhom, li jkunu taħt kontroll doganali fit-territorju tagħha. Ir-rekwiżit li jiġu previsti applikazzjonijiet bħal dawn huwa suġġett għall-obbligi li jiġu pprovduti l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 20.43.4 u 20.43.5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprevedu li tali applikazzjonijiet ikunu japplikaw għal konsenji multipli. Kull Parti tista' tipprevedi li, wara talba tad-detentur tad-dritt, l-applikazzjoni għas-sospensjoni tar-rilaxx ta' oġġetti suspettużi, jew iż-żamma tagħhom, tista' tapplika għal punti ta' dħul u ħruġ magħżula taħt kontroll doganali.

3. Kull Parti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jinfurmaw lill-applikant f'perjodu ta' żmien raġonevoli dwar jekk aċċettawx l-applikazzjoni jew le. Meta l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkunu aċċettaw l-applikazzjoni, dawn għandhom jinfurmaw ukoll lill-applikant dwar il-perjodu tal-validità tal-applikazzjoni.

4. Kull Parti tista' tipprevedi li, meta applikant ikun abbuża mill-proċeduri mfissra fl-Artikolu 20.43, jew meta jkun hemm ġustifikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom is-setgħa li jiċħdu, jissospendu, jew jannullaw l-applikazzjoni.

ARTIKOLU 20.45

Provvediment ta' Informazzjoni mid-Detentur tad-Dritt

Kull Parti għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li jitolbu lil detentur tad-dritt li jgħaddilhom l-informazzjoni rilevanti li jista' jkun raġonevolment mistenni li jkun jaf sabiex tassisti lill-awtoritajiet kompetenti jieħdu l-miżuri fil-fruntieri msemmija f'din it-Taqsima. Kull Parti tista' tippermetti wkoll li detentur tad-dritt iforni l-informazzjoni relevanti lill-awtoritajiet kompetenti tagħha.

ARTIKOLU 20.46

Garanzija jew Assigurazzjoni Ekwivalenti

1. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom is-setgħa li jirrikjedu li detentur tad-dritt jitlob li jsiru l-proċeduri deskritti fl-Artikolu 20.43 biex jipprovdi garanzija raġonevoli jew assigurazzjoni ekwivalenti li tkun biżżejjed biex tħares lill-konvenut u lill-awtoritajiet kompetenti u biex jiġi evitat l-abbuż. Kull Parti għandha tipprevedi li tali garanzija jew assigurazzjoni ekwivalenti m'għandhomx mingħajr raġuni jiskoraġġixxu rikors għal dawn il-proċeduri.

2. Parti tista' tipprevedi li tali garanzija tista' tieħu l-għamla ta' bond ikkundizzjonat li jiggarantixxi li l-konvenut ma jsirulux danni minn kull telf jew ħsara li jirriżultaw minn xi sospensjoni tar-rilaxx tal-oġġetti jew is-sekwestru tagħhom, f'każ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li l-oġġetti mhumiex kawża ta' ksur. Parti tista', f'każijiet eċċezzjonali biss jew b'segwiment ta' ordni ġudizzjarja, tippermetti li l-konvenut jikseb il-pussess ta' oġġetti suspettużi billi dan jirreġistra bond jew xi garanzija oħra.

ARTIKOLU 20.47

Id-Determinazzjoni tal-Ksur

Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri li bihom l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkunu jistgħu jiddeterminaw f'perjodu ta' żmien raġonevoli mindu jibdew il-proċeduri mfissra fl-Artikolu 20.43, jekk l-oġġetti suspettati jiksrux xi dritt dwar il-proprjetà intellettwali jew le.

ARTIKOLU 20.48

Rimedji

1. Kull Parti għandha tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw il-qerda tal-prodotti wara d-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 20.47 li l-prodotti huma kawża ta' ksur. F'każijiet fejn tali prodotti ma jinqerdux, kull Parti tiżgura li, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn il-prodotti jintremew lil hinn mill-kanali kummerċjali b'mod li jiġi evitat kull dannu għad-detentur tad-dritt.

2. Dwar il-prodotti bi trademark iffalsifikata, is-sempliċi tneħħija tat-trademark imwaħħla kontra l-liġi ma għandhiex tkun biżżejjed, għajr f'każijiet eċċezzjonali, sabiex jiġi permess ir-rilaxx tal-prodotti fil-kanali kummerċjali.

3. Kull Parti tista' tipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jkollhom l-awtorità li jimponu penali amministrattivi wara d-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 20. 47 li l-prodotti huma kawża ta' ksur.

ARTIKOLU 20.49

Kooperazzjoni speċifika fil-qasam ta’ miżuri tal-fruntiera

1. Il-Membri jaqblu li jikkoperaw ma' xulxin bil-ħsieb li jeliminaw il-kummerċ internazzjonali fi prodotti li jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Għal dan il-għan, kull Parti għandha tistabbilixxi punti ta' kuntatt fl-amministrazzjonijiet tagħha u tkun lesta li tiskambja informazzjoni dwar il-kummerċ f'oġġetti kontraventorji. Kull Parti għandha, b’mod partikolari, tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali tagħha u dawk tal-Parti l-oħra fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Din il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista’ tinkludi skambji ta’ informazzjoni rigward mekkaniżmi biex tasal l-informazzjoni mingħand id-detenturi tad-drittijiet, l-aħjar prassi u esperjenzi bi strateġiji ta’ ġestjoni tar-riskju, kif ukoll informazzjoni ta’ għajnuna fl-identifikazzjoni ta’ kunsinni suspettati li jinkludu oġġetti kontraventorji.

3. Il-kooperazzjoni taħt din it-Taqsima għandha titwettaq b’mod konsistenti mal-ftehimiet internazzjonali relevanti li huma vinkolanti fuq iż-żewġ Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali msemmi fl-Artikolu 6. 14 (Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali) jistabbilixxi l-prijoritajiet u jipprevedi l-proċeduri adegwati ta’ kooperazzjoni skont din it-Taqsima bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet.

TAQSIMA E

Kooperazzjoni

ARTIKOLU 20.50

Kooperazzjoni

1. Kull Parti taqbel li tikkoopera mal-Parti l-oħra bl-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi assunti skont dan il-Kapitolu. L-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu l-iskambji ta' informazzjoni jew esperjenza dwar dan li ġej:

(a) il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi; kif ukoll

(b) l-istabbiliment ta' ftehimiet bejn is-soċjetajiet ta' ġbir rispettivi tagħhom.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti taqbel li tistabbilixxi u żżomm djalogu effettiv dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali sabiex jiġu indirizzati suġġetti relevanti għall-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, u kull kwistjoni relevanti oħra.

KAPITOLU WIEĦED U GĦOXRIN

KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

ARTIKOLU 21.1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu japplika għall-iżvilupp, ir-rieżami u aspetti metodoloġiċi ta' miżuri regolatorji dwar l-awtoritajiet regolatorji tal-Partijiet li huma koperti minn, fost l-oħrajn, il-Ftehim TBT, il-Ftehim SPS, il-GATT 1994, il-GATS, u l-Kapitoli Erbgħa (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), Ħamsa (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji), Disgħa (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), Tnejn u Għoxrin (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli), Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent).

ARTIKOLU 21.2

Prinċipji

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward ta' miżuri regolatorji skont il-Ftehim TBT, il-Ftehim SPS, il-GATT 1994 u l-GATS.

2. Il-Partijiet huma impenjati li jiżguraw livelli għolja ta' protezzjoni għall-ħajja umana, dik tal-annimali u tal-pjanti, kif ukoll l-ambjent skont il-Ftehim TBT, il-Ftehim SPS, il-GATT 1994, il-GATS, u dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur ta' kooperazzjoni regolatorja mal-imsieħba kummerċjali rilevanti tagħhom kemm bilaterali kif ukoll dik multilaterali. Kull meta jkun fattibbli u ta' benefiċċju reċiproku, il-Partijiet se jittrattaw il-kooperazzjoni regolatorja b'mod li huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni minn imsieħba kummerċjali internazzjonali oħra.

4. Mingħajr ma jillimitaw il-kapaċità ta' kull Parti li twettaq attivitajiet regolatorji, leġiżlattivi u ta' politika, il-Partijiet huma impenjati li jkomplu jiżviluppaw il-kooperazzjoni regolatorja fid-dawl tal-interess reċiproku tagħhom favur:

(a) il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' ostakli bla bżonn għall-kummerċ u l-investiment;

(b) it-titjib fil-klima għall-kompetittività u l-innovazzjoni, inkluż billi jsegwu l-kompatibbiltà regolatorja, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza, u l-konverġenza; kif ukoll

(c) il-promozzjoni ta' proċessi regolatorji trasparenti, effiċjenti u effikaċi li jappoġġaw l-objettivi tal-politika pubblika u t-twettiq tal-mandati tal-korpi regolatorji, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u użu mtejjeb tal-aħjar prattiki.

5. Dan il-Kapitolu jissostitwixxi l-Qafas dwar il-Kooperazzjoni Regolatorja u t-Trasparenza bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Kummissjoni Ewropea, li sar fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2004, u li jirregola l-attivitajiet li qabel kienu jsiru fil-kuntest ta' dan il-Qafas.

6. Il-Partijiet jistgħu jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja fuq bażi volontarja. Għal aktar ċertezza, Parti mhix meħtieġa li tidħol f'xi attività ta' kooperazzjoni regolatorja partikolari, u tista' tirrifjuta li tikkoopera jew tista' tirtira mill-kooperazzjoni. Madankollu, jekk Parti tirrifjuta li tibda kooperazzjoni regolatorja jew tirtira mill-kooperazzjoni, għandha tkun lesta li tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha lill-Parti l-oħra.

ARTIKOLU 21.3

Objettivi tal-kooperazzjoni regolatorja

L-objettivi tal-kooperazzjoni regolatorja jinkludu:

(a) il-kontribut għall-protezzjoni tal-ħajja, is-saħħa jew is-sigurtà tal-bniedem, il-ħajja jew is-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti u għall-protezzjoni tal-ambjent permezz ta':

(i) l-ingranaġġ ta' riżorsi internazzjonali f'oqsma bħar-riċerka, l-analiżi qabel it-tqegħid fis-suq, u analiżi tar-riskju biex jiġu indirizzati kwistjonijiet regolatorji importanti li huma ta' preokkupazzjoni lokali, nazzjonali u internazzjonali; kif ukoll

(ii) il-kontribut għall-bażi ta’ informazzjoni użata mid-dipartimenti regolatorji biex jiġu identifikati, ivvalutati u ġestiti r-riskji;

(b) jibnu l-fiduċja, japprofondixxu l-fehim reċiproku tal-l-governanza regolatorja u jiksbu mingħand xulxin il-benefiċċju ta’ kompetenzi u perspettivi sabiex:

(i) itejbu l-ippjanar u l-iżvilupp tal-proposti regolatorji;

(ii) jippromwovu t-trasparenza u l-prevedibbiltà fl-iżvilupp u l-istabbiliment tar-regolamenti;

(iii) isaħħu l-effikaċja tar-regolamenti;

(iv) jidentifikaw strumenti alternattivi;

(v) jirrikonoxxu l-impatti assoċjati tar-regolamenti;

(vi) jevitaw differenzi regolatorji bla bżonn; kif ukoll

(vii) itejbu l-implimentazzjoni u l-konformità regolatorja;

(c) jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment bilaterali b’mod li:

(i) jkomplu jibnu fuq l-arranġamenti ta' kooperazzjoni eżistenti;

(ii) inaqqsu d-differenzi regolatorji li mhumiex meħtieġa; kif ukoll

(iii) jidentifikaw toroq ġodda ta' ħidma għall-kooperazzjoni f'setturi speċifiċi;

(d) jikkontribwixxu għat-titjib tal-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija b'tali mod li:

(i) meta possibbli jiġu minimizzati l-kostijiet amministrattivi;

(ii) jonqsu r-rekwiżiti regolatorji duplikattivi u l-kostijiet tal-konformità konsegwenzjali kull meta jkun possibbli; kif ukoll

(iii) jiġu segwiti approċċi regolatorji kompatibbli inkluż, jekk possibbli u xieraq, permezz ta':

(A) l-applikazzjoni ta' approċċi regolatorji li huma teknoloġikament newtrali; kif ukoll

(B) ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jew tal-promozzjoni tal-konverġenza.

ARTIKOLU 21.4

Attivitajiet ta' kooperazzjoni regolatorja

Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex iwettqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 21.3 billi jagħmlu attivitajiet ta’ kooperazzjoni regolatorja li jistgħu jinkludu li:

(a) jidħlu f’diskussjonijiet bilaterali kontinwi dwar il-governanza regolatorja, inkluż li:

(i) jiddiskutu r-riforma regolatorja u l-effetti tagħha fuq ir-relazzjoni bejn il-Partijiet;

(ii) jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda;

(iii) jesploraw, jekk xieraq, approċċi alternattivi għar-regolamentazzjoni; kif ukoll

(iv) jiskambjaw esperjenzi b'għodod u strumenti regolatorji, inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji, il-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji dwar il-konformità u l-infurzar;

(b) jikkonsultaw ma’ xulxin, kif xieraq, u jiskambjaw informazzjoni permezz tal-proċess ta’ żvilupp regolatorju. Din il-konsultazzjoni u l-iskambju għandhom jibdew mill-aktar fis possibbli f’dan il-proċess;

(c) jaqsmu informazzjoni mhux pubblika sal-punt li din l-informazzjoni tista’ ssir disponibbli lil gvernijiet barranin b'konformità mar-regoli applikabbli tal-Parti li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni;

(d) jaqsmu regolamenti proposti tekniċi jew sanitarji u fitosanitarji li jista' jkollhom impatt fuq il-kummerċ mal-Parti l-oħra fl-aktar stadju bikri possibbli sabiex il-kummenti u l-proposti għal emendi jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati;

(e) jipprovdu, wara talba mill-Parti l-oħra, kopja tar-regolament propost, soġġett għal-liġi tal-privatezza applikabbli, u jippermettu żmien biżżejjed biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jibagħtu l-kummenti bil-miktub;

(f) jiskambjaw informazzjoni dwar azzjonijiet regolatorji, miżuri jew emendi previsti li jkunu qed jiġu kkunsidrati, fl-aktar stadju bikri possibbli, sabiex:

(i) tinftiehem aħjar il-loġika wara li l-għażliet regolatorji li tagħmel Parti, inkluż l-għażla tal-istrument, u jiġu eżaminati l-possibbiltajiet għal konverġenza akbar bejn il-Partijiet dwar kif għandhom jiddikjaraw l-objettivi tar-regolamenti u kif għandu jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Il-Partijiet għandhom jindirizzaw ukoll ir-relazzjoni bejn ir-regolamenti, l-istandards u l-valutazzjoni tal-konformità f'dan il-kuntest; kif ukoll

(ii) iqabblu l-metodi u s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu analizzati l-proposti regolatorji, inkluż, fejn xieraq, analiżi tal-fattibbiltà teknika jew ekonomika u l-benefiċċji f'dak li jirrigwarda l-objettiv ewlieni ta' kull ħtieġa regolatorja alternattiva jew l-approċċi kkunsidrati. Dan l-iskambju ta' informazzjoni jista' jinkludi wkoll strateġiji ta' konformità u valutazzjonijiet tal-impatt, inkluż tqabbil tal-kosteffikaċja potenzjali tal-proposta regolatorja ma' dik tal-ħtiġijiet regolatorji u l-approċċi alternattivi importanti kkunsidrati;

(g) jeżaminaw l-opportunitajiet biex jiġu minimizzati d-diverġenzi regolamentari bla bżonn b'mezzi bħal:

(i) it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju parallela jew konġunta u valutazzjoni tal-impatt regolatorja jekk fattibbli u ta’ benefiċċju reċiproku;

(ii) il-ksib ta’ soluzzjoni armonizzata, ekwivalenti jew kompatibbli; jew

(iii) il-possibbiltà ta' rikonoxximent reċiproku f'każi speċifiċi;

(h) il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp, l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta’ standards, gwidi u rakkomandazzjonijiet internazzjonali;

(i) l-eżaminar tal-adegwatezza u l-possibbiltà ta’ ġbir tad-dejta identika jew simili dwar in-natura, id-dimensjoni u l-frekwenza tal-problemi li jistgħu potenzjalment iwasslu għal azzjoni regolatorja aktar rapida meta din twassal għal valutazzjoni statistikament sinifikanti dwar dawn il-problemi;

(j) perjodikament iqabblu l-prassi tal-ġbir tad-dejta;

(k) jeżaminaw l-adegwatezza u l-possibbiltà li jintużaw suppożizzjonijiet u metodoloġiji bħal jew simili għal dawk li tuża l-Parti l-oħra biex tiġi analizzata d-dejta u jivvalutaw il-kwistjonijiet sottostanti li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' regolamenti sabiex:

(i) inaqqsu d-differenzi fl-identifikar ta' kwistjonijiet; kif ukoll

(ii) titmexxa 'l quddiem l-affinità tar-riżultati;

(l) perjodikament iqabblu l-assunzjonijiet u l-metodoloġiji analitiċi;

(m) jiskambjaw informazzjoni dwar l-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regolamenti, kif ukoll dwar il-mezzi biex tinkiseb u titkejjel il-konformità;

(n) iwettqu programmi ta' riċerka kollaborattiva sabiex:

(i) tonqos ir-riċerka duplikattiva;

(ii) tiġi ġġenerata aktar informazzjoni b'inqas spejjeż;

(iii) tinġabar l-aħjar dejta;

(iv) tiġi stabbilita, fejn ikun xieraq, bażi xjentifika komuni;

(v) jiġu indirizzati l-problemi regolatorji l-aktar urġenti b’mod aktar konsistenti u orjentat lejn ir-riżultati; kif ukoll

(vi) jonqsu d-differenzi bla bżonn fil-proposti regolatorji ġodda filwaqt li b’mod aktar effikaċi titjieb il-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà u tal-ambjent;

(o) iwettqu rieżamijiet tar-regolamenti jew tal-politiki wara l-implimentazzjoni tagħhom;

(p) iqabblu l-metodi u s-suppożizzjonijiet użati f’dawk rieżamijiet ta' wara l-implimetazzjoni;

(q) fejn applikabbli, jagħmlu disponibbli għal xulxin is-sommarji ta' dawk ir-riżultati tar-rieżamijiet ta' wara l-implimetazzjoni;

(r) jidentifikaw approċċ xieraq biex jonqsu l-effetti negattivi tad-differenzi regolatorji eżistenti fuq il-kummerċ bilaterali u l-investiment f’setturi identifikati minn Parti, inkluż, meta xieraq, permezz ta’ konverġenza akbar, rikonoxximent reċiproku, tnaqqis fl-użu ta’ strumenti regolatorji li joħolqu distorsjoni tal-kummerċ u l-investiment, u l-użu ta’ standards internazzjonali, inkluż standards u gwidi għall-valutazzjoni tal-konformità; jew

(s) jiskambjaw informazzjoni,kompetenzi u esperjenzi fil-qasam tal-benesseri tal-annimali sabiex titmexxa 'l quddiem il-kollaborazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali bejn il-Partijiet.

ARTIKOLU 21.5

Kompatibbiltà tal-miżuri regolatorji

Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-konverġenza u l-kompatibbiltà bejn il-miżuri regolatorji tal-Partijiet, kull Parti għandha, meta xieraq, tikkunsidra l-miżuri jew l-inizjattivi regolatorji tal-Parti l-oħra dwar l-istess suġġett jew suġġetti relatati. Parti ma hijiex prekluża milli tadotta miżuri regolatorji differenti jew li ssegwi inizjattivi differenti għal raġunijiet li jinkludu approċċi, ċirkostanzi, valuri jew prijoritajiet istituzzjonali jew leġiżlattivi li huma speċifiċi għal dik il-Parti.

ARTIKOLU 21.6

Forum ta' Kooperazzjoni Regolatorja

1. Qed jiġi stabbilit Forum ta' Kooperazzjoni Regolatorja (Regulatory Cooperation Forum - "RCF"), skont l-Artikolu 26.2.1(h) (Kumitati speċjalizzati), biex jiffaċilita u jippromwovi l-kooperazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet skont dan il-Kapitolu.

2. L-RCF għandu jwettaq il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jipprovdi forum li fih jiġu diskussi kwistjonijiet ta' politika regolatorja ta' interess reċiproku li l-Partijiet ikunu identifikaw, fost l-oħrajn, permezz ta' konsultazzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 21.8;

(b) jassisti lir-regolaturi individwali biex jidentifikaw l-imsieħba potenzjali għal attivitajiet ta' kooperazzjoni u jipprovdilhom għodda xierqa għal dan l-għan, bħal mudelli ta' ftehimiet ta' kunfidenzjalità;

(c) jirrieżamina l-inizjattivi regolatorji, kemm dawk li jkunu qed jiżvolġu kif ukoll dawk previsti, li Parti tqis li jistgħu jipprovdu l-potenzjal ta' kooperazzjoni. Ir-rieżami, li se jitwettaq b'konsultazzjoni ma' dipartimenti u aġenziji regolatorji, għandu jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu; kif ukoll

(d) jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali skont l-Artikolu 21.4 u, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mingħand id-dipartimenti u l-aġenziji regolatorji, janaliżża l-progress, il-kisbiet u tal-aħjar prattiki tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni regolatorja f'setturi speċifiċi.

3. L-RCF ikun kopresedut minn rappreżentant għoli tal-Gvern tal-Kanada fil-livell ta' Viċi Ministru, ekwivalenti jew maħtur, u minn rappreżentant għoli tal-Kummissjoni Ewropea fil-livell ta' Direttur Ġenerali, ekwivalenti jew maħtur, u għandu jinkludi uffiċjali rilevanti ta' kull Parti. Il-Partijiet jistgħu, b'kunsens reċiproku, jistiednu partijiet interessati oħra biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-RCF.

4. L-RCF għandu:

(a) jadotta t-termini ta' referenza, il-proċeduri u l-pjan ta' ħidma tiegħu fl-ewwel laqgħa li jagħmel wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

(b) jiltaqa' fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u mill-inqas kull sena minn hemm 'il quddiem, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor; kif ukoll

(c) jirrapporta lill-Kumitat Konġunt CETA dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, kif xieraq.

ARTIKOLU 21.7

Aktar kooperazzjoni bejn il-Partijiet

1. Skont l-Artikolu 21.6.2(c) u biex ikun jista' jsir monitoraġġ ta' proġetti regolatorji futuri u sabiex jiġu identifikati opportunitajiet għal kooperazzjoni regolatorja, il-Partijiet għandhom perjodikament jiskambjaw informazzjoni dwar proġetti regolatorji li jkunu għaddejjin jew ippjanati fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, jekk ikun xieraq, regolamenti tekniċi ġodda jew emendi għal regolamenti tekniċi eżistenti li x'aktarx jiġu proposti jew adottati.

2. Il-Partijiet jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni regolatorja permezz tal-iskambju ta' uffiċjali skont arranġament speċifiku.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw u jaqsmu l-informazzjoni fuq bażi volontarja fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti mhux tal-ikel. Din il-kooperazzjoni jew l-iskambju ta' informazzjoni jistgħu jkunu jirrigwardaw b'mod partikolari:

(a) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi, u regolatorji, biex jgħinu fit-titjib tas-sikurezza tal-prodotti mhux tal-ikel;

(b) kwistjonijiet emerġenti ta’ rilevanza sinifikanti għas-saħħa u s-sikurezza li jaqgħu fl-ambitu tal-awtorità ta’ Parti;

(c) attivitajiet li jirrigwardaw l-istandardizzazzjoni;

(d) azzjonijiet ta’ sorveljanza tas-suq u tal-infurzar;

(e) metodi tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-ittestjar tal-prodotti; kif ukoll

(f) sejħiet lura ta’ prodotti kkoordinati jew azzjonijiet oħra simili.

4. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu skambju reċiproku ta’ informazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumaturi u dwar miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi li jkunu ttieħdu. B’mod partikolari, il-Kanada tista’ tirċievi aċċess għal informazzjoni magħżula mingħand is-sistema ta’ twissija RAPEX tal-Unjoni Ewropea, jew is-suċċessur tagħha, fir-rigward ta’ prodotti tal-konsumatur kif imsemmi fid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti. L-Unjoni Ewropea tista' tirċievi informazzjoni ta’ twissija bikrija dwar miżuri restrittivi u sejħiet lura ta’ prodotti mis-sistema ta' rapportar Kanadiża dwar inċidenti li jirrigwardaw il-prodotti tal-konsumaturi, magħrufa bħala RADAR, jew is-suċċessur tagħha, fir-rigward tal-prodotti għall-konsumatur, kif definit fil-*Canada Consumer Product Safety Act*, S.C. 2010, c. 21 u l-kożmetiċi kif definit fil-*Food and Drugs Act*, R.S.C. 1985, c. F-27. Dan l-iskambju ta’ informazzjoni għandu jsir fuq il-bażi ta’ arranġament li jistabbilixxi l-miżuri msemmija fil-paragrafu 5.

5. Qabel il-Partijiet iwettqu l-ewwel skambju ta' informazzjoni previst fil-paragrafu 4, huma għandhom jiżguraw li l-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija japprova l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dawn l-iskambji. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jkunu jispeċifikaw it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata, il-modalitajiet għall-iskambju u l-applikazzjoni ta' regoli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta personali.

6. Il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija għandu japprova l-miżuri fil-paragrafu 5 fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux li jestendu d-data.

7. Il-Partijiet jistgħu jimmodifikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 5. Il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija għandu japprova kull modifika għall-miżuri.

ARTIKOLU 21.8

Konsultazzjonijiet ma' entitajiet privati

Sabiex jinkisbu perspettivi mhux governattivi dwar materji li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, kull Parti jew il-Partijiet jistgħu jikkonsultaw, kif xieraq, mal-partijiet ikkonċernati, inkluż rappreżentanti mid-dinja akkademika, gruppi ta' riflessjoni, organizzazzjonijiet mhux governattivi, intrapriżi, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u organizzazzjonijiet oħra. Dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jitmexxew b'kull mezz li Parti jew il-Partijiet jidhrilhom li jkun xieraq.

ARTIKOLU 21.9

Punti ta' kuntatt

1. Il-punti ta’ kuntatt għall-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwistjonijiet li jinqalgħu taħt dan il-Kapitolu huma:

(a) fil-każ tal-Kanada, it-"Technical Barriers and Regulations Division" tad-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ u l-Iżvilupp, jew is-suċċessur tagħha; u

(b) fil-każ tal-Unjoni Ewropea, l-Unità għall-Affarijiet Internazzjonali tad-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, jew is-suċċessur tagħha.

2. Kull punt ta’ kuntatt ikun responsabbli għall-konsultazzjoni u l-koordinazzjoni mad-dipartimenti u l-aġenziji regolatorji rispettivi tiegħu, kif xieraq, dwar kwistjonijiet li joħorġu minn dan il-Kapitolu.

KAPITOLU TNEJN U GĦOXRIN

KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 22.1

Kuntest u objettivi

1. Il-Partijiet ifakkru fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, fl-Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, id-Dikjarazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 u l-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħolqien ta' ambjent fil-livell nazzjonali u dak internazzjonali li jwassal biex jiġi ġġenerat livell massimu u produttiv ta' impjiegi u xogħol deċenti għal kulħadd, u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-2006, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent huma komponenti interdipendenti u ta' tisħiħ reċiproku tal-iżvilupp sostenibbli, u jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-objettiv ta' żvilupp sostenibbli, għall-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

2. Il-Partijiet jenfasizzaw il-benefiċċju li l-kwistjonijiet dwar xogħol u ambjent li jirrigwardaw il-kummerċ jitqiesu bħala parti minn approċċ globali għal kummerċ u żvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, il-Partijiet jaqblu li d-drittijiet u l-obbligi taħt il-Kapitoli Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent) għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

3. F'dan ir-rigward, permezz tal-implimentazzjoni tal-Kapitoli Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent), il-Partijiet għandhom l-għan li:

(a) jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' koordinazzjoni mtejba u l-integrazzjoni tal-politiki u miżuri rispettivi tagħhom dwar ix-xogħol, l-ambjent u l-kummerċ;

(b) jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet bl-għan li jiġu żviluppati r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi tagħhom b'mod li jappoġġa l-miżuri u l-istandards rispettivi tagħhom dwar ix-xogħol u l-ħarsien tal-ambjent, u li jiġu appoġġati l-objettivi tagħhom tal-ħarsien tal-ambjent u tax-xogħol f'kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali li huma ħielsa, miftuħa u trasparenti;

(c) itejbu l-infurzar ta' liġijiet rispettivi tagħhom dwar ix-xogħol u l-ambjent kif ukoll ir-rispett għall-ftehimiet internazzjonali tax-xogħol u l-ambjent;

(d) jippromwovu l-użu sħiħ ta' strumenti, bħall-valutazzjoni tal-impatt u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, fir-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-kummerċ, ix-xogħol u l-ambjent u jinkoraġġixxu l-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivilu u ċ-ċittadini biex jiżviluppaw u jimplimentaw prattiki li jikkontribwixxu għall-ksib tal-miri ta' żvilupp sostenibbli; kif ukoll

(e) jippromwovu l-konsultazzjoni pubblika u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fid-diskussjoni dwar il-kwistjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli li jirriżultaw minn dan il-Ftehim u fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni u politiki rilevanti.

ARTIKOLU 22.2

Trasparenza

Il-Partijiet jisħqu dwar l-importanza li tiġi żgurata t-trasparenza bħala element neċessarju għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku u li l-informazzjoni ssir pubblika fil-kuntest ta' dan il-Kapitolu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Kapitolu Sebgħa u Għoxrin (Trasparenza) kif ukoll l-Artikoli 23.6 (Informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika) u 24.7 (Informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika).

ARTIKOLU 22.3

Kooperazzjoni u promozzjoni tal-kummerċ b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-kooperazzjoni internazzjonali sabiex jinkiseb l-objettiv ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni fil-livell internazzjonali ta' inizjattivi, azzjonijiet u miżuri favur l-iżvilupp u l-protezzjoni ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Għalhekk, il-Partijiet jaqblu li jiddjalogaw u li jikkonsultaw lil xulxin dwar kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli li jirrigwardaw il-kummerċ li huma ta' interess komuni.

2. Il-Partijiet jaffermaw li l-kummerċ għandu jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex tippromwovi l-flussi u l-prattiki kummerċjali u ekonomiċi li jikkontribwixxu għat-titjib ta' xogħol deċenti u l-protezzjoni tal-ambjent, inkluż billi:

(a) tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-użu ta' skemi volontarji li għandhom x'jaqsmu ma' produzzjoni sostenibbli ta' prodotti u servizzi, bħal ma huma l-ekotikkettar u l-iskemi ta' kummerċ ġust;

(b) tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-użu fuq bażi volontarja tal-aħjar prattiki ta' responsabbiltà soċjali korporattiva mill-intrapriżi, bħal dawk fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, biex tissaħħaħ il-koerenza bejn l-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali;

(c) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà, f'deċiżjonijiet tal-konsum privat u pubbliku; kif ukoll

(d) tippromwovi l-iżvilupp, l-istabbiliment, iż-żamma jew it-titjib ta' miri u standards u ta' prestazzjoni ambjentali.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi għall-iżvilupp sostenibbli billi jivvalutaw l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta' azzjonijiet possibbli, filwaqt li jikkunsidraw il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati. Għalhekk, kull Parti timpenja ruħha biex tagħmel rieżami, monitoraġġ u valutazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim dwar l-iżvilupp sostenibbli fit-territorju tagħha sabiex tidentifika kull bżonn għal azzjoni li jista' jinqala' b'konnessjoni ma' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jwettqu valutazzjonijiet konġunti. Dawn il-valutazzjonijiet se jitwettqu b'mod li jkun adattat għall-prattiki u l-kundizzjonijiet ta' kull Parti, permezz tal-proċessi parteċipattivi rispettivi tal-Partijiet, kif ukoll dawk il-proċessi stabbiliti skont dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 22.4

Mekkaniżmu istituzzjonali

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(g) (Kumitati speċjalizzati), għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli tal-Partijiet responsabbli għal kwistjonijiet koperti minn dan il-Kapitolu u l-Kapitoli Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent). Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn il-Kapitoli, inkluż l-attivitajiet kollaborattivi u r-rieżami tal-impatt ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli, u jindirizza b'mod integrat kull kwistjoni ta' interess komuni għall-Partijiet fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali. Fir-rigward ta' Kapitoli Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) u Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent), il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jista' wkoll iwettaq id-dmirijiet tiegħu permezz ta' sessjonijiet speċifiċi li jinkludu parteċipanti responsabbli għal kull kwistjoni koperta, rispettivament, minn dawn il-Kapitoli.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' fl-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u suċċessivament kull meta l-Partijiet jidrilhom li hu meħtieġ. Il-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikoli 23.8 (Mekkaniżmi istituzzjonali) u 24.13 (Mekkaniżmi istituzzjonali) huma responsabbli għall-komunikazzjoni bejn il-Partijiet rigward l-iskedar u l-organizzazzjoni ta' dawn il-laqgħat jew sessjonijiet speċifiċi.

3. Kull laqgħa regolari jew sessjoni speċifika tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tinkludi sessjoni mal-pubbliku biex jiġu diskussi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-Kapitoli rilevanti, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jippromwovi t-trasparenza u l-parteċipazzjoni pubblika. Għal dan il-għan:

(a) kull deċiżjoni jew rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandhom ikunu pubbliċi, għajr jekk huwa stess jiddeċiedi mod ieħor;

(b) il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jippreżenta aġġornamenti dwar kull kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu, inkluż l-implimentazzjoni tiegħu, lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmi fl-Artikolu 22.5. Kull fehma jew opinjoni tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandha tiġi ppreżentata lill-Partijiet direttament, jew permezz ta' mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 23.8.3 (Mekkaniżmi istituzzjonali) u 24.13 (Mekkaniżmi istituzzjonali). Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jirrapporta kull sena dwar is-segwitu għal dawn il-komunikazzjonijiet;

(c) il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jirrappurta kull sena dwar kull kwistjoni li jindirizza skont l-Artikolu 24.7.3 (Informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika) jew l-Artikolu 23.8.4 (Mekkaniżmi istituzzjonali).

ARTIKOLU 22.5

Forum tas-Soċjetà Ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw Forum tas-Soċjetà Ċivili konġunt magħmul minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili stabbiliti fit-territorji tagħhom, inkluż il-parteċipanti f'mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikoli 23.8.3 (Mekkaniżmi istituzzjonali) u 24.13 (Mekkaniżmi istituzzjonali), biex imexxu djalogu dwar l-aspetti tal-iżvilupp sostenibbli ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jiltaqa' darba fis-sena sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jippromwovu rappreżentanza bilanċjata tal-interessi rilevanti, inkluż l-interessi tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti ta' min iħaddem, tat-trade unions, tal-organizzazzjonijiet tax-xogħol u tal-intrapriżi, tal-gruppi ambjentali kif ukoll ta' organizzazzjonijiet oħra rilevanti tas-soċjetà ċivili kif xieraq. Il-Partijiet jistgħu wkoll jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni b'mezzi virtwali.

KAPITOLU TLIETA U GĦOXRIN

KUMMERĊ U XOGĦOL

ARTIKOLU 23.1

Kuntest u objettivi

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-kooperazzjoni u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-affarijiet tax-xogħol bħala rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni. Huma jagħrfu l-kontribut li l-kummerċ internazzjonali jista' jagħmel biex jinkiseb livell massimu u produttiv ta' impjiegi u xogħol deċenti għal kulħadd, u jimpenjaw ruħhom li jikkonsultaw u jikkooperaw kif meħtieġ dwar kwistjonijiet ta' xogħol u impjiegi b'rabta mal-kummerċ li huma ta' interess reċiproku.

2. Filwaqt li jaffermaw il-valur ta' koerenza akbar fil-politiki dwar ix-xogħol dinjituż, li jinkludu standards ċentrali tax-xogħol, u livelli għoljin ta' protezzjoni tal-ħaddiema, flimkien ma' infurzar effikaċi tagħhom, il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol benefiċjali li dawn l-oqsma jista' jkollhom fuq l-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-produttività ekonomika, inkluż il-prestazzjoni tal-esportazzjoni. F'dan il-kuntest, huma jirrikonoxxu wkoll l-importanza tad-djalogu soċjali dwar kwistjonijiet ta' xogħol fost il-ħaddiema u min iħaddem, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, u l-gvernijiet, u jimpenjaw ruħhom favur il-promozzjoni ta' tali djalogu.

ARTIKOLU 23.2

Id-dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

Filwaqt li jirrikonoxxi d-dritt ta’ kull Parti li tistabbilixxi l-prijoritajiet tax-xogħol tagħha, li tistabbilixxi l-livelli tagħha ta’ protezzjoni tal-ħaddiema u li tadotta jew timmodifika kif xieraq il-liġijiet u l-politiki tagħha b’mod konsistenti mal-impenji internazzjonali tax-xogħol tagħha, inkluż dawk f’dan il-Kapitolu, kull Parti għandha tfittex li tiżgura li dawn il-liġijiet u l-politiki jipprovdu għal livelli għoljin ta’ protezzjoni tax-xogħol u jinkoraġġuhom u tagħmel ħilitha biex tkompli ttejjeb dawk il-liġijiet u politiki bl-għan li jipprovdu livelli għoljin ta’ protezzjoni tal-ħaddiema.

ARTIKOLU 23.3

Standards u ftehimiet multilaterali dwar ix-xogħol

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġi u l-prattiki tax-xogħol tagħha jinkorporaw il-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fil-post tax-xogħol li huma elenkati hawn taħt kif ukoll jipprovdu protezzjoni għalihom. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu dawn il-prinċipji u d-drittijiet skont l-obbligi tal-membri tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (“ILO”) u l-impenji skont id-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-Segwitu tagħha tal-1998 adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha:

(a) il-libertà ta’ assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta’ negozjar kollettiv;

(b) l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat jew obbligatorju;

(c) l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal; u

(d) l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u x-xogħol.

2. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġi u l-prattiki tax-xogħol tagħha jippromwovu l-objettivi li ġejjin li jinsabu inklużi fl-Aġenda tal-ILO dwar ix-Xogħol Deċenti, u b'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta tal-2008 adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol fis-97 Sessjoni tagħha, u impenji internazzjonali oħra:

(a) is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol, inkluża l-prevenzjoni ta' korriment jew mard fil-post tax-xogħol u l-kumpens fil-każ ta' korriment jew mard bħal dan;

(b) l-istabbiliment ta' standards minimi aċċettabbli ta' impjieg għall-ħaddiema bil-paga, inklużi dawk li mhumiex koperti bi ftehim kollettiv; kif ukoll,

(c) in-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż għall-ħaddiema migranti.

3. Skont is-subparagrafu 2(a), kull Parti għandha tiżgura li l-liġi u l-prattiki tax-xogħol tagħha jinkorporaw u jipprovdu protezzjoni għal kundizzjonijiet ta' xogħol li jirrispettaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, inkluż bil-formulazzjoni ta' politiki li jippromwovu prinċipji bażiċi mmirati lejn il-prevenzjoni ta' inċidenti u korrimenti li jirriżultaw minn jew waqt ix-xogħol, u li jkunu mmirati lejn l-iżvilupp ta' kultura ta' saħħa u sikurezza preventiva fejn il-prinċipju ta' prevenzjoni jingħata l-ogħla prijorità. Meta tkun qed tħejji u timplimenta miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, kull Parti għandha tqis informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti u standards, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet internazzjonali relatati, jekk dawn il-miżuri jistgħu jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet. Il-Partijiet jirrikonoxxu li f'każ ta' perikli jew kundizzjonijiet eżistenti jew potenzjali li jistgħu jkunu raġonevolment mistennijin li jikkawżaw korriment jew mard lil persuna fiżika, Parti ma għandhiex tuża n-nuqqas ta' ċertezza xjentifika totali bħala raġuni biex tipposponi miżuri protettivi kosteffikaċi.

4. Kull Parti terġa' tafferma l-impenn tagħha biex timplimenta b'mod effettiv fil-liġi u l-prassi tagħha fit-territorju kollu tagħha, il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO li l-Kanada u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea rratifikaw rispettivament. Il-Partjiet għandhom jagħmlu sforzi kostanti u assidwi biex jirratifikaw il-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO jekk ma jkunux għadhom irratifikawhom. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjoni u l-progress rispettivi tagħhom fir-rigward tar-ratifikazzjoni tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO kif ukoll Konvenzjonijiet ta' prijorità u oħrajn li l-ILO tikklassifikhom bħala aġġornati.

ARTIKOLU 23.4

Iż-żamma tal-livelli ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li mhuwiex xieraq li jinkoraġġixxu l-kummerċ jew l-investiment billi jdgħajfu jew inaqqsu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija fil-liġi u l-istandards tax-xogħol tagħhom.

2. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew inkella tidderoga, jew toffri li tirrinunzja jew li tidderoga mod ieħor, mil-liġi u l-istandards tax-xogħol tagħha, biex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-istabbiliment, l-akkwist, l-espansjoni jew iż-żamma ta’ investiment fit-territorju tagħha.

3. Parti ma għandhiex, permezz ta' kors ta' azzjoni jew inazzjoni kostanti jew rikorrenti, tonqos milli tapplika b'mod effikaċi l-liġi u l-istandards tax-xogħol tagħha, biex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment.

ARTIKOLU 23.5

Proċeduri ta' eżekuzzjoni, proċedimenti amministrattivi
u rieżami tal-azzjoni amministrattiva

1. Skont l-Artikolu 23. 4, kull Parti għandha tippromwovi l-osservanza tal-liġi tagħha dwar ix-xogħol,u tapplika l-eżekuzzjoni effikaċi tagħha inkluż billi:

(a) żżomm sistema ta’ spezzjoni tax-xogħol f’konformità mal-impenji internazzjonali li għandhom l-għan li jiggarantixxu l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema li huma eżegwibbli mill-ispetturi tax-xogħol; u

(b) tiżgura li l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji jkunu disponibbli għal persuni b'interess rikonoxxuti legalment fi kwistjoni partikolari li jiddikjaraw li inkiser dritt skont il-liġi tagħha, sabiex tippermetti azzjoni effikaċi kontra l-ksur tal-liġijiet tax-xogħol tagħha, inkluż rimedji xierqa għall-ksur ta' din il-liġi.

2. Kull Parti għandha, b'konformità mal-liġi tagħha, tiżgura li l-proċedimenti msemmija fis-subparagrafu 1(b) ma jkunux ikkomplikati bla bżonn jew eċċessivament għaljin, ma jkunux jinvolvu limiti taż-żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat, jipprovdu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, jekk dan ikun xieraq, u jkunu ġusti u ekwi, inkluż billi:

(a) tagħti lill-konvenuti preavviż raġonevoli meta tinbeda proċedura, inkluż deskrizzjoni tan-natura tal-proċediment u l-bażi tal-pretensjoni;

(b) tagħti lill-partijiet fil-proċedimenti opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, inkluż permezz tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni jew evidenza, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali;

(c) tistabbilixxi li d-deċiżjonijiet finali jsiru bil-miktub u jkunu jagħtu r-raġunijiet kif xieraq skont il-każ u abbażi ta' informazzjoni jew evidenza li dwarhom il-partijiet fil-proċediment kellhom l-opportunità li jinstemgħu; u

(d) tippermetti li l-partijiet għal proċedimenti amministrattivi jkollhom l-opportunità għar-rieżami u, jekk ikun meħtieġ, il-korrezzjoni tad-deċiżjonijiet finali fi żmien raġonevoli minn tribunal stabbilit bil-liġi, b'garanziji xierqa ta' tribunal indipendenti u imparzjali.

ARTIKOLU 23.6

Informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika

1. Barra mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 27.1 (Pubblikazzjoni), kull Parti għandha tinkoraġġixxi d-dibattitu pubbliku ma' atturi li mhumiex statali kif ukoll fosthom fir-rigward tal-iżvilupp u d-definizzjoni ta' politiki li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni tal-liġi u l-istandards tax-xogħol mill-awtoritajiet pubbliċi tagħha.

2. Kull Parti għandha tippromwovi s-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-liġi u l-istandards tax-xogħol tagħha, kif ukoll il-proċeduri ta' eżekuzzjoni u konformità, inkluż billi tiżgura d-disponibbiltà tal-informazzjoni u billi tieħu passi biex jiżdied l-għarfien u l-fehim tal-ħaddiema, ta' min iħaddem u r-rappreżentanti tagħhom.

ARTIKOLU 23.7

Attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw sabiex jippromwovu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu permezz ta' azzjonijiet bħal:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prassi dwar kwistjonijiet ta' interess komuni u dwar avvenimenti, attivitajiet, u inizjattivi rilevanti;

(b) kooperazzjoni fil-fora internazzjonali li jittrattaw kwistjonijiet rilevanti għall-kummerċ u x-xogħol, inkluż b'mod partikolari d-WTO u l-ILO;

(c) il-promozzjoni internazzjonali u l-applikazzjoni effikaċi tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fil-post tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 23.3.1, u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO;

(d) li d-djalogu u l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tax-xogħol fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali rispettivi tagħhom, u l-implimentazzjoni tagħhom;

(e) l-esplorazzjoni ta' kollaborazzjoni f'inizjattivi rigward partijiet terzi; u

(f) kull forma oħra ta' kooperazzjoni meqjusa xierqa.

2. Il-Partijiet se jikkunsidraw kull opinjoni pprovduta mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, minn min iħaddem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jkunu qed jidentifikaw oqsma ta' kooperazzjoni, u t-twettiq ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni.

3. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-ILO u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali kompetenti oħra biex jibbenefikaw mill-għarfien espert u r-riżorsi tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan il-Kapitolu.

ARTIKOLU 23.8

Mekkaniżmi istituzzjonali

1. Kull Parti għandha taħtar uffiċċju li jservi bħala l-punt ta' kuntatt mal-Parti l-oħra għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż fir-rigward ta':

(a) programmi ta' kooperazzjoni u attivitajiet skont l-Artikolu 23.7;

(b) fejn jintlaqgħu sottomissjonijiet u komunikazzjonijiet skont l-Artikolu 23.9; u

(c) informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Parti l-oħra, Gruppi ta' Esperti u l-pubbliku.

2. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar il-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(g) (Kumitati speċjalizzati) għandu, permezz tal-laqgħat regolari tiegħu jew sessjonijiet speċifiċi li jinkludu parteċipanti responsabbli għall-materji koperti taħt dan il-Kapitolu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u janalizza l-progress li jkun sar taħtu, inkluż l-operat u l-effikaċja tiegħu; kif ukoll

(b) jiddiskuti kull kwistjoni oħra fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Kull Parti għandha tlaqqa' l-gruppi konsultattivi tagħha rigward ix-xogħol jew l-iżvilupp sostenibbli jew tifforma wieħed ġdid, biex tfittex opinjonijiet u pariri dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu. Dawn il-gruppi għandhom jinkludu organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti tas-soċjetà ċivili b'rappreżentanza bbilanċjata tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, it-trade unions, l-organizzazzjonijiet tax-xogħol u tal-intrapriżi, kif ukoll partijiet ikkonċernati relevanti oħra kif xieraq. Huma jistgħu jressqu opinjonijiet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kull kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu fuq inizjattiva tagħhom stess.

5. Kull Parti għandha tkun miftuħa li tirċievi u tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lill-komunikazzjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu, inkluż il-komunikazzjonijiet li jirrigwardaw il-preokkupazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni. Kull Parti għandha tgħarraf lill-gruppi konsultattivi rispettivi tagħha tax-xogħol jew tal-iżvilupp sostenibbli b'dawn il-komunikazzjonijiet.

6. Il-Partijiet għandhom iqisu l-attivitajiet tal-ILO sabiex jippromwovu kooperazzjoni u koerenza akbar bejn il-ħidma tal-Partijiet u dawk tal-ILO.

ARTIKOLU 23.9

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kull kwistjoni li tinqala' skont dan il-Kapitolu, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Fit-talba tagħha l-Parti għandha tippreżenta l-kwistjoni b'mod ċar, tidentifika l-mistoqsijiet kontenzjużi u tipprovdi sommarju qasir ta' kull pretensjoni taħt dan il-Kapitolu. Il-konsultazzjonijiet iridu jibdew minnufih wara li Parti tibgħat talba għall-konsultazzjonijiet.

2. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra biżżejjed informazzjoni li jkollha sabiex tippermetti eżami komplet tal-kwistjonijiet imqajma, soġġett għal-liġi tagħha rigward informazzjoni kunfidenzjali, personali u kummerċjali.

3. Jekk ikun rilevanti, u jekk iż-żewġ Partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom, il-Partijiet għandhom ifittxu l-informazzjoni jew l-ideat ta' xi persuna, organizzazzjoni jew korp, inkluż l-ILO, li jistgħu jikkontribwixxu biex tiġi eżaminata l-kwistjoni li tqum.

4. Jekk Parti tħoss li l-kwistjoni teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista' titlob li jitlaqqa' l-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli biex jikkunsidra l-kwistjoni billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jagħmel ħiltu biex isolvi l-kwistjoni. Jekk ikun meħtieġ, huwa għandu jfittex il-parir tal-gruppi konsultattivi tal-Partijiet dwar ix-xogħol jew l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 23.8.

5. Kull Parti għandha tagħmel pubblikament disponibbli kull soluzzjoni jew deċiżjoni dwar kwistjoni diskussa taħt dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 23.10

Il-Bord ta' Esperti

1. Għal kull kwistjoni li mhijiex indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz ta' konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 23.9, Parti tista', 90 jum wara li tkun irċeviet talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 23.9.1, titlob li jitlaqqa' l-Bord ta' Esperti biex jeżamina din il-kwistjoni, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra.

2. Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom japplikaw ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta stipulati fl-Annessi 29-A u 29-B, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

3. Il-Bord ta' Esperti jkun magħmul minn tliet membri.

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Esperti fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol minn meta tasal għand il-Parti rispondenti tat-talba għat-twaqqif ta' Bord ta' Esperti. Attenzjoni debita għandha tingħata biex jiġi żgurat li Membri tal-Bord proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7 u li jkollhom il-kompetenza adatta dwar il-kwistjoni partikolari.

5. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jiddeċiedu dwar il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Esperti fil-perjodu ta' żmien speċifikat fil-paragrafu 4, tapplika l-proċedura tal-għażla stipulata fil-paragrafi minn 3 sa 7 tal-Artikolu 29.7 (Kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ) fir-rigward tal-lista stabbilita fil-paragrafu 6.

6. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-anqas disa' persuni magħżula għall-oġġettività, l-affidabbiltà u l-ġudizzju tajjeb, li jkunu disposti u li jkunu kapaċi jservu bħala membri tal-bord. Kull Parti għandha tinnomina mill-inqas tliet persuni mil-lista biex iservu bħala membri tal-bord. Il-Partijiet għandhom ukoll jinnominaw mill-anqas tliet persuni li mhumiex ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li jkunu disposti u kapaċi jservu bħala l-president ta' Bord ta' Esperti. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

7. L-esperti li jkunu ġew proposti bħala membri tal-bord għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew kompetenzi fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, fi kwistjonijiet oħra indirizzati f'dan il-Kapitolu, jew fir-riżoluzzjoni ta' tilwimiet li jinqalgħu taħt ftehimiet internazzjonali. Huma jridu jkunu indipendenti, jaqdu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu l-ebda struzzjoni mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward tal-kwistjoni li jissejħu għaliha. Huma ma jridux ikunu affiljati mal-gvern ta' xi waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fil-paragrafu 2.

8. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn dakinhar li jintgħażlu l-membri tal-bord, it-termini ta' referenza tal-Bord tal-Esperti jkunu kif ġej:

"*biex jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli), il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-Bord tal-Esperti, u biex joħroġ rapport, skont l-Artikolu 23.10 (Bord ta' Esperti), tal-Kapitolu Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol) li jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-kwistjoni.*"

9. Fir-rigward ta’ kwistjonijiet relatati ma'; ftehimiet multilaterali kif stipulat fl-Artikolu 23.3, il-Bord tal-Esperti għandu jfittex informazzjoni mingħand l-ILO, inkluż kull gwida interpretattiva pertinenti disponibbli, konklużjonijiet jew deċiżjonijiet adottati mill-ILO[31].

10. Il-Bord jista’ jitlob u jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub jew kull informazzjoni oħra minn persuni b’informazzjoni rilevanti jew għarfien speċjalizzat.

11. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ rapport interim lill-Partijiet u rapport finali li jistabbilixxi l-konklużjonijiet ta' fatt, id-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni, inklużi fir-rigward ta’ jekk il-Parti rispondenti tkunx konformi mal-obbligi tagħha taħt dan il-Kapitolu u r-raġunament bażiku wara l-konklużjonijiet, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li tagħmel. Il-Bord ta’ Esperti għandu jagħti lill-Partijiet ir-rapport interim fi żmien 120 jum wara li jintagħżel l-aħħar membru tal-bord, jew kif deċiż mod ieħor mill-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu kummenti lill-Bord ta’ Esperti dwar ir-rapport interim fi żmien 45 jum minn meta jirċevuh. Wara li jkun qies dawn il-kummenti, il-Bord ta’ Esperti jista’ jikkunsidra mill-ġdid ir-rapport tiegħu u jwettaq kull eżami ulterjuri li huwa jqis xieraq. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali lill-Partijiet fi żmien 60 jum mill-preżentazzjoni tar-rapport interim. Kull Parti għandha tagħmel ir-rapport finali disponibbli pubblikament fi żmien 30 jum minn meta tirċevih.

[31] Il-Partijiet għandhom japplikaw din id-dispożizzjoni f’konformità mar-regola 42 tar-Regoli ta’ Proċedura għall-Arbitraġġ stabbiliti fl-Anness 29-A.

12. Jekk ir-rapport finali tal-Bord tal-Esperti jiddetermina li Parti ma tkunx ikkonformat mal-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jidħlu f'diskussjonijiet u għandhom jagħmlu ħilithom biex, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu r-rapport finali, jidentifikaw miżuri adatti jew, jekk xieraq, jiddeċiedu dwar pjan ta' azzjoni sodisfaċenti għalihom it-tnejn. F'dawn id-diskussjonijiet il-Partijiet għandhom iqisu r-rapport finali. Il-Parti rispondenti għandha tinforma fil-ħin lill-gruppi konsultattivi tagħha dwar ix-xogħol jew l-iżvilupp sostenibbli u lill-Parti rikjedenti bid-deċiżjoni tagħha dwar kull azzjoni jew miżura li għandhom jiġu implimentati. Barra minn hekk, il-Parti rikjedenti għandha tinforma fil-ħin lill-gruppi konsultattivi tagħha tax-xogħol jew tal-iżvilupp sostenibbli u l-Parti rispondenti dwar kull azzjoni jew miżura li tista' tiddeċiedi li tieħu, bħala segwitu għar-rapport finali, biex tinkoraġġixxi r-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni b'mod konsistenti ma' dan il-Ftehim. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jimmonitorja s-segwitu għar-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Esperti. Il-gruppi konsultattivi tax-xogħol u l-iżvilupp sostenibbli tal-Partijiet u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili jistgħu jressqu osservazzjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli f'dan ir-rigward.

13. Jekk il-Partijiet jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tkun miftiehma b'mod reċiproku wara l-istabbiliment ta' Bord ta' Esperti, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u lill-Bord ta' Esperti b'din is-soluzzjoni. Wara din in-notifika, il-proċedura tal-bord għandha tintemm.

ARTIKOLU 23.11

Soluzzjoni ta’ tilwim

1. Għal kull kwistjoni li tinqala’ taħt dan il-Kapitolu, il-Partijiet ikollhom rikors biss għar-regoli u l-proċeduri previsti f’dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat. F'kull waqt, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għall-bon offiċji, għall-konċiljazzjoni jew għall-medjazzjoni biex isolvu dik it-tilwima.

3. Il-Partijiet jifhmu li l-obbligi inklużi f'dan il-Kapitolu huma vinkolanti u eżekutorji permezz ta’ proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim previsti fl-Artikolu 23.10. F’dan il-kuntest, il-Partijiet għandhom jiddiskutu, permezz tal-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, l-effikaċja tal-implimentazzjoni ta’ dan il-Kapitolu, l-iżviluppi tal-politiki f’kull Parti, l-iżviluppi fi ftehimiet internazzjonali, u l-opinjonijiet li jippreżentaw il-partijiet ikkonċernati, kif ukoll permezz ta' rieżami possibbli tal-proċeduri għas-soluzzjoni ta’ tilwim previst fl-Artikolu 23.10.

4. F’każ ta’ nuqqas ta’ qbil skont il-paragrafu 3, Parti tista’ titlob li jsiru konsultazzjonijiet skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 23.9 sabiex isir rieżami tad-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim previsti fl-Artikolu 23.10, bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni bi qbil reċiproku għall-kwistjoni.

5. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jista' jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA modifiki għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Kapitolu, skont il-proċeduri ta' emendar stabbiliti fl-Artikolu 30.2 (Emendi).

KAPITOLU ERBGĦA U GĦOXRIN

KUMMERĊ U AMBJENT

ARTIKOLU 24.1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

liġi ambjentali tfisser liġi, inkluża dispożizzjoni statutorja jew regolatorja, jew miżura legalment vinkolanti ta' Parti, li l-għan tagħha huwa l-protezzjoni tal-ambjent, inkluż il-prevenzjoni ta' periklu għall-ħajja jew għas-saħħa tal-bniedem minn impatti ambjentali, bħal dawk li jimmiraw lejn:

(a) il-prevenzjoni, it-tnaqqis jew il-kontroll tal-ħruġ, in-nixxija, jew l-emissjoni ta' inkwinanti jew kontaminanti ambjentali,

(b) il-ġestjoni ta' kimiċi u skart jew it-tixrid ta' informazzjoni relatata magħhom, jew

(c) il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-flora u l-fawna selvaġġi, inklużi speċijiet fil-periklu u l-ħabitats tagħhom, kif ukoll f'żoni protetti,

iżda ma tinkludix miżura ta' Parti relatata biss mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li hija soġġetta għall-Kapitolu Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol), jew miżura ta' Parti li l-għan tagħha huwa l-ġestjoni tal-ħsad ta' riżorsi naturali għas-sussistenza jew min-naħa tal-popolazzjoni aboriġini.

ARTIKOLU 24.2

Kuntest u objettivi

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ambjent huwa pilastru fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli u jirrikonoxxu l-kontribut li l-kummerċ jista' jagħti għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Partijiet jisħqu li kooperazzjoni msaħħa għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent iġġib magħha benefiċċji li:

(a) jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli;

(b) isaħħu l-governanza ambjentali tal-Partijiet;

(c) jibnu fuq ftehimiet ambjentali internazzjonali li tagħhom huma parti; kif ukoll

(d) jikkomplementaw l-objettivi ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 24.3

Dritt ta' regolamentazzjoni u livelli ta' protezzjoni

Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt ta’ kull Parti li tistabbilixxi l-prijoritajiet ambjentali tagħha, li tistabbilixxi livelli tagħha ta’ protezzjoni ambjentali, u li għaldaqstant tadotta jew timmodifika l-liġijiet u l-politiki tagħha u b’mod konsistenti mal-ftehimiet ambjentali multilaterali li tagħhom hija parti u ma’ dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tfittex li tiggarantixxi li dawn il-liġijiet u politiki jipprevedu u jinkoraġġixxu livelli għoljin ta’ protezzjoni ambjentali, u għandha tagħmel ħilitha biex tkompli ttejjeb tali liġijiet u politiki u l-livelli sottostanti ta’ protezzjoni tagħhom.

ARTIKOLU 24.4

Ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent

1. Il-Partijiet jagħrfu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-problemi ambjentali globali jew reġjonali u jenfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sinerġija bejn il-politiki, ir-regoli u l-miżuri li jirrigwardaw il-kummerċ u l-ambjent.

2. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta b’mod effikaċi fil-liġi u l-prassi tagħha, fit-territorju kollu tagħha, il-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom hija parti.

3. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkonsultaw u jikkooperaw kif meħtieġ fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali ta' interess reċiproku relatati ma' ftehimiet ambjentali multilaterali, u b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati mal-kummerċ. Dan l-impenn jinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar:

(a) l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, li għalihom Parti tkun firmatarja;

(b) in-negozjati li jkunu jinsabu għaddejjin ta' ftehimiet ambjentali multilaterali; kif ukoll

(c) l-opinjonijiet rispettivi ta' kull Parti dwar l-adeżjoni għal ftehimiet ambjentali multilaterali addizzjonali.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu d-dritt tagħhom li jużaw l-Artikolu 28.3 (Eċċezzjonijiet ġenerali) fir-rigward ta' miżuri ambjentali, inkluż dawk meħuda skont il-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom huma firmatarji.

ARTIKOLU 24.5

Żamma tal-livelli ta' protezzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li mhuwiex xieraq li jinkoraġġixxu l-kummerċ jew l-investiment billi jdgħajfu jew inaqqsu l-livelli ta' protezzjoni li tagħti l-liġi ambjentali tagħhom.

2. Parti ma għandhiex tirrinunzja jew inkella tidderoga, jew toffri li tirrinunzja jew li inkella tidderoga, mil-liġi ambjentali tagħha, sabiex tħeġġeġ il-kummerċ jew l-istabbiliment, l-akkwist, l-espansjoni jew iż-żamma ta' investiment fit-territorju tagħha.

3. Parti ma għandhiex, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni kontinwa jew rikorrenti, tonqos milli tinforza b'mod effikaċi l-liġi ambjentali u tax-xogħol tagħha, biex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment.

ARTIKOLU 24.6

Aċċess għal rimedji u garanziji proċedurali

1. Skont l-obbligi fl-Artikolu 24.5:

(a) kull Parti għandha, b'konformità mal-liġi tagħha, tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha għall-infurzar tal-liġi ambjentali jagħtu l-konsiderazzjoni dovuta għal ksur allegat tal-liġi ambjentali li jinġieb għall-attenzjoni tagħhom minn kull persuna interessata residenti jew stabbilita fit-territorju tagħha; kif ukoll

(b) kull Parti għandha tiżgura li jkunu disponibbli proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji għal persuni b'interess rikonoxxuti legalment fi kwistjoni partikolari jew li jiddikjaraw li jkun inkiser dritt skont il-liġi tagħha, sabiex tippermetti azzjoni effikaċi kontra l-ksur tal-liġi ambjentali tagħha, inklużi rimedji xierqa għall-ksur ta' tali liġi.

2. Kull Parti għandha, b'konformità mal-liġi interna tagħha, tiżgura li l-proċedimenti msemmija fis-subparagrafu 1(b) ma jkunux ikkomplikati bla bżonn jew eċċessivament għaljin, ma jkunux jinvolvu limiti taż-żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat, jipprovdu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni, jekk dan ikun xieraq, u jkunu ġusti u ekwi, inkluż billi:

(a) tagħti lill-konvenuti preavviż raġonevoli meta tinbeda proċedura, inkluż deskrizzjoni tan-natura tal-proċediment u l-bażi tal-pretensjoni;;

(b) tagħti lill-partijiet fil-proċedimenti opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, inkluż permezz tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni jew evidenza, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali;

(c) tistabbilixxi li d-deċiżjonijiet finali jsiru bil-miktub u jkunu jagħtu r-raġunijiet kif xieraq skont il-każ u abbażi ta' informazzjoni jew evidenza li fir-rigward tagħha l-partijiet fil-proċediment kellhom l-opportunità li jinstemgħu; kif ukoll

(d) tippermetti li l-partijiet għal proċedimenti amministrattivi jkollhom l-opportunità għar-rieżami u, jekk ikun meħtieġ, il-korrezzjoni tad-deċiżjonijiet finali fi żmien raġonevoli minn tribunal stabbilit bil-liġi, b'garanziji xierqa ta' tribunal indipendenti u imparzjali.

ARTIKOLU 24.7

Informazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika

1. Barra mill-Artikolu 27.1 (Pubblikazzjoni), kull Parti għandha tinkoraġġixxi d-dibattitu pubbliku ma' atturi li mhumiex statali kif ukoll fosthom fir-rigward tal-iżvilupp u d-definizzjoni ta' politiki li jistgħu jwasslu għall-adozzjoni tal-liġi u l-istandards tax-xogħol mill-awtoritajiet pubbliċi tagħha.

2. Kull Parti għandha tippromwovi s-sensibilizzazzjoni pubblika dwar il-liġi ambjentali tagħha, kif ukoll il-proċeduri ta' eżekuzzjoni u konformità, billi tiżgura d-disponibbiltà tal-informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati.

3. Kull Parti għandha tkun miftuħa li tirċievi u tagħti l-konsiderazzjoni dovuta lill-komunikazzjonijiet mill-pubbliku dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu, inkluż il-komunikazzjonijiet li jirrigwardaw il-preokkupazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni. Kull Parti għandha tgħarraf lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rispettivi tagħha b'dawn il-komunikazzjonijiet permezz tal-mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 24.13.5.

ARTIKOLU 24.8

Informazzjoni xjentifika u teknika

1. Meta tkun qed tħejji u timplimenta miżuri mmirati lejn il-protezzjoni tal-ambjent li jista' jkollhom impatt fuq il-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet, kull Parti għandha tqis informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti u standards, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet internazzjonali relatati.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li fejn hemm theddid ta' dannu serju jew irriversibbli, in-nuqqas ta' ċertezza xjentifika sħiħa ma għandux jintuża bħala raġuni biex ikunu posposti miżuri kosteffikaċi biex jipprevjenu d-degradazzjoni ambjentali.

ARTIKOLU 24.9

Kummerċ li jiffavorixxi l-protezzjoni ambjentali

1. Il-Partijiet huma ddeterminati li jagħmlu sforzi sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, fosthom billi jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-ostakli nontariffarji relatati ma' dawn il-prodotti u servizzi.

2. Il-Partijiet għandhom, b'mod konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom, jagħtu attenzjoni speċjali biex jiffaċilitaw it-tneħħija ta' ostakli għall-kummerċ jew għall-investiment fi prodotti u servizzi ta' rilevanza partikolari għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u b'mod partikolari l-kummerċ jew l-investiment fi prodotti tal-enerġija rinnovabbli u s-servizzi relatati.

ARTIKOLU 24.10

Kummerċ fil-prodotti forestali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti biex jipprovdu funzjonijiet ambjentali u opportunitajiet ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u dawk futuri, u ta' aċċess għas-suq għal prodotti forestali maħsuda skont il-liġi tal-pajjiż ta' ħsad u minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli.

2. Għal dan l-għan, u b'mod li jkun konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom, il-Partijiet jintrabtu li:

(a) jinkoraġġixxu l-kummerċ fi prodotti forestali li jkunu ġejjin minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda skont il-liġi tal-pajjiż ta' ħsad;

(b) jiskambjaw informazzjoni, u fejn xieraq, jikkooperaw fuq inizjattivi li jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż inizjattivi mfassla biex jiġġieldu kontra l-qtugħ illegali tas-siġar u l-kummerċ relatat miegħu;

(c) jippromwovu l-użu effettiv tal-*Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu* li saret f'Washington fit-3 ta' Marzu 1973, rigward l-ispeċijiet tal-injam li huma meqjusa f'riskju; kif ukoll

(d) jikkooperaw, fejn ikun xieraq, f'*fora* internazzjonali li jirrigwardaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

3. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu s-suġġetti msemmija fil-paragrafu 2, fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jew fid-Djalogu Bilaterali dwar il-Prodotti Forestali msemmija fil-Kapitolu Ħamsa u Għoxrin (Djalogi u Kooperazzjoni Bilaterali), b'konformità mal-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 24.11

Kummerċ tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-sajd u l-akkwakultura u l-kontribut tagħhom biex jiġu pprovduti opportunitajiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u dawk futuri.

2. Għal dan l-għan, u b'mod li jkun konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom, il-Partijiet jintrabtu li:

(a) jadottaw jew iżommu miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza, bħal skemi ta' osservaturi, skemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kontroll tat-trasbord, spezzjonijiet fuq il-baħar, kontroll mill-Istat tal-port, u s-sanzjonijiet assoċjati, li huma mmirati lejn il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-prevenzjoni tas-sajd eċċessiv;

(b) jadottaw jew iżommu azzjonijiet u jikkooperaw fil-ġlieda kontra sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (“IUU”), inkluż, fejn xieraq, l-iskambju ta’ informazzjoni dwar attivitajiet IUU fl-ilmijiet tagħhom u l-implimentazzjoni ta’ politiki u miżuri li jeskludu prodotti IUU mill-flussi tal-kummerċ u mill-ażjendi tat-trobbija tal-ħut;

(c) jikkooperaw mal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, u fejn xieraq fihom, fejn il-Partijiet ikunu jew membri, osservaturi, jew partijiet mhux kontraenti li jikkoperaw, bl-għan li tinkiseb governanza tajba, inkluż billi jappoġġaw deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza u għall-konformità ma’ dawk id-deċiżjonijiet f’dawn l-organizzazzjonijiet; kif ukoll

(d) jippromovu l-iżvilupp ta’ industrija tal-akkwakultura ambjentalment responsabbli u ekonomikament kompetittiva.

ARTIKOLU 24.12

Kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni msaħħa hija element importanti biex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi ta’ dan il-Kapitolu, u jintrabtu li jikkooperaw fi kwistjonijiet ambjentali ta’ interess komuni relatati mal-ambjent, f’oqsma bħal:

(a) l-impatt potenzjali ta’ dan il-Ftehim fuq l-ambjent u l-modi kif dan jista' jitjieb, jiġi evitat jew mitigat tali impatt, filwaqt li tiġi kkunsidrata kull valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Partijiet;

(b) attività f'*fora* internazzjonali li tittratta kwistjonijiet rilevanti kemm għall-kummerċ kif ukoll għall-politiki ambjentali, inkluż b'mod partikolari d-WTO, l-OECD, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, u ftehimiet ambjentali multilaterali;

(c) id-dimensjoni ambjentali dwar ir-responsabbiltà u l-akkontabilità soċjali korporattiva, inkluż l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment;

(d) l-impatt ta' regolamenti u standards ambjentali fuq il-kummerċ kif ukoll l-impatt ambjentali tar-regoli dwar il-kummerċ u l-investiment inkluż fuq l-iżvilupp ta' regolamenti u politiki ambjentali;

(e) l-aspetti relatati mal-kummerċ tar-reġim internazzjonali attwali u futur tat-tibdil fil-klima, kif ukoll ta' politiki klimatiċi domestiċi u programmi relatati mal-mitigazzjoni u l-adattament, inklużi kwistjonijiet li jirrigwardaw is-swieq tal-karbonju, modi kif jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-kummerċ fuq il-klima, kif ukoll mezzi għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u favur l-ambjent;

(f) il-kummerċ u l-investiment fi prodotti u servizzi ambjentali, inklużi teknoloġiji u prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent; l-enerġija rinnovabbli; l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; u l-użu, il-konservazzjoni u t-trattament tal-ilma;

(g) il-kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika;

(h) il-promozzjoni tal-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, inkluż karbonju tal-kontabilità u l-ġestjoni tat-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja, ir-responsabbiltà estiża tal-produttur, ir-riċiklaġġ u t-tnaqqis tal-iskart, u prattiki tajbin oħrajn;

(i) fehim aħjar tal-effetti tal-attività ekonomika u l-forzi tas-suq fuq l-ambjent; kif ukoll

(j) l-iskambju ta' opinjonijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-ftehimiet ambjentali multilaterali u r-regoli internazzjonali tal-kummerċ.

2. Il-Kooperazzjoni skont il-paragrafu 1 għandha sseħħ permezz ta' azzjonijiet u strumenti li jistgħu jinkludu skambji tekniċi, l-iskambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, ta' proġetti ta' riċerka, studji, rapporti, konferenzi u sessjonijiet ta' ħidma.

3. Il-Partijiet se jikkunsidraw l-opinjonijiet jew il-kontributi mill-pubbliku u l-partijiet ikkonċernati għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom, u dawn jistgħu jinvolvu lil tali partijiet ikkonċernati ulterjorment f'dawn l-attivitajiet, kif xieraq.

ARTIKOLU 24.13

Mekkaniżmi istituzzjonali

1. Kull Parti għandha taħtar uffiċċju li jservi bħala l-punt ta' kuntatt mal-Parti l-oħra għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż fir-rigward ta':

(a) programmi ta' kooperazzjoni u attivitajiet skont l-Artikolu 24.12;

(b) fejn jintlaqgħu sottomissjonijiet u komunikazzjonijiet skont l- Artikolu 24.7.3; u

(c) informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Parti l-oħra, lill-Bord ta' Esperti u lill-pubbliku.

2. Kull Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar il-punt ta' kuntatt imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 26.2.1(g) (Kumitati speċjalizzati) għandu, permezz tal-laqgħat regolari tiegħu jew sessjonijiet speċifiċi li jinkludu parteċipanti responsabbli għall-materji koperti taħt dan il-Kapitolu:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u janalizza l-progress li jkun sar taħtu, inkluż l-operat u l-effikaċja tiegħu;

(b) jiddiskuti kwistjonijiet ta' interess komuni; kif ukoll

(c) jiddiskuti kull kwistjoni oħra fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu kif jiddeċiedu l-Partijiet b'mod konġunt..

4. Il-Partijiet għandhom iqisu l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet jew korpi ambjentali multilaterali relevanti sabiex jippromwovu kooperazzjoni u koerenza akbar bejn il-ħidma tal-Partijiet u ta' dawn l-organizzazzjonijiet jew korpi.

5. Kull Parti għandha tagħmel użu minn mekkaniżmi konsultattivi eżistenti, jew tistabbilixxi oħrajn ġodda, bħal gruppi konsultattivi domestiċi, biex tfittex opinjonijiet u pariri dwar kwistjonijiet relatati ma' dan il-Kapitolu. Dawn il-mekkaniżmi konsultattivi għandhom jinkludu organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti tas-soċjetà ċivili b'rappreżentanza bbilanċjata ta' gruppi ambjentali, organizzazzjonijiet tal-intrapriżi kif ukoll partijiet ikkonċernati relevanti oħra. Permezz ta' mekkaniżmi konsultattivi bħal dawn, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw opinjonijiet u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kull kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu fuq inizjattiva tagħhom stess.

ARTIKOLU 24.14

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kull kwistjoni li tinqala' skont dan il-Kapitolu, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-Parti għandha tippreżenta l-kwistjoni b'mod ċar fit-talba, tidentifika l-mistoqsijiet kontenzjużi, u tipprovdi sommarju qasir tat-talbiet taħt dan il-Kapitolu. Il-konsultazzjonijiet iridu jibdew minnufih wara li Parti tibgħat talba għall-konsultazzjonijiet.

2. Matul il-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra biżżejjed informazzjoni li jkollha sabiex tippermetti eżami komplut tal-kwistjonijiet imqajma, soġġett għal-liġi tagħha rigward informazzjoni kunfidenzjali, personali u kummerċjali.

3. Jekk ikun rilevanti, u jekk iż-żewġ Partijiet jagħtu l-kunsens tagħhom, il-Partijiet għandhom ifittxu l-informazzjoni jew l-opinjoni ta' xi persuna, organizzazzjoni jew korp, inkluż l-organizzazzjoni jew korp internazzjonali rilevanti, li jistgħu jikkontribwixxu għall-investigazzjoni tal-każ inkwistjoni.

4. Jekk Parti tħoss li l-kwistjoni teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista' titlob li jitlaqqa' l-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli biex jikkunsidra l-kwistjoni billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jagħmel ħiltu biex isolvi l-kwistjoni. Jekk ikun meħtieġ, huwa għandu jfittex il-parir tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Partijiet permezz ta' mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 24.13.5.

5. Kull Parti għandha tagħmel pubblikament disponibbli kull soluzzjoni jew deċiżjoni dwar kwistjoni diskussa taħt dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 24.15

Bord ta' Esperti

1. Għal kull kwistjoni li ma tkunx indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz ta' konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 24.14, Parti tista', 90 jum wara li tkun irċeviet it-talba għall-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 24.14.1, titlob li jitlaqqa' Bord ta' Esperti biex jeżamina din il-kwistjoni, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra.

2. Suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom japplikaw ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta stipulati fl-Annessi 29-A u 29-B, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor.

3. Il-Bord ta' Esperti jkun magħmul minn tliet membri.

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Esperti fi żmien għaxar (10) tijiem ta' xogħol minn meta tasal għand il-Parti rispondenti t-talba għat-twaqqif ta' Bord ta' Esperti. Attenzjoni debita għandha tingħata biex jiġi żgurat li Membri tal-Bord proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7 u li jkollhom il-kompetenza adatta dwar il-kwistjoni partikolari.

5. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jiddeċiedu dwar il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Esperti fil-perjodu ta' żmien speċifikat fil-paragrafu 4, tapplika l-proċedura tal-għażla stipulata fil-paragrafi minn 3 sa 7 tal-Artikolu 29.7 (Kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ) fir-rigward tal-lista stabbilita fil-paragrafu 6.

6. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' mill-anqas disa' persuni magħżula għall-oġġettività, l-affidabbiltà u l-ġudizzju tajjeb tagħhom, li jkunu disposti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord. Kull Parti għandha tinnomina mill-inqas tliet persuni mil-lista biex iservu bħala membri tal-bord. Il-Partijiet għandhom ukoll jinnominaw mill-anqas tliet persuni li ma huma ċittadini ta' ebda Parti u li jkunu disposti u kapaċi jservu bħala l-president ta' Bord ta' Esperti. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jiżgura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

7. L-esperti li jkunu ġew proposti bħala membri tal-bord għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew kompetenza fil-liġi ambjentali, fil-kwistjonijiet indirizzati f'dan il-Kapitolu, jew fir-riżoluzzjoni ta' tilwimiet li jinqalgħu taħt ftehimiet internazzjonali. Huma jridu jkunu indipendenti, jaqdu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jieħdu l-ebda struzzjoni mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward tal-kwistjoni li jissejħu għaliha. Huma ma jistgħux ikunu affiljati mal-gvern ta' xi waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fil-paragrafu 2.

8. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn dakinhar li jintgħażlu l-membri tal-bord, it-termini ta' referenza tal-Bord ta' Esperti għandhom ikunu kif ġej:

"biex jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent), il-kwistjoni msemmija fit-talba għall-istabbiliment tal-Bord tal-Esperti, u biex joħroġ rapport, skont l-Artikolu 24.15 (Bord ta' Esperti), tal-Kapitolu Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent) li jagħmel rakkomandazzjonijiet għas-soluzzjoni tal-kwistjoni."

9. Fir-rigward ta’ kwistjonijiet relatati ma’ ftehimiet ambjentali multilaterali kif stipulat fl-Artikolu 24.4, il-Bord tal-Esperti għandu jfittex l-opinjonijiet u l-informazzjoni minn korpi rilevanti stabbiliti taħt dawn il-Ftehimiet, inklużi kull gwida interpretattiva pertinenti disponibbli, il-konklużjonijiet, jew id-deċiżjonijiet adottati minn dawn il-korpi[32].

10. Il-Bord ta' Esperti għandu joħroġ rapport interim lill-Partijiet u rapport finali li jistipula l-konklużjonijiet ta' fatt, id-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwistjoni, inkluż fir-rigward ta’ jekk il-Parti rispondenti tkunx konformi mal-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu u r-raġunament bażiku wara l-konklużjonijiet, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jagħmel. Il-Bord ta' Esperti għandu jagħti lill-Partijiet ir-rapport interim fi żmien 120 jum wara li jintagħżel l-aħħar membru tal-bord, jew kif deċiż mod ieħor mill-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu kummenti lill-Bord ta' Esperti dwar ir-rapport interim fi żmien 45 jum minn meta jirċevuh. Wara li jkun qies dawn il-kummenti, il-Bord ta' Esperti jista’ jikkunsidra mill-ġdid ir-rapport tiegħu u jwettaq kull eżami ulterjuri li huwa jqis xieraq. Il-Bord ta’ Esperti għandu joħroġ ir-rapport finali lill-Partijiet fi żmien 60 jum mill-preżentazzjoni tar-rapport interim. Kull Parti għandha tagħmel ir-rapport finali disponibbli pubblikament fi żmien 30 jum minn meta tirċevih.

[32] Il-Partijiet għandhom japplikaw din id-dispożizzjoni f’konformità mar-regola 42 tar-Regoli ta’ Proċedura għall-Arbitraġġ stabbiliti fl-Anness 29-A.

11. Jekk ir-rapport finali tal-Bord tal-Esperti jiddetermina li Parti ma tkunx ikkonformat mal-obbligi tagħha skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jidħlu f'diskussjonijiet u għandhom jagħmlu ħilithom biex fi żmien tliet xhur mir-rapport finali jidentifikaw miżura xierqa jew, jekk ikun il-każ, jiddeċiedu dwar pjan ta' azzjoni li jkun sodisfaċenti għat-tnejn. F'dawn id-diskussjonijiet il-Partijiet għandhom iqisu r-rapport finali. Il-Parti rispondenti għandha tinforma, fil-ħin, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tagħha, permezz tal-mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 24.13.5, kif ukoll lill-Parti rikjedenti bid-deċiżjoni tagħha dwar kull azzjoni jew miżura li għandha tiġi implimentata. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jimmonitorja s-segwitu għar-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Esperti. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' mekkaniżmi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 24.13.5, u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli f'dan ir-rigward.

12. Jekk il-Partijiet jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li t-tnejn jaqblu dwarha wara li jiġi stabbilit il-Bord ta' Esperti, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli u lill-Bord ta' Esperti b'din is-soluzzjoni. Wara din in-notifika, il-proċedura tal-bord għandha tintemm.

ARTIKOLU 24.16

Soluzzjoni ta' tilwim

1. Għal kull kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, il-Partijiet ikollhom rikors biss għar-regoli u l-proċeduri previsti f'dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat. F'kull waqt, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għall-bon offiċji, il-konċiljazzjoni jew il-medjazzjoni biex isolvu t-tilwima.

KAPITOLU ĦAMSA U GĦOXRIN

DJALOGI U KOOPERAZZJONI BILATERALI

ARTIKOLU 25.1

Objettivi u prinċipji

1. Filwaqt li jibnu fuq is-sħubija kkonsolidata tagħhom u fuq il-valuri li jikkondividu, il-Partijiet jaqblu li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, inkluż billi:

(a) jsaħħu l-koperazzjoni bilaterali dwar il-bijoteknoloġija permezz tad-Djalogu dwar Kwistjonijiet ta' Aċċess għas-Suq tal-Bijoteknoloġija;

(b) irawmu u jiffaċilitaw id-djalogu bilaterali u l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ fil-prodotti forestali permezz ta' Djalogu Bilaterali dwar il-Prodotti Forestali;

(c) jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu u jżommu kooperazzjoni effikaċi dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-materja prima permezz tad-Djalogu Bilaterali dwar il-Materja Prima; kif ukoll

(d) jippromwovu kooperazzjoni msaħħa dwar kwistjonijiet ta' xjenza, teknoloġija, riċerka u innovazzjoni.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, id-djalogi bilaterali għandhom isiru mingħajr dewmien żejjed wara talba ta' xi waħda mill-Partijiet jew tal-Kumitat Konġunt CETA. Id-djalogi għandhom ikunu kopreseduti minn rappreżentanti tal-Kanada u tal-Unjoni Ewropea. L-iskedi u l-aġendi tal-laqgħat għandhom ikunu ddeterminati bi ftehim bejn il-kopresidenti.

3. Il-kopresidenti ta' djalogu bilaterali għandhom jinformaw lill-Kumitat Konġunt CETA bl-iskedi u l-aġendi ta' kull djalogu bilaterali fi żmien biżżejjed qabel il-laqgħat. Il-kopresidenti ta' djalogu bilaterali għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt CETA dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' djalogu kif xieraq jew fuq talba mill-Kumitat Konġunt CETA. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' djalogu ma' għandhomx jimpedixxu lil xi waħda mill-Partijiet milli tressaq kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat konġunt CETA.

4. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jiddeċiedi li jibdel jew iwettaq il-kompitu assenjat lil djalogu jew ixolji djalogu.

5. Il-Partijiet jistgħu jidħlu f'kooperazzjoni bilaterali f'oqsma oħra taħt dan il-Ftehim bil-kunsens tal-Kumitat Konġunt CETA.

ARTIKOLU 25.2

Djalogu dwar Kwistjonijiet ta’ Aċċess għas-Suq tal-Bijoteknoloġija

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-prodotti tal-bijoteknoloġija huma ta’ interess reċiproku. Din il-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni għandhom isiru fl-ambitu tad-djalogu bilaterali dwar kwistjonijiet ta’ interess reċiproku rigward l-aċċess għas-suq tal-bijoteknoloġija agrikola li ġie stabbilit permezz tas-Soluzzjoni Miftiehma b’mod Reċiproku li ntlaħqet fil-15 ta’ Lulju 2009 bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea b'segwitu għat-tilwima tad-WTO *Komunitajiet Ewropej — Miżuri li Jaffettwaw l-Approvazzjoni u l-Kummerċjalizzazzjoni ta’ Prodotti tal-Bijoteknoloġija* WT/DS292. Id-djalogu bilaterali jkopri kull kwistjoni rilevanti ta’ interess reċiproku għall-Partijiet, inkluż:

(a) l-approvazzjonijiet għall-prodotti tal-bijoteknoloġija fit-territorju tal-Partijiet kif ukoll, fejn xieraq, l-applikazzjonijiet sussegwenti ta’ prodotti ta’ interess kummerċjali għal kull naħa;

(b) il-prospettivi kummerċjali u ekonomiċi għall-approvazzjonijiet futuri ta’ prodotti bijoteknoloġiċi;

(c) kull impatt kummerċjali relatat ma’ approvazzjonijiet mhux sinkronizzati ta’ prodotti bijoteknoloġiċi jew ir-rilaxx aċċidentali ta’ prodotti mhux awtorizzati, u kull miżura xierqa f’dan ir-rigward;

(d) kull miżura relatata mal-bijoteknoloġija li jista' jkollha impatt fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet, inkluż il-miżuri tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(e) kull leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-bijoteknoloġija; kif ukoll

(f) l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoteknoloġija.

2. Il-Partijiet iridu jinnotaw ukoll l-importanza tal-objettivi komuni li ġejjin fir-rigward tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-bijoteknoloġija:

(a) l-iskambju ta’ informazzjoni dwar kwistjonijiet ta’ politika, regolatorji u tekniċi li huma ta’ interess komuni relatati ma’ prodotti bijoteknoloġiċi, u, b’mod partikolari, informazzjoni dwar is-sistemi rispettivi tagħhom għall-valutazzjonijiet tar-riskju u l-proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fl-użu ta’ organiżmi ġenetikament modifikati;

(b) il-promozzjoni ta' proċessi ta' approvazzjoni effikaċi bbażati fuq ix-xjenza għal prodotti bijoteknoloġiċi;

(c) il-kooperazzjoni fuq livell internazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-bijoteknoloġija, bħal livell baxx tal-preżenza ta’ organiżmi ġenetikament modifikati; kif ukoll

(d) l-impennn tagħhom favur kooperazzjoni regolatorja biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi tal-prattiki regolatorji relatati ma’ prodotti tal-bijoteknoloġija.

ARTIKOLU 25.3

Djalogu Bilaterali dwar il-Prodotti Forestali

1. Il-Partijiet jaqblu li d-djalogu bilaterali, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u opinjonijiet dwar il-liġijiet, ir-regolamenti, il-politiki u l-kwistjonijiet relevanti li huma ta' importanza għall-produzzjoni, il-kummerċ u l-konsum ta' prodotti forestali huma ta' interess reċiproku. Il-Partijiet jaqblu li jwettqu dan id-djalogu, il-kooperazzjoni u l-iskambju fid-Djalogu Bilaterali dwar Prodotti Forestali, fosthom:

(a) l-iżvilupp, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' liġijiet, regolamenti, politiki u standards relevanti, u l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u rekwiżiti ta' akkreditament u l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-kummerċ fil-prodotti forestali bejn il-Partijiet;

(b) l-inizjattivi tal-Partijiet relatati mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-governanza tal-foresti;

(c) il-mekkaniżmi biex tkun żgurata l-oriġini legali jew sostenibbli tal-prodotti forestali;

(d) l-aċċess għal prodotti forestali lill-Partijiet jew swieq oħra;

(e) il-perspettivi dwar organizzazzjonijiet u proċessi multilaterali u plurilaterali li jipparteċipaw fihom, li jfittxu li jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti jew jikkumbattu l-qtugħ illegali tas-siġar;

(f) il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 24.10 (Kummerċ fi prodotti forestali); kif ukoll

(g) kull kwistjoni oħra relatata ma' prodotti forestali kif miftiehem mill-Partijiet.

2. Id-Djalogu Bilaterali dwar il-Prodotti Forestali għandu jiltaqa' fi żmien l-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u suċċessivament skont l-Artikolu 25.1.2.

3. Il-Partijiet jaqblu li d-diskussjonijiet li qed isiru fid-Djalogu Bilaterali dwar il-Prodotti Forestali jistgħu jinfurmaw id-diskussjonijiet fil-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

ARTIKOLU 25.4

Djalogu Bilaterali dwar il-Materja Prima

1. Filwaqt li jagħrfu l-importanza ta' ambjent kummerċjali miftuħ, mhux diskriminatorju u trasparenti, ibbażat fuq ir-regoli u x-xjenza, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu u jżommu kooperazzjoni effikaċi dwar il-materja prima. Għall-finijiet ta' din il-kooperazzjoni, il-materja prima tinkludi, iżda mhux biss, minerali, metalli u prodotti agrikoli b'użu industrijali.

2. Id-Djalogu Bilaterali dwar il-Materja Prima jkopri kull kwistjoni rilevanti ta' interess reċiproku, inkluż li:

(a) jipprovdi forum ta' diskussjoni dwar kooperazzjoni fil-qasam tal-materja prima bejn il-Partijiet, li jikkontribwixxi għall-aċċess tas-suq għall-prodotti tal-materja prima u s-servizzi u l-investimenti relatati u li jevita l-ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ tal-materja prima;

(b) jsaħħaħ il-fehim reċiproku fil-qasam tal-materja prima bl-għan li jsir skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u dwar il-politiki regolatorji tal-Partijiet fir-rigward tal-materja prima;

(c) jinkoraġġixxi attivitajiet li jappoġġaw ir-responsabbiltà soċjali korporattiva f'konformità ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment bħalma huma l-Linji Gwida tal-OECD għal Intrapriżi Multinazzjonali, u tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvista Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli; kif ukoll

(d) jiffaċilita, kif xieraq, il-konsultazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tal-Partijiet f'*fora* multilaterali jew plurilaterali fejn kwistjonijiet relatati mal-materja prima jistgħu jiġu mqajma u diskussi.

ARTIKOLU 25.5

Kooperazzjoni msaħħa dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interdipendenza tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kummerċ u l-investiment internazzjonali biex tiżdied il-kompetittività industrijali u soċjali u l-prosperità ekonomika.

2. Filwaqt li jibnu fuq dan il-fehim komuni, il-Partijiet jaqblu li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jinkoraġġixxu, jiżviluppaw u jiffaċilitaw attivitajiet ta' kooperazzjoni fuq bażi reċiproka b'appoġġ għall-*Ftehim għal Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada*, jew supplimentari għalih, li sar f'Halifax fis-17 ta' Ġunju 1995. Il-Partijiet jaqblu li jwettqu dawn l-attivitajiet fuq il-bażi tal-prinċipji li ġejjin:

(a) l-attivitajiet ikunu ta' benefiċċju reċiproku għall-Partijiet;

(b) il-Partijiet jaqblu dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-parametri tal-attivitajiet; kif ukoll

(c) l-attivitajiet għandhom iqisu r-rwol importanti tas-settur privat u tal-istituzzjonijiet ta' riċerka fl-iżvilupp tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u s-servizzi tagħhom.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu wkoll l-importanza tal-kooperazzjoni msaħħa fix-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, bħall-attivitajiet mibdija, żviluppati jew imwettqa minn varjetà ta' partijiet ikkonċernati, inkluż il-gvern federali Kanadiż, il-Provinċji u t-Territorji Kanadiżi, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

5. Kull Parti għandha tinkoraġġixxi, skont il-liġi tagħha, il-parteċipazzjoni tas-settur privat, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u s-soċjetà ċivili fit-territorju tagħha f'attivitajiet biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni.

KAPITOLU SITTA U GĦOXRIN

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U ISTITUZZJONALI

ARTIKOLU 26.1

Il-Kumitat Konġunt CETA

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu l-Kumitat Konġunt CETA li jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u rappreżentanti tal-Kanada. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jkun kopresedut mill-Ministru għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Kanada u l-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ, jew id-delegati rispettivi tagħhom.

2. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jiltaqa' darba fis-sena jew wara talba ta' waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jiftiehem dwar l-iskeda tal-laqgħat tiegħu u jistabbilixxi l-aġenda tiegħu.

3. Il-Kumitat Konġunt CETA huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha dwar il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet u l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Parti tista' tirreferi lill-Kumitat Konġunt CETA kull kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, jew kull kwistjoni oħra dwar il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet.

4. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu:

(a) jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu;

(b) jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim;

(c) mingħajr preġudizzju għall-Kapitoli Tmienja (Investiment), Tnejn u Għoxrin (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli), Tlieta u Għoxrin (Kummerċ u Xogħol), Erbgħa u Għoxrin (Kummerċ u Ambjent), u Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni ta' Tilwim), ifittex modi u metodi xierqa kif jipprevjeni l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim, jew isolvi t-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(d) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess;

(e) jieħu d-deċiżjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 26.3; kif ukoll

(f) jikkunsidra kull kwistjoni ta’ interess relatata ma’ qasam kopert b’dan il-Ftehim.

5. Il-Kumitat Konġunt CETA jista':

(a) jiddelega responsabbiltajiet lil kumitati speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 26.2;

(b) jikkomunika mal-partijiet interessati kollha fosthom is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) jikkunsidra jew jiftiehem dwar emendi kif previst f’dan il-Ftehim;

(d) jistudja l-iżvilupp tal-kummerċ bejn il-Partijiet u jikkunsidra l-modi ta’ kif jistgħu jissaħħu aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet;

(e) jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq it-tribunali stabbiliti fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni ta' Tilwim bejn l-investituri u l-Istati) u l-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni ta’ Tilwim);

(f) jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għall-promozzjoni tal-espansjoni tal-kummerċ u tal-investiment kif previst f’dan il-Ftehim;

(g) jibdel jew iwettaq il-kompiti assenjati lill-kumitati speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 26.2 jew ixolji tali kumitati speċjalizzati;

(h) jistabbilixxi kumitati speċjalizzati u djalogi bilaterali sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu; kif ukoll

(i) jieħu tali azzjoni oħra fit-tħaddim tal-funzjonijiet tiegħu kif jiddeċiedu l-Partijiet.

ARTIKOLU 26.2

Kumitati speċjalizzati

1. B'dan, qed jiġu stabbiliti l-kumitati speċjalizzati li ġejjin, jew fil-każ tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali msemmi fis-sub-paragrafu (c), qed jingħata l-awtorità li jaġixxi taħt il-patroċinju tal-Kumitat Konġunt CETA:

(a) il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija, li jindirizza kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kummerċ fil-merkanzija, it-tariffi, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, il-Protokoll dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali marbutin mal-merkanzija. Wara talba ta' Parti, jew fuq referenza mill-kumitat speċjalizzat rilevanti, jew meta jkun qed iħejji diskussjoni fil-Kumitat Konġunt CETA, il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija jista' jindirizza wkoll kwistjonijiet li jqumu fil-qasam tar-regoli tal-oriġini, il-proċeduri tal-oriġini, il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali u l-miżuri dwar il-fruntieri, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, l-akkwist pubbliku mill-gvern, jew dwar il-kooperazzjoni regolatorja, jekk dan jiffaċilita s-soluzzjoni ta' kwistjoni li ma tistax tiġi solvuta mill-kumitat speċjalizzat rilevanti. Il-Kumitat għall-Agrikoltura, il-Kumitat għall-Inbejjed u l-Ispirti, u l-Grupp Settorjali Konġunt għall-Farmaċewtiċi għandhom ukoll jiġu stabbiliti taħt il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija u jirrapportaw lilu;

(b) il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investiment, li jindirizza materji li jirrigwardaw il-kummerċ transfruntier fis-servizzi, l-investiment, id-dħul temporanju, il-kummerċ elettroniku, u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali marbuta ma' servizzi. Wara talba ta' Parti, jew fuq referenza mill-kumitat speċjalizzat rilevanti, jew meta jkun qed iħejji diskussjoni fil-Kumitat Konġunt CETA, il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija jista' jindirizza wkoll kwistjonijiet li jqumu fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jew l-akkwist pubbliku mill-gvern jekk dan jiffaċilita s-soluzzjoni ta' kwistjoni li ma tistax tiġi solvuta mill-kumitat speċjalizzat rilevanti.

Għandu jiġi stabbilit Kumitat Konġunt għar-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali taħt il-Kumitat għas-Servizzi u l-Investiment u jirrapporta lilu;

(c) il-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni Doganali (KKKD), stabbilit bil-*Ftehim tal-1998 bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Assistenza Reċiproka f'Affarijiet Doganali*, li sar f'Ottawa fl-4 ta' Diċembru 1997, li jindirizza kwistjonijiet skont dan il-Ftehim li jirrigwardaw ir-regoli tal-oriġini, il-proċeduri tal-oriġini, il-faċilitazzjoni doganali u kummerċjali, il-miżuri dwar il-fruntieri u s-sospensjoni temporanja tat-trattament tariffarju preferenzjali;

(d) il-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jindirizza materji dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji;

(e) il-Kumitat għall-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-akkwist pubbliku mill-gvern;

(f) il-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji, li jindirizza kwistjonijiet li jirrigwardaw is-servizzi finanzjarji;

(g) il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli;

(h) il-Forum għall-Kooperazzjoni Regolatorja, li jindirizza kwistjonijiet dwar il-kooperazzjoni regolatorja; kif ukoll

(i) il-Kumitat CETA għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, li jindirizza kwistjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Il-kumitati speċjalizzati stabbiliti skont il-paragrafu 1 għandhom joperaw skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi minn 3 sa 5.

3. Il-mandat u l-kompiti tal-kumitati speċjalizzati li jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1 huma ulterjorment definiti fil-Kapitoli u l-Protokolli relevanti ta' dan il-Ftehim.

4. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, jew jekk il-kopresidenti jiddeċiedu mod ieħor, il-kumitati speċjalizzati għandhom jiltaqgħu darba fis-sena. Laqgħat addizzjonali jistgħu jiġu organizzati wara t-talba ta' Parti jew tal-Kumitat Konġunt CETA. Huma għandhom ikunu kopreseduti minn rappreżentanti tal-Kanada u tal-Unjoni Ewropea. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jistabbilixxu l-iskeda u l-aġenda tal-laqgħa tagħhom b'kunsens reċiproku. Huma għandhom jistabbilixxu u jimmodifikaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom, jekk huma jqisu li dan ikun xieraq. Il-kumitati speċjalizzati jistgħu jipproponu abbozzi ta' deċiżjonijiet għall-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt CETA, jew jieħdu deċiżjonijiet meta previst minn dan il-Ftehim.

5. Kull Parti għandha tiżgura li meta jiltaqa' kumitat speċjalizzat, l-awtoritajiet kompetenti kollha għal kull kwistjoni fuq l-aġenda jkunu rrappreżentati, hekk kif kull Parti tqis xieraq, u li kull kwistjoni tkun tista' tiġi diskussa fuq livell adegwat ta' għarfien espert.

6. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinfurmaw lill-Kumitat Konġunt CETA bl-skedi u l-aġendi tagħhom fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tagħhom u għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt CETA dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet ta' kull waħda mil-laqgħat tagħhom. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat ma għandux jimpedixxi lil xi Parti milli tressaq kull kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat Konġunt CETA.

ARTIKOLU 26.3

Teħid ta' deċiżjonijiet

1. Sabiex jilħaq l-objettivi ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt CETA, għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha fil-materji previsti minn dan il-Ftehim.

2. Id-deċiżjonijiet li jieħu l-Kumitat Konġunt CETA għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, bil-kundizzjoni li jitlestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni meħtieġa, u l-Partijiet għandhom jimplimentawhom. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet xierqa.

3. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu jieħu d-deċiżjonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b'kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 26.4

Kondiviżjoni ta' informazzjoni

Meta Parti tippreżenta lill-Kumitat Konġunt CETA jew lil xi kumitat speċjalizzat stabbilit skont dan il-Ftehim informazzjoni kkunsidrata bħala kunfidenzjali jew protetta minn divulgazzjoni skont il-liġijiet tagħha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali.

ARTIKOLU 26.5

Punti ta' kuntatt CETA

1. Kull Parti għandha minnufih taħtar punt ta' kuntatt CETA u tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 60 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-punti ta' kuntatt CETA għandhom:

(a) jagħmlu monitoraġġ tax-xogħol tal-korpi istituzzjonali kollha stabbiliti skont dan il-Ftehim, inkluż il-komunikazzjoni relatata mas-suċċessuri ta' dawn il-korpi;

(b) jikkoordinaw it-tħejjijiet għal-laqgħat tal-kumitati;

(c) isegwu kull deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA, kif xieraq;

(d) ħlief kif previst mod ieħor minn dan il-Ftehim, jirċievu n-notifiki u l-informazzjoni kollha pprovduta skont dan il-Ftehim u, kif meħtieġ, jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet bejn il-Partijiet dwar kull materja koperta minn dan il-Ftehim;

(e) iwieġbu għat-talbiet kollha għal informazzjoni skont l-Artikolu 27.3 (Għoti ta' informazzjoni); kif ukoll

(f) jikkunsidraw kull kwistjoni oħra li tista' taffettwa t-tħaddim ta' dan il-Ftehim skont il-mandat tal-Kumitat Konġunt CETA.

3. Il-punti ta' Kuntatt CETA għandhom jikkomunikaw kif meħtieġ.

ARTIKOLU 26.6

Laqgħat

1. Il-laqgħat imsemmija f'dan il-Kapitolu għandhom isiru personalment. Il-Partijiet jistgħu jaqblu wkoll li l-laqgħa ssir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jiltaqgħu fi żmien 30 jum wara li Parti tirċievi talba għal laqgħa mingħand il-Parti l-oħra.

KAPITOLU SEBGĦA U GĦOXRIN

TRASPARENZA

ARTIKOLU 27.1

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u d-deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jirrispettaw kull materja koperta minn dan il-Ftehim jiġu ppubblikati fil-pront jew ikunu disponibbli b'tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom.

2. Safejn ikun possibbli, kull Parti għandha:

(a) tippubblika bil-quddiem kull miżura bħal din li hija tipproponi li tiġi adottata; kif ukoll

(b) tipprovdi li dawk il-persuni interessati u lill-Parti l-oħra opportunità raġonevoli sabiex jikkummentaw dwar il-miżuri proposti.

ARTIKOLU 27.2

Għoti ta' informazzjoni

1. Wara talba tal-Parti l-oħra, Parti għandha, sa fejn hu possibbli, tipprovdi minnufih informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw kull miżura eżistenti jew proposta li materjalment taffettwa t-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

2. Kull informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu tkun mingħajr preġudizzju dwar jekk il-miżura hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 27.3

Proċedimenti amministrattivi

Biex tamministra miżura ta' applikazzjoni ġenerali li taffettwa kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim b'mod konsistenti, imparzjali u raġonevoli, kull Parti għandha tiżgura li l-proċeduri amministrattivi japplikaw il-miżuri msemmija fl-Artikolu 27.1 għal persuna partikolari, prodott jew servizz tal-Parti l-oħra f'każ speċifiku:

(a) kull meta possibbli, tipprovdi lil persuna interessata tal-Parti l-oħra, li tkun affettwata direttament minn proċedura, bi preavviż raġonevoli, skont il-proċeduri, meta tinbeda proċedura, inkluż deskrizzjoni tan-natura tal-proċedura, dikjarazzjoni tal-awtorità legali li taħtha tinbeda l-proċedura u deskrizzjoni ġenerali tal-kwistjonijiet li dwarhom ikun hemm kontroversja;

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni interessati msemmijin fis-subparagrafu (a)sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed xi azzjoni amministrattiva finali, safejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċediment u l-interess pubbliku; kif ukoll

(c) jitwettqu f'konformità mal-liġi tagħha.

ARTIKOLU 27.4

Rieżami u appell

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, kważi ġudizzjarji jew amministrattivi għar-rieżami fil-pront u, fejn ikun meħtieġ, il-korrezzjoni ta' azzjonijiet amministrattivi finali fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tiżgura li t-tribunali tagħha jkunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew l-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv u li ma jkollhom l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tiżgura li, f'kull tribunal jew proċedura msemmija fil-paragarfu 1, il-partijiet għall-proċediment jingħataw id-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; kif ukoll

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u s-sottomissjonijiet ta' rekord jew, fejn ikun meħtieġ mil-liġi tagħha, ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha, soġġetta għal appell jew rieżami ulterjuri kif previst mil-liġi tagħha, tiżgura li tali deċiżjonijiet jiġu implimentati mill-uffiċċji jew l-awtoritajiet, u jkunu jirregolaw il-prattiki tagħhom, fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva inkwistjoni.

ARTIKOLU 27.5

Kooperazzjoni dwar il-promozzjoni ta' aktar trasparenza

Il-Partijiet jiftiehmu li jikkoperaw f'*fora* bilaterali, reġjonali u multilaterali dwar modi sabiex jippromwovu t-trasparenza fir-rigward tal-kummerċ u l-investiment internazzjonali.

KAPITOLU TMIENJA U GĦOXRIN

EĊĊEZZJONIJIET

ARTIKOLU 28.1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

residenza tfisser residenza għall-finijiet tat-taxxa;

konvenzjoni tat-taxxa tfisser konvenzjoni għall-evitar tat-tassazzjoni doppja jew ftehim jew arranġament internazzjonali dwar it-tassazzjoni; kif ukoll

taxxa u **miżura ta' tassazzjoni** tinkludi taxxa tas-sisa, iżda ma tinkludix:

(a) dazju doganali kif definit fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ġenerali), u

(b) miżura elenkata fl-eċċezzjonijiet (b) jew (c), fid-definizzjoni ta' "dazju doganali" fl-Artikolu 1.1 (Definizzjonijiet ġenerali).

ARTIKOLU 28.2

Definizzjonijiet speċifiċi għall-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

awtorità tal-kompetizzjoni tfisser:

(a) għall-Kanada, il-Kummissarju tal-Kompetizzjoni jew suċċessur innotifikat lill-Parti l-oħra permezz tal-punti ta' kuntatt CETA; kif ukoll

(b) għall-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha skont il-liġijiet dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea;

liġijiet dwar il-kompetizzjoni tfisser:

(a) għall-Kanada, il-*Competition Act*, R.S.C. 1985, c. C-34; kif ukoll

(b) għall-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 101, 102 u 106 tat-*Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*, tat-13 ta' Diċembru 2007, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, u r-regolamenti ta' implimentazzjoni jew l-emendi tagħhom; kif ukoll

informazzjoni protetta taħt il-liġijiet tagħha tal-kompetizzjoni tfisser:

(a) għall-Kanada, informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 29 tal-*Competition Act*, R.S.C. 1985, c. C-34; kif ukoll

(b) għall-Unjoni Ewropea, informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat jew l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi.

ARTIKOLU 28.3

Eċċezzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 30.8.5 (Terminazzjoni, sospensjoni jew inkorporazzjoni ta' ftehimiet fis-seħħ), il-Kapitoli Tnejn (Trattament Nazzjonali u Aċċess tas-Suq għal Prodotti), Ħamsa (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji), u Sitta (Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali), il-Protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini u l-proċeduri tal-oriġini u t-Taqsimiet B (Stabbiliment ta' Investiment) u C (Trattament Nondiskriminatorju) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment), l-Artikolu XX tal-GATT 1994 huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u jagħmel parti minnu. Il-Partijiet jifhmu li l-miżuri msemmija fl-Artikolu XX (b) tal-GATT 1994 jinkludu miżuri ambjentali meħtieġa għall-protezzjoni tas-saħħa jew il-ħajja tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti. Il-Partijiet jifhmu li l-Artikolu XX(g) tal-GATT 1994 japplika għal miżuri għall-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli ħajjin u mhux ħajjin.

2. Għall-finijiet tal-Kapitoli Disgħa (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), Għaxra (Dħul u Permanenza Temporanji ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet Professjonali), Tnax (Regolamenti Domestiċi), Tlettax (Servizzi Finanzjarji), Erbatax (Servizzi ta' Trasport Marittimu Internazzjonali), Ħmistax (Telekomunikazzjoni), Sittax (Kummerċ Elettroniku), u t-Taqsimiet B (Stabbiliment ta' investimenti) u C (Trattament Nondiskriminatorju) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment), soġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet fejn jipprevalu kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ fis-servizzi, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li ma jippermettix l-adozzjoni jew l-infurzar minn xi Parti ta' miżuri meħtieġa:

(a) biex iħarsu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubblika[33];

(b) għall-protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti[34]; jew

(c) sabiex jiżguraw il-konformità mal-liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, inkluż dawk li jirrigwardaw:

(i) il-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa u frodulenti jew it-trattament tal-effetti ta' inadempjenza ta' kuntratti;

(ii) il-protezzjoni tal-privatezza tal-individwi rigward l-ipproċessar u t-tixrid tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u ta' kontijiet individwali; jew

---

33 L-eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà pubblika u l-ordni pubblika jistgħu jiġu invokati biss meta jkun hemm theddida serja ġenwina u suffiċjenti għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

34 Il-Partijiet jifhmu li l-miżuri msemmija fis-subparagrafu (b) jinkludu miżuri ambjentali meħtieġa għall-protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti.

(iii) għas-sigurtà.

ARTIKOLU 28.4

Miżuri temporanji ta' salvagwardja fir-rigward tal-movimenti tal-kapital u l-pagamenti

1. Fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-movimenti tal-kapital u l-pagamenti, inkluż it-trasferimenti, jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-unjoni monetarja u ekonomika tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tista' timponi miżuri ta' salvagwardja li huma strettament meħtieġa biex jindirizzaw diffikultajiet bħal dawn għal perjodu li ma jeċċedix 180 jum.

2. Il-miżuri imposti mill-Unjoni Ewropea skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli fir-rigward tal-Kanada jew l-investituri tagħha meta mqabbla ma' pajjiż terz jew l-investituri tiegħu. L-Unjoni Ewropea għandha tinforma lill-Kanada minnufih u tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, skeda dwar it-tneħħija ta' dawn il-miżuri.

ARTIKOLU 28.5

Restrizzjonijiet f'każ ta' diffikultajiet serji fir-rigward tal-bilanċ ta' pagamenti u l-qagħda finanzjarja esterna

1. Fejn il-Kanada jew Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li ma jkunx membru tal-Unjoni Monetarja Ewropea jiffaċċjaw diffikultajiet serji jew theddid għall-bilanċ ta' pagamenti u l-qagħda finanzjarja esterna, huma jistgħu jadottaw jew iżżommu miżuri restrittivi fir-rigward tal-movimenti ta' kapital jew pagamenti, inkluż it-trasferimenti.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ma jittrattawx Parti b'mod inqas favorevoli minn pajjiż terz f'sitwazzjonijiet simili;

(b) ikunu konsistenti mal-*Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali*, li sar fi Bretton Woods fit-22 ta' Lulju 1944, kif applikabbli;

(c) jevitaw dannu mhux meħtieġ għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji ta' Parti;

(d) ikunu temporanji u eliminati progressivament hekk kif is-sitwazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu titjieb u ma għandhomx jeċċedu l-180 jum. Madankollu, jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali u Parti tfittex li testendi tali miżuri lil hinn mill-perjodu ta' 180 jum, hija għandha tikkonsulta bil-quddiem mal-Parti l-oħra rigward l-implimentazzjoni ta' kull estensjoni proposta.

3. Fil-każ ta' kummerċ fil-merkanzija, Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-bilanċ ta' pagamenti jew il-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha. Tali miżuri għandhom ikunu konformi mal-GATT 1994 u mal-*Qbil dwar id-Dispożizzjonijiet tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994*, inkluż fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO.

4. Fil-każ ta' kummerċ fis-servizzi, Parti tista' tadotta miżuri restrittivi sabiex tissalvagwardja l-bilanċ ta' pagamenti jew il-pożizzjoni finanzjarja esterna tagħha. Tali miżuri għandhom ikunu konformi mal-GATS.

5. Parti li tadotta jew iżżomm miżura msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinforma minnufih lill-Parti l-oħra u tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, skeda taż-żmien għall-eliminazzjoni tagħha.

6. Meta r-restrizzjonijiet jiġu adottati jew miżmuma skont dan l-Artikolu, isiru konsultazzjoni minnufih fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni, jekk dawn il-konsultazzjonijiet ma jitwettqux b'xi mod ieħor barra dan il-Ftehim. Il-konsultazzjonijiet li jsiru skont dan il-paragrafu għandhom jivvalutaw il-bilanċ ta' pagamenti jew id-diffikultà finanzjarja esterna li wasslu għall-miżuri rispettivi, waqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, tali fatturi bħal:

(a) in-natura u l-limitu tad-diffikultajiet;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; jew

(c) id-disponibbiltà ta' miżuri korrettivi alternattivi.

7. Il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 6 għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kull miżura restrittiva mal-paragrafi minn 1 sa 4. Il-Partijiet għandhom jaċċettaw ir-riżultati kollha ta' fatti statistiċi u oħrajn ippreżentati mill-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") li jirrigwardaw il-kambju, ir-riżervi monetarji, il-bilanċ tal-pagamenti, u l-konklużjonijiet tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq il-valutazzjoni mill-FMI tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

ARTIKOLU 28.6

Sigurtà nazzjonali

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat:

(a) li jeħtieġ li Parti tagħti jew tippermetti l-aċċess għal informazzjoni jekk dik il-Parti tiddetermina li d-divulgazzjoni ta' din l-informazzjoni tkun kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha; jew

(b) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu azzjoni li hi tikkunsidra meħtieġa biex tipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha:

(i) li jirrigwardaw il-produzzjoni jew it-traffiku tal-armi, il-munizzjon u l-istrumenti tal-gwerra u għal tali traffiku u tranżazzjonijiet li jsiru fi prodotti u materjali, servizzi u teknoloġija oħrajn, u f'attivitajiet ekonomiċi, imwettqa direttament jew indirettament għall-għan li jiġi fornit stabbiliment militari jew ta' sigurtà ieħor[35];

(ii) li jittieħdu fi żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali; jew

(iii) ikunu relatati ma' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew mal-materjali li huma dderivati minnhom; jew

(c) li jimpedixxu lil xi Parti milli tieħu xi azzjoni sabiex twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha għall-iskop li żżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

35 L-espressjoni "traffiku tal-armi, munizzjon u strumenti ta' gwerra" f'dan l-Artikolu hija ekwivalenti għall-espressjoni "kummerċ f'armi, munizzjon u materjal tal-gwerra".

ARTIKOLU 28.7

Tassazzjoni

1. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jimpedixxi lil xi Parti milli tadotta jew iżżomm xi miżura ta' tassazzjoni li tiddistingwi bejn persuni li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom.

2. Xejn f’dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jimpedixxi lil Parti milli tadotta jew iżżomm xi miżura ta' tassazzjoni mmirata biex timpedixxi l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont il-liġijiet tat-taxxa jew konvenzjonijiet tat-taxxa tagħha.

3. Dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta’ Parti skont konvenzjoni tat-taxxa. Fil-każ ta’ xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u konvenzjoni tat-taxxa, tipprevala dik il-konvenzjoni safejn tirrigwarda l-inkonsistenza.

4. Xejn f’dan il-Ftehim jew f'kull arranġament adottat skont dan il-Ftehim ma għandu japplika:

(a) għal miżura ta’ tassazzjoni ta’ Parti li tipprovdi trattament tat-taxxa iktar favorevoli lil korporazzjoni, jew lil azzjonist ta’ korporazzjoni, fuq il-bażi li l-korporazzjoni hija kompletament jew parzjalment proprjetà ta’ jew ikkontrollata, direttament jew indirettament, minn investitur wieħed jew aktar li huma residenti ta’ dik il-Parti;

(b) għal miżura ta’ tassazzjoni ta’ Parti li tipprovdi vantaġġ rigward il-kontribuzzjonijiet jew id-dħul ta' arranġament li jipprovdi għad-differiment ta’ taxxa, jew l-eżenzjoni minnha, għal raġunijiet ta’ pensjoni, irtirar, tfaddil, edukazzjoni, saħħa, diżabbiltà jew għanijiet simili oħrajn, bil-kundizzjoni ta' rekwiżit li Parti żżomm ġurisdizzjoni kontinwa fuq tali arranġament;

(c) għal miżura ta’ tassazzjoni ta’ Parti li tipprovdi vantaġġ relatat max-xiri jew il-konsum ta’ servizz partikolari, bil-kundizzjoni ta' rekwiżit li s-servizz jingħata fit-territorju ta’ dik il-Parti;

(d) għal miżura ta’ tassazzjoni ta’ Parti li għandha l-għan li tiżgura impożizzjoni jew ġbir ta' taxxi ekwu u effikaċi, inkluża miżura li tittieħed minn Parti sabiex tiżgura l-osservanza tas-sistema tat-tassazzjoni tal-Parti;

(e) għal miżura ta’ tassazzjoni li tagħti vantaġġ lil gvern, parti minn gvern, jew persuna li hija direttament jew indirettament proprjetà, ikkontrollata jew stabbilita minn gvern;

(f) għal miżura ta’ tassazzjoni eżistenti li ma tkunx konformi mhux altrimenti koperta fil-paragrafi 1, 2 u 4 minn (a) sa (e), għall-kontinwazzjoni jew it-tiġdid fil-pront ta’ tali miżura, jew l-emenda ta’ tali miżura, sakemm l-emenda ma tonqosx fil-konformità tagħha mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda.

5. Għal aktar ċertezza, il-fatt li miżura ta' tassazzjoni tikkostitwixxi emenda sinifikanti għal miżura ta' tassazzjoni eżistenti, tieħu effett immedjat meta titħabbar, tiċċara l-applikazzjoni ppjanata ta' miżura ta' tassazzjoni eżistenti, jew ikollha impatt mhux mistenni fuq investitur jew investiment kopert, fih innifsu ma jikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 8.10 (Trattament tal-investituri u tal-investimenti koperti).

6. L-Artikoli 8.7 (Trattament tal-pajjiż l-aktar iffavorit), 9.5 (Trattament tal-pajjiż l-aktar iffavorit) u 13.4 (Trattament tal-pajjiż l-aktar iffavorit) ma japplikawx għal vantaġġ mogħti minn Parti skont xi konvenzjoni tat-taxxa.

7. (a) Meta investitur jippreżenta talba għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 8.19 (Konsultazzjonijiet) li tgħid li miżura ta' tassazzjoni tikser obbligu taħt it-Taqsimiet C (Trattament nondiskriminatorju) jew D (Protezzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment), il-konvenut jista' jirreferi l-kwistjoni għal konsultazzjoni u għal determinazzjoni konġunta mill-Partijiet dwar jekk:

(i) il-miżura hijiex miżura ta' tassazzjoni;

(ii) il-miżura, jekk jinstab li hija miżura ta' tassazzjoni, tiksirx obbligu taħt it-Taqsimiet C (Trattament nondiskriminatorju) jew D (Protezzjoni tal-investiment) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment); jew

(iii) hemmx inkonsistenza bejn l-obbligi f'dan il-Ftehim li jkun allegat li ġew miksura u dawk ta' konvenzjoni dwar it-taxxa.

(b) Rinviju skont is-subparagrafu (a) ma jistax isir aktar tard mid-data li t-Tribunal jiffissa biex il-konvenut iressaq il-kontrosottomissjoni tiegħu. Meta l-konvenut jagħmel tali rinviju l-perjodi taż-żmien jew proċedimenti speċifikati fit-Taqsima F (Soluzzjoni ta' tilwim dwar investiment bejn l-investituri u l-Istati) tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) għandhom jiġu sospiżi. Jekk fi żmien 180 jum mir-rinviju l-Partijiet ma jaqblux li jikkunsidraw il-kwistjoni, jew jonqsu milli jagħmlu determinazzjoni konġunta, is-sospensjoni tal-perjodi taż-żmien jew tal-proċedimenti ma għandhomx jibqgħu japplikaw u l-investitur jista' jipproċedi bit-talba tiegħu.

(c) Determinazzjoni konġunta mill-Partijiet skont is-subparagrafu (a) għandha torbot fuq it-Tribunal.

(d) Kull Parti għandha tiżgura li d-delegazzjoni tagħha għall-konsultazzjonijiet li jsiru skont is-subparagrafu (a) ikunu jinkludu persuni b'kompetenzi rilevanti dwar il-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu, inkluż rappreżentanti mill-awtoritajiet tat-taxxa relevanti ta' kull Parti. Għall-Kanada, dan ifisser uffiċjali tad-Dipartiment tal-Finanzi tal-Kanada.

8. Għal aktar ċertezza,

(a) **miżura ta' tassazzjoni ta' Parti** tfisser miżura ta' tassazzjoni adottata fi k'kull livell tal-gvern ta' Parti; kif ukoll

(b) għal miżuri ta' gvern subnazzjonali, **residenti ta' Parti**, tfisser jew residenti ta' dik il-ġurisdizzjoni subnazzjonali jew residenti tal-Parti li minnha hija tkun tifforma parti.

ARTIKOLU 28.8

Divulgazzjoni ta' informazzjoni

1. Dan il-Ftehim ma jeħtieġx li xi Parti tipprovdi jew tippermetti l-aċċess għal informazzjoni li, jekk tiġi ddivulgata tista' timpedixxi l-eżekuzzjoni tal-liġi jew li d-divulgazzjoni tagħha tkun ipprojbita jew ristretta taħt il-liġi tagħha.

2. Matul il-proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim,

(a) Parti mhijiex meħtieġa tipprovdi jew tippermetti aċċess għal informazzjoni protetta taħt il-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħha; kif ukoll

(b) awtorità tal-kompetizzjoni ta' Parti mhijiex meħtieġa tipprovdi jew tippermetti aċċess għal informazzjoni privileġġata jew altrimenti protetta mid-divulgazzjoni.

ARTIKOLU 28.9

Eċċezzjonijiet applikabbli għall-kultura

Il-Partijiet ifakkru l-eċċezzjonijiet applikabbli għall-kultura kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitoli Sebgħa (Sussidji), Tmienja (Investiment), Disgħa (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi), Tnax (Regolamentazzjoni Domestika) u Dsatax (Akkwist Pubbliku mill-Gvern).

ARTIKOLU 28.10

Derogi mid-WTO

Jekk xi dritt jew obbligu f'dan il-Ftehim jidduplika wieħed taħt il-Ftehim WTO, il-Partijiet jaqblu li miżura f'konformità ma' deċiżjoni ta' deroga adottata mid-WTO skont l-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO titqies li hija wkoll konformi mad-dispożizzjoni dduplikata f'dan il-Ftehim.

KAPITOLU DISGĦA U GĦOXRIN

SOLUZZJONI TA' TILWIM

TAQSIMA A

Dispożizzjonijiet inizjali

ARTIKOLU 29.1

Kooperazzjoni

Il-Partijiet għandhom, f'kull ħin, jippruvaw jiftiehmu dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u għandhom jagħmlu kull sforz permezz ta' koperazzjoni u konsultazzjonijiet sabiex jaslu għal soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti ta' kull kwistjoni li tista' taffettwa l-operazzjoni tiegħu.

ARTIKOLU 29.2

Kamp ta' applikazzjoni

Ħlief meta previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, dan il-Kapitolu japplika għal kull tilwima li tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 29.3

Għażla tal-forum

1. Ir-rikors għad-dispożizzjonijiet ta' soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għal rikors għas-soluzzjoni ta' tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jew skont kull ftehim ieħor li l-Partijiet ikunu firmatarji tiegħu.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk obbligu jkun ekwivalenti fis-sustanza skont dan il-Ftehim u skont il-Ftehim tad-WTO, jew skont kull ftehim ieħor li l-Partijiet huma firmatarji tiegħu, Parti ma tistax tfittex rimedju għall-ksur ta' tali obbligu f'żewġ fora. F'każ bħal dan, ladarba jkun inbeda proċediment ta' soluzzjoni tat-tilwim skont ftehim, il-Parti ma tistax tressaq pretensjoni biex tfittex rimedju għall-ksur ta' obbligu sostanzjalment ekwivalenti skont il-ftehim l-ieħor, sakemm il-forum magħżul ma jonqosx, għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali, għajr it-terminazzjoni skont paragrafu 20 tal-Anness 29-A, li jifformula konklużjonijiet dwar dik il-pretensjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2:

(a) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-Ftehim tad-WTO jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord skont l-Artikolu 6 tad-DSU;

(b) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 29.6; kif ukoll

(c) il-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim skont kull ftehim ieħor jitqiesu li jinbdew permezz ta' talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord jew tribunal b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim.

4. F'dan il-Ftehim xejn ma jimpedixxi lil Parti milli timplimenta s-sospenzjoni ta' obbligi awtorizzati mill-Korp tad-WTO għas-Soluzzjoni tat-Tilwim. Parti ma tistax tinvoka l-Ftehim tad-WTO biex tipprekludi Parti milli tissospendi obbligi skont dan il-Kapitolu.

TAQSIMA B

Il-Konsultazzjonijiet u medjazzjoni

ARTIKOLU 29.4

Konsultazzjonijiet

1. Parti tista' titlob bil-miktub konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra fir-rigward ta' kull kwistjoni msemmija fl-Artikolu 29.2.

2. Il-Parti rikjedenti għandha tittrażmetti t-talba lill-Parti rispondenti, u għandha tistipula r-raġunijiet għat-talba, inkluż l-identifikazzjoni tal-miżura speċifika inkwistjoni u l-bażi ġuridika għall-ilment.

3. Soġġetti għall-paragrafu 4, il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum mid-data ta' meta tasal it-talba mingħand il-Parti rispondenti.

4. F'każijiet ta' urġenza, inkluż dawk li jinvolvu prodotti li jitħassru jew prodotti staġonali, jew servizzi li malajr jitilfu l-valur kummerċjali tagħhom, il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 15-il jum mid-data ta' meta tasal it-talba mingħand il-Parti rispondenti.

5. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat. Għal dan l-għan, kull Parti għandha:

(a) tipprovdi informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti eżami sħiħ tal-każ inkwistjoni;

(b) tipproteġi kull informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja skambjata matul il-konsultazzjonijiet kif mitluba mill-Parti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni; kif ukoll

(c) tagħmel disponibbli l-persunal tal-aġenziji tal-gvern tagħha jew korpi regolatorji oħrajn li għandhom il-kompetenza fil-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-konsultazzjonijiet.

6. Il-konsultazzjonijiet ikunu kunfidenzjali u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Partijiet fi proċedimenti skont dan il-Kapitolu.

7. Il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu fit-territorju ta' Parti rispondenti sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru personalment jew b'kull mezz ieħor miftiehem mill-Partijiet.

8. Il-miżura proposta ta' Parti tista' tkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet skont dan l-Artikolu iżda ma tistax tkun is-suġġett ta' medjazzjoni taħt l-Artikolu 29.5 jew il-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim taħt it-Taqsima C.

ARTIKOLU 29.5

Medjazzjoni

Il-Partijiet jistgħu jirrikorru għal medjazzjoni fir-rigward ta' miżura jekk il-miżura jkollha impatt negattiv fuq il-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet. Il-proċeduri ta' medjazzjoni huma stipulati fl-Anness 29-C.

TAQSIMA C

Proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim u konformità

Subtaqsima A

Proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwim

ARTIKOLU 29.6

Talba għat-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ

1. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, jekk ma tinstabx soluzzjoni għal kwistjoni msemmija fl-Artikolu 29.4 fi żmien:

(a) 45 jum mid-data ta’ meta tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet; jew

(b) 25 jum mid-data ta' meta tasal it-talba għall-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.4.4,

il-parti rikjedenti tista’ tirreferi l-kwistjoni quddiem bord ta’ arbitraġġ billi tipprovdi t-talba bil-miktub tagħha għall-istabbiliment ta’ bord ta' arbitraġġ lill-Parti rispondenti.

2. Fit-talba formali tagħha, il-Parti rikjedenti għandha tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni u l-bażi ġuridika għall-ilment, inkluż spjegazzjoni ta’ kif tali miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2.

ARTIKOLU 29.7

Kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jkun kompost minn tliet arbitri.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta’ arbitraġġ fi żmien għaxart (10) ijiem ta’ ħidma mid-data ta' meta tasal għand il-Parti rispondenti t-talba biex jiġi stabbilit bord ta' arbitraġġ.

3. Fil-każ li l-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 2, kull Parti tista' titlob lill-President tal-Kumitat Konġunt CETA, jew lid-delegat tal-President, biex itella' bil-polza l-arbitri mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 29.8. Arbitru wieħed għandu jittella' mis-sublista tal-Parti rikjedenti, wieħed mis-sublista tal-Parti rispondenti u wieħed mis-sublista ta' presidenti. Jekk il-Partijiet jaqblu dwar arbitru wieħed jew aktar, kull arbitru li jkun fadal għandu jintgħażel bl-istess proċedura mis-sublista applikabbli ta' arbitri. Jekk il-Partijiet ikunu qablu dwar arbitru, minbarra l-President, li ma jkunx ċittadin ta' waħda mill-Partijiet, il-President u l-arbitru l-ieħor għandhom jintgħażlu mis-sublista ta' presidenti.

4. Il-President tal-Kumitat Konġunt CETA, jew id-delegat tal-President, għandu jagħżel l-arbitri malajr kemm jista' jkun u normalment fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mit-talba msemmija fil-paragrafu 3 minn waħda mill-Partijiet. Il-President, jew id-delegat tal-President, għandu jagħti opportunità raġonevoli lil rappreżentanti ta' kull Parti biex ikunu preżenti meta tittella' l-polza. Wieħed mill-Presidenti jista' jagħmel l-għażla bil-polza waħdu jekk il-President l-ieħor ikun ġie infurmat dwar id-data, il-ħin u l-post tal-għażla bil-polza u ma aċċettax li jipparteċipa fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mit-talba msemmija fil-paragrafu 3.

5. Id-data meta jitwaqqaf il-bord tal-arbitraġġ tkun id-data meta jintgħażel l-aħħar wieħed mit-tliet arbitri.

6. Jekk il-lista prevista fl-Artikolu 29.8 ma tkunx ġiet stabbilita jew jekk ma tkunx tinkludi biżżejjed ismijiet fil-mument ta' meta ssir it-talba skont il-paragrafu 3, it-tliet arbitri jintgħażlu bil-polza mill-arbitri li jkunu ġew proposti minn waħda jew miż-żewġ Partijiet skont l-Artikolu 29.8.1.

7. L-arbitri jistgħu jiġu sostitwiti biss għar-raġunijiet u skont il-proċeduri mfissra fil-paragrafi minn 21 sa 25 tal-Anness 29-A.

ARTIKOLU 29.8

Lista tal-arbitri

1. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu, fl-ewwel laqgħa tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna, magħżula abbażi tal-oġġettività, l-affidabbiltà u l-ġudizzju tajjeb, li jkunu disposti u kapaċi jservu bħala arbitri. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: sublista waħda għal kull Parti u sublista waħda ta' persuni li ma huma ċittadini tal-ebda Parti biex jaġixxu bħala presidenti. Kull sublista għandha tinkludi mill-inqas ħames persuni. Il-Kumitat Konġunt CETA jista' jagħmel rieżami tal-lista f'kull ħin u għandu jiżgura li l-lista tkun konformi ma' dan l-Artikolu.

2. L-arbitri għandu jkollhom għarfien speċjalizzat dwar il-liġi kummerċjali internazzjonali. L-arbitri li jaġixxu bħala Presidenti għandu jkollhom ukoll esperjenza bħala konsulenti jew membri ta' bord fi proċedimenti għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-arbitri għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u ma jeħdux struzzjonijiet minn xi organizzazzjoni jew gvern, u lanqas ma jkunu affiljati mal-gvern ta' xi waħda mill-Partijiet, u għandhom ikunu konformi mal-Kodiċi tal-Kondotta fl-Anness 29-B.

ARTIKOLU 29.9

Rapport interim tal-bord

1. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jippreżenta rapport interim lill-Partijiet fi żmien 150 jum mid-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ. Dan ir-rapport għandu jinkludi:

(a) il-konklużjonijiet ta’ fatt; kif ukoll

(b) id-deċiżjonijiet dwar jekk il-Parti rispondenti tkunx konformi mal-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim.

2. Kull Parti tista’ tressaq kummenti bil-miktub lill-bord ta’ arbitraġġ dwar ir-rapport interim, soġġett għal kull limitu ta’ żmien stabbilit mill-bord tal-arbitraġġ. Wara li jqis tali kummenti, il-bord tal-arbitraġġ jista’:

(a) jikkunsidra r-rapport mill-ġdid; jew

(b) jagħmel eżami ulterjuri li huwa jqis xieraq.

3. Ir-rapport interim tal-bord tal-arbitraġġ għandu jkun kunfidenzjali.

ARTIKOLU 29.10

Rapport finali tal-bord

1. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, il-bord tal-arbitraġġ għandu joħroġ rapport f'konformità ma' dan il-Kapitolu. Ir-rapport finali tal-bord għandu jistipula l-konklużjonijiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim u r-raġunijiet bażiċi ta' dak li jirriżulta u l-konklużjonijiet li jasal għalihom. Id-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ fir-rapport finali tal-bord għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet.

2. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħti lill-Partijiet u lill-Kumitat Konġunt CETA rapport finali fi żmien 30 jum mir-rapport interim.

3. Kull Parti għandha tagħmel disponibbli pubblikament ir-rapport finali tal-bord, soġġett għall-paragrafu 39 tal-Anness 29-A.

ARTIKOLU 29.11

Proċedimenti urġenti

F'każi ta' urġenza, inkluż dawk li jinvolvu prodotti li jitħassru jew prodotti staġonali, jew servizzi li malajr jitilfu l-valur kummerċjali tagħhom, il-bord tal-arbitraġġ u l-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jgħaġġlu l-proċedimenti kemm jista' jkun. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jimmira li joħroġ rapport interim lill-Partijiet fi żmien 75 jum mill-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ, u rapport finali fi żmien 15-il jum tar-rapport interim. Meta jintalab minn xi Parti, il-bord tal-arbitraġġ jista' jagħti deċiżjoni preliminari fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta jirċievi t-talba dwar jekk iqisx li l-każ huwa urġenti.

Subtaqsima B

Konformità

ARTIKOLU 29.12

Konformità mar-rapport finali tal-bord

Il-Parti rispondenti għandha tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tkun konformi mar-rapport finali tal-bord. Mhux aktar tard minn 20 jum wara li l-Partijiet jirċievu r-rapport finali tal-bord, il-Parti rispondenti għandha tinforma lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA l-intenzjonijiet tagħha fir-rigward tal-konformità.

ARTIKOLU 29.13

Perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità

1. Jekk ma jkunx possibbli li tikkonforma minnufih, mhux iktar tard minn 20 jum minn meta l-Partijiet jirċievu r-rapport finali tal-bord, il-Parti rispondenti għandha tinnotifika lill-Parti rikjedenti u lill-Kumitat Konġunt CETA dwar il-perjodu taż-żmien li hija jkollha bżonn biex tikkonforma.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-Partijiet rigward il-perjodu raġonevoli ta’ żmien biex ikun hemm konformità mar-rapport finali tal-bord, il-Parti rikjedenti għandha, fi żmien 20 jum minn meta tirċievi n-notifika li tkun saret mill-Parti rispondenti skont il-paragrafu 1, titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu raġonevoli ta’ żmien. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata simultanjament lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA. Il-bord tal-arbitraġġ għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat Konġunt CETA fi żmien 30 jum mid-data ta' meta ssir it-talba.

3. Il-perjodu ta' żmien raġonevoli jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

4. F'kull mument wara li jkun għadda nofs il-perjodu ta' żmien raġonevoli u wara talba tal-Parti rikjedenti, il-Parti rispondenti għandha tagħmel lilha nnifisha disponibbli biex tiddiskuti l-passi li tkun qed tieħu biex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord.

5. Qabel ma jiskadi l-perjodu ta' żmien raġonevoli, il-Parti rispondenti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA bil-miżuri li tkun ħadet biex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord.

ARTIKOLU 29.14

Rimedji temporanji f'każ ta' nonkonformità

1. Jekk:

(a) il-Parti rispondenti tonqos milli tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tikkonforma mar-rapport finali tal-bord skont l-Artikolu 29.12 jew iż-żmien li se tkun teħtieġ biex tikkonforma skont l-Artikolu 29.13.1;

(b) wara li jkun skada l-perjodu raġonevoli ta' żmien, il-Parti rispondenti tonqos milli tinnotifika xi miżura li ħadet biex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord; jew

(c) il-bord tal-arbitraġġ dwar il-konformità msemmi fil-paragrafu 6 jistabbilixxi li miżura meħuda għall-konformità tkun inkonsistenti mal-obbligi ta' dik il-Parti skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2,

il-Parti rikjedenti għandha tkun intitolata li tissospendi l-obbligi jew tirċievi kumpens. Il-livell ta' annullament jew ħsara għandu jiġi kkalkulat mid-data tan-notifika tar-rapport finali tal-bord lill-Partijiet.

2. Qabel tissospendi l-obbligi, il-Parti rikjedenti għandha tinnotifika lill-Parti rispondenti u lil-Kumitat Konġunt CETA bl-intenzjoni tagħha li tagħmel dan, inkluż il-livell ta' obbligi li jkollha l-ħsieb li tissospendi.

3. Ħlief kif mod ieħor previst f'dan il-Ftehim, is-sospensjoni tal-obbligi tista' tkun tirrigwarda kull dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 29.2 u għandha tkun limitata għal livell ekwivalenti għall-annullament jew il-ħsara li jirriżultaw mill-ksur.

4. Il-Parti rikjedenti tista' timplimenta s-sospensjoni għaxar (10) tijiem tax-xogħol wara d-data minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 2 mingħand il-Parti rispondenti, sakemm il-Parti ma tkunx talbet għal arbitraġġ skont il-paragrafi 6 u 7.

5. Nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-eżistenza ta' xi miżura li tkun ittieħdet għall-konformità jew għall-konsistenza mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2 ("nuqqas ta' qbil dwar il-konformità"), jew dwar l-ekwivalenza bejn il-livell ta' sospensjoni u ta' annullament jew ħsara li jirriżultaw mill-ksur ("ftehim dwar l-ekwivalenza"), għandu jitressaq quddiem il-bord tal-arbitraġġ.

6. Parti tista' terġa' tlaqqa' l-bord tal-arbitraġġ billi tipprovdi talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ, lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-konformità, il-bord tal-arbitraġġ għandu jitlaqqa' mill-ġdid mill-Parti rikjedenti. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-ekwivalenza, il-bord ta' arbitraġġ għandu jitlaqqa' mill-ġdid mill Parti rispondenti. F'każ ta' nuqqas ta' qbil kemm dwar il-konformità kif ukoll dwar l-ekwivalenza, il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħti deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' qbil dwar il-konformità qabel ma jiddeċiedi dwar in-nuqqas ta' qbil dwar l-ekwivalenza.

7. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat Konġunt CETA skont dan:

(a) fi żmien 90 jum mit-talba biex jerġa' jitlaqqa' l-bord ta' arbitraġġ, f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-konformità;

(b) fi żmien 30 jum mit-talba biex jerġa' jitlaqqa' l-bord ta' arbitraġġ, f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-ekwivalenza;

(c) fi żmien 120 jum mill-ewwel talba biex jerġa' jitlaqqa' l-bord ta' arbitraġġ, f'każ ta' nuqqas ta' qbil kemm dwar il-konformità kif ukoll dwar l-ekwivalenza.

8. Il-Parti rikjedenti ma għandhiex tissospendi l-obbligi sakemm il-bord ta' arbitraġġ imlaqqa' skont il-paragrafi 6 u 7 ikun ta d-deċiżjoni tiegħu. Kull sospensjoni għandha tkun konsistenti mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ.

9. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun temporanja u għandha tiġi applikata biss sakemm il-miżura li tinstab li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2 tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif inhu stabbilit skont l-Artikolu 29.15, jew sakemm il-Partijiet ikunu qablu li jsolvu t-tilwima.

10. F'kull ħin, il-Parti rikjedenti tista' titlob lill-Parti rispondenti għal kumpens temporanju u l-Parti rispondenti għandha tippreżenta tali offerta.

ARTIKOLU 29.15

Rieżami tal-miżuri li jkunu ttieħdu għall-konformità wara s-sospensjoni tal-obbligi

1. Meta, wara s-sospensjoni tal-obbligi mill-Parti rikjedenti, il-Parti rispondenti tieħu miżuri biex tikkonforma mar-rapport finali tal-bord, il-Parti rispondenti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA u titlob li tintemm is-sospensjoni tal-obbligi applikati mill-Parti rikjedenti.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar il-kompatibbiltà tal-miżura nnotifikata mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2 fi żmien 60 jum minn dakinhar li tkun waslet in-notifika, il-Parti rikjedenti għandha titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Tali talba għandha tiġi nnotifikata simultanjament lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat Konġunt CETA. Ir-rapport finali tal-bord għandu jiġi nnotifikat lill-Partijiet u lill-Kumitat Konġunt CETA fi żmien 90 jum mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba. Jekk il-bord tal-arbitraġġ jiddeċiedi li xi miżura li tkun ittieħdet għall-konformità tkun konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29.2, is-sospensjoni tal-obbligi għandha tintemm.

TAQSIMA D

Dispożizzjonijiet Ġenerali

ARTIKOLU 29.16

Regoli ta' proċedura

Il-proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim skont dan il-Kapitolu tkun skont ir-regoli ta’ proċedura għall-arbitraġġ fl-Anness 29-A, sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

ARTIKOLU 29.17

Regola ġenerali ta’ interpretazzjoni

Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim skond ir-regoli normali tal-interpretazzjoni tal-liġi internazzjonali pubblika, inkluż dawk stabbiliti fil-*Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati*. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jqis ukoll l-interpretazzjonijiet rilevanti stabbiliti f'rapporti ta' Bordijiet u tal-Korp tal-Appell adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO.

ARTIKOLU 29.18

Deċiżjonijiet tal-bord ta' arbitraġġ

Id-deċiżjonijiet tal-bord ta’ arbitraġġ ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi previsti f'dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 29.19

Soluzzjonijiet bi ftehim reċiproku

F'kull ħin, il-Partijiet jistgħu jaslu għal soluzzjoni ta' tilwima maqbula b'mod reċiproku skont dan il-Kapitolu. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat Konġunt CETA u lill-bord ta' arbitraġġ dwar tali soluzzjoni. Hekk kif jiġi nnotifikat bis-soluzzjoni tat-tilwima maqbula b'mod reċiproku, il-bord għandu jtemm ħidmietu u l-proċedimenti għandhom jintemmu.

KAPITOLU TLETIN

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKOLU 30.1

Partijiet integrali ta' dan il-Ftehim

Il-protokolli, l-annessi, id-dikjarazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet konġunti, il-ftehimiet u n-noti ta' qiegħ il-paġna ta' dan il-Ftehim jikkostitwixxu partijiet integrali tiegħu.

ARTIKOLU 30.2

Emendi

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu, bil-miktub, li jemendaw dan il-Ftehim. Emenda tidħol fis-seħħ wara li l-Partijiet ikunu skambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li ffinalizzaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni applikabbli rispettivi tagħhom meħtieġa biex l-emenda tidħol fis-seħħ, jew fid-data li dwarha jkunu qablu l-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Kumitat Konġunt CETA jista' jiddeċiedi li jemenda l-protokolli u l-annessi ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu japprovaw id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA, skont ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa biex l-emenda tidħol fis-seħħ. Id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ f'data miftiehma mill-Partijiet. Din il-proċedura ma tapplikax għal emendi għall-Annessi I, II u III u għal emendi għall-Annessi tal-Kapitoli Tmienja (Investiment), Disgħa (Kummerċ fis-Servizzi Transfruntier), Għaxra (Dħul u Soġġorn Temporanju ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet Professjonali) u Tlettax (Servizzi Finanzjarji), ħlief għall-Anness 10-A (Lista ta' Punti ta' Kuntatt tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea).

ARTIKOLU 30.3

Utilizzazzjoni tal-preferenzi

Għal perjodu ta' għaxar (10) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw iċ-ċifri trimestrali fil-livell tal-linji tariffarji għall-Kapitoli minn 1 sa 97 tas-SA, dwar l-importazzjoni ta' prodotti mill-Parti l-oħra li huma soġġetti għar-rati tariffarji u l-preferenzi tariffarji applikati għan-nazzjon l-aktar iffavorit skont dan il-Ftehim. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, dan il-perjodu jiġi mġedded għal ħames snin u jista' wara jiġi estiż minnhom.

ARTIKOLU 30.4

Kont kurrenti

Il-Partijiet għandhom jawtorizzaw, skont l-Artikolu VIII tal-*Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali* li sar fi Bretton Woods fit-22 ta' Lulju 1944, kull pagament u trasferiment lejn il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti bejn il-Partijiet, f'munita liberament konvertibbli.

ARTIKOLU 30.5

Moviment ta' kapital

Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin bl-għan li jiffaċilitaw il-moviment ta' kapital bejniethom billi jkomplu jimplimentaw il-politiki tagħhom dwar il-liberalizzazzjoni tal-kont kapitali u finanzjarju, u filwaqt li jappoġġaw qafas stabbli u sikur għall-investiment fit-tul.

ARTIKOLU 30.6

Drittijiet privati

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jagħti lil persuni drittijiet jew jimponi fuqhom obbligi li mhumiex drittijiet jew obbligi istitwiti bejn il-Partijiet taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, lanqas li jippermetti li dan il-Ftehim jiġi direttament invokat fl-ordinamenti ġuridiċi interni tal-Partijiet.

2. Parti ma għandhiex tipprevedi fl-ordinament ġuridiku tagħha d-dritt ta' azzjoni kontra l-Parti l-oħra fuq il-bażi li miżura tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 30.7

dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja

1. Il-Partijiet għandhom japprovaw dan il-Ftehim skont ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub fejn jiċċertifikaw li ffinalizzaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom jew f'data oħra li l-Partijiet jistgħu jiddeċiedu dwarha.

3. (a) Il-Partijiet jistgħu japplikaw dan il-Ftehim fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tax-xahar li jsegwi d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim ġew finalizzati jew f'data oħra li l-Partijiet jistgħu jiddeċiedu dwarha.

(b) Jekk Parti jkollha l-ħsieb li ma tapplikax xi dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim, hija għandha l-ewwel tinnotifika lill-Parti l-oħra b'dawk id-dispożizzjonijiet li ma tkunx se tapplika fuq bażi proviżorja u għandha toffri li jibdew il-konsultazzjonijiet minnufih. Fi żmien 30 jum min-notifika, il-Parti l-oħra tista' jew toġġezzjona, u għalhekk dan il-Ftehim ma jiġix applikat fuq bażi proviżorja, jew tipprovdi n-notifika tagħha rigward id-dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' dan il-Ftehim, jekk ikun hemm, li hija mhix biħsiebha tapplika fuq bażi proviżorja. Jekk fi żmien 30 jum tat-tieni notifika, il-Parti l-oħra toġġezzjona, dan il-Ftehim ma jiġix applikat fuq bażi proviżorja.

Id-dispożizzjonijiet li mhumiex soġġetti għal notifika minn Parti għandhom jiġu applikati minn dik il-Parti mill-ewwel jum tax-xahar wara l-aħħar notifika, jew f'tali data li l-Partijiet jistgħu jaqblu dwarha, sakemm il-Partijiet ikunu skambjaw in-notifiki skont is-subparagrafu(a.)

(c) Parti tista' tittermina l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Tali terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara n-notifika.

(d) Jekk dan il-Ftehim, jew ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jiġu applikati fuq bażi proviżorja, il-Partijiet għandhom jinterpretaw it-terminu "dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" bħala d-data tal-applikazzjoni proviżorja. Il-Kumitat Konġunt CETA u korpi oħra stabbiliti skont dan il-Ftehim jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom matul l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim. Kull deċiżjoni adottata fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom ma tibqax effettiva jekk l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata taħt is-subparagrafu (c).

4. Il-Kanada għandha tibgħat notifiki taħt dan l-Artikolu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew lis-suċċessur tiegħu. L-Unjoni Ewropea għandha tibgħat notifiki taħt dan l-Artikolu lid-Dipartiment Kanadiż għall-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ u l-Iżvilupp jew lis-suċċessur tiegħu.

ARTIKOLU 30.8

Terminazzjoni, sospensjoni jew inkorporazzjoni ta' ftehimiet oħra fis-seħħ

1. Il-ftehimiet elenkati fl-Anness 30-A ma jibqgħux effettivi, u għandhom jiġu sostitwiti b'dan il-Ftehim. It-terminazzjoni tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 30-A għandha tieħu effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Fil-każ tal-applikazzjoni proviżorja tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) skont l-Artikolu 30.7.3(a), il-ftehimiet elenkati fl-Anness 30-A, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minnu għandhom jiġu sospiżi mid-data tal-applikazzjoni proviżorja. Fil-każ li l-applikazzjoni tiġi tterminata, is-sospensjoni tal-ftehimiet elenkati fl-Anness 30-A għandha tieqaf.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, tista' titressaq talba skont ftehim elenkat fl-Anness 30-A b'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fil-ftehim jekk:

(a) it-trattament li huwa l-oġġett tat-talba jkun ingħata meta l-ftehim ma kienx sospiż jew terminat; kif ukoll

(b) ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-ftehim.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, jekk l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim tiġi tterminata u dan il-Ftehim ma jidħolx fis-seħħ, tista' titressaq talba taħt it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) fi żmien mhux aktar minn tliet snin wara d-data tat-terminazzjoni tal-applikazzjoni proviżorja, dwar kull kwistjoni li tinqala' matul l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim, b'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dan il-Ftehim.

5. Il-*Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada dwar in-Negozju u l-Kummerċ fix-Xorb Alkoħoliku* li sar fi Brussell fit-28 ta' Frar 1989, kif emendat, (il-"Ftehim dwar ix-Xorb Alkoħoliku tal-1989") u l-*Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u x-Xorb Spirituż*, li sar f'Niagara-on-the-Lake fis-16 ta' Settembru (il-"Ftehim dwar l-Inbejjed u x-Xorb Spirituż tal-2003") huma inkorporati u jiffurmaw parti minn dan il-Ftehim, kif emendat bl-Anness 30-B.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar ix-Xorb Alkoħoliku tal-1989 jew il-Ftehim dwar l-Inbejjed u x-Xorb Spirituż tal-2003, kif emendati u inkorporati f'dan il-Ftehim, jipprevalu sakemm ma jkunx hemm inkonsistenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehimiet u kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim.

7. Il-*Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada* (il-"Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku"), li sar f'Londra fl-14 ta' Mejju 1998, għandu jiġi tterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-applikazzjoni proviżorja tal-Kapitolu Erbgħa (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ) b'konformità mal-Artikolu 30.7.3(a), il-Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minnu, għandhom jiġu sospiżi mid-data tal-applikazzjoni proviżorja. Fil-każ li l-applikazzjoni proviżorja tiġi tterminata, is-sospensjoni tal-Ftehim dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku għandha tieqaf.

8. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-riżultati miksuba taħt il-*Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji li jipproteġu s-saħħa pubblika u dik tal-annimali fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti tal-annimali*, li sar f'Ottawa fis-17 ta' Diċembru 1998 (il-"Ftehim Veterinarju") u jikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jkomplu din il-ħidma skont dan il-Ftehim. Il-Ftehim Veterinarju għandu jiġi tterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-applikazzjoni proviżorja tal-Kapitolu Ħamsa (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) b'konformità mal-Artikolu 30.7.3(a), il-Ftehim Veterinarju, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minnu, għandhom jiġu sospiżi mid-data tal-applikazzjoni proviżorja. Fil-każ li l-applikazzjoni proviżorja tiġi tterminata, is-sospensjoni tal-Ftehim Veterinarju għandha tieqaf.

9. Id-definizzjoni ta' "dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" fl-Artikolu 30.7.3(d) ma tapplikax għal dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 30.9

Terminazzjoni

1. Parti tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tibgħat notifika ta' terminazzjoni bil-miktub lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lid-Dipartiment Kanadiż għall-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ u l-Iżvilupp, jew lis-suċċessuri rispettivi tagħhom. Dan il-Ftehim jiġi tterminat 180 jum wara d-data ta' dik in-notifika. Il-Parti li tagħti notifika ta' terminazzjoni għandha tipprovdi wkoll kopja ta' notifika lill-Kumitat Konġunt CETA.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fil-każ li dan il-Ftehim jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Tmienja (Investiment) għandhom jibqgħu effettivi għal perjodu ta' 20 sena wara d-data tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' investimenti li jkunu saru qabel dik id-data. Dan il-paragrafu ma japplikax fil-każ tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 30.10

Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea

1. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kanada dwar kull talba minn pajjiż biex jissieħeb mal-Unjoni Ewropea

2. Matul in-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż li jkun qed ifittex l-adeżjoni, l-Unjoni Ewropea għandha:

(a) tipprovdi, fuq talba mill-Kanada, u safejn possibbli, kull informazzjoni rigward kull kwistjoni koperta minn dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) tqis kull preokkupazzjoni li tesprimi l-Kanada.

3. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kanada dwar id-dħul fis-seħħ ta' kull adeżjoni mal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Kumitat Konġunt CETA għandu, fi żmien biżżejjed bil-quddiem qabel id-data tal-adeżjoni ta' pajjiż mal-Unjoni Ewropea, jeżamina kull impatt tal-adeżjoni fuq dan il-Ftehim u jiddeċiedi dwar kull aġġustament meħtieġ jew dwar miżuri ta' tranżizzjoni.

5. Kull Stat Membru ġdid tal-Unjoni Ewropea għandu jaderixxi għal dan il-Ftehim mid-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea permezz ta' klawżola għal dan l-effett inserita fl-att ta' adeżjoni għall-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ta' adeżjoni għall-Unjoni Ewropea ma jipprevedix l-adeżjoni awtomatika tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea għal dan il-Ftehim, l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea kkonċernat għandu jaderixxi għal dan il-Ftehim billi jiddepożita att ta' adeżjoni għal dan il-Ftehim mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mad-Dipartiment Kanadiż tal-affarijiet Barranin, il-Kummerċ u l-Iżvilupp, jew mas-suċċessuri rispettivi tagħhom.

ARTIKOLU 30.11

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża, fejn kull verżjoni hija ugwalment awtentika.